

EDIZZJONI
"LUMEN CHRISTI"
1995

IL-KELMA TAR-RAGĦAJ

Ġabra ta' ittri pastorali,
ċirkulari, u atti oħra ta'
l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi,
Isqof ta' Għawdex.

Vol. VI

EDIZZJONI
"LUMEN CHRISTI"
1995

IL-KELMA TAR-RAGĦAJ

Ġabra ta' ittri pastorali,
ċirkulari, u atti oħra ta'
l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi,
Isqof ta' Għawdex.

Vol. VI

"Gozo Press". Tel. 551534. Fax 560857.

Daħla

L-antiki kienu jgħidu li l-kliem itir iżda l-miktub jibqa' - "Verba volant, scripta manent". Iżda ħafna drabi anki l-miktub jintilef ukoll, iktar u iktar jekk ikunu kitbiet żgħar u mhux miġburin flimkien. Veru li ż-żmien jeqred kollox, iżda meta ħaġa hija miktuba, stampata u mqassma f'ħafna kopji, tista' tirreżisti aktar fit-tul għall-periklu tal-qerda mwettqa miż-żmien.

Barra minn hekk, meta ċerti messaġġi magħmula bil-fomm jew bil-kitba jingabru fi ktieb, ikun hemm possibiltà li jilħqu kotra ikbar ta' nies u b'hekk jixterdu iżjed.

*Dawn kienu xi ftit mill-motivi li wassluni biex nagħti għall-istampa, is-sitt volum tal-**Kelma tar-Ragħaj,** li bħall-ħames volumi ta' qablu huwa ġabra ta' pastorali, ċirkulari u siltiet mid-diskorsi tiegħi. Dan il-volum jiġbor fih il-materjal li kien hemm mis-sena 1989 sas-sena 1994.*

Inħossni fid-dmir li nrodd ħajr lil dawk kollha li tawni daqqa t'id fil-preparazzjoni ta' dan il-ktieb, fost l-oħrajn; lil Mons. Lawrenz Sciberras, lil Dun Renato Borg u l-Kan. Joe Mejlak.

Fl-aħħarnett, bl-umiltà kollha nitlob lill-Mulej, sabiex dawk kollha li jaqraw jew jużaw dan il-ktieb, jiksbu minnu xi ġid għall-ħajja spiritwali tagħhom.

† **Nikol Ġ. Cauchi,**
Isqof t'Għawdex.
22 - 5 - 95.

1. IL-LITURĠIJA
(30 - 09 - 1989)

It-talb ta' kull għamla, jekk ikun magħmul kif imiss, jogħġob lil Alla u jiswa ħafna għall-ħajja spiritwali tan-nisrani. Kristu nnifsu ħeġġiġna sabiex nidħlu fi djalogu mal-missier tagħna tas-sema permezz tat-talb personali li nagħmlulu, meta qalilna: "Meta titlob, idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa, agħlaq il-bieb warajk, u itlob lil Missierek li hu fil-moħbi; u Missierek, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddlok Hu". (Mt 6.6).

Huwa faħħar ukoll it-talb kommunitarju, jiġifieri dak ta' ħafna flimkien, u wegħdna l-preżenza tiegħu f'laqgħat bħal dawn: "Jekk tnejn minnkom fuq l-art jgħollu leħinhom flimkien biex jitolbu xi ħaġa, Missieri li hu fis-smewwiet, jagħtihielkom. Għax fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi hemm inkun jien f'nofshom". (Mt 18, 19-20). Kif jistqarr il-Konċilju Vatikan II, ankè "d-devozzjonijiet tal-poplu nisrani, huma ta' min jirrikmandahom ħafna, sakemm ikunu jaqblu mal-liġijiet u n-normi tal-Knisja." (Sacrosanctum Concilium, n. 13). Iżda wisq ogħla minn dawn l-għamliet l-oħra ta' talb hija l-Liturġija, għaliex din ma hix biss laqgħa tal-Poplu t'Alla, iżda djalogu bejn Alla u l-Poplu tiegħu. Alla fil-

Liturġija, ikellimna permezz tal-qari tal-Iskrittura Mqaddsa u fit-tifsir tal-kelma tiegħu; aħna nitkellmu miegħu permezz tat-talbiet li jagħmel magħna u f'isimna s-saċerdot, kif ukoll bil-kant u bl-imġieba kollha tagħna.

Bir-raġun kollu għalhekk, li l-Knisja tixtieq li wliedha, "jagħrfu aħjar u jgħożżu iżjed it-teżor l-iktar prezzjuż li hemm miġbur fil-Liturġija Mqaddsa, jiġifieri, is-Sagrifiċċju Ewkaristiku, li jirrappreżenta u jġedded is-Sagrifiċċju tas-Salib, is-Sagramenti, xmajjar ta' grazzja u ta' ħajja divina, u l-innu ta' tifħir, li s-sema u l-art kuljum jerfgħu lejn Alla." (Enċiklika Mediator Dei).

X'inhi l-Liturġija?

Il-Papa Piju XII, fl-enċiklika Mediator Dei, jagħtina din id-definizzjoni: "Il-Liturġija Mqaddsa hija l-qima pubblika li l-Feddej tagħna, bħala Ras tal-Knisja, jagħti lill-Missier u hija l-qima li s-soċjetà ta' l-insara, tagħti lir-Ras tagħha, (Kristu), u permezz tiegħu, lill-Etern Missier; hija biex ngħiduha fil-qasir, il-qima integrali tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu, jiġifieri tar-Ras u tal-membri tiegħu."

Il-Konċilju Vatikan II, fil-Kostituzzjoni "Sacrosanctum Concilium" (n.7), igħidilna li l-Liturġija hija "it-twettiq tal-uffiċċju saċerdotali ta' Ġesù Kristu; fiha permezz ta' sinjali sensibbli jitfisser, u jseħħ it-taqdis tal-bniedem, skond il-mod proprju ta' kull wieħed, u tingħata qima pubblika sħiħa mill-Ġisem Mistiku ta' Kristu, jiġifieri r-Ras u l-membri tiegħu".

Kull nisrani għandu jkollu rispett kbir lejn iċ-ċelebrazzjoni liturġika, għax din ma hix għemil privat

ta' xi bniedem, iżda hija azzjoni ta' Kristu s-Saċerdot Etern u tal-Ġisem tiegħu li hija l-Knisja. Il-Konċilju jsejjaħ il-Liturġija "il-quċċata li lejha timxi l-ħidma tal-Knisja u fl-istess waqt il-għajn li minnha ġejja kull qawwa tagħha". (S.C. 10).

Tibdil u tiġdid fil-Liturġija

Meta wieħed iżomm quddiem għajnejh dan kollu, jifhem aħjar ir-raġuni għaliex, il-Knisja Kattolika, permezz tal-Konċilju Vatikan II, bl-ikbar għaqal ħadet passi biex tagħti ħajja ġdida u ġġib 'il quddiem il-Liturġija. Il-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija, "Sacrosanctum Concilium" li tagħha qegħdin infakkru l-ħamsa u għoxrin anniversarju, tatna l-prinċipji u r-regoli li fuqhom għandu jsir kull tibdil għat-tajjeb, f'dan il-qasam, tat bidu wkoll għal dik li nistgħu nsejħulha "ir-riforma liturġika".

Ta' min jinnota qabel xejn, li fil-Liturġija, hemm ċerti elementi magħżula minn Alla nnifsu u dawn ma jistgħu u ma għandhom qatt jinbidlu, iżda hemm elementi oħra li jistgħu jinbidlu skond il-ħtieġa taż-żminijiet. (S.C. 21). Dan il-prinċipju terġa' tfakkarulna l-Ittra Apostolika "Vigesimus Quintus Annus" tal-Papa Ġwanni Pawlu II, fejn tgħidilna, "L-addattamenti li jsiru, iridu jqisu sewwa li fil-Liturġija, u l-iktar fil-Liturġija tas-Sagramenti, hemm parti li ma tista' tinbidel qatt, għaliex riedha l-Mulej u ħalliha taħt il-ħarsien tal-Knisja; hemm imbagħad partijiet li jistgħu jinbidlu, li l-Knisja tista' u xi kultant għandha tbiddel biex taddattahom għall-kulturi tal-ġnus." (n. 16). Dawn iż-żewġ aspetti li semmejna, jitolbu li fil-Liturġija jkun hemm sewwa l-kontinwità, li biha tidher aħjar il-kattoliċità u l-universalità tal-Knisja,

kif ukoll il-kreattività, li hija kapaċità ta' addattament għall-mentalitajiet differenti.

Għalhekk, ħadd m'għandu jippretendi li kollox fil-Liturġija, jibqa' jsir dejjem u kullimkien l-istess, għaliex din l-uniformità riġida tmur kontra l-esiġenzi pastorali li jinħassu fi żminijiet u f'postijiet differenti. "Il-Knisja, fi ħwejjeġ li ma jmissux il-fidi jew il-ġid tal-komunità kollha, ma ġġiegħelx li jkun hemm uniformità iebsa lanqas fil-Liturġija." (S.C. 37). Però dejjem meħtieġ ħafna ekwilibriju; "il-varjetà fil-Liturġija - twissina l-Ittra Apostolika "Vigesimus Quintus Annus" - tista' tkun għajn ta' ġid, imma tista' wkoll toħloq inkwiet, nuqqas ta' fehim u firdiet ukoll. Jidher ċar għalhekk, li f'din il-ħaġa l-varjetà ma għandhiex tkun ta' ħsara, għall-għaqda u għandha sseħħ unikament, b'fedeltà sħiħa lejn il-fidi ta' kulħadd, lejn is-simboli sagramentali, li l-Knisja rċiviet mingħand Kristu, u lejn ix-xirka tal-Ġerarkija". (n. 16).

F'dan il-qasam, allura, l-insara m'għandhom ebda jedd li jiddeċiedu għal rashom u kif jogħġobhom jew li jivvintaw il-ġdid kif ġie ġie, iżda għandhom joqogħodu dejjem għad-deċiżjonijiet ta' dawk li għandhom is-setgħa jirregolaw il-Liturġija. "Mhu permess lil ħadd - tkompli twiddeb l-Ittra Apostolika n. 10 - lanqas lil saċerdot jew li xi grupp li jkun, li jżid, inaqqas jew ibiddel xi ħaġa kif jidhirlu u kif jogħġbu. Il-fedeltà lejn ir-riti u lejn it-testi tal-Liturġija hija meħtieġa mil-lex orandi, li trid dejjem taqbel mal-lex credendi. Nuqqas ta' fedeltà f'dan jista' jolqot l-istess validità tas-sagramenti." L-ittra msemmija tilmenta wkoll mil-libertà żejda li ħadu xi whud fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u fakkret

lilna l-Isqfijiet fir-responsabilità tagħna li nikkorieġu l-iżbalji u ma nippermettux ħwejjeġ bħal dawn. Kien hemm okkażjonijiet li fihom saru żidiet jew tnaqqis bla ebda permess; ċerimonji ġodda ġew ivvintati li ma kienu jaqblu xejn man-normi tal-Liturġija; inħolqu ġesti u kant li ma jgħidu xejn la l-fidi u l-anqas is-sens ta' dak li hu qaddis; saru ħafna abbużi fl-assoluzzjoni ta' ħafna nies f'daqqa; inħolqot konfużjoni bejn is-saċerdozju ministerjali, li jiġi mill-Ordinazzjoni u s-saċerdozju tal-fidili li għandu l-pedament tiegħu fil-Magħmudija...Hu dmir l-Isqfijiet li jeqirdu dawn l-abbużi, għaliex l-Isqof huwa l-modertur tal-Liturġija, skond in-normi tal-liġi tal-Knisja." (n. 13).

It-triq li qabdet il-Knisja meta bdiet ir-riforma liturġika hija triq twila u iebsa; għad li għaddew ħamsa u għoxrin sena mill-Kostituzzjoni tal-Konċilju dwar il-Liturġija ma nistgħux inserrħu rasna li kollox twettaq, u ma fadlilna x'nagħmlu xejn aktar. Jgħidilna l-Papa fl-ittra apostolika msemmija (n. 21): "Għad fadal ħafna x'isir, biex is-saċerdoti u l-insara lajċi jaslu biex jifhmu r-riti u testi liturġiċi, biex tikber id-dinjità u s-sbuħija taċ-ċelebrazzjonijiet u tal-postijiet fejn isiru, u biex tiġi 'l quddiem, il-"Katekeżi mistagoġika" kif kienet issir minn Missirijiet tal-Knisja."

Is-Sehem tal-Lajċi

Kemm il-Konċilju Vatikan II, fil-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija, kif ukoll l-ittra Apostolika, "Vigesimus Quintus Annus", jinsistu fuq is-sehem li għandhom jieħdu l-lajċi fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi: "Ommna l-Knisja Mqaddsa tixtieq ħafna li l-fidili kollha jitwasslu għal sehem sħiħ, attiv, u konxju fiċ-ċelebrazzjonijiet

liturġiċi, li hu mitlub min-natura nnifisha tal-Liturġija u li għalih il-poplu nisrani għandu l-jedd u d-dmir bissaħħa tal-magħmudija." (S.C. n. 14). L-istess tagħlim itenni l-Papa preżenti: "Il-Liturġija, għax hi ċelebrazzjoni tal-Knisja, titlob it-tisħib sħiħ u attiv ta' kulħadd, kull wieħed skond l-ordni jew id-dmir li għandu. Kulħadd, il-ministri u l-insara kollha, huma u jaqdu dmirhom, għandhom jagħmlu dak li hu proprju tagħhom u dan biss." (Vicesimus Quintus Annus", n. 10).

Ta' min ifakkar ukoll li ma hix biżżejjed l-imġieba ta' barra, iżda meħtieġ li n-nisrani, meta jieħu sehem fil-Liturġija, ikollu wkoll id-dispożizzjonijiet xierqa tarruħ. "L-element essenzjali tal-qima għandu jkun dak intern: hemm bżonn infatti, li wieħed igħix fi Kristu, jiddedika ruħu kollu kemm hu għalih, sabiex fi Kristu, ma' Kristu u bi Kristu, tingħata glorja lill-Missier." Jgħallimna l-Papa Piju XII fl-enċiklika "Mediator Dei": "Jeħtieġ li jkun magħruf sewwa minn kulħadd, li wieħed ma jistax iqim kif jixraq lil Alla, jekk ir-ruħ tiegħu ma tkunx bix-xewqa li tikseb il-perfezzjoni tal-ħajja u li l-qima mogħtija lil Alla mill-Knisja f'unjoni mal-Kap Divin tagħha, għandha qawwa kbira biex twassal għallqdusija." Imma kif ifissrilna l-Konċilju Vatikan II, "biex din il-qawwa tkun sħiħa jeħtieġ li l-fidili, jersqu lejn il-Liturġija Mqaddsa bid-dispożizzjonijiet ta' qalb tajba, li ħsiebhom ikun mhedi f'dak li jkunu jgħidu, u li jaħdmu flimkien mal-grazzja soprannaturali biex ma jkunux laqgħuha fix-xejn." (S.C. 11).

Il-Kungress Liturġiku Djoċesan

Fl-okkażjoni tal-Kungress Liturġiku Djoċesan li qed jinżamm mill-4 sal-11 ta' Ottubru, bit-tema: "Il-

Liturġija, Ċelebrazzjoni Kommunitarja", nixtieq nagħmel żewġ stediniet:

L-ewwel waħda lill-insara tad-djoċesi sabiex kulħadd jieħu sehem attiv fil-liturġija speċjalament fissagrifiċċju tal-quddiesa. Jalla kull ċelebrazzjoni liturġika tkun tabilħaqq ċelebrazzjoni kommunitarja illi biha tingħata qima xierqa lil Alla u dawk li jieħdu sehem jiksbu ġid għar-ruħ tagħhom.

Stedina oħra nagħmilha lill-animaturi, letturi, kanturi, ministri straordinarji tat-tqarbin, u dawk kollha li għandhom xi ministeru liturġiku, sabiex jikkultivaw kontinwament il-formazzjoni liturġika tagħhom u jwettqu s-servizz liturġiku bil-fidi u b'ġenerożita' lejn Alla.

Bit-tama li l-Kungress Liturġiku Djoċesan jiswa biex isaħħaħ il-ħajja nisranija tagħna, nitlob fuqkom il-Barka tal-Mulej.

2. VERITAJIET DWAR L-ESKATOLOĠIJA
(09 - 11 - 1989)

Is-Sena Liturġika tasal fit-tmiem tagħha bis-solennità ta' Kristu Re. Skond l-aħħar tiġdid li sar fil-Liturġija tas-sigħat, fil-ferji ta' matul il-ġimgħa bejn Kristu Re u l-ewwel Ħadd ta' l-Avvent, li dis-sena jaħbtu mis-27 ta' Novembru sat-2 ta' Diċembru, flok l-innijiet li hemm fil-ġranet ordinarji tas-Salterju, jistgħu jingħadu partijiet mill-Innu "Dies Irae" ("Jum tal-biżà") li qabel ir-riforma liturġika kien jitkanta bħala sekwenza fil-quddies tal-mejtin.

Għad li illum hemm preġudizzju lejn dak kollu li ġej miż-żminijiet tan-Nofs, l-innu jew sekwenza li semmejna hija ġojjell ta' poeżija reliġjuża u jkun nuqqas ta' għaqal li wieħed jarmiha jew jinsiha. Tiġbor fiha wkoll veritajiet fundamentali dwar l-eskatoloġija, ċioè l-aħħar ħwejjeġ tal-bniedem u tad-dinja, li għandhom u jibqgħu tagħlim tal-fidi tal-Knisja Kattolika li jgħoddu ħafna għal żminijietna.

Periklu ta' ħsara Spiritwali

Anzi wisq aktar minn żminijiet oħra, il-Kattoliċi għandhom iħarsu t-twemmin tagħhom mill-periklu ta'

tinġis ideoloġiku u kulturali li huwa ta' ħsara spiritwali. Ma nistgħu qatt inwarrbu fil-ġenb il-kunċett realistiku tal-Ġenna u ta' l-Infern, u naċċettaw minfloku xi spjegazzjoni simbolika jew mitoloġika tal-premju u tal-kastig ta' dejjem. L-anqas nistgħu naċċettaw l-opinjoni li l-vera ħajja tal-bniedem qiegħda biss fuq din l-art, u ningħalqu fil-limiti ta' l-eżistenza li tasal biss sal-mewt.

Aħna nemmnu li l-ħajja tagħna tibda hawn fid-dinja iżda tkompli fl-eternità. Kif tgħid l-ittra lil-Lhud (13, 13), "Għax aħna hawnhekk ma għandniex belt li tibqa' għal dejjem, iżda qegħdin infittxu dik li għad trid tiġi." Fit-tieni ittra lill-Korintin (5, 1), San Pawl igħidilhom: "Aħna nafu li jekk din it-tinda ta' l-għamara tagħna fl-art tiġġarraf, aħna għandna dar oħra, maħduma mhux bl-idejn, imma xogħol ta' Alla, għal dejjem fis-sema."

It-Tagħlim Awtentiku tal-Knisja

Tajjeb għalhekk li jkollna ċar quddiemna t-tagħlim awtentiku tal-Knisja Kattolika dwar dawn il-veritajiet u għalhekk nibdew billi nagħtu ħarsa lejn dak li qalilna l-Konċilju Vatikan II. Fil-Kostituzzjoni "Lumen Gentium" n.48, naqraw hekk: "Billi la nafu l-jum u l-anqas is-siegħa, jeħtieġ li kif wissiena l-Mulej, nishru l-ħin kollu biex wara li ntemmu din il-ħajja, li tiġi darba biss, aħna jistħoqqilna nidħlu għall-festa tat-tieġ u ningħaqdu ma' l-imberkin u ma nkunux ordnati, bħall-qaddejja l-ħżiena u għażżenin, li mmorru fin-nar ta' dejjem, mitfugħin barra fid-dlam fejn hemm 'il-biki u t-tgħażżiż tas-snien'. Għaliex qabel ma nsaltnu ma' Kristu glorjuż, aħna lkoll għad nidhru 'quddiem it-tribunal ta' Kristu' ħalli kulħadd jieħu skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel meta

kien għadu ħaj fil-ġisem u, fl-aħħar tad-dinja, 'dawk li jkunu għamlu t-tajjeb iqumu għall-ħajja, imma dawk li jkunu għamlu l-ħażin iqumu għall-kundanna'. Għalhekk, waqt li nistmaw illi 't-tbatijiet ta' issa ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-glorja li għad trid tidher fina, aħna nistennew, qawwijin fil-fidi, 'it-tama hienja u d-dehra tas-sebħ tal-kbir Alla u salvatur tagħna, Ġesu' Kristu', 'li għad ibiddlilna l-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu'."

Qawmien u Ħajja ta' Dejjem

L-ittra tas-Sagra Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi tas-17 ta' Mejju 1979, tgħidilna li l-Knisja temmen fil-qawmien minn bejn l-imwiet u tifhem li f'dan il-qawmien ikun hemm il-persuna sħiħa ta' kull bniedem, ruħ u ġisem. Tafferma wkoll li l-element spiritwali, jiġifieri dak li l-Knisja ssejjaħlu "ruħ" jibqa' ħaj wara l-mewt u huwa element li fih hemm kemm l-intellett kif ukoll ir-rieda umana. L-istess dokument iżid jgħallimna li "b'fedeltà lejn it-Testment il-Ġdid u t-Tradizzjoni, il-Knisja temmen fit-tgawdija tat-tajbin, li ġurnata għad ikunu ma' Kristu. Hija temmen li jkun hemm kastig etern għall-midneb li jiġi mċaħħad mid-dehra ta' Alla, u dan il-kastig ikollu effetti f'dak kollu li hu l-midneb. Hija temmen fil-possibilità li l-magħżulin jiġu ppurifikati qabel ma jaraw 'l Alla, u din il-purifikazzjoni hija għal kollox differenti mill-kastig ta' l-infern. Dan hu dak li tifhem il-Knisja meta titkellem dwar l-Infern u l-Purgatorju.

Il-meditazzjoni dwar dawn il-veritajiet li għandhom jitwettqu fi tmiem il-ħajja temporali tal-

bniedem u fi tmiem id-dinja, fl-imgħoddi serviet bħala skola ta' spiritwalità soda li minnha tgħallmu eluf ta' qaddisin. Ma hemm ebda raġuni għaliex fi żminijietna għandu jkun xort'oħra, jekk il-fidi li nistqarru nħaddnuha sinċerament u b'qalbna kollha.

Nixteqilkom kull ġid fil-Mulej.

3. IL-ĦAJJA SOPRANNATURALI
(16 - 08 - 1990)

It-tifkira tal-Verġni Mqaddsa Marija Reġina li niċċelebraw f'għeluq il-ġimgħa mis-Solennità tat-Tlugħ tagħha fis-sema, m'għandhiex tgħaddi mingħajr ma nagħmlu daqsxejn ta' riflessjoni dwar ir-relazzjoni tagħna ma' din is-Sultana tas-sema u ta' l-art.

Aħna sudditi ta' din ir-Reġina li mis-sema ssaltan flimkien ma' Kristu. Dan huwa hekk għaliex aħna l-insara għandna ċittadinanza doppja: aħna ċittadini tal-pajjiż fejn nitwieldu u noqogħdu, iżda ċittadini wkoll tas-sema, il-pajjiż li għalih aħna ddestinati u fejn ikollna ħajja eterna. Il-kittieb ta' l-ittra lil-Lhud (13, 14) ifissrilna din il-verità b'dawn il-kelmiet: "aħna hawnhekk ma għandniex belt li tibqa' għal dejjem iżda qegħdin infittxu dik li għad trid tiġi."

M'għandna qatt ninsew lejn fejn aħna mexjin, fejn irridu naslu, il-għan li rridu nilħqu. Ikun żball ta' ħsara kbira għal ruħna, jekk inħallu l-impenji ta' din id-dinja jaljenawna minn dan id-destin etern u jnissuna l-veru ġid li jibqa' għal dejjem.

Dan li għandna nfittxu qabel kollox u bi ħrara kbira, għax Kristu qalilna: "Tgeddsux għalikom teżori f'din id-dinja, fejn kollox jitmermer bil-kamla u s-sadid u fejn il-ħallelin jinfdu u jisirqu, iżda ġemmgħu għalikom teżori fis-sema." (Mt 6, 19-20).

Il-Ħajja tal-Grazzja

U liema huma dawn it-teżori tas-sema? Huma dawk li jinkisbu mill-għejun tal-ħajja soprannaturali, u li bihom biss nistgħu naqtgħu l-għatx tar-ruħ tagħna. Għax biex wieħed jgħix ta' nisrani, jeħtieġlu qabel xejn u fuq kollox li jżomm l-għaqda ta' ruħu ma' Kristu permezz tal-grazzja.

Sa l-aħħar nifs ta' l-eżistenza tiegħu fuq l-art, in-nisrani għandu jikkoltiva fih il-grazzja li rċieva fil-Magħmudija bħala don l-aktar prezzjuż ta' Alla. L-attenzjoni tiegħu għandha tkun dik li jħares fih innifsu l-ħajja tal-grazzja billi jitbiegħed mid-dnubiet kif ukoll dik li jkabbarha u jsaħħaħha dejjem iżjed bl-egħmejjel tajba li jwettaq.

L-imgħallem Divin tagħna nsista fuq din il-għaqda tar-ruħ miegħu, meta xebbaħ lilu nnifsu mad-dielja u lid-dixxipli tiegħu mal-friegħi tagħha: "Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha, jekk ma tibqax mad-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija. Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott." (Ġw 15, 4-5).

L-insara ta' pajjiżna qegħdin jgħożżu biżżejjed it-teżor tal-grazzja u jħarsu dejjem fihom din l-għaqda ma' Kristu? Jew inkella, imdallmin mill-injoranza reliġjuża

u mkaxkrin mill-ġibdiet tad-dinja, qegħdin jgħixu bħall-pagani, fil-ħama tad-dnub u tal-vizzju? Qegħdin jgħixu l-Magħmudija tagħhom bħal mpenn li huma jaċċettaw minn qalbhom jew iċiedu kontinwament għall-mewġa ta' permissività li għaddejja minn fuq id-dinja?

Kif nimitaw lis-Sultana tas-Sema

Biex ikunu tabilħaqq **"il-melħ ta' l-art"** u **"id-dawl tad-dinja"**, l-insara ta' żmienna għandhom jagħtu importanza kbira lill-ġrajja tal-Magħmudija tagħhom u jgħożżu wisq aktar milli kienu jagħmlu sal-lum, il-ħajja tal-grazzja li rċevew għall-ewwel darba dak inhar li tgħammdu, il-grazzja li biha għandhom sehem fil-ħajja ta' Kristu u jgħixu magħqudin miegħu.

"Għandhom jagħrfu b'mod speċjali, li huma ġew merfugħin għall-kundizzjoni aktar għolja, anzi reġgħu twieldu għall-ħajja soprannaturali li fiha jħossu l-hena ta' wlied adottivi ta' Alla, dinjità proprja ta' aħwa ta' Kristu, xorti kbira, jiġifieri l-grazzja u l-ferħ ta' l-Ispirtu s-Santu li jgħammar fihom: b'mod li huma tabilħaqq imsejħin għal xorta ġdida ta' ħajja, li fiha xejn ma jintilef minn dak li hu tal-bniedem, barra mill-ħsara tad-dnub oriġinali, imma dak kollu li hu ta' bniedem jista' jiġi mgħolli biex jagħti idea sabiħa ta' perfezzjoni, u jagħmel frott abbundanti u qaddis." (Enċiklika tal-Papa Pawlu VI, "Ecclesiam Suam", nru. 41).

Fi tmiem l-enċiklika tiegħu **"Ad Coeli Reginam"** tal-11 ta' Ottubru, 1954, li biha waqqaf il-festa ta' Marija Reġina, il-Papa Piju XII jgħidilna li "L-insara, meta jqimu u jimitaw lil din is-Sultana u Omm hekk kbira tagħhom, iħossu li huma tabilħaqq aħwa u waqt li jirbħu

l-ġibdiet bla raġan tar-regħba, iġibu 'l quddiem l-imħabba soċjali, jirrispettaw il-jeddijiet tal-foqra, iħobbu l-paċi.

Ħadd m'għandu jqis ruħu iben ta' Marija u li jistħoqqlu jkun milqugħ taħt il-ħarsien tagħha jekk fuq l-eżempju ta' Marija ma jurix li huwa twajjeb, ġust, u safi u billi jagħti sehem bl-imħabba tiegħu għall-vera fraternità." Ma jistax ikun li nimitaw lill-Madonna u ngħixu bħal aħwa wlied tagħha u membri tal-familja t'Alla jekk nittraskuraw is-sejħa tagħna għall-qdusija.

Nerfgħu qlubna 'l fuq lejn Alla u nixtiequ li titkebbes fina xrara mill-qdusija li hemm tiddi fis-Sultana u ommna Marija sabiex hekk ankè matul ħajjitna fuq l-art ikollna l-paċi tal-qalb u tama sħiħa tal-ħajja ta' dejjem.

L-imqaddsa Verġni Marija tħariskom dejjem taħt il-mant tal-Patroċinju tagħha.

4. IL-MUŻIKA SAGRA
(22 - 02 - 1991)

Jixraq li l-insara jkunu jafu liema huma l-għanijiet tal-mużika sagra u li jikkoperaw sabiex dawn l-għanijiet jintlaħqu. Il-mużika sagra hija parti integranti tal-liturġija solenni u sservi sabiex tagħti glorja lil Alla, tkompli żżid is-sbuħija tal-funzjonijiet tal-Knisja u tqanqal id-devozzjoni ta' l-insara li jieħdu sehem fihom.

Sehem fl-Azzjoni Liturġika

Il-kostituzzjoni dwar il-Liturġija, tal-Konċilju Vatikan II, tgħidilna: "Il-mużika sagra, aktar ma tkun magħquda ħaġa waħda ma' l-azzjoni liturġika, iżjed tkun qaddisa, kemm billi tfisser b'iktar ħlewwa t-talb u tħeġġeġ biex kulħadd ikun leħen wieħed u qalb waħda, kemm billi ssebbaħ b'aktar solennità r-riti mqaddsa". (S.C. 112).

Jeħtieġ li l-insara jifhmu u jipperswadu ruħhom li mhux il-mużika kollha tgħodd għal waqt il-funzjonijiet reliġjużi, iżda dik biss li twettaq il-kundizzjonijiet mitluba mil-liġijiet tal-Knisja. Hija dik il-kwalità ta' mużika li mhix imħallta b'elementi profani, iżda fiha huma riflessi

l-istess qdusija, sbuħija u universalità tal-liturġija mqaddsa.

Ta' min jinnota qabel xejn li l-Knisja tagħti ħafna importanza lill-kant, speċjalment dak ta' ħafna ilħna flimkien. Għax josserva wisq tajjeb il-Papa Piju XI, "qabel kwalunkwè strument ieħor, hija l-vuċi ħajja li għandha tidwi fit-tempju, ċioè l-vuċi tal-kleru, tal-kanturi u tal-poplu." (Kost. Apostolika "Divini Cultus", 20.12.1928).

Il-Konċilju jirrikmanda l-korijiet li jagħtu s-sehem tagħhom sabiex iċ-ċelebrazzjoni liturġika tkun iktar dekoruża, bla ma jtellfu s-sehem ta' l-assemblea. Li Schola Cantorum għandhom ikunu mgħejjuna bil-ħeġġa biex jimxu 'l quddiem, l-iktar fil-knejjes katidrali; l-isqfijiet u r-ragħajja l-oħra ta' l-erwieħ għandhom jieħdu ħsieb bil-ħerqa li f'kull azzjoni sagra bil-kant, il-ġemgħa kollha tal-fidili tagħti s-sehem ħaj tagħha. (S.C. 114).

Però hija meħtieġa formazzjoni kontinwata tal-membri tal-korijiet u kif tgħidilna l-istruzzjoni "Musicam Sacram" (5.3.67 n. 24), "barra mit-'training' mużikali, il-membri ta' kor għandhom jirċievu wkoll tagħlim fil-liturġija u fl-ispiritwalità".

Il-Kant Gregorjan

Il-kant Gregorjan, imsejjaħ hekk wara l-Papa San Girgor il-Kbir, li kellu sehem kbir fir-riforma tiegħu, huwa l-kant uffiċjali tal-Knisja, li l-Konċilju Vatikan II jirrikmanda bil-qawwa kollha.

Il-kant polifoniku, speċjalment f'dawk il-knejjes

fejn hemm il-kappelli mużikali li jistgħu jesegwuh bil-perfezzjoni artisika li tixraqlu, huwa ta' min jinkoraġġih ħafna. Għadhom jgħoddu ankè fi żmienna l-kelmiet tal-Papa Piju XI fil-Kostituzzjoni "Divini Cultus" ta' l-20 ta' Diċembru, 1928: "Il-polifonija, wara l-melodiji Gregorjani li jistħoqqilhom rispett, soltu tieħu l-primat fuq kull għamla oħra ta' mużika tal-Knisja."

Il-Kant Popolari

F'dawn l-aħħar snin ħa spinta 'l quddiem il-kant popolari, u l-innijiet fl-ilsien tagħna reċentement kotru ħafna. "Il-kant reliġjuż popolari għandu jkun imħeġġeġ b'impenn b'mod li fl-għemejjel ta' tjieba u ta' qdusija u wkoll fl-azzjonijiet liturġiċi nfushom, skond in-normi u d-dispożizzjonijiet tar-rubriki, il-fidili jkunu jistgħu jsemmgħu leħinhom". (S.C. 118).

Biex il-mużika u l-kult reliġjuż jieħdu xejra għall-aħjar fid-djoċesi tagħna, ma' din l-ittra se nibgħat xi direttivi li xi whud minnhom diġa' kienu ġew ippubblikati qabel fil-waqt li nirrikmanda li jiġu osservati fil-knejjes kollha tad-djoċesi.

Bl-iskop li tieħu ħsieb it-twettiq ta' dawn id-direttivi, kif ukoll ta' normi oħra dwar il-mużika li jingħataw fil-Knisja Universali jew fil-knisja lokali, ġiet imwaqqfa mill-ġdid is-Sotto-Kummissjoni Djoċesana tal-Mużika Sagra li l-membri tagħha se jitħabbru aktar tard.

5. IL-PARROĊĊI U L-ĦIDMIET PASTORALI TAGĦHOM
(05 - 07 - 1991)

Nhar Għid il-Ħamsin, il-Ħadd, 19 ta' Mejju, fil-Katidral, kantajna t-Te Deum b'radd il-ħajr lil Alla f'egħluq il-Ħames Viżta Pastorali tad-Djoċesi Għawdxija. Iżda, kif għidt fl-omelija ta' dik l-okkażjoni, f'ċertu sens il-Viżta Pastorali qatt ma tintemm għax l-Isqof jeħtieġ li jibqa' dejjem qrib il-merħla tiegħu u li kontinwament ilaħħaq mal-ħtiġijiet spiritwali tagħha. Barra minn hekk, ngħidu wkoll li ma hemmx tmiem għall-viżta pastorali, għax peress li aħna bnedmin dgħajfa dejjem jibqgħalna difetti x'nikkoreġu u xi ħidmiet tajbin li għad ma nexxilniex inwettquhom.

L-iskop tal-ħames viżta pastorali kif intqal fiċ-ċirkulari (290/91) li biha ġiet imħabbra din il-viżta kien li sservi bħala okkażjoni tajba biex fiha ssir il-verifika dwar it-twettiq tal-Pjan Pastorali Kwinkwennali. Iktar minn darba, jien għidt ukoll li ma kienx mistenni li fil-viżta pastorali jsir xi miraklu u li fi ftit xhur jinqerdu d-difetti u l-abbużi kollha. Dak li ttamajna matul il-viżta pastorali u li ħabrikna għalih kien li nagħrfu ftit aħjar is-sitwazzjoni reliġjuża tad-djoċesi tagħna u naraw x'sar diġa' fid-direzzjoni t-tajba u x'passi oħra fadlilhom jittieħdu.

Naħseb li f'ħafna aspetti, jekk mhux f'kollha, dan l-iskop intlaħaq, iżda dejjem jibqa' xi kummenti xi jsiru. F'din l-ittra pastorali se nagħti xi riflessjonijiet li huma indirizzati qabel xejn u fuq kollox lil-lajċi tad-djoċesi tagħna, għaliex il-kummenti u l-osservazzjonijiet li kelli nagħmel lill-membri tal-kleru diġa' għamilthomlhom mhux biss fil-laqgħat tagħhom iżda wkoll permezz ta' diversi ittri li ġew mibgħuta lilhom.

Kif għidna, il-Viżta Pastorali kienet verifika tal-pjan pastorali kwinkwennali approvat fl-1989 li minnu diġà għaddew sentejn u fadal tliet snin oħra għat-tmiem tiegħu. B'sodisfazzjon għalija u għalikom nista' ngħid li għad li fadal żmien mhux ħażin biex nikkonkludu l-pjan, iżda kważi l-kotra ta' l-inizjattivi u l-attivitajiet irrikmandati fih, ġew imwettqa b'riżultati tajbin f'xi whud mill-parroċċi. Dak li jonqos hu li b'rieda tajba u b'ħeġġa kontinwa, il-parroċċi kollha mingħajr eċċezzjoni jimitaw fit-tajjeb il-parroċċi sħabhom u jippruvaw iwettqu dak li l-oħrajn diġa' mexxielhom jagħmlu.

Fost dawn l-affarijiet pożittivi li diġà qed jitwettqu minn xi parroċċi, nixtieq insemmi l-ħidma kateketika fost it-tfal, u iktar fost il-kbar, is-sehem xieraq fil-liturġija ankè bil-ministeru ta' l-animaturi, tal-kanturi, il-ħsieb tal-morda u tal-foqra, il-koltivazzjoni tal-vokazzjonijiet saċerdotali, reliġjużi u missjunarji, l-organizzazzjonijiet ta' l-abbatini, iż-żjajjar fil-familji, il-kura spiritwali taż-żgħażagħ, il-'parish centres', il-gruppi tal-volontarjat, il-ministri straordinarji tat-tqarbin, it-tixrid ta' kotba ta' ispirazzjoni nisranija, eċċ.

B'daqshekk ma jfissirx li jiena sodisfatt b'dak kollu li qed jiġri fid-djoċesi u jixraq li llum insemmi għall-inqas dak li nħoss li hu l-iktar urġenti.

X'Inhu Mistenni minn Ulied il-Knisja

Ħafna mill-insara tagħna għad m'għandhomx idea ċara x'inhi l-Knisja u kif għandhom ikunu r-relazzjonijiet tagħhom magħha. Xi whud jidentifikawha mal-kleru li jafu huma jew mal-knisja tal-ġebel li jiffrewentawha. M'għandhomx fidi biżżejjed biex jaraw fil-Knisja l-kontinwazzjoni ta' Kristu u l-veru ġisem mistiku tiegħu u għalhekk jitmeżmżu quddiem ċerti difetti li jaraw fl-element uman tagħha u qishom jieħdu gost jikkritikawha, ħafna drabi mhux mingħajr skandlu u ħsara spiritwali fl-oħrajn.

Hawn xi whud li għalihom biżżejjed li jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-parroċċa u jieħdu sehem fil-festa titulari biex ikunu wettqu dmirijiethom bħala wlied il-Knisja. Dan kollu juri kemm huwa meħtieġ li naqraw u nassimilaw dak li qalilna l-Papa fl-enċiklika 'Redemptoris Missio' (n.20), li l-Knisja taqdi s-Saltna t'Alla billi xxerred mad-dinja l-valuri tal-Vanġelu u tgħin il-bnedmin biex jaċċettaw il-pjan t'Alla. Hija tmexxi l-komunitajiet tagħha biex jiksbu fidi matura u karità miftuħa lejn l-oħrajn, u toffri servizz lill-individwi u lis-soċjetà. "Il-Knisja hija forza dinamika fil-vjaġġ ta' l-umanità lejn is-saltna eskatoloġika u hija sinjal tal-valuri tal-Vanġelu u promotriċi tagħhom.

Il-Knisja tikkontribwixxi għall-pellegrinaġġ ta' konverżjoni ta' l-umanità lejn il-pjan t'Alla billi tagħti xhieda u twettaq ċerti ħidmiet bħalma huma d-djalogu,

il-promozzjoni umana, l-impenn għall-ġustizzja u l-paċi, l-edukazzjoni, il-kura tal-morda u l-għajnuna lill-foqra u t-tfal. Waqt li twettaq dawn l-attivitajiet hija qatt ma tinsa l-prijorità tar-realtajiet traxxendenti u spritwali li huma l-pedament tas-salvazzjoni eskatoloġika". (par. 20). Bħala membri tal-Knisja u biex inwettqu dmirijietna lejha aħna għandna nitolbu għas-saltna t'Alla, nilqgħuha u nkabbruha fina, iżda barra minn hekk għandna naħdmu għalenija sabiex din is-saltna tiġi milqugħa u tikber fost il-poplu kollu.

Progress Veru jew Qarrieqi!

Il-Knisja qatt ma kienet kontra l-veru progress. Ma nistgħux niċħdu li f'dan l-aħħar kwart ta' seklu kien hemm tibdil u progress f'pajjiżna wkoll. Iżda mhux it-tibdil kollu huwa għat-tajjeb u mhux dejjem hemm qbil dwar x'inhu l-veru progress. U nistgħu ngħidu li ħadna żball f'ħafna affarijiet li minn għalina kienu avvanz 'il quddiem iżda skond il-miżien ta' Kristu għamlulna l-ħsara u tefgħuna lura.

Ma nistax niskot dwar il-profanazzjoni ta' Jum il-Mulej, mhux biss minn dawk li mingħajr ħtieġa jaħdmu fih qisu jum komuni tal-ġimgħa, imma wisq iżjed minn dawk li jkunu jistennewh biex ifittxu l-okkażjoni tal-ħażen. Ta' min igħid ukoll li xi whud huma tant imħeġġin biex jistagħnew jew biex jiksbu l-flus biex ikollhom x'jonfqu li jinqdew għal dan l-iskop bi kwalunkwe mezz hekk li jittraskuraw il-ħtiġijiet ta' ruħhom u tal-familji tagħhom. Nixtieq nerġa' niddeplora wkoll ix-xogħol tat-tfal u ta' l-adoloxxenti taħt l-età li huwa ankè ipprojbit mil-liġi ċivili, u ma nistax ma nesprimix id-dubji tiegħi dwar ix-xogħol tan-nisa

miżżewġin li mingħajr vera ħtieġa jimpjegaw ruħhom għal ħin twil 'il bogħod minn darhom, jekk ikun se ssir ħsara għall-edukazzjoni ta' wliedhom żgħar u s-saħħa u l-għaqda tal-familja tagħhom.

Biex nagħrfu nagħżlu l-progress veru mill-falz, jaqbel li nirriflettu fuq il-kelmiet tal-Papa Ġwanni Pawlu II fiċ-"Centesimus Annus', n.36: "Mhix ħaġa ħażina li wieħed jixtieq jgħix aħjar; dak li hu ħażin huwa stil ta' ħajja li wieħed jimmaġina li hu aħjar meta jkollu bħala għan tiegħu 'dak li għandi' mhux 'dak li jien' u li jkun jixtieq li jkollu aktar ġid mhux biex ikun iktar perfett imma biex jgħaddi ħajtu jiddeverti qisu dan kien għan fih innifsu". L-importanti mhux x'ikollok u kemm ikollok, imma dak li int quddiem l-għajnejn t'Alla u dak li tista' tkun.

Problemi tal-Ħin Liberu u tal-Mass Media

Forsi bħala kommunità nisranija għadna ma ntbaħniex biżżejjed bil-problema tal-ħin liberu u tal-mass media u ma impenjajniex ruħna kif imiss biex ikollna edukazzjoni għall-użu ta' dawn il-mezzi magħmul b'sens ta' kritika u bid-dixxerniment meħtieġ.

Fuq kollox ta' min isemmi li f'ħafna djar l-użu tat-televiżjoni u tal-video isir b'mod akritiku u passiv, jiġifieri l-ġenituri u dawk li huma responsabbli mhux dejjem jagħmlu għażla xierqa ta' dak li jaraw fuq l-iscreen huma u wliedhom. Mhux dejjem disposti li jżommu 'l bogħod minnhom dak li huwa ta' ħsara spiritwali għalihom. Jeħtieġ ukoll li jsibu ħin għat-talb u għad-djalogu fil-ħajja tal-familja.

Rigward id-divertiment kollettiv, minkejja diversi protesti, hemm każi fejn sidien ta' lokali joffru divertiment u shows oġġezzjonabbli u ma jieħdux il-passi kollha biex l-ambjent li jiddependi minnhom jinżamm moralment nadif.

Dmirna llum

Quddiem ċerti fatturi negattivi, aħna wkoll inħossu t-tentazzjoni li naqtgħu qalbna u nħallu kollox għaddej għal riħu. Iżda mhux din għandha tkun it-tweġiba ta' l-insara li jemmnu fil-qawwa ta' Alla omnipotenti u fis-setgħa ta' Kristu li qam minn bejn l-imwiet. Ebda nisrani li jemmen ma jista' jibqa' indifferenti, iżda għandu jfittex qabel xejn li jħabrek għas-salvazzjoni billi jwettaq dejjem dmirijietu lejn Alla, lejh innifsu u lejn il-proxxmu tiegħu. L-insara kollha, kbar u żgħar, għandhom ukoll id-dmir ta' l-apostolat, jiġifieri l-ħidma biex l-opra tal-fidwa mwettqa minn Kristu, igawdu minnha l-bnedmin kollha. Hemm kamp kbir għall-apostolat individwali u jalla kulħadd ikun mimli ħeġġa biex iwettaq madwaru t-tajjeb kollu li jista'.

Iżda dan mhux biżżejjed għaliex iż-żminijiet li qegħdin ngħixu fihom jitolbu wkoll pastorali organika jew il-kollaborazzjoni ta' ħafna flimkien. Meħtieġa wkoll pastorali matura għax l-enerġija tagħna m'għandniex naħluha fi ħwejjeġ li għadda żmienhom u li forsi iktar jisfgħu ta' ħsara milli ta' ġid. L-enerġija tagħna bħala ħaddiema fl-għalqa tal-Mulej għandha tkun imdawla mit-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu, kif ukoll iggwidata mid-direttivi tal-mexxejja spiritwali tagħna.

Ninqeda b'din l-okkażjoni sabiex ngħarraf lill-insara ta' pajjiżna li qegħdin jiġu studjati u għandhom ikunu ppublikati dalwaqt l-għaxar dokumenti pastorali tas-Sinodu Djoċesan. Hu ttamat li dawn ikunu f'idejn kulħadd biex iservu bħala għodda tajba u orjentament għall-pastorali dejjem iktar matura u effiċjenti fid-djoċesi tagħna.

6. IL-PELLEGRINAĠĠI
(26 - 02 - 1992)

Il-pellegrinaġġ nistgħu ngħidu li hu mixja jew vjaġġ lejn post imqaddes bil-għan li wieħed jagħti qima lil Alla jew lill-qaddisin tiegħu, jitlob għajnuna għalih innifsu u għall-oħrajn, irodd ħajr għal xi grazzji jew għajnuniet li jkun irċieva jew iwettaq xi dmir reliġjuż ieħor.

Din id-drawwa, li tinsab kważi fir-reliġjonijiet kollha, għandha valur ukoll fil-Knisja Kattolika. Difatti, sa mill-ewwel sekli tal-Kristjaniżmu, xi whud mill-insara kienu jżuru l-Palestina biex iqimu l-postijiet li ġew imqaddsa bil-preżenza tal-Mulej Ġesu' matul il-ħajja tiegħu fuq l-art.

Ċentri oħra ta' pellegrinaġġi popolari kienu l-oqbra ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl ġewwa Ruma, kif ukoll dawk ta' martri oħra f'diversi postijiet tad-dinja.

Wieħed għandu jħabrek sabiex il-pellegrinaġġi ma jkunux biss mixja minn post għal ieħor jew vjaġġ minn pajjiż għal ieħor, imma li jżommu dejjem il-

karattru tagħhom ta' talb, penitenza u ta' espressjoni reliġjuża. Qajla jkun jista' jissejjaħ pellegrinaġġ jekk ma jfakkarniex f'Alla u fil-provvidenza tiegħu; ma jsaħħaħx il-fiduċja tagħna fl-għajnuna li ġejja mis-sema u ma jqanqalniex biex nindmu minn dnubietna, nitolbu maħfra tagħhom u nagħmlu penitenza bi tpattija għalihom.

Xbieha tal-Knisja Pellegrina

Il-pellegrinaġġ, speċjalment meta jkun ta' ħafna flimkien, huwa wkoll xbieha tal-Knisja Pellegrina, li minkejja n-nuqqasijiet li jkollhom il-membri tagħha u minkejja t-tiġrib kollu li tgħaddi minnu, f'din id-dinja, hija miexja pass pass 'il quddiem biex tilħaq il-għan tagħha li huwa l-fidwa u s-salvazzjoni sħiħa fi Kristu. Dan il-għan, li diġa' ntlaħaq minn ħutna l-qaddisin li waslu s-sema, għadu mbiegħed għalina li għadna fid-dinja, iżda aħna nittamawh u nħabriku għalih.

Għad illi dawn il-pellegrinaġġi jistgħu jsiru fi kwalunkwè żmien tas-sena u ankè individwalment, forsi l-aktar żmien adattat għalihom huwa dak tar-Randan; żmien li fih Ommna l-Knisja tistedinna għar-riflessjoni, it-talb, l-indiema u l-penitenza. Tingħata xhieda iktar ċara tal-fidi nisranija u jista' jsir ħafna ġid bl-eżempju reċiproku, meta dawn il-pellegrinaġġi jsiru b'mod komunitarju.

Il-ġemgħa ta' pellegrini li jiltaqgħu flimkien fiċ-ċentru tal-pellegrinaġġ, tagħraf aħjar lilha nfisha bħala kommunità magħquda mal-Mulej u mal-qaddisin tal-Knisja rebbieħa li temmew il-pellegrinaġġ tagħhom għas-sema, u hekk ngħożżu iktar il-misteru tal-Knisja.

Pellegrinaġġi Penitenzjali

B'dan il-ħsieb quddiem għajnejna, ser norganizzaw tliet pellegrinaġġi penitenzjali fid-Djoċesi Għawdxija matul ir-Randan. L-ewwel wieħed ser ikun nhar is-Sibt, 14 ta' Marzu, lejn il-knisja ta' San Girgor fil-parroċċa ta' Kerċem; it-tieni pellegrinaġġ ikun nhar l-4 ta' April, l-ewwel Sibt tax-xahar, lejn is-Santwarju Ta' Pinu; it-tielet wieħed ikun dak tad-Duluri fil-knisja tagħha f'Misraħ l-Indipendenza, Victoria, nhar il-Ġimgħa, 10 ta' April.

Fit-tliet okkażjonijiet, ikun hemm il-quddiesa. L-insara kollha mistiedna jieħdu sehem f'dawn il-pellegrinaġġi djoċesani.

Ir-reliġjon Kattolika għandha diversi aspetti bħalma huma t-twemmin jew il-Kredu tagħha, ir-regola tal-ħajja u l-kult, ċioè l-qima li tagħti lil Alla. Il-Knisja li tħaddan din ir-reliġjon, tħarisha u twettaqha fil-prattika ġiet imsejħa **"esperta fl-Umanità"** u bir-raġun: mhux biss għaliex għandha esperjenza ta' ħafna sekli rigward dak li huma u dak li jagħmlu l-bnedmin iżda wkoll għaliex tħares lejn in-natura umana fit-totalità tagħha. Hija tqis lill-bniedem kollu kemm hu: spirtu u materja, unità ħajja magħmula mill-ġisem u mir-ruħ jew kif jesprimu ruħhom xi kittieba, ruħ inkarnata fil-ġisem.

Il-Bniedem fl-Integrità tiegħu

Il-Knisja trid twassal għand Alla l-bniedem fl-integrità tiegħu, kollu kemm hu u għalhekk ankè fil-kult tagħha tappella mhux biss għas-setgħat spiritwali iżda wkoll għas-sensi esterni tiegħu. Għalhekk il-liturġija tal-Knisja mhix biss qima interna u privata iżda hija wkoll qima pubblika li fiha l-insara jieħdu sehem billi jisimgħu, jaraw u jżidu wkoll il-vuċi tagħhom. Xhieda ta' dan li qegħdin ngħidu huma l-istess tempji jew knejjes kattoliċi li għalihom il-knisja dejjem iddedikat

attenzjoni u kura speċjali; "il-knejjes, jew postijiet li jservu ta' knejjes għandhom ikunu adatti għaċ-ċelebrazzjoni mqaddsa u għas-sehem attiv tal-fidili. Dawn id-djar qaddisa u kull ħaġa marbuta mal-qima ta' Alla jridu jkunu tassew xierqa u sbieħ u jidhru tabilħaqq li huma sinjali jew simboli tal-ħwejjeġ tas-sema" (**M.R.**.253) (Istruzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman).

Minn dan li għidna wieħed jifhem illi l-arti mhix xi ħaġa żejda jew barra minn postha fil-qima mogħtija lil Alla. Għall-bniedem l-ammirazzjoni tas-sbuħija ta' xogħlijiet artistiċi hija meħtieġa għaliex jiġri ħafna drabi li dawk li m'għandhomx gosti spiritwali aktarx li jħossuhom iżjed miġbudin lejn pjaċiri materjali.

Min jagħmel opra ta' arti vera jkun qiegħed jispiritwalizza l-materja. Meta opra ta' l-arti titqiegħed għas-servizz tal-kult tkun għodda f'idejn il-bniedem li tgħinu jqim aħjar lil Alla. B'dan il-mezz Alla jkun rikonoxxut bħala għajn ta' kull sbuħija u perfezzjoni mxerrdin fil-ħolqien kif ukoll bħala bidu u sid tad-dehen u l-ħila tal-bniedem li b'idejh isawwar l-opra artistika. Meta l-arti jkollha suġġett reliġjuż hija għanja mingħajr kliem li tintiseġ ma' l-għanja l-oħra tal-ħolqien biex tfaħħar u tweġġaħ il-kobor t'Alla, il-maestà, it-tjubija, l-għerf u s-sbuħija infinita tiegħu.

Għal kull min jammirahom, ix-xogħlijiet ta' l-arti sagri fihom messaġġ illi jistieden ir-ruħ toqrob lejn Alla u tħobbu dejjem aktar. Il-Konċilju Vatikan II jgħallimna li dawn min-natura tagħhom jersqu lejn is-sbuħija bla tarf t'Alla li b'xi mod hija murija fl-għemejjel tal-bniedem. Huma jwasslu iktar biex ikabbru t-tifħir u s-

sebħ t'Alla wisq iktar meta ma jkunux imwettqa għal skop ieħor ħlief dak li jgħinu biex bix-xogħlijiet tagħhom jerfgħu r-ruħ tal-bniedem lejn Alla bl-aqwa mod possibbli. (cf **Sacrosanctum Concilium**, 122).

L-Espressjonijiet Artistiċi

"Minħabba dan, il-Knisja qatt ma naqset illi tfittex is-servizz nobbli ta' l-arti u taċċetta l-espressjonijiet artistiċi ta' kull poplu u ta' kull post. Mhux hekk biss, imma bħalma tħabrek biex tħares tajjeb l-opri u teżori artistiċi li rċeviet mill-imgħoddi, u, fejn hemm bżonn tadattahom għall-ħtiġijiet ġodda, hekk ukoll tagħmel li tista' biex tmexxi 'l quddiem opri ġodda li jaqblu max-xejra taż-żmien li jkun għaddej" (**M.R.** 254).

Fi kliem ieħor, l-attenzjoni u l-ħsieb tal-Knisja huma mitfugħa kemm fuq l-imgħoddi kif ukoll fuq il-ġejjieni. Min-naħa l-waħda tagħmel ħilitha biex tħares il-patrimonju artistiku tagħha, tikkonservah, iżżommu fi stat tajjeb u tara li l-ħwejjeġ ta' l-arti ma jintilfux jew jinqerdu. Mill-banda l-oħra fit-tħejjija tax-xogħlijiet ġodda li jitolbu sengħa u fil-għażla ta' xi opra artistika, il-Knisja tfittex "dak il-prestiġju tabilħaqq artistiku li jsaħħaħ il-fidi u t-tjieba u jkun kapaċi jfisser dik il-verità li hija l-iskop ta' l-opra mixtieqa" (**M.R.** 254).

Biex jintlaħqu l-għanijiet li semmejna flimkien ma' din l-ittra qegħdin nippubblikaw ġabra ta' direttivi dwar ix-xogħlijiet ta' l-arti sagra li xi whud minnhom diġà kienu dehru qabel (cf. **Ċirkulari** 20/68, 88/73 u 96/74). Nistennew illi kulħadd jagħti l-koperazzjoni tiegħu sabiex id-direttivi jiġu mħarsa.

Barra minn hekk, biex ikun hemm min jieħu ħsieb it-twettiq ta' dawn id-direttivi u jagħti parir f'dan il-qasam ser tiġi mġedda l-Kummissjoni ta' l-Arti Sagra kif jirrikmanda l-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni **Sacrosanctum Concilium,** num. 46 u l-ismijiet tal-membri tagħha jiġu mħabbrin iktar 'il quddiem.

8. ANALISI TA' L-ATMOSFERA KULTURALI TA' GŻIRITNA (19 - 12 - 1992)

Jekk nipprovaw nagħmlu analisi ankè ħafifa ta' l-atmosfera kulturali tal-gżejjer tagħna f'dawn l-aħħar snin, nintebħu kemm it-tagħlim tar-Religjon Kattolika, li biha pajjiżna fl-imgħoddi kien tant kburi, qiegħed jiġi emarġinat b'mod allarmanti. F'isem il-pluraliżmu, f'ċerti nies kiber l-interess f'religjonijiet differenti minn tagħna, iżda jidher li dawn l-istess nies m'għandhomx sabar biex japprofondixxu t-tagħlim kattoliku u jipprovaw jifhmuh dejjem aħjar. Oħrajn jippreferixxu religjon ħafifa, li ma titlobx minnhom sagrifiċċji kbar, religjon mingħajr issalib. Huma lesti li jagħtu lil Alla dak li għandhom żejjed u dak li jridu huma, iżda ma humiex lesti li jagħtuh dak li jrid Hu. Fuq kollox, ħafna mill-insara tagħna, anki minn fost il-kategoriji ta' l-intellettwali jikkuntentaw b'ċerti elementi komuni li nsibuhom ftit jew wisq fir-religjonijiet kollha, jaċċettaw dak li llum xi awturi jsejħulha "religjon globali" u jingannaw ruħhom għax jaħsbu li b'daqshekk qegħdin jaqdu dmirhom bħala nsara u dixxipli ta' Kristu.

Hemm xi kriterji li bihom nistgħu nistħarrġu jekk aħniex tabilħaqq naċċettaw it-twemmin kattoliku sħiħ u

fis-safà kollu tiegħu, jew inkella dħalniex f'xi sqaq li ma jwassalna mkien, f'dak li huwa orjentament reliġjuż tal-ħajja tagħna. Jiena nixtieq noffri għar-riflessjoni tagħkom xi whud minn dawn il-kriterji.

Sintesi ta' Twemmin u Mġieba

1. Ir-reliġjon kattolika mhix teorija biss u l-anqas prattika weħidha, iżda hija nisġa meraviljuża ta' twemmin u ta' mġieba. Mhux biżżejjed temmen, iżda trid timpenja ruħek li ħajtek tkun konformi mal-fidi tiegħek, mhux biżżejjed tagħmel it-tajjeb, iżda jeħtieġ li ankè t-tajjeb li tagħmel ikun imdawwal bit-tagħlim tal-fidi. Il-fidi mingħajr opri hija mejta, iżda l-fidi hija meħtieġa għax il-bniedem ġust igħix bil-fidi. Fi kliem iktar sempliċi, il-Kredu u l-Kmandamenti, it-tnejn jagħmlu parti mir-Reliġjon Nisranija, u ma nistgħux inħallu barra jew nittraskuraw la ta' l-ewwel u l-anqas tat-tieni.

Il-Misteri fir-Reliġjon Tagħna

2. Jekk nippretendu li moħħna jwassal biex nifhmu kull verità, ċioè li nistgħu nifhmu kollox u għalhekk infasslu għalina personalment, reliġjon mingħajr misteri, dan ikun ifisser li bl-atteġġjament tagħna diġà nqtajna mir-reliġjon nisranija u qbadna triq li mhix ħaġa oħra ħlief ir-razzjonaliżmu u n-naturaliżmu li fis-sekli li għaddew firdu tant nies mill-merħla ta' Kristu. Il-misteru fir-reliġjon nisranija huwa verità li dwarha la nistgħu ngħidu li ma nafu xejn u l-anqas li nafu kollox. Il-misteri nemmnuhom għaliex naċċettaw lil Kristu u noqogħdu fuq il-kelma infallibbli tiegħu. Il-moħħ tal-bniedem huwa limitat u ma jistax isib il-veritajiet kollha waħdu, iżda għandu bl-umiltà kollha jħalli 'l Alla jmexxih. L-istorja tgħallimna li ankè nies ta' intelliġenza

straordinarja, bil-għajnuna tal-grazzja, kienu kapaċi jaċċettaw il-misteri, mingħajr ma naqqsu xejn mid-dinjità ta' l-intelliġenza tagħhom. Fl-aħħar mill-aħħar, il-misteri huma stedina li jagħmel Alla lill-bniedem. Huma ġew rivelati minn Alla għall-meditazzjoni u għall-kontemplazzjoni tagħna, mixħutin għarkubbtejna f'adorazzjoni fl-ispirtu u fil-verità quddiem l-Assolut.

Il-Ħajja Soprannaturali

3. Ir-Rivelazzjoni tgħarrafna li barra mill-ħajja naturali li fiha bħala bnedmin nużaw is-sensi, ir-raġuni u r-rieda tagħna, hekk ukoll il-ħajja soprannaturali, li jgħixu dawk li jkunu fl-istat tal-grazzja. Permezz tagħha nissejħu u aħna tabilħaqq ulied Alla. Il-ħajja soprannaturali hija sehem mill-ħajja ta' Alla u hija don li Huwa jagħtina bla ma jistħoqqilna.

Biex nifhmu aħjar x'inhi din il-ħajja soprannaturali, Kristu tana t-tixbiha sabiħa tad-dielja u l-friegħi tagħha, "Jiena hu d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott" (Ġw 15,5). Huwa stqarr ukoll li ġie fid-dinja biex il-bnedmin "ikollhom il-ħajja u l-ħajja bil-kotra" (Ġw 10,10). Ġesù ma kienx jitkellem dwar il-ħajja fiżika, iżda dwar il-ħajja soprannaturali jew il-grazzja li tqaddes l-erwieħ.

Tingħatalna għall-ewwel darba fil-Magħmudija meta nitwieldu mill-ġdid, mill-ilma u mill-Ispirtu s-Santu, tissaħħaħ bis-sagramenti, bit-talb u bl-għemejjel tajba, tinqered bid-dnub il-mejjet, li jifridna minn Alla u jċaħħadna mill-ħbiberija tiegħu. Permezz ta' qrara sinċiera, nistgħu nerġgħu nsiru ħbieb ta' Alla u nibdew ngħixu mill-ġdid fil-ħbiberija tiegħu.

Mhux l-insara kollha tad-djoċesi jagħrfu sewwa u japprezzaw il-ħajja soprannaturali u wisq inqas huma dawk li jgħixuha kontinwament. Dan huwa biżżejjed biex nipperswadu ruħna mill-ħtieġa tat-tagħlim reliġjuż f'kull età tal-ħajja. Nixtieq hawnhekk nitlob l-appoġġ u l-koperazzjoni ta' kulħadd f'inizjattiva katekistika li għandha tkompli titwettaq matul is-sena li ġejja. Huwa kors ta' tagħlim reliġjuż ta' tletin lezzjoni li jista' jkun mifrux fuq tliet snin b'għaxar lezzjonijiet kull sena. Ittemi tal-lezzjonijiet jidhru fl-*Atti tal-Kurja*. Il-kors isir fuq bażi parrokkjali u jkun miftuħ għaż-żgħażagħ u l-miżżewġin ġodda.

Fil-Kostituzzjoni Apostolika **Fidei Depositum** tal-Papa Ġwanni Pawlu II dwar il-pubblikazzjoni tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, huwa talab lill-insara biex "jaċċettaw dan il-Katekiżmu fi spirtu ta' komunjoni u biex jużawh kontinwament fit-twettiq tal-missjoni tagħhom li jxandru l-fidi u jsejħu n-nies għall-ħajja tal-Vanġelu". Nisperaw u nitolbu li meta dan il-Katekiżmu jkun f'idejna tradott bil-Malti, ikun jista' jsir użu tajjeb minnu anki fil-korsijiet li semmejna. Sadattant, jistgħu jiġu użati testi oħra approvati.

9. IL-KNISJA U L-ĠISEM MISTIKU TA' KRISTU
(28 - 08 - 1993)

50 Sena ta' l-Enċiklika "Mystici Corporis"

Fid-29 ta' Ġunju ta' din is-sena ħabat il-ħamsin anniversarju ta' waħda mill-aqwa enċikliċi ta' wieħed mill-ikbar papiet: l-enċiklika *Mystici Corporis* tal-Papa Piju XII, dwar il-Knisja bħala Ġisem Mistiku li r-ras tiegħu huwa Kristu.

Ġrajja bħal din jistħoqqilha tifkira xierqa, u għad li ma saritx fil-jum ta' l-anniversarju tagħha u f'dan l-aħħar ġimgħat, għaliex konna mhedijin fil-festi tal-parroċċi tagħna, iżda ma għandniex nonqsu li nfakkruha fil-jiem li ġejjin u matul is-sena pastorali li ser nibdew. Bħala tħejjija remota ta' dan iċ-ċinkwantinarju, f'Ottubru tas-sena l-oħra kien inżamm f'Għawdex symposium bit-tema, "Il-Knisja: Misteru, Xirka u Missjoni" (ara *Atti tal-Kurja Djocesana t'Għawdex* 135 (1992) 2094-2096).

Huwa veru li l-enċiklika *Mystici Corporis* ma hix l-aħħar kelma fit-teoloġija dwar il-Knisja, iżda mhux inqas veru li hija waħda mill-paġni l-iktar sbieħ u profondi fl-istorja ta' l-Ekkleżjoloġija. It-tagħlim ta' din l-enċiklika fil-qofol tiegħu ġie kkonfermat mill-Konċilju Vatikan

it-Tieni; infatti l-*Mystici Corporis* hija kwotata diversi drabi fid-dokumenti konċiljari.

Jiena nixtieq qabel xejn nistieden lis-saċerdoti, reliġjużi, katekisti, edukaturi u intellettwali kattoliċi biex jaqraw l-enċiklika kollha, jimmeditawha u jagħżlu għalihom dak li l-aktar jolqothom. F'din l-ittra tiegħi, l-ispazju ma jippermettilix li nagħmel ħaġa oħra ħlief li nieħu minnha xi siltiet li fl-opinjoni tiegħi huma l-iktar attwali u meħtieġa għall-kommunità kattolika tagħna u nżid xi riflessjonijiet li jistgħu jkunu utli.

L-Ispirtu s-Santu, rigal ta' Kristu lill-Knisja

Fl-enċiklika nsibu kliem mill-isbaħ dwar l-imħabba ta' Kristu lejna l-bnedmin, li bħala Alla għarafna u ħabbna sa mill-eternità u bħala bniedem sa mill-ewwel mument ta' l-inkarnazzjoni. "Fil-maxtura, fuq is-salib, fil-glorja eterna tal-Missier, Kristu għandu l-membri kollha tal-Knisja preżenti quddiemu u magħqudin miegħu b'mod ċar u kollu mħabba iktar minn dak ta' omm li tħaddan magħha t-tarbija tagħha, jew dak li bih il-bniedem jagħraf u jħobb lilu nnifsu" (L*a Chiesa*, II (=*Insegnamenti Pontifici* 12) num. 1077.

Ġesù Kristu, kif jgħallimna l-Konċilju Vatikan II: "Waqt li kkomunika l-Ispirtu tiegħu lil ħutu miġmugħin mill-ġnus kollha, huwa għamilhom b'mod mistiku l-ġisem tiegħu. F'dan il-ġisem il-ħajja ta' Kristu tixtered f'dawk li jemmnu; permezz tas-sagramenti dawn jingħaqdu b'mod misterjuż iżda reali ma' Kristu li bata u li issa jinsab igglorifikat. Permezz tal-Magħmudija aħna nsiru nixbhu lil Kristu "għax aħna lkoll tagħmidna fi Spirtu wieħed, biex nagħmlu ġisem wieħed"

(1 Kor 12, 13)...Iżda kif il-membri kollha tal-ġisem tal-bniedem, għalkemm ħafna, jiffurmaw ġisem wieħed, hekk ukoll jagħmlu ġisem wieħed il-fidili fi Kristu (ara 1 Kor 12, 12). Fil-bini tal-ġisem ta' Kristu hemm ukoll membri differenti u ħidmiet differenti. Wieħed, iżda, huwa l-Ispirtu li għall-ġid tal-Knisja jqassam l-għotjiet differenti tiegħu skond il-għana tiegħu u l-ħtieġa tal-ministeri" (*Lumen Gentium*, 7).

Fi żminijietna, ħafna gruppi ta' nsara, fosthom il-kariżmatiċi, jitkellmu ta' spiss dwar l-Ispirtu s-Santu u jgħożżu ħafna l-ħidma tiegħu fil-Knisja u fir-ruħ tal-bnedmin. Lil dawn kollha il-*Mystici Corporis* toffrilhom tagħlim sod u ċar dwar it-Trinità Mqaddsa u l-Ispirtu s-Santu Alla, tagħlim li għandu jkun għalihom ta' dawl u ta' faraġ. Fil-membri tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu, l-Ispirtu s-Santu "huwa preżenti u jassistihom skond id-dmirijiet u l-uffiċċji varji li jkollhom u skond il-grad ikbar jew iċken ta' perfezzjoni spiritwali li huma jgawdu. Permezz tal-grazzja tiegħu, li ġejja mis-sema, l-Ispirtu s-Santu preżenti f'kull parti ta' dan il-ġisem huwa l-prinċipju ta' kull għemil tajjeb u li jwassal għall-ħajja ta' dejjem (L*a Chiesa*, II, 1056).

L-Għaqda fi ħdan il-Knisja

L-enċiklika titkellem fit-tul dwar il-Knisja u l-għaqda li hemm bejn Kristu, ir-ras tagħha u l-membri tal-Ġisem Mistiku tiegħu li huma l-insara kif ukoll dwar l-għaqda ta' karita' li tgħaqqad il-membri bejniethom. Fost l-oħrajn tinnota li l-Knisja "hija wisq ogħla mis-soċjetajiet umani l-oħra, hija tiżboqhom kif il-grazzja tiżboq in-natura, kif il-ħwejjeġ eterni huma iktar 'il fuq mill-ħwejjeġ li jintemmu. Dawn is-soċjetajiet umani u

l-ewwelnett is-soċjetà ċivili, b'ebda mod m'għandhom jiġu mistmerra jew disprezzati, iżda l-Knisja fil-milja tagħha ma tinsabx f'dan l-ordni naturali, xejn inqas milli l-bniedem sħiħ ma jikkonsistix biss fl-organiżmu tal-ġisem li jmut" (*La Chiesa*, II, 1062).

Il-Papa Piju XII jgħid li "jiżbaljaw kemm dawk li jaħsbu li l-Knisja hija moħbija u inviżibbli, kif ukoll dawk li jħarsu lejha sempliċement bħala istituzzjoni umana biss li għandha ċerti kodiċi dixxiplinari u ritwali esterni, iżda nieqsa mis-setgħa li tikkomunika l-ħajja soprannaturali" (*La Chiesa*, II, 1064).

Dan it-tagħlim huwa konfermat mill-Konċilju Vatikan II li fil-*Lumen Gentium* (n. 8) jgħidilna li "Is-soċjetà mogħnija b'organi ġerarkiċi u l-ġisem mistiku ta' Kristu, l-assemblea li tidher u kommunità spiritwali, il-Knisja fuq l-art u l-Knisja li diġà qiegħda tgawdi l-ġid tas-sema, m'għandhomx jitqiesu bħala żewġ realtajiet differenti iżda bħala realtà waħda komplessa magħmula minn element uman u element divin".

Meta titkellem dwar it-tmexxija tal-Knisja li Kristu mar jafda lill-Papa u lill-Isqfijiet, l-enċiklika tagħmel din it-twiddiba: "Huma mixjin fit-triq perikoluża ta' l-iżball dawk li jemmnu li huma jistgħu jaċċettaw lil Kristu bħala Ras tal-Knisja, mingħajr ma huma magħqudin bil-lealtà kollha mal-Vigarju tiegħu fuq l-art.

Jekk jinnegaw il-kap viżibbli, u jkissru r-rabtiet li jidhru ta' l-unità, huma jitfgħu bħal ċpar fuq il-ġisem Mistiku tal-Feddej, u jirrenduh hekk sfigurat li ma jkunx jista' jingħaraf u li permezz tiegħu wieħed lanqas ikun

jista' jasal għall-port tas-salvazzjoni" (La *Chiesa*, II, 1041). Mhux biżżejjed li wieħed jistqarr li jħobb u jirrispetta lill-Papa iżda jeħtieġ li joqgħod għat-tmexxija tiegħu u jaċċetta t-tagħlim tiegħu u ta' l-Isqfijiet magħqudin miegħu.

L-Isqfijiet fil-Knisja

Kristu jmexxi l-kommunitajiet insara "permezz tal-vuċi ta' l-isqfijiet tagħhom u kull isqof fid-djoċesi tiegħu huwa r-raġħaj veru li jirgħa l-merħla afdata lilu u jmexxiha f'isem Kristu (*La Chiesa*, II, 1042).

L-isqfijiet "bħala suċċessuri ta' l-Appostli, b'istituzzjoni divina, għandhom jiġu rispettati mill-poplu" (*La Chiesa*, II, 1042). Il-Konċilju Vatikan II, meta jitkellem dwar ir-relazzjonijiet mal-ġerarkija u jsemmi kif il-lajċi għandhom ifissru l-fehmiet tagħhom lill-isqfijiet, jgħid li "dan għandu jsir dejjem fir-rispett tal-verità, bil-qawwa u bil-prudenza, b'qima u b'imħabba għal dawk li minħabba l-uffiċċju sagru tagħhom jirrappreżentaw lil Kristu... Il-lajċi bħall-fidili kollha għandhom b'ubbidjenza nisranija jilqgħu fil-pront dak li r-raġħajja jistabbilixu bħala għalliema u mexxejja tal-Knisja u bħala rappreżentanti ta' Kristu" (*Lumen Gentium*, 37).

Il-Papa jiddeplora t-theddid u l-oppożizzjoni li jiltaqgħu magħhom ċerti isqfijiet "għaliex iħarsu b'fedeltà bla ma taqta' "id-depożitu tal-fidi" afdat lilhom u għaliex jinsistu biż-żelu dwar il-liġijiet imqaddsa imnaqqxa minn Alla fil-qlub tal-bnedmin u fuq l-eżempju tar-Raġħaj Divin jiddefendu l-merħla mil-lpup imġewħa" (*La Chiesa*, II, 1043).

Imħabba lejn il-Knisja

L-enċiklika tagħlaq b'sejħa lill-Kattoliċi sabiex iħobbu l-Knisja tagħhom. "Sabiex dan il-Ġisem Mistiku jiġi maħbub b'dik il-ħeġġa ta' karità li ma tikkonsistix biss fi ħsibijiet u fil-kliem iżda li tissarraf f'attivitajiet u f'ħidma" (*Ibid.*, 1092). L-enċiklika ssemmi wkoll l-ubbidjenza bħala prova ta' mħabba lejn il-Knisja ; "Aħna obbligati li nobdu l-liġijiet u l-preċetti tagħha li għandhom x'jaqsmu ma' l-imġiba tajba, ankè jekk xi darba nħossuha ħaġa tqila għan-natura tagħna" (*Ibid.*, 1094).

L-aħħar eżortazzjoni hija dik li nidraw li fil-Knisja nirrikonoxxu lil Kristu: "Infatti huwa Kristu li jgħix fil-Knisja tiegħu, li permezz tagħha jgħallem, irieġi u jikkomunika l-qdusija" (*Ibid.*, 1095).

Biex nikkommemoraw kif imiss dan iċ-ċinkwantinarju tal-*Mystici Corporis* nagħmlu ħilitna biex ngħixu ta' kattoliċi awtentiċi skond il-motto "Nagħrfu aħjar il-Knisja biex inħobbuha iżjed".

Nitolbu lill-Imqaddsa Verġni Marija biex iżżomm dejjem taħt il-ħarsien tagħha l-Knisja u l-familja umana kollha kemm hi.

10. 100 SENA MILL-PROVIDENTISSIMUS DEUS (18 - 11 - 1993)

Mitt sena ilu, fit-18 ta' Novembru, 1893, il-Papa Ljun XIII xandar l-enċiklika tiegħu dwar l-istudju tal-Kotba Mqaddsa *Providentissimus Deus*. Nistgħu ngħidu li minn dak inhar infetħet epoka ta' interess ġdid tal-kattoliċi li jistudjaw il-Bibbja fuq linji moderni. Dan l-interess baqa' jikber dejjem iżjed, kif jixhdu dokumenti oħra bħal ma huma l-enċiklika tal-Papa Piju XII *Divino Afflante Spiritu* tat-30 ta' Settembru, 1943, li tfakkar ħamsin sena mill-*Providentissimus Deus*, kif ukoll il-kostituzzjoni dommatika tal-Konċilju Vatikan II dwar ir-Rivelazzjoni, *Dei Verbum*.

Jekk naqraw dawn id-dokumenti, wieħed wara l-ieħor, nintebħu li fihom żewġ aspetti, dak ta' tiġdid jew evoluzzjoni tal-ħsieb, u dak ta' kontinwità, fi kliem ieħor, fihom elementi li jinbidlu mal-mixja taż-żmien u elementi oħra li jibqgħu dejjem sodi, bħal siġra li z-zokk u l-għeruq tagħha huma mqabbdin tajjeb ma' l-art, iżda l-weraq u l-frott tagħha jiġġeddu ta' kull sena. Meta aħna nfakkru enċikliċi bħal dawn, waqt li nippruvaw nifhmu ċ-ċirkostanzi storiċi li fihom ġew imsawrin, aħna nagħmlu ħilitna wkoll sabiex nisiltu dik li hija duttrina perenni tal-

knisja, ċioè dak it-tagħlim li mal-medda tas-snin ġie mfisser iktar ċar, iżda fis-sustanza tiegħu baqa' dejjem l-istess.

Ir-Rivelazzjoni

L-enċiklika tal-Papa Ljun XIII, tibda billi tfakkama fir-Rivelazzjoni. Il-Bnedmin fil-bidu ngħataw il-ħajja tal-grazzja u ġew mifdija minn Kristu wara li waqgħu fid-dnub. Alla "urihom ukoll b'mod soprannaturali l-misteri divini, ta' l-għerf u l-ħniena tiegħu" (*Enchiridion Biblicum*, n. 81). L-imħabba t'Alla lejn il-bnedmin tidher fil-fatt li huwa jrid joqrob lejhom u jwasslilhom il-messaġġ tiegħu li huwa aħbar ta' ferħ, ta' paċi u ta' salvazzjoni. Biex iwassal dan il-messaġġ li bih Alla għallimna fuqu nnifsu u fuq veritajiet oħra, Huwa nqeda bil-mibgħutin tiegħu, bħal ma kienu l-profeti u l-Appostli: "Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa f'dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz ta' Ibnu, li hu għamlu werriet ta' kollox, u li bih ukoll għamel il-ħolqien" (Lhud 1, 1-2).

Il-Konċilju Vatikan II jikkonferma dan it-tagħlim meta jgħidilna li "b'din ir-rivelazzjoni, Alla li ma jidhirx, fl-imħabba kbira tiegħu jitkellem mal-bnedmin bħal ħbieb u jgħix magħhom biex jistedinhom u jdaħħalhom f'għaqda miegħu. Dan il-pjan tar-rivelazzjoni jsir bi ġrajjiet ta' kliem magħqudin sewwa flimkien, b'mod li l-ħidmiet li Alla għamel fl-istorja tas-salvazzjoni juru u jsaħħu t-tagħlim u l-ħwejjeġ imfissra mill-kliem u l-kliem ifisser l-opri u jiċċara l-misteru moħbi fihom" (*Dei Verbum*, 2).

It-Tradizzjoni u l-Bibbja

L-enċiklika *Providentissimus Deus* tgħallem li l-verità rivelata ma tinsabx fil-Bibbja biss, iżda wkoll fit-Tradizzjoni u tgħidilna li "skond il-fidi tal-Knisja Universali, ir-rivelazzjoni soprannaturali tinsab kemm fit-tradizzjoni mhix miktuba, kif ukoll fil-kotba li jissejħu sagri jew kanoniċi, għaliex peress li nkitbu bl-ispirazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu, għandhom lil Alla bħala awtur tagħhom, u bħala tali ġew mgħoddija lilna" (*Ench. Bib.* n.81).

Il-Konċilju Vatikan II fil-kostituzzjoni *Dei Verbum* ikompli jiċċara din il-pożizzjoni tal-Knisja: "Din it-tradizzjoni Mqaddsa u l-kitba Mqaddsa taż-żewġ Testmenti huma bħal mera li fiha l-Knisja li għadha miexja fuq l-art tikkontempla 'l Alla li minnu tirċievi kollox sakemm tasal biex tarah wiċċ imb'wiċċ kif inhu" (*Dei Verbum*, 7); "L-Appostli fil-waqt li għaddew dak li huma kienu rċivew, iwissu lill-insara biex iżommu t-tradizzjonijiet li kienu tgħallmu sew bil-kelma kemm bil-kitba, u biex jissieltu għal dik il-fidi li ngħatatilhom darba għal dejjem" (*Dei Verbum*, 8).

L-Ispirazzjoni

L-enċiklika titkellem dwar l-ispirazzjoni tal-Bibbja u tafferma li l-Iskrittura kollha għandha l-Ispirtu s-Santu bħala awtur tagħha, ċioè hija ispirata minn Alla. L-enċiklika *Providentissimus Deus* tatna din id-definizzjoni magħrufa ta' l-ispirazzjoni divina. "Hija l-qawwa soprannaturali li biha Alla qanqal u mexxa lill-bnedmin biex jiktbu u tahom l-għajnuna waqt li kienu jiktbu, hekk li huma fehmu sewwa b'moħħhom, u riedu jiktbu fedelment, u fissru kif imiss, b'verità infallibbli, dak

kollu u dak biss li ordnalhom Huwa nnifsu" (*Ench. Bib.* 125).

Dan it-tagħlim huwa msaħħaħ ukoll mill-Konċilju Vatikan II "biex inkitbu l-Kotba Mqaddsa Alla għażel xi bnedmin u nqeda bihom waqt li ħalliehom jużaw il-fakultajiet u l-kapaċitajiet tagħhom; hekk, bil-ħidma tiegħu fihom u permezz tagħhom, huma kitbu, ta' veri awturi, dawk il-ħwejjeġ kollha u dawk biss li huwa ried li jinkiteb" (*Dei Verbum*, 11).

Il-Bibbja mingħajr żbalji

La darba huma ispirtati minn Alla, il-Kotba Mqaddsa ma jistgħux jgħallmu l-iżball. Aħna neħtieġu l-Bibbja biex tmexxina lejn il-ħajja li tibqa' għal dejjem. Jekk il-Bibbja hija l-gwida mogħtija lilna minn Alla, sabiex nilħqu l-għan li għalih ġejna maħluqa, ma jistax ikun fiha għelt, biex ma noħorġux mit-triq tas-sewwa.

Il-*Providentissimus Deus* tafferma li l-Kotba Mqaddsa huma ħielsa minn kull żball u żżid tgħid "dawk li jaħsbu li fit-testi awtentiċi tal-Kotba Mqadda jista' jkun hemm xi ħaġa falza, jew ikun jaqleb ta' taħt fuq it-tagħlim kattoliku dwar l-ispirazzjoni divina jew iwaħħal f'Alla bħala awtur ta' l-iżball" (*Ench. Bib.* n. 126).

Jekk l-aġjografu ħaseb u kiteb biss dak li ispirah Alla, il-konklużjoni hija li fil-Bibbja ma jista' jinstab ebda żball, għaliex Alla l-awtur prinċipali tagħha, la jista' jiżbalja u l-anqas iqarraq jew idaħħal il-bnedmin fl-iżball.

"Għandna nemmnu" - tgħidilna il-kostituzzjoni *Dei Verbum* (n. 11) - "li l-kotba ta' l-Iskrittura Mqaddsa jgħallmu b'ċertezza, b'fedeltà u mingħajr żbalji l-verità li, għas-salvazzjoni tagħna, Alla ried li tingħabar fil-Kotba Mqaddsa".

F'dan il-kuntest, wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh il-għan tal-Bibbja. Il-kittieba ispirati ma kellhomx f'moħħhom li jagħtu xi tifsir xjentifiku iżda tagħlim reliġjuż u ma użawx lingwaġġ tekniku, iżda l-kliem li bih jinqdew il-bnedmin fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Għalhekk l-enċiklika P*rovidentissimus Deus* twissina li 'l-kittieba sagri, jew aħjar l-Ispirtu t'Alla, li tkellem permezz tagħhom, ma ridux jagħtu lill-bniedem tagħrif xjentifiku (bħalma hija l-istruttura interna tal-ħwejjeġ li jidhru) tagħrif li ma huwa ta' ebda għajnuna għas-salvazzjoni" (*Ench. Bib.* n. 121).

Il-Kostituzzjoni *Dei Verbum* (n.12), tgħidilna li "biex tifhem sewwa dak li l-kittieb sagru ried jgħid bil-kitba, għandna noqogħdu attenti sew għall-manjieri kif kienu soltu jifhmu jew ifissru ruħhom jew jirrakkuntaw in-nies fi żmien il-kittieb sagru, kemm għall-mod kif kienu jġibu ruħhom bejniehtom il-bnedmin f'dak iż-żmien".

Irridu nagħtu kas ukoll tal-forma letterarja li l-awtur kien qiegħed juża, biex nifhmu sewwa x'ried jgħid. Għalhekk, f'dan ir-rigward, l-enċiklika *Divino Afflante Spiritu* tal-Papa Piju XII tosserva li fiż-żminijiet antiki, kienu jiġu użati xi forom letterarji, jew modi li bihom il-kittieba kienu jfissru ruħhom, kemm fil-poeżiji, fil-liġijiet u fir-rakkonti tal-ġrajjiet storiċi. "Ħadd ma

jistagħġeb li ankè l-kittieba sagri bħall-kittieba l-antiki l-oħra kellhom ċerti modi tagħhom li bihom kienu jfissru ruħhom u jirrakkontaw" (*Ench. Bib.* 558-560).

Il-Kostituzzjoni *Dei Verbum* (n.12) tirrepeti dan it-tagħlim u tgħidilna: "Biex insibu l-intenzjoni tal-kittieba sagri għandna nagħtu kas ukoll, fost ħwejjeġ oħra, tal-forom letterarji. Għaliex il-verità titqiegħed quddiemna u titfissrilna b'mod differenti, skond jekk it-test ikunx ta' storja jew ta' profezija jew xi forma poetika jew forma oħra ta' espressjoni. Jeħtieġ mela li l-interpretu jfittex is-sens li l-kittieb sagru ried ifisser f'ċirkustanzi determinati, skond il-kundizzjoni ta' żmienu u tal-kultura tiegħu permezz tal-forom letterarji użati f'dak iż-żmien." Dan kien pass 'il quddiem li waqt li biegħed mill-Knisja l-periklu ta' tendenzi fundamentalisti, offra lill-istudjuż tal-Bibbja mezz tajjeb biex isolvu ħafna mill-problemi dwar l-istorja u problemi oħra ta' interpretazzjoni.

Il-Qari u t-Tifsir tal-Bibbja

Hija ħaġa tajba u ta' ġid spiritwali, li wieħed jaqra ta' spiss u bil-qima xi siltiet mill-Bibbja, iżda "l-Iskrittura Mqaddsa rridu naqrawha u nfissruha fid-dawl ta' l-istess Spirtu, il-kawża prinċipali li nkitbet (*Dei Verbum*, n. 12).

Kemm Il-Papa Ljun XIII, kif ukoll il-Papa Piju XII, fl-enċikliċi li qegħdin infakkru, jagħtu kriterji u direttivi kif għandna nifhmu l-Iskrittura Mqaddsa.

Barra minn ċerti eżortazzjonijiet u twissijiet li jgħoddu l-iktar għall-eżeġeti kattoliċi u għall-ispeċjalisti tar-riċerka bibblika, hemm ukoll xi kriterji li jgħoddu għal dawk kollha li huma wlied il-Knisja, u li jsemmihom

ukoll il-Konċilju Vatikan II (ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, n. 111-114):

(1) Jeħtieġ li tiġi rispettata l-unità ta' l-Iskrittura għax għad li magħmula minn diversi kotba, iżda dawn jifformaw messaġġ wieħed. Meta s-sens tat-test bibbliku kien diġà ġie mfisser mill-awturi sagri stess, in-nisrani għandu jifhmu bl-istess mod.

(2) Il-Bibbja trid tinqara fit-tradizzjoni ħajja tal-Knisja kollha. "Imiss lill-Knisja li tiġġudika dwar liema huwa s-sens veru u dwar l-interpretazzjoni ta' l-Iskrittura Mqaddsa; għalhekk ħadd ma jista' jfisser l-Iskrittura kontra t-tifsir li tagħti l-Knisja jew kontra l-kunsens unanimu tas-Santi Padri (Prov. Deus, n. 108).

(3) Bħala kriterju importanti ħafna għandha titqies l-analoġija tal-fidi, jiġifieri dik l-armonija li hemm fost il-veritajiet tar-Reliġjon tagħna u fil-pjan kollu tar-Rivelazzjoni. Dan għaliex kif tgħidilna l-*Providentissimus Deus* (n. 109), "Alla huwa l-istess awtur tal-Kotba Mqaddsa u tad-duttrina trasmessa mill-Knisja".

11. IL-VALUR TAL-VAGANZI U L-ATTIVITÀ TURISTIKA
(20 - 07 - 1994)

Dawk li jiġu għall-Btala

Għad li diġà għaddew ħafna ġranet mill-istaġun tas-sajf naħseb li għadna fil-waqt biex nagħmlu riflessjoni qasira dwar il-valur tal-vaganzi, u l-attività turistika li f'dan iż-żmien tas-sena tkun fl-aqwa tagħha. Tajjeb li meta ngħid turisti, nifhmu mhux biss dawk li joqogħdu fi gżiritna għal perijodu ta' żmien, iżda wkoll għal dawk li jiġu filgħodu u jitilqu filgħaxija, sewwa jekk huma barranin kif ukoll jekk huma ħutna Maltin li jiġu Għawdex jew Kemmuna għal btala ta' ftit sigħat.

Peress li matul din is-sena, qegħdin jissemmew iktar ta' spiss mis-soltu l-jeddijiet tal-familja, ta' min jinsisti b'wiċċu minn quddiem li l-ġenituri Għawdxin għandhom id-dritt qabel ħaddieħor, li jieħdu lil uliedhom żgħar ħdejn il-baħar biex jgħumu u jgawdu huma wkoll is-sbuħija tan-natura. Għalhekk kulħadd għandu jagħti sehmu sabiex ix-xtajtiet tagħna jinżammu nodfa ankè moralment ħalli ma jkun hemm xejn li jista' jisfa ta' ħsara għat-tfal tagħna u li jtellef lill-ġenituri dak il-jedd tagħhom.

Wara li għidna dan f'isem il-kommunità Għawdxija, minn qalbna nagħtu merħba lil dawk kollha li jiġu jżuruna Maltin u barranin u nieħdu gost li huma wkoll għandhom aċċess għall-patrimonju storiku, kulturali u naturali li bih hija kburija l-gżira tagħna. Kulħadd, però, irid jiftakar li l-ħolqien u s-sbuħija tan-natura huwa wirt li kull ġenerazzjoni tirċievi bħala rigal u li mbagħad tgħaddih bla ma tnaqqas xejn minnu lill-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni. Kull wieħed minna, għalhekk, għandu jħossu fid-dmir li, waqt li ngawdu n-natura, nagħmlu ħilitna biex inħarsuha minn kull għamla ta' tinġis, manipulazzjoni jew vandaliżmu li jkerraħha u jagħmilha l-ħsara.

Il-ħin liberu tas-sajf m'għandux inissina d-dmirijiet reliġjuži tagħna; anzi s-sbuħija tan-natura fil-varjetà immensa tagħha mhix ħaġa oħra ħlief rifless u sinjal ta' Dak li ħalaqha u taha lilna wliedu biex ingawduha u ninqdew biha b'radd il-ħajr. Għal min għandu l-fidi, ir-rispett lejn l-ambjent u lejn in-natura jfisser ukoll stima u rikonoxxenza ta' l-għerf, tal-kobor, u tat-tjubija tal-ħallieq u sejħa biex jidħol fi djalogu miegħu. Nistieden lil dawk li huma kattoliċi, li jiġu fostna, biex iżuru l-knejjes, mhux biss fejn ikun hemm il-festi tradizzjonali tagħna, imma fuq kollox biex jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika tal-Ħadd jew tas-Sibt filgħaxija.

Rispett lejn it-Turisti

In konnessjoni mat-turiżmu, li huwa wkoll għajn ta' ġid ekonomiku għal gżiritna, nixtieq ngħid kelma lis-sidien tal-'flats', tal-lukandi, restaurants u ħwienet iffrekwentati mit-turisti u lil dawk li l-impieg tagħhom hu konness direttament ma' l-attivita' turistika li bla

dubju, huma għandhom il-jedd bħal ħaddieħor għal qliegħ onest b'rikompens għat-tħabrik u r-riskju tagħhom, iżda jeħtieġ li jkollhom għal qalbhom l-isem tajjeb li kellhom sal-lum niesna, u jevitaw kull għemil li jista' jkun ta' għajb. Ħafna minn dawn li semmejna jafu jittrattaw it-turisti bir-rispett, bil-ġentilezza u bl-irġulija, u ma humiex lesti li jagħmlu kompromessi fejn jidħlu valuri umani u nsara; jixraq li dan ikun l-atteġġjament ta' kulħadd mingħajr ebda eċċezzjoni.

Iż-żmien tal-vaganzi, m'għandux jaljenana jew jagħlaqna fil-qoxra ta' l-egoiżmu tagħna, iżda għandu jkun żmien tajjeb biex jinħolqu ħbiberiji ġodda, jissaħħu r-rabtiet familjari u tikber is-sensibilita' għal min hu fil-bżonn, flimkien mar-rikonoxxenza lejn Alla li jħobbna bħala wliedu u jrid jarana ferħanin.

Wara l-mistrieħ tas-sajf, in-nisrani għandu jħossu mimli enerġija ġdida sabiex jidħol iktar bil-qalb għall-impenji familjari, soċjali u reliġjużi tal-ħajja tiegħu ta' matul is-sena.

Il-Mulej Alla jżommkom fis-sliem tiegħu.

1. IS-SEBA' ĠIMGĦA BIBBLIKA
(03 - 01 - 1989)

Mid-9 sal-15 ta' Jannar ser tinżamm f'Għawdex, is-Seba' Ġimgħa Bibblika Djoċesana, li ser ikollha bħala suġġett tagħha, "IS-SAGRAMENT TAL-MORDA FIL-BIBBJA." Ser ikun hemm tliet laqgħat għas-saċerdoti, għar-reliġjużi u għal-lajċi, fid-Dar Ċentrali ta' l-Azzjoni Kattolika, Victoria. Fil-parroċċi f'din il-ġimgħa, ikun hemm tagħlim dwar il-Kotba Mqaddsa u nhar il-Ħadd, 15 tax-xahar jiġi ċċelebrat Jum il-Bibbja. Huwa ttamat li l-insara speċjalment l-istudenti u ż-żgħażagħ japprofittaw ruħhom minn dan it-tagħlim.

Peress li fis-snin l-imgħoddija kien jintagħżel bħala suġġett tal-Ġimgħa Biblika, wieħed mis-Sagramenti, dis-sena jmiss nitkellmu dwar is-Sagrament tal-Morda. Jixraq li kulħadd, speċjalment il-morda u dawk li jduru bihom, jgħożżu iktar dan is-Sagrament u jagħrfu aħjar it-tifsira profonda tiegħu.

Bħas-sagramenti l-oħra, il-Griżma tal-Morda, għandha rabta mal-Passjoni ta' Kristu u mal-Qawmien tiegħu minn bejn l-imwiet. Difatti matul ħajtu kollha, bħala membru tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu, in-nisrani joffri lilu nnifsu lil Alla fil-Quddiesa flimkien ma' Kristu. Meta n-nisrani jkun marid, ikollu okkażjoni li jbati ma' Kristu u joffri 'l Alla t-tbatija u n-niket li jsieħbu l-mard tiegħu. Bil-għajnuna speċjali t'Alla li tiġi mid-dilka mqaddsa flimkien mat-talb tas-saċerdot, il-marid jikseb il-grazzja li taħfirlu ħtijietu. Tingħatalu wkoll għajnuna biex ikun jista' jġarrab bis-sabar u b'qawwa nisranija, l-uġiegħ u anke jaċċetta l-mewt, jekk din tkun ir-rieda t'Alla. Dan is-Sagrament isaħħaħ ukoll fil-marid it-tama fil-ħajja ta' dejjem, biex kif kellu sehem ma' Kristu fit-tbatija, ikollu wkoll sehem fil-glorja tal-qawmien tiegħu.

Meta l-Appostlu San Ġakbu jsemmi dan is-Sagrament tal-Morda (5,14) jindikalna li barra mill-effetti spiritwali bħal ma hija l-maħfra tal-ħtijiet, xi drabi tagħti wkoll il-fejqan tal-ġisem.

Ta' min jinsisti li dan is-Sagrament ma għandux jitħalla għall-aħħar meta l-marid ikun forsi mitluf minn sensieh, iżda għandu jingħata malli jibda jinħass il-periklu minħabba l-marda gravi li jkollu.

Wara Katekeżi xierqa, dan is-sagrament jista' jingħata mhux biss lill-morda individwalment, iżda wkoll f'ċelebrazzjoni kommunitarja.

2. L-EWWEL TQARBINA TAT-TFAL
(09 - 01 - 1989)

F'Ottubru li għadda, bdew il-lezzjonijiet tad-Duttrina għat-tfal li se jagħmlu l-Ewwel Tqarbina, għal nofs din is-sena. Huwa dmir tal-ġenituri li għandhom it-tfal ta' din l-età li jieħdu ħsieb li l-attendenza tat-tfal għal-lezzjonijiet tkun regolari, għax inkella hemm periklu li ma jiġux aċċettati għall-ewwel tqarbina.

Barra mill-preparazzjoni tat-tfal, hemm wkoll il-bżonn tal-preparazzjoni tal-ġenituri kif intqal fil-Kungress Kateketiku. Għalhekk il-ġenituri, speċjalment il-missirijiet, għandhom iħossu d-dmir li jattendu għal-laqgħat li jsiru għalihom, ankè biex ikunu ta' eżempju għal uliedhom.

Il-ġenituri jeħtieġ li jkunu jafu wkoll minn issa li f'konsultazzjoni mal-Kappillani ġie deċiż li mis-sena 1990 ser ikun hemm libsa ta' għamla waħda li taqbel ma' l-ilbies liturġiku u li għandha tintlibes mit-tfal subien u bniet meta jagħmlu l-ewwel tqarbina. Ma jiġix aċċettat ilbies differenti għax f'okkażjoni bħal din m'għandux ikun hemm differenzi bejn min jiflaħ jonfoq u min ma jiflaħx. Din id-deċiżjoni tista' tibda titwettaq minn issa.

Barra minn hekk, lanqas ma hu se jitħalla li t-tfal ikollhom fuqhom ħwejjeġ ta' valur bħal ċrieket u ġiżirani tad-deheb. It-tfal m'għandu jkollhom xejn f'idejhom ħlief dak li jagħtihom il-Kappillan, bħal xemgħa, fjuri, eċċ., u lanqas ingwanti, għax dan kollu jista' jtellef l-

attenzjoni tat-tfal u jaljenahom. Dan ifisser li ma jiġux ammessi biex jagħmlu l-Ewwel Tqarbina ma' sħabhom it-tfal, li ma jkunux libsin il-libsa msemmija u jkunu pprojbiti l-libsa u l-mant tal-filoxx.

Il-ġenituri huma mitlubin li jikkoperaw sabiex ma jtellfu xejn mill-qdusija u l-innoċenza ta' din il-ġrajja għażiża li fiha wliedhom jiltaqgħu għall-ewwel darba ma' Ġesù fl-Ewkaristija, iżda kollox għandu jsir bl-ikbar sempliċità. Għalhekk, anke d-drawwa tar-rigali li jqumu l-flus u l-parties b'ħafna ħela għandhom jiġu skoraġġiti. Huwa wisq aħjar li t-tfal jiftakru fi sħabhom inqas ixxurtjati minnhom bħalma huma t-tfal foqra u morda, u bi spirtu nisrani jżuruhom jew joffru xi ħaġa għalihom. Din l-offerta tista' tingħata wkoll lid-djar tat-tfal, il-'handicapped' jew lil tal-missjonijiet.

3. IL-KUNGRESS TAX-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA
(20 - 03 - 1989)

Fil-ġranet mis-26 ta' Marzu sad-9 ta' April, se jinżamm is-sitta u għoxrin Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla, fil-Belt Victoria, jiġifieri fil-parroċċi tal-Katidral u ta' San Ġorġ. Il-ftuħ tal-Kungress isir fil-Katidral b'Konċelebrazzjoni Pontifikali, nhar l-Għid, 26 ta' Marzu, fid-9.00 a.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali oħra ssir fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fl-aħħar jum tal-Kungress, id-9 ta' April fid-9.00 a.m. Il-konklużjoni tal-Kungress tinżamm fl-istess jum fi Pjazza

Indipendenza, wara li jsir korteo minn Pjazza Kennedy. Matul il-jiem tal-Kungress se jkun hemm funzjonijiet u laqgħat ta' tagħlim reliġjuż kemm fil-knejjes parrokkjali, kif ukoll fil-knejjes l-oħra tar-Rabat. L-insara tad-djoċesi tagħna huma mistiedna biex jieħdu sehem fil-funzjoni tal-konklużjoni, filwaqt li n-nies taż-żewġ parroċċi tar-Rabat huma mistednin ukoll sabiex jieħdu interess fl-attivitajiet li jsiru matul il-ġranet kollha tal-Kungress.

It-tema prinċipali tal-Kungress tax-Xirka għal din is-sena huwa meħud mis-salm 22 "Il-Mulej huwa r-Raġħaj tiegħi". Jixraq li lkoll kemm aħna nagħrfu lil Kristu bħala Feddej u Raġħaj tagħna biex nimxu dejjem warajh. Jeħtieġ ukoll li aħna nagħrfu fejn hu postna fil-merħla ta' Kristu u ntejbu dejjem iżjed ir-relazzjonijiet li għandu jkun hemm mar-Raġħajja spiritwali. Għalhekk tkun ħaġa tajba li matul il-Kungress nitolbu lir-Raġħaj Divin li jseddaq u jqaddes lil dawk li huwa għażel sabiex f'ismu jrieġu l-merħla għażiża tiegħu, jiġifieri l-Knisja minnu mwaqqfa u mifdija bid-demm għażiż tiegħu.

Nixtiqilkom l-Għid it-Tajjeb, bit-tama li l-paċi ta' Kristu Rebbieħ fuq il-mewt, tfawwar il-qlub tagħkom.

4. AKTAR DWAR IL-FESTI TITULARI
(31 - 05 - 1989)

Għal darba oħra bdejna l-istaġun tal-festi u nħoss għalhekk li għandi nfakkarkom fil-valur u t-tifsir nisrani tagħhom.

Fid-dokument Pastorali dwar dan is-suġġett li ħareġ fid-Djoċesi Għawdxija fid-19 ta' Marzu, 1977, intqal li fil-festi titulari tagħna hemm elementi negattivi li jistonaw u ma jaqblu xejn mal-vera qima lejn il-Qaddisin.

Dawn l-elementi, bħalma huma l-abbużi fil-logħob tan-nar esaġerat u l-piki żejda li jġibu l-firda, bil-ko-operazzjoni ta' kulħadd għandhom bil-mod il-mod jiġu superati u mneħħija u dan ikun sinjal ta' maturita' tal-kommunita' parrokkjali.

Kif jingħad fid-dokument imsemmi, l-iskop ewlieni tal-festa huwa skop spiritwali. Għalhekk, mingħajr ma neskludu skopijiet u aspetti oħra, bħalma huwa dak kulturali u rikreattiv, għandha ssir insistenza fuq dak li jwassal għall-għan ewlieni, bħalma huma l-parteċipazzjoni tal-insara fil-liturġija tal-festa u l-iktar billi jieħdu sehem fil-Quddiesa u jirċievu s-sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin.

Barra minn hekk, il-ġranet tal-festa huma okkażjoni mill-aħjar sabiex fiha ssir ħidma ta' promozzjoni umana. Għalhekk l-istess dokument jirrikmanda fost ħwejjeġ oħra: il-Quddiesa tal-Ġenerożità li fiha jiġu offerti ħwejjeġ tal-ikel li mbagħad jingħataw lid-Djar tat-tfal u lill-familji foqra (n. 44), xi servizz speċjali għall-morda (n. 45), ġurnata ddedikata għall-emigranti tal-parroċċa (n. 42).

5. IS-SENS TAD-DJOĊESI
(28 - 06 - 1989)

L-insara kollha, kemm il-membri tal-Kleru kif ukoll il-lajċi għandhom jinteressaw ruħhom mid-djoċesi tagħhom u jagħtu sehmhom sabiex hija twettaq kif imiss il-missjoni tagħha li ssalva l-erwieħ. Għandhom ikunu lesti jgħaqqdu l-isforzi tagħhom fl-inizjattivi djoċesani, meta r-Ragħajja spiritwali tagħhom jistednuhom jagħmlu dan. Fuq kollox meħtieġ li jitrawwem fihom "is-sens tad-djoċesi" li tagħha l-parroċċi jitqiesu bħala ċelluli li jifformaw ġisem wieħed.

Kif jgħallimna l-Konċilju Vatikan II fid-digriet "Christus Dominus" (nr. 11): "Id-djoċesi hija parti mill-poplu t'Alla, fdata fil-ħsieb pastorali ta' l-isqof mgħejjun mill-presbyterium tiegħu, hekk illi fil-waqt li tibqa' marbuta mar-ragħaj tagħha u magħquda fl-Ispirtu s-Santu permezz tal-Evanġelju u tal-Ewkaristija Mqaddsa, tifforma Knisja partikulari li fiha l-Knisja ta' Kristu, waħda, qaddisa, kattolika u apostolika, tinsab preżenti u attiva".

Sabiex ikompli jikber u jissaħħaħ fl-insara tagħna s-sens tad-djoċesi, ħsibna li jixraq ħafna li tiġi mfakkra l-ġrajja ta' mija u ħamsa u għoxrin sena ilu meta l-Papa Piju IX waqqaf id-Djoċesi t'Għawdex u ħatar lil Mons. Mikiel Franġisk Buttiġieġ bħala l-ewwel isqof tagħha.

Dan il-mija u ħamsa u għoxrin anniversarju tad-djoċesi ser jiġi mfakkar b'ċelebrazzjonijiet li jibdew

nhar il-Ħadd, 13 t'Awissu, u jibqgħu sejrin sal-11 ta' Ottubru, Festa tad-Dedikazzjoni tal-Knisja Katidrali.

Għal din l-okkażjoni, maħsuba li jsiru għadd ta' attivitajiet reliġjużi, kulturali u ta' promozzjoni umana, fosthom il-Kungress Liturġiku Djoċesan, organizzat mill-Kummissjoni Liturġika.

6. IL-PJAN PASTORALI 1989 - 1994

(11 - 07 - 1989)

Nixtieq inħabbrilkom li l-Pjan Pastorali tad-Djoċesi ta' Għawdex għall-ħames snin li ġejjin, issa huwa lest, wara li l-Kumitat li kien inħatar apposta temm ix-xogħol tiegħu. Inħossu d-dmir tiegħi li qabel xejn inrodd ħajr mhux biss lill-membri ta' dan il-kumitat iżda lil dawk kollha li bil-pariri u b'kull mod ieħor taw is-sehem tagħhom għat-tfassil ta' dan il-pjan.

Il-Pjan Pastorali nistgħu ngħidu li huwa frott ta' riflessjoni fit-tul u ħidma ta' dixxerniment dwar dak li jrid Alla mill-Knisja tiegħu li hija fid-Djoċesi ta' Għawdex. Fit-tfassil ta' dan il-pjan konna mmexxija mhux biss mix-xewqat tagħna li naħdmu għas-saltna t'Alla, iżda fuq kollox mis-sinjali taż-żminijiet u wara li ħadna f'kunsiderazzjoni serja ċ-ċirkustanzi storiċi u ambjentali ta' gżiritna, fl-aspetti kollha tagħhom kemm pożittivi kif ukoll negattivi.

Il-ħsieb ċentrali tal-pjan huwa dak tal-maturità nisranija: kemm bħala individwi kif ukoll bħala kommunitajiet fuq il-livelli kollha hemm bżonn li nkunu iktar konxji ta' l-aspirazzjonijiet tal-bniedem modern kif ukoll tal-perikli li jhedduh; jeħtieġ li b'sens ta' responsabbiltà nieħdu fuqna u nwettqu mill-aħjar li nistgħu l-impenji kollha li ġejjin mill-Fidi tagħna Nisranija.

Il-pjan pastorali mhux xi ħaġa ta' l-istudju u teorija biss iżda huwa ġabra ta' proposti li għandhom jiġu mwettqin fil-prattika u fi żmien li hemm determinat għalih. Kif jingħad fl-introduzzjoni, "Il-Pjan Pastorali jiddependi fuq kollox mir-rieda tajba u d-determinazzjoni tas-saċedoti, reliġjużi, u lajċi nvoluti fit-twettiq tiegħu".

Huma msejħin għalhekk biex minn qalbhom jagħtu bla waqfien il-koperazzjoni tagħhom. "Kulħadd, b'xi mod jew ieħor, jista' jkun ta' għajnuna jekk jagħmel il-parti tiegħu, u min-naħa l-oħra jista' jkun ta' tfixkil, jekk jonqos li jagħmilha".

Iżda, aħna mmiddu idejna għax-xogħol pastorali li jindikalna dan il-pjan b'fiduċja sħiħa fil-għajnuna li tiġi mis-sema. L-Ispirtu tal-Mulej li jimla l-qlub ta' dawk li jemmnu u jmexxu bid-dawl u l-qawwa tiegħu l-kommunità nisranija, iwassal sat-tmiem mixtieq dan il-pjan pastorali li jiena approvajt bil-parir tal-Kunsill Presbiterali u Pastorali u li qed nafdalkom f' idejkom.

7. FESTA TA' SANTA MARIJA
(05 - 08 - 1989)

Il-festa ta' Santa Marija, hija għalina, okkażjoni mill-isbaħ biex fiha nuru u nistqarru l-qima u l-imħabba tagħna lejn il-Verġni Omm Alla. Ħafna mill-insara ta' pajjiżna, matul il-ġranet tal-kwindiċina ta' qabel il-festa, ta' kull sena, jitħejjew spirtwalment għal din is-solennità liturġika permezz tat-talb u d-devozzjonijiet personali tagħhom.

Imbagħad fil-jum proprju tal-festa, kull min huwa tabilħaqq nisrani, għandu jfittex li b'xi mod jew ieħor jagħti l-qima tiegħu lis-sultana tas-Smewwiet. Fuq kollox, kulħadd għandu f'dan il-jum hekk għażiż, jieħu sehem fil-Quddiesa u jersaq jitqarben, wara li jkun ħaseb biex inaddaf ruħu permezz ta' qrara sinċiera.

Dis-sena għandna raġuni speċjali għax niċċelebraw din is-solennità liturġika bl-aħjar mod li nistgħu, peress li qegħdin infakkru wkoll il-mija u ħamsa u għoxrin anniversarju mit-twaqqif tad-Djoċesi Għawdxija.

Jixraq, għalhekk, li dis-sena, lil Marija mtellgħa fis-sema u Patruna ewlenija tad-djoċesi tagħna, nagħmlulha talba ħerqana sabiex bl-interċessjoni tagħha, iċ-ċelebrazzjonijiet li ser nagħmlu, ma jkunux biss kommemorazzjoni tal-imgħoddi, iżda jkattru fina lkoll il-fidi, it-tama u l-karità, waqt li jgħinuna nersqu iktar lejn il-maturita' nisranija li l-Knisja tistenna minna.

Nixtieq infakkarkom ukoll, li fil-15 t'Awissu, tagħlaq mitt sena, l-enċiklika "Quamquam Pluries" li biha l-Papa Ljun Tlettax ried iħeġġeġ fl-insara tad-dinja kollha, il-qima lejn San Ġużepp, l-Għarus ta' Marija Verġni, Kap tas-Sagra Familja u Patrun tal-Knisja Universali.

Fuq l-eżempju tal-Verġni Mbierka, u tal-Għarus kastissimu tagħha San Ġużepp, u bil-qawwa tat-talb tagħhom għalina, jalla, aħna, ulied id-djoċesi t'Għawdex, dejjem u kullimkien nieħdu bl-ikbar serjetà l-impenji tagħna bħala nsara, biex nidhru quddiem il-bnedmin l-oħra u nkunu tabilħaqq xhieda ta' Kristu, Feddej tagħna.

8. ĊENTENARJU TAD-DUMNIKANI
(25 - 09 - 1989)

Il-Familja tas-Sorijiet Dumnikani qiegħda tiċċelebra bil-ferħ u b'sentimenti ta' radd il-ħajr lil Alla, l-ewwel ċentinarju tat-twelid tagħha. Infatti, din il-kongregazzjoni tas-sorijiet twaqqfet fi ġziritna fl-1889 bit-tħabrik u l-ġenerożità tax-xebbiet twajba Fortunata Spiteri u Karolina Cauchi. Iktar tard din il-kommunità ġiet approvata mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġwanni Marija Camilleri O.S.A., fit-2 ta' Awissu, 1893.

Matul dawn il-mitt sena li għaddew, il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Dumnikani fetħet djar tagħha mhux biss fil-gżira ta' Malta, iżda wkoll fl-Awstralja, fl-Istati Uniti, fil-Pakistan, fl-Ingilterra u fl-Italja.

Barra mit-tagħlim lit-tfal, is-Sorijiet Dumnikani jwettqu ħidma t'għajnuna lill-morda u lix-xjuħ bħala infermieri u jagħtu servizzi oħra ta' assistenza fid-djar tat-tfal. Fuq l-eżempju tal-missier spiritwali tagħhom San Duminku ta' Guzman, huma jagħtu importanza kbira lit-talb, anke talb ta' kontemplazzjoni u jagħmlu ħilithom biex ixerrdu l-qima lejn il-Verġni Omm Alla, speċjalment bir-Rużarju Mqaddes.

Permezz tal-ħidma ta' dawn is-sorijiet Dumnikani matul dawn il-mitt sena, il-Mulej qassam grazzji kotrana kemm lin-nies tad-djoċesi tagħna kif ukoll lin-nies ta' pajjiżi oħra fejn dawn is-sorijiet huma preżenti. Jixraq għalhekk li nroddu ħajr lil Alla ta' dan il-ġid spiritwali kollu.

Mistednin ukoll biex nieħdu sehem flimkien mas-sorijiet fil-Pellegrinaġġ Djoċesan li se jkun hemm nhar is-Sibt, 7 ta' Ottubru, filgħaxija, mis-Santwarju ta' Pompej, ir-Rabat, għall-Knisja Katidrali, fejn issir Konċelebrazzjoni Pontifikali.

Nieħu din l-okkażjoni biex infakkarkom li fi ftit ġranet oħra jibda x-xahar ta' Ottubru, u biex inħeġġiġkom ħalli matul dan ix-xahar fil-knejjes u fid-djar tagħkom tagħtu qima ta' kuljum lill-Imqaddsa Verġni Marija bit-talba għażiża tar-Rużarju Mqaddes.

Bl-interċessjoni ta' l-Omm tagħna Marija Santissima, il-Mulej isawwab fikom il-grazzja u l-paċi tiegħu.

9. TALB GĦALL-PAĊI
(26 - 11 - 1989)

Peress li l-laqgħa ta' Malta li għandha ssir fl-ewwel jiem ta' Diċembru, bejn il-presidenti taż-żewġ superpotenzi huwa ttamat li jkollha influss kbir fuq il-paċi fid-dinja, tinħass il-ħtieġa li kemm privatament kif ukoll fil-knejjes tagħna nitolbu lil Alla biex it-tamiet tal-popli rigward il-paċi ma jisfawx fix-xejn. Għalhekk fil-knejjes parrokkjali u f'dawk tar-reliġjużi għandu jsir dan li ġej:

(1) Fit-talba tal-fidili tal-quddies, mil-lum sat-3 ta' Diċembru, tingħad din l-invokazzjoni:

"Ejja Mulej Ġesu', agħti d-don ta' l-għerf lill-mexxejja li ser/qed jiltaqgħu bejniethom, biex jaħdmu għall-ġid u għall-paċi ta' kulħadd fid-dinja."

(2) Nhar is-Sibt, 2 ta' Diċembru, issir għall-inqas f'quddiesa waħda, il-liturġija tal-Verġni Marija Sultana tal-Paċi (Missal Marjan, p.145).

(3) Fil-ġranet l-oħra ta' qabel, fejn hu possibbli, għall-inqas darba kuljum, issir il-quddiesa tal-Paċi (Sagramentarju Malti p. 905).

(4) Fil-ġranet 1,2,3 ta' Diċembru, jiġifieri l-Ġimgħa, is-Sibt, u l-Ħadd, isir talb għall-intenzjoni msemmija, qabel il-benedizzjoni Ewkaristika.

10. ID-DAQQ TAL-QNIEPEN (21 - 12 - 1989)

Jingħad li l-użu tal-qniepen li jinżammu fil-kampnari tal-knejjes ġie mdaħħal madwar is-sena 400, minn San Pawlinu, Isqof ta' Nola, fl-Italja.

Il-qniepen jiġu mberkin mill-isqof jew saċerdot delegat minnu b'rit reliġjuż. Jintużaw sabiex ifakkru lill-Insara f'Alla u fid-dmirijiet li għandhom lejH. Bid-daqq tal-qniepen jitħabbru l-jiem ta' festi solenni li jkun hemm matul is-sena.

Bit-tokki jew b'xi sinjal ieħor magħmul mill-qanpiena, l-insara jiġu mfakkrin li wasal il-ħin għall-funzjonijiet sagri, fuq kollox għall-quddiesa. Il-qniepen idoqqu wkoll fl-agunija, fil-mewt u fil-funerali ta' l-insara. In-nies ta' ġiritna jifhmu dan il-lingwaġġ tal-qniepen tal-knisja u jqisuh bħala stedina biex jieħdu sehem fl-atti ta' qima lill-Mulej.

Id-daqq tal-qniepen huwa wkoll waħda mill-karatteristiċi ta' pajjiżna u meta jkun magħmul bil-moderazzjoni mhux talli ma jdejjaqx iżda għandu jagħti gost lil min jisimgħu. Fiċ-ċirkulari 8/67 kont tajt xi direttivi dwar id-daqq tal-qniepen: dawn issa għandhom jiġu riveduti kif jingħad hawnhekk:

1. Madwar tnax-il tokk qabel is-sebħ, fit-8.00 a.m., u f'12.00 p.m., fl-Ave Maria u f'Ta' l-Imwiet.

2. Madwar tnax-il tokk bil-qniepen tal-quddies biex tħabbar il-quddiesa ta' l-orarju, ferjali u tal-Ħdud, kif ukoll fejn hemm użanza, qabel id-duttrina tat-tfal.

3. Tindaqq mota żgħira waqt il-barka Sagramentali u xi tokki qabel il-funzjoni ta' filgħaxija.

4. Il-Ħamis, wara l-Benedizzjoni Sagramentali, mota ta' mhux aktar minn ħames minuti, biex isir talb għas-saċerdoti.

5. Nhar ta' Ġimgħa, fit-3.00 p.m. għal ftit ħin, bil-qniepen isir it-tħabbir tal-mewt ta' Kristu.

6. Bil-qniepen tista' ssir it-tħabbira tal-mewt ta' xi nisrani, anke jekk ma jkunx mill-parroċċa, kif ukoll it-tislima waqt it-trasport tal-katavru għall-knisja fejn isirlu l-funeral.

7. B'eċċezzjoni għall-Milied, l-Għid u nhar il-festi titulari, għandu jiġi ridott kważi għal kollox id-daqq ta' moti bil-qniepen matul il-lejl, jiġifieri minn ftit wara ta' l-Imwiet sas-sebħ.

8. Meta jkun hemm xi solennità liturġika jew festi oħra li fihom skond il-kalendarju Djoċesan jindaqqu xi moti f'nofs in-nhar u qabel il-funzjonijiet, tindaqq mota waħda ta' mhux aktar minn kwarta, b'eċċezzjoni għall-Milied u għall-Għid.

9. Fil-ġranet tal-Kwaranturi u fil-festi titulari, kif ukoll meta ssir il-festa esterna, jindaqqu l-moti tas-soltu iżda għandu jkun hemm moderazzjoni.

10. Mingħajr il-permess ta' l-Ordinarju, m'għandux ikun hemm 'loudspeakers' għall-estern tal-Knisja li bihom jixxandru xi moti jew daqq tal-qniepen. Meta jkun meħtieġ dan il-permess jingħata bil-miktub għal żmien determinat u jinkludi wkoll il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu mħarsa.

11. F'okkażjonijiet oħra, id-daqq tal-qniepen isir skond ma jordna l-Ordinarju tal-post.

11. IS-SENA INTERNAZZJONALI TAL-KITBA
(15 - 01 - 1990)

Sar magħruf li b'deċiżjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda, is-sena 1990 intgħażlet biex tkun "The International Literacy Year", jew kif ġiet imsejħa f'pajjiżna s-sena internazzjonali tal-kitba. It-twettiq ta' dan il-programm ġie afdat lill-U.N.E.S.C.O. Dan ifisser li matul ix-xhur li ġejjin, se jsiru sforzi sabiex jiġu mirbuħa l-analfabetiżmu u l-injoranza, u huwa mistenni li attivitajiet ta' din l-għamla jsiru f'pajjiżna wkoll. Fuq kollox huwa ttamat li titqajjem kuxjenza dwar il-gravità u l-konsegwenzi negattivi li jiġu minnuqqas ta' tagħlim.

Il-Knisja hija favur it-tagħlim xieraq u l-veru progress ta' l-umanità u għalhekk tapprova dawk l-inizjattivi li jsiru biex jintlaħqu dawn l-għanjiet u tagħmel ħilitha wkoll biex tikkopera magħhom. F'dan il-kuntest xieraq li nerġa' nfakkar dak li għidt rigward dan is-suġġett f'ittra Pastorali tiegħi tat-22 ta' Frar, 1976:

"Għamla oħra ta' miżerja umana hija l-injoranza u l-analfabetiżmu. Il-bniedem m'għandux jitqies bħala magna li tipproduċi oġġett utli jew li tagħti servizz lis-soċjetà".

Il-bniedem sabiex jista' jżomm id-dekor tiegħu bħala persuna umana, għandha tingħatalu kull għajnuna ħalli jkun jista' jikkoltiva l-intelliġenza tiegħu u jeduka lilu nnifsu.

Dan ma jfissirx biss li wieħed jitgħallem jikteb u jaqra bl-ilsien tiegħu, iżda jfisser ukoll li jkollu aċċess għal dawk il-mezzi tal-kultura biex ikun jista' jinqeda bihom skond il-kapaċitajiet intelletwali tiegħu skond kif tirrekjedi s-soċjetà tal-lum.

L-analfabetiżmu, għalhekk, huwa offiża kontinwa kontra d-dinjità tal-bniedem, għaliex iżommu 'l bogħod minn dak il-livell ta' istruzzjoni u edukazzjoni li għandu dritt għalih kull min hu ċivilizzat.

Jekk imbagħad inħarsu lejn l-analfabetiżmu mill-lenti reliġjuż, naraw fih tfixkil kbir għar-reliġjon, għaliex min ikun fid-dlam ta' l-injoranza, mhux lakemm jaċċetta l-fidi u l-valuri nsara; jbati wisq biex jifhem il-messaġġ tal-Kristjaneżmu; ftit iħoss il-ħtieġa ta' affarijiet spiritwali; u jkun espost kontinwament għall-materjaliżmu prattiku għax ħafna drabi jikkuntenta ruħu biss bl-ikel u t-tpaxxija tal-ġisem.

Kif jgħidilna l-Appostlu San Ġuda, "dawn innies iżebilħu saħansitra dawk il-ħwejjeġ li ma jifhmux

fihom, u dak kollu li jafuh min-natura bħall-bhejjem bla dehen jiswielhom għat-telfien" (Ġuda I, 10).

Kif jgħallimna l-Konċilju, "għandu jiġi provdut għal kulħadd qies biżżejjed tal-ġid tal-kultura, l-aktar ta' dak il-ġid li jifforma l-kultura msejħa fundamentali, biex għadd l-aktar kbir ta' bnedmin, minħabba li ma jafux jaqraw jew għax ma għandhom l-ebda attività responsabbli, ma jiġux miżmuma milli jagħtu sehem hom ta' bnedmin, għall-ġid ta' kulħadd (Gaudium et Spes, n.60).

12. JUM IL-ĦAJJA

Fl-4 ta' Frar, l-ewwel Ħadd tax-xahar, se jinżamm fid-Djoċesi tagħna "Jum il-Ħajja", kif ilu jsir f'ħafna djoċesijiet oħra tad-dinja.

L-aktar ħaġa għażiża li għandna hija l-ħajja, don t'Alla li ebda bniedem m'għandu jedd li jeqred jew jhedded. Il-ħajja umana, għaliex ġejja minn Alla, li hu waħdu s-Sid tagħha, hija sagra u għandha tiġi mħarsa mill-bidu sat-tmiem, jiġifieri mit-tnissil tagħha sal-mewt naturali. Dan huwa l-kontenut tal-ħames kmandament "La toqtolx".

Fl-okkażjoni ta' Jum il-Ħajja, sabiex nissensibilizzaw lilna nfusna u lill-oħrajn dwar id-dmirijiet li għandna f'dan il-qasam, jixraq li nimmeditaw il-kelmiet kollhom dehen u għaqal li qalilna l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-eżortazzjoni Apostolika "Familiaris Consortio",

par. 30: "Il-Knisja temmen bil-qawwa kollha li l-ħajja tal-bniedem, ukoll jekk dgħajfa u batuta, hija dejjem don mill-isbaħ tat-tjubija t'Alla. Kontra l-pessimiżmu u l-egoiżmu li qegħdin idallmu d-dinja, il-Knisja hija favur il-ħajja. Hija msejħa biex mill-ġdid ixxandar lil kulħadd b'konvinzjoni aktar ċara u aktar qawwija r-rieda tagħha li ġġib 'il quddiem b'kull mezz u tħares kontra kull theddid il-ħajja tal-bniedem, hi x'inhi l-qagħda tiegħu, hu x'inhu l-mument ta' l-iżvilupp tiegħu".

Huwa fatt magħruf minn kulħadd, però, illi fi żminijietna, il-ħajja tal-bniedem hija mhedda minn ħafna għedewwa u perikli. Il-Konċilju Vatikan II isemmilna xi wħud minnhom meta jgħidilna: "Dak kollu li hu kontra l-istess ħajja, bħal kull xorta ta' qtil ta' bnedmin, il-ġenoċidju, l-abort, l-ewtanasja u l-istess suwiċidju volontarju... Dawn il-ħwejjeġ kollha u oħrajn bħalhom huma tassew infami u filwaqt li jtebbgħu ċ-ċiviltà tal-bniedem, jagħmlu għajb lil dawk li jagħmluhom aktar milli lil dawk li jsofru l-inġurja u joffendu wisq l-unur ta' Alla li ħalaq kollox" (Gaudium et Spes, 27).

Fuq kull wieħed minn dawn l-għemejjel ta' qerda nistgħu nitkellmu fit-tul. Iżda għal din id-darba xtaqt insemmi l-aktar l-għemil ta' vjolenza li xi drabi jasal saħansitra biex iċaħħad lil xi persuni mill-jedd tagħhom għall-ħajja. Hemm delitti fil-beraħ u oħrajn moħbija li s-soċjetà permissiva tagħna xi drabi tittollerahom jekk mhux ukoll tiskużahom u tiġġustifikahom. Il-vjolenza, ankè meta ssir bi tpattija għal xi vjolenza oħra li wieħed ikun irċieva, hija dejjem għemil ħażin li jmur kontra t-tagħlim ta' Kristu li għallimna naħfru lill-għedewwa tagħna.

Hija parti mill-formazzjoni nisranija li tingħata lit-tfal fil-familja u fl-iskejjel illi ntambru fuq in-nobbiltà tal-maħfra u tal-mogħdrija waqt li nikkundannaw bla tlaqliq kull għamla ta' vjolenza li timplika dejjem il-ksur tad-drittijiet ta' min iġarrabha.

Nixtieq nagħlaq bit-twissija li tana l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Ittra Apostolika tiegħu fl-okkażżjoni tal-ħamsin sena mill-bidu tal-Gwerra Mondjali (27.8.1989): "B'xorti ħażina jkollna nammettu li l-edukazzjoni rigward id-dinjità tal-persuna maħluqa xbiha t'Alla ma tikseb ebda vantaġġ mix-xandir tal-vjolenza u tal-ħama illi ħafna drabi tiġi miżrugħa mill-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali. Il-kuxjenzi taż-żgħażagħ li jkunu għadhom fi proċess ta' formazzjoni jitħawdu bi ħwejjeġ bħal dawn u jiċċajpar ukoll is-sens morali tal-kbar".

13. IR-RABA' KUNGRESS PASTORALI DJOĊESAN
(16 - 04 - 1990)

Waħda mill-problemi pastorali li trid tħabbat wiċċha magħhom il-Knisja fiż-żminijiet tal-lum u kważi f'kull pajjiż, hija żgur dik tal-Mass Media u b'mod speċjali dik tat-televiżjoni u tal-videos. Minnhom infushom il-mass media jistgħu jkunu għodda ta' informazzjoni u tagħlim. Jistgħu jgħinu lil dawk li jużawhom biex irawmu fihom sens estetiku u bil-mod il-mod jedukawhom ħalli japprezzaw u jiggustaw is-sbuħija

artistika, bħalma huma l-mużikà u l-poeżija. Fi ftit kliem dawn il-media, jekk ikunu użati kif imiss, għandhom jgħollu l-livell ta' l-edukazzjoni u ta' l-imġieba tas-semmiegħa u mhux ibaxxuh.

Iżda, fil-fatt, ħafna drabi dan il-potenzjal u dawn l-għanijiet ma humiex jintlaħqu, għal ħafna raġunijiet. L-ewwelnett għaliex dawk li jipprovdu dawn il-media jħarsu l-aktar lejn l-interessi kummerċjali tagħhom u jfittxu dejjem dak li jħalli l-akbar qligħ. It-tieni, is-semmiegħa ta' spiss jitqarrqu fl-għażliet tagħhom u jippreferu dak li huwa oġġezzjonabbli u ta' valur skars.

Kif jaf kulħadd, bħala konsegwenza ta' dan, ta' sikwit jiġri li l-mass media, flok ma jirrispettaw il-bniedem li jużahom, bħala persuna bid-dinjità u bid-drittijiet tagħha, iħarsu lejh biss bħala konsumatur u joffrulu dak li jissodisfa l-istinti baxxi tiegħu.

Ħafna drabi, jiġglorifikaw il-vjolenza, is-sesswalità bla rażan u kull xorta ta' mġieba mmorali oħra. Ma hijiex rari l-manipolazzjoni ta' dawk li jużaw il-mass media - u b'mod partikulari t-televiżjoni u films - għax isiru qishom ipnotizzati u ma jibqgħux kapaċi jagħżlu bejn il-fatti reali u l-invenzjonijiet tal-fantasija bejn dak li huwa veru u dak li huwa falz. Bil-mod il-mod jitilfu l-kapaċità li jirraġunaw b'moħħhom u b'mod indipendenti kif ukoll li jieħdu deċiżjoni morali tabilħaqq ħielsa minn kull tfixkil u kundizzjonament.

Xi whud jemmnu bis-sħiħ il-messaġġ tat-televiżjoni u tal-mezzi l-oħra tal-komunikazzjoni u jfasslu fuqhom l-imġieba tagħhom, hekk li dawn saru għalihom

qisha reliġjon ġdida. Anke l-ġudizzju tal-kuxjenza tagħhom huwa ispirat minn dak li jaraw u jisimgħu fuq il-mass media, u mhux imdawwal bil-valuri tal-Vanġelu, iżda huwa ġudizzju mqarraq.

Il-Knisja Mqaddsa tgħallem lil uliedha li huma għandhom id-dmir li jevitaw dak kollu li jista' jkun ta' ħsara għall-fidi u għall-morali tagħhom. Dawk li jirċievu l-komunikazzjoni "għandhom jaħarbu dak kollu li jista' jkun jew fil-fatt huwa għalihom kawża jew okkażjoni ta' ħsara tar-ruħ, jew jista', bl-eżempju ħażin, iwaqqa' lil ħaddieħor fil-periklu" (Inter Mirifica, 9).

L-insara għandhom iħabirku wkoll sabiex titjieb il-kwalità ta' programmi tat-televiżjoni u l-għamliet l-oħra tal-mass media. "Huwa dmir, l-iżjed tal-lajċi li jagħtu ħajja bi spirtu uman u nisrani lil dawn l-istrumenti biex iwieġbu bis-sħiħ għall-mistennija kbira ta' l-umanità u għall-pjan ta' Alla" (Inter Mirifica, 3).

Barra minn hekk, il-mass media jistgħu u għandhom iservu ta' għodda siewja għall-apostolat. Difatti fl-Ittra Apostolika tal-Papa Pawlu VI "Evangelii Nuntiandi", n.45, naqraw: "Meta dawn (il-mezzi) inqegħduhom għas-servizz ta' l-Evanġelju, isiru kapaċi li jkattru, tista' tgħid bla tarf, il-medda fejn tista' tinstema' l-kelma t'Alla; jagħmluha ħaġa possibli li l-Aħbar it-Tajba tilħaq miljuni ta' nies. Il-Knisja tkun ħatja quddiem il-Mulej jekk ma tagħmilx użu minn dawn il-mezzi qawwija li bil-ħila tal-bniedem qegħdin isiru dejjem iktar perfetti. Permezz tagħhom tista' xxandar "minn fuq il-bjut" il-messaġġ afdat f'idejha".

Bir-raġun, għalhekk, li bħala suġġett tar-Raba' Kungress Pastorali Djoċesan ġie magħżul dan: "Il-Mass Media u l-Ħajja Nisranija". Hu ttamat li fil-laqgħat tal-kungress isiru studji u riflessjoni dwar il-problemi konnessi mal-mass media u jittieħdu riżoluzzjonijiet li jisfaw ta' ġid spiritwali għall-kommunità nisranija.

Il-Kungress jibda nhar it-Tnejn, 30 ta' April, u jagħlaq nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Mejju. Barra mill-kappillani u s-saċerdoti kollha, huma mistiedna wkoll għal dan il-Kungress, rappreżentanza minn kull dar tar-Reliġjużi rġiel u nisa, il-membri tal-Kummissjonijiet Djoċesani, il-membri tal-Kunsill Parrokjali, Diriġenti ta' l-Għaqdiet Kattoliċi, u lajċi oħra li jixtiequ jattendu.

Fl-aħħarnett nirrikmanda li jsir talb fil-parroċċi u fil-knejjes l-oħra għas-suċċess ta' dan il-Kungress Pastorali.

14. TALB F'MEJJU GĦAŻ-ŻJARA TAL-PAPA

Reġa' wasal ix-xahar ta' Mejju li jfakkarna fl-Omm tagħna tas-Sema, l-Imqaddsa Verġni Marija. Difatti, fil-pajjiżi Kattoliċi hemm id-drawwa sabiħa li f'dan ix-xahar tingħata qima lil Sidtna Marija billi fil-knejjes, fid-djar, fl-iskejjel, fl-isptarijiet u f'postijiet oħra tiġi esposta x-xbieha tagħha, imżejna bil-fjuri u bix-xema' tixgħel madwarha sabiex quddiemha t-tfal u l-kbar jingħabru jitolbuha u jkantaw it-tifħir tagħha. Inħoss li għandna nagħmlu ħilitna sabiex din id-drawwa qaddisa

tibqa' dejjem ħajja fid-Djoċesi tagħna. Fuq kollox nirrikmanda li matul Mejju, kemm fil-knejjes kif ukoll fil-familja u fi gruppi oħra, tingħad ta' kuljum it-talba sabiħa tar-Rużarju.

Is-sena li aħna fiha, ix-xahar ta' Mejju għandu tifsira speċjali għalina l-Maltin u l-Għawdxin għax qegħdin nistennew bil-ħerqa li fih titwettaq iż-żjara pastorali tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Għalhekk nissuġġerixxu li fit-talb li jsir fix-xahar ta' Mejju bl-interċessjoni tal-Madonna, niftakru wkoll f'din l-intenzjoni, ċioè nitolbu sabiex iż-żjara tal-Papa tirnexxi u tħalli f'pajjiżna l-frott mixtieq.

15. DIRETTIVI DWAR IŻ-ŻJARA TAL-PAPA (17 - 05 - 1990)

Din iċ-ċirkulari qiegħda tintbagħat bil-ħsieb li tgħarrfek x'għandu jsir u ma jsirx in konnessjoni maż-żjara tal-Papa, kif ukoll sabiex fid-diskrezzjoni tiegħek, xi tagħrif minnha, skond ma hu meħtieġ, jingħata lill-insara, iżda m'hemmx għalfejn tinqara fil-knisja.

I Il-Quddies fil-Knejjes

1. Barra mill-każ tal-quddies tat-tiġijiet li diġà kienu bbukjati m'għandux ikun hemm ċelebrazzjoni ta' quddies fil-knejjes għall-pubbliku, nhar is-Sibt, 26 ta' Mejju, bejn is-7.30 a.m. u l-5.30 p.m.

2. L-insara għandhom jiġu informati bit-tibdil fl-orarju tal-quddies li jkun meħtieġ li jsir kemm is-Sibt 26 ta' Mejju, kif imfisser fuq, kif ukoll il-Ħadd 27 tax-xahar, fid-diskrezzjoni tal-kappillan.

II Dekorazzjoni esterna - minn nhar il-Ħadd 20 ta' Mejju

a. *Knejjes Parrokkjali*

Ikun hemm erba' antarjoli bil-bnadar Maltin u tal-Papa ħdejn il-bieb maġġur tal-Knisja Parrokkjali.

Fuq il-bjut tal-knejjes parrokkjali jittajru l-bnadar bħal nhar il-festa tal-Patrun/a tal-parroċċa, fejn issoltu jsir hekk.

b. *Il-Knejjes l-oħra*

Jittajru l-bnadar fuq il-bjut tal-knejjes l-oħra fejn isir hekk fil-festa titulari.

ċ. *Djar tal-Knisja*

Il-faċċati taċ-ċentri parrokkjali, Istituzzjonijiet, Djar ta' l-Għaqdiet, jiġu dekorati b'mod xieraq li jindika ferħ, rispett u rabta mal-Vigarju ta' Kristu.

d. Jixraq li fuq il-bjut tad-djar jittellgħu l-bnadar bħal fl-okkażżjoni ta' festa u jiddendel poster bl-immaġni tal-Papa mal-gallerija.

Il-ħwienet jiġu mistednin iwaħħlu poster bl-immaġni tal-Papa u kliem ta' merħba.

III Dwal

Il-Knejjes Parrokkjali u filjali u tar-Reliġjużi jixgħelu possibilment il-faċċata u l-koppla nhar il-Ħadd 20 u nhar il-Ħamis, Ġimgħa, Sibt u Ħadd, 24, 25, 26 u 27 ta' Mejju. Nhar it-Tnejn, Tlieta u Erbgħa, 21, 22 u 23 jinxtegħel il-frontispizju u s-salib.

Id-Djar tal-Knisja, il-każini u d-djar privati jiġu inkoraġġiti jixgħelu bejn nhar il-Ħamis u nhar il-Ħadd 24-27 ta' Mejju 1990.

Nhar is-Sibt, 26 ta' Mejju, issir fjakkolata fuq il-bjut taċ-ċentri parrokkjali.

IV Qniepen

Nhar il-Ħamis 24, fil-għaxija, (possibilment bejn is-7.45 u t-8.00 p.m.) kull knisja ddoqq mota ta' kwarta biex tħabbar il-miġja tal-Papa. Nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Mejju, fl-4.00 p.m., kull knisja ssellem lill-Papa mal-wasla tiegħu fl-ajruport ta' Ħal Luqa b'mota ta' kwarta.

Jindaqqu moti ta' kwarta fit-8.00 a.m., f'nofs inhar u fit-8.00 p.m. nhar il-Ġimgħa, Sibt u Ħadd, 25, 26 u 27.

Nhar is-Sibt 26 ta' Mejju jindaqqu l-qniepen mal-wasla tal-Papa f'Għawdex, għall-ħabta tad-9.30 a.m. u f'ħin it-tluq madwar l-erbgħa u nofs.

16. PELLEGRINAĠĠ TA' RADD IL-ĦAJR
(02 - 06 - 1990)

Issa li ntemmet b'wiċċ il-ġid iż-Żjara Pastorali tal-Papa Ġwanni Pawlu II fid-Djoċesi tagħna, inħoss li f'ismi u f'isem il-poplu t'Alla ta' din il-gżira, inrodd ħajr lil dawk kollha li bit-talb, bil-ħidma, bil-pariri, bil-kontribuzzjonijiet tagħhom u b'modi oħra kienu ta' għajnuna fit-twettiq ta' din iż-żjara. Iżda fuq kollox huwa meħtieġ li nroddu ħajr lill-Mulej għal din il-grazzja li tana u nitolbuh ikompli jgħinna ħalli niksbu l-frott spiritwali mistenni bħala effett ta' din il-ġrajja.

Bħala ringrazzjament lil Alla għaż-żjara tal-Papa nhar il-Erbgħa, 6 ta' Ġunju, fil-5.30 p.m. ser immexxi pellegrinaġġ Djoċesan u konċelebrazzjoni fis-Santwarju Ta' Pinu. Kulħadd huwa mistieden jieħu sehem f'din l-attività reliġjuża.

17. XOGĦOL GĦAT-TFAL U INDEĊENZA FL-ILBIES
(26 - 07 - 1990)

F'Diċembru li għadda, ġie approvat fi Strasbourg minn diversi mexxejja tan-nazzjonijiet Ewropej "Iċ-Charter Kommunitarja tad-drittijiet soċjali fundamentali tal-ħaddiema" li huwa bla dubju dokument li jistħoqqlu attenzjoni u studju fil-fond. Però, għal-lum, xtaqt insemmi biss waħda mit-temi ta' dan iċ-charter, jiġifieri l-protezzjoni tat-tfal u ta' l-adoloxxenti fejn jingħad, li "l-

età minima biex wieħed jiġi impjegat fix-xogħol, ma tistax tkun inqas mill-età li fiha tispiċċa l-iskola obbligatorja, jiġifieri sittax-il sena. Iż-żgħażagħ kollha fuq is-sittax-il sena, li huma impjegati li għandhom jirċievu rimunerazzjoni ġusta u li, għall-inqas għal sentejn, tingħatalhom formazzjoni komplementarja fissengħa tagħhom".

Ħafna qegħdin josservaw li dawn il-prinċipji mhux dejjem jiġu rispettati f'pajjiżna. Anzi speċjalment fl-istaġun tas-sajf, xi ġenituri qegħdin jibagħtu lil uliedhom jaħdmu, xi drabi wkoll bil-lejl, u f'ambjenti li ma jagħtu ebda garanzija li jipproteġuhom mill-ħażen. Dan ifisser li ċerti ġenituri m'humiex igħinu lil uliedhom kif imiss biex jiksbu l-veru ġid tagħhom. Ifisser ukoll li l-jeddijiet tat-tfal mhux qed jiġu mħarsin kif jixirqilhom.

Dwar ix-xogħol tat-tfal, ilha li tkellmet il-Knisja Kattolika, permezz ta' l-enċiklika "Rerum Novarum" tal-Papa Ljuni XIII li s-sena li ġejja jaħbat l-ewwel ċentinarju tagħha. *"Rigward it-tfal - igħidilna l-Papa - wieħed irid joqgħod attent ħafna li ma jingħatalhomx ix-xogħol qabel ma l-età tkun żviluppat biżżejjed is-setgħat tagħhom fiżiċi, intelletwali u morali. Is-setgħat li jibdew jidhru fit-tfulija huma bħala fjur qed jiftaħ, li tiġrilhom il-ħsara bit-taħbit qabel il-waqt, u allura ssir impossibli l-istess edukazzjoni tat-tfal"*, (n.26).

Barra minn hekk, nixtieq nirrepeti għal darb'oħra li t-tfal għandhom id-dritt għar-rikreazzjoni u għall-mistrieħ. Huwa fatt magħruf li fi gżiritna fejn il-baħar huwa daqshekk fil-qrib, ir-rikreazzjoni l-iktar popolari fost it-tfal u li tiswa ħafna għal saħħithom hija dik li

jmorru jgħumu u jqattgħu xi ħin tagħhom ħdejn il-baħar. Ċerti ġenituri, li huma tabilħaqq iddedikati għal uliedhom - u bħal dawn għall-grazzja t'Alla għandna ħafna - jagħmlu kull sagrifiċċju biex ma jċaħħdux lil uliedhom minn dan id-divertiment sân.

Iżda bosta huma mħassbin u mħassbin serjament għaliex f'diversi xtajtiet tagħna qed ikun hemm xeni ta' għera u ta' permissività li żgur huma ta' skandlu għal kulħadd u speċjalment għat-tfal. Fadal ftit postijiet fejn tista' tmur b'uliedek u tista' tibqa' moħħok mistrieħ li m'hu ser jiġri xejn li jtellef l-innoċenza tagħhom. Dan it-tħassib għandu jinkwieta mhux biss il-ġenituri, iżda wkoll l-edukaturi u lil dawk li għandhom responsabbilità ta' l-erwieħ.

Għal darb'oħra, għalhekk nixtieq ngħolli leħni biex niddeplora l-indiċenza pubblika. Intenni t-twissija mogħtija fiċ-ċirkulari tiegħi tat-12 t'Awissu, 1995: "Il-kampanja tad-diċenza, mhix xi kapriċċ ta' nies fanatiċi jew intolleranti, iżda hija bbażata fuq il-jedd li nesiġu l-oħrajn, huma min huma, ma joffendux is-sentimenti morali u reliġjużi tagħna, bl-ilbies mhux xieraq tagħhom".

Pajjiżna għandna nżommuh nadif mhux biss materjalment, iżda wkoll moralment. Kulħadd għandu jikkopera għal dan il-għan. Huwa dritt tat-tfal li fejn ikunu għad-divertiment u għal attivitajiet oħra jiltaqgħu ma' nies lebsin deċenti u jkollhom dejjem eżempji tajba.

18. IL-VIŻTA PASTORALI (12-11-90)

Il-Konċilju Vatikan it-Tieni, fid-Digriet "Christus Dominus" li f'Ottubru għalaq ħamsa u għoxrin sena mill-pubblikazzjoni tiegħu, jgħidilna li l-isqfijiet, "Sabiex ikunu jistgħu jaħsbu aħjar għall-ġid ta' l-insara, skond il-ħtiġijiet ta' kull wieħed, iħabirku sabiex jagħrfu fil-fond il-ħtiġijiet tagħhom u l-kundizzjonijiet soċjali li jgħixu fihom, u għaldaqstant jagħmlu użu tal-mezzi kollha f'waqthom", (nru. 16).

It-Tradizzjoni tal-Knisja u l-esperjenza pastorali jgħallmuna li bla dubju ta' xejn wieħed minn dawn il-mezzi hija l-Viżta Pastorali. Għal din ir-raġuni, il-Kodiċi tal-Liġi Kanonika, fil-kanoni 396 par. 1, jgħid li l-isqof għandu l-obbligu li għall-inqas kull ħames snin iżur id-djoċesi tiegħu kollha kemm hi.

Fil-Pjan Pastorali (nru. 1.9), jingħad li l-Viżta Pastorali hija okkażjoni tajba biex fiha ssir il-verifika dwar it-twettiq tiegħu. Meta jżur il-parroċċa, l-Isqof ikun jista' josserva iktar mill-qrib il-ħidmiet pastorali li jwettqu fiha. Matul il-Viżta Pastorali huwa jkollu laqgħat personali mal-membri tal-kleru u ma' l-insara l-oħra, u hekk ikun jista' jħeġġiġhom dejjem iktar fil-ħajja tal-qdusija u fl-apostolat.

Għalhekk nixtieq ninfurmakom li nhar l-ewwel Ħadd ta' l-Avvent, 2 ta' Diċembru, 1990, bil-għajnuna t'Alla, fi ħsiebni nibda l-Ħames Viżta Pastorali li tiftaħ

fil-Knisja Katidrali u wara titkompla fil-parroċċi u fil-knejjes l-oħra tad-djoċesi.

Meħtieġ, iżda, li kemm fil-pubbliku, kif ukoll fil-privat, isir talb lill-Mulej sabiex il-Viżta Pastorali tħalli l-frott li qegħdin nistennew minnha. Filwaqt li nqiegħdu din il-ħidma pastorali taħt il-ħarsien setagħni ta' l-Imqaddsa Verġni Marija, nistieden minn issa lil kull-ħadd biex jitlob għall-għan li semmejna u nirrikmanda li jiġu mħarsa d-direttivi kollha konnessi mal-Viżta Pastorali; kemm dawk li hemm fis-Sinodu, digriet n.20, kif ukoll dawk li eventwalment jingħataw iktar 'il quddiem.

19. IL-VOLONTARJAT NISRANI (24 - 11 - 1990)

Wieħed mis-sinjali sbieħ ta' żminijietna u li huwa xhieda tal-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fl-erwieħ u fil-Knisja, huwa żgur il-volontarjat. Huwa t-tweġiba li bnedmin ġenerużi jagħtu għall-problemi li jaraw madwarhom, għall-fenomenu ta' l-emarġinazzjoni u għal sitwazzjonijiet imwiegħra li jkun jinsab fihom il-proxxmu tagħhom, billi jmiddu idejhom u jaraw x'jistgħu jagħmlu biex jgħinu lil min jeħtieg l-għajnuna tagħhom. Il-volontarjat jista' jkollu ħafna għamliet u iktar minn espressjoni waħda, iżda dejjem min jagħmlu huwa mqanqal minn mottivi nobbli u mhux mill-għan li jikseb qliegħ jew xi vantaġġ materjali ieħor.

Fost id-diversi għamliet ta' volontarjat nistgħu nsemmu bħala eżempju l-għajnuna li tingħata lix-xjuħ u lill-morda minn gruppi ta' volontarji, bla ma neskludu x-xogħol tal-katekisti u dak li jagħtu dawk li jieħdu sehem fis-servizzi liturġiċi.

Iżda l-ħsieb tiegħi huwa qabel xejn dak li nsemmi, infaħħar u nirrikmanda l-volontarjat Nisrani. Dan mhux ispirat unikament minn filantropija jew mogħdrija għall-oħrajn, iżda huwa ispirat ukoll mit-tagħlim tal-Vanġelu u minn fidi qawwija f'Ġesù Kristu u fit-tagħlim tiegħu.

Il-Voluntieri Nsara, waqt li lesti li f'kull ħidma siewja jikkollaboraw ma' kulħadd, ankè ma' nies li m'għandhomx l-istess twemmin tagħhom, iżda jiftakru dejjem bħala ispirazzjoni għalihom fil-kelmiet tal-Mulej: "U kull min jagħti imqar tazza ilma friska lil xi ħadd minn dawn l-iżgħar għax hu dixxiplu, tassew ngħidilkom, li ma jitlifx il-ħlas tiegħu", (Mattew 10:42). "Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni", (Mattew 25:35).

Nhar l-Erbgħa, 5 ta' Diċembru, jiġi ċċelebrat fuq skala mondjali l-Jum tal-Volontarjat. Bix-xewqa li fl-Insara tad-Djoċesi Għawdxija timmatura d-disponibilità għall-volontarjat fiż-żgħażagħ tagħna u f'dawk li huma inqas żgħażagħ, inħeġġiġkom sabiex b'mod speċjali f'dak il-jum titolbu għall-voluntieri u l-għaqdiet tagħhom li jwettqu ħidma siewja favur l-umanità. Nitolbu wkoll lill-Mulej li jsawwab bl-abbundanza fil-qlub tal-bnedmin il-grazzja tal-ġenerożità, biex ma jsibuhiex bi tqila li jiddedikaw parti miż-żmien u mill-enerġiji tagħhom għal ħuthom li jeħtieġu għajnuna.

20. IT-TEOLOĠIJA BIBBLIKA
(10 - 01 - 1991)

Fl-okkażjoni ta' Jum il-Bibbja, li jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd, 20 ta' Jannar, fl-għeluq tad-Disa' Ġimgħa Bibblika Djoċesana - 1991, jixraq li nagħmlu xi riflessjonijiet dwar l-użu tajjeb tal-Kotba Mqaddsa.

Kull ma jmur qed dejjem iżjed jissaħħaħ il-Moviment Bibbliku. Qegħdin nintebħu bil-mod il-mod, li l-kelma t'Alla hija mhux biss għajn tat-teoloġija, iżda qabel xejn u fuq kollox hija għajn ta' ħajja. Il-kelma ta' Alla hija messaġġ li ma hawnx bħalu. Kif jgħidilna l-Konċilju Vatikan II, Kristu "huwa preżenti fil-kelma tiegħu, għax ikun hu nnifsu li jitkellem meta fil-Knisja jinqraw il-Kotba Mqaddsa" (Sacrosanctum Concilium, n.7). Wieħed mis-sinjali sbieħ tas-seklu tagħna hija x-xewqa u l-ħtieġa li jħossu ħafna mill-insara li jiltaqgħu ma' Kristu fil-kelma tiegħu, u għalhekk jaqraw xi siltiet mill-Bibbja.

Huwa importanti li fil-qari ta' l-Iskrittura Mqaddsa, aħna nifhmu tabilħaqq dak il-messaġġ li ried iwasslilna Alla, u għalhekk dan il-qari ma għandux isir għall-kurżità biss, iżda fi spirtu ta' fidi u ta' umiltà nisranija. Biex naslu għal din il-ħaġa, għandna nkunu mmexxija mill-Maġisteru tal-Knisja Mqaddsa. Difatti d-dmir u s-setgħa "li jinterpreta awtentikament il-kelma t'Alla miktuba jew imwassla mit-tradizzjoni hu fdat biss lill-Maġisteru ħaj tal-Knisja, illi jeżerċita l-awtorità tiegħu f'isem Ġesù Kristu" (Dei Verbum n. 10).

Fil-Ġimgħat Bibbliċi ta' l-aħħar snin li għaddew, ingħata tagħlim dwar it-Teoloġija Bibblika tas-seba' sagramenti, wieħed wara l-ieħor. Huwa ttamat li l-insara tagħna jsiru dejjem aktar familjari mat-Teoloġija Bibblika, mhux biss dwar is-sagramenti, iżda wkoll dwar it-temi l-oħra li jidħlu fil-messaġġ nisrani. B'hekk il-kelma t'Alla, mhux biss iddawwal il-moħħ, iżda tqanqal ukoll il-qalb ta' l-insara u ssaħħaħ ir-rieda tagħhom biex jimxu wara Kristu.

21. RISPETT LEJN L-ANNIMALI
(14 - 01 - 1991)

Il-festa popolari ta' Sant'Anton Abbati din issena tiġi ċelebrata fil-knisja dedikata lilu, fix-Xagħra, nhar il-Ħadd 20 ta' Jannar. U dak inhar, issir il-funzjoni hekk imsejħa "tat-tberik ta' l-annimali".

Il-persuni li jieħdu sehem f'din il-funzjoni u li jippreżentaw ukoll l-annimali tagħhom, jirrikonoxxu lil Alla bħala Ħallieq u Sid ta' kollox u jitolbu l-ħarsien tiegħu fuqhom.

Il-Knisja Kattolika, illi sa minn żminijiet imbiegħda, żammet din il-funzjoni, b'dan il-mod tgħallimna r-rispett li għandu jkollna mhux biss lejn il-proxxmu tagħna, iżda anke, f'ċertu grad, lejn l-annimali li huma ħolqien t'Alla u li fihom ukoll jidhru l-għerf u s-

setgħa tiegħu. Għalhekk mhux barra minn loku illi nieħdu din l-okkażjoni biex infakkar li, dejjem u kullimkien, għandha tiġi evitata kull moħqrija bla bżonn li ssir lill-bhejjem li ħafna minnhom, bħalma huma dawk domestiċi, huma ta' għajnuna kbira għall-bniedem.

Il-ġenituri għandhom inisslu wkoll f'uliedhom sens ta' rispett lejn l-annimali u jwiddbuhom jekk jinnotaw li wliedhom qegħdin jużaw moħqrija magħhom. Jiġri ħafna drabi li min hu krudil ma' l-annimali hu krudil ukoll ma' ħutu l-bnedmin. Għalhekk l-imġieba tajba ma' l-annimali hija parti mill-formazzjoni li għandha tingħata lit-tfal biex meta jikbru ma jkunux ta' ħsara għas-soċjetà.

22. ID-DJALOGU BEJN IR-RELIĠJONIJIET
(17 - 01 - 1991)

Nixtieq infakkar lill-insara ta' gżiritna li mit-18 sal-25 ta' Jannar tinżamm fid-dinja Kattolika, il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda tal-Knejjes. Kulħadd huwa mistieden biex f'dawn il-jiem jitlob aktar bil-ħerqa għal dan il-għan ta' l-unità fost dawk li jemmnu fi Kristu u għal iktar ftehim bejn il-membri ta' diversi reliġjonijiet.

Forsi qatt fl-imgħoddi daqskemm illum, ma kienet hekk urġenti l-ħtieġa ta' djalogu bejn ir-reliġjonijiet

meta l-paċi hija mhux biss mhedda imma wkoll vjolata, b'mod deplorevoli, f'ċerti artijiet u fuq kollox fil-Golf Għarbi.

Ir-reliġjonijiet minnhom infushom għandhom inisslu fil-bnedmin sens ta' fraternità għaliex ifakkruhom li Alla huwa l-Missier ta' kulħadd, u li lkoll membri ta' familja waħda kbira, il-ġens uman. Is-sens ta' fraternità għandu jwassal għar-rispett reċiproku għal ħidma sinċiera biex tinkiseb il-paċi fost il-bnedmin.

Tkun għalhekk ħasra jekk xi ħadd jinqeda bid-differenzi li hemm bejn reliġjon u oħra biex joħloq firda u ġlied bejn bnedmin ta' twemmin differenti, kif sfortunatament ġie li ġara fl-imgħoddi u m'aħniex meħlusin mill-periklu li jiġri wkoll fi żmienna. Nixtieq nirrepeti dik is-sentenza famuża: "Għandna nfittxu iktar dak li jgħaqqadna milli dak li jifridna".

It-twemmin awtentiku għandu jagħmel il-bnedmin iktar maturi fil-fehmiet u fil-ġudizzji tagħhom, iressaqhom iktar lejn xulxin, isaħħaħ fihom is-sena ta' fraternità u ta' solidarjetà ma' ħuthom kollha, li bħalhom huma wlied Alla. Dawn huma l-premessi għall-paċi ġusta u dejjiema.

Filwaqt li nerġa nħeġġiġkom biex titolbu fil-knejjes u privatament għat-tmiem ta' l-ostilità fil-Golf, nirrikmanda lill-kappillani u lir-retturi tal-knejjes sabiex sa ma tingħata ordni differenti, ta' kuljum qabel il-barka Sagramentali, tingħad talba għall-paċi u meta n-normi liturġiċi jippermettu tiġi ċċelebrata quddiesa Votiva għall-paċi (Sagramentarju Malti, p.905).

23. IT-XIII-IL KAMPANJA TA' SAGRIFIĊĊJI GĦALL-KARITÀ
(22 - 02 - 1991)

Matul dan ir-Randan, se tinżamm fid-Djoċesi Għawdxija t-Tlettax-il-Kampanja ta' Sagrifiċċji għall-Karità, li kienet ġiet imnedija għall-ewwel darba fl-1979 (Ċirkulari 153/79). F'din il-kampanja, l-Insara tad-Djoċesi tagħna huma mitlubin li jġemmgħu xi ħaġa tal-flus, l-iktar mill-penitenzi li jagħmlu, u mbagħad jagħtuha karità għal xi skop determinat li jiġi magħżul ta' kull sena.

Peress li f'dawn il-ġranet, kulħadd sama' bil-konsegwenzi koroh tal-Gwerra tal-Golf, l-għotjiet tar-Randan se jingħataw b'risq ir-rifuġjati u l-vittmi ta' din il-gwerra.

Bil-għan li nagħmlu penitenza u noffru talb għall-paċi vera u dejjiema, f'dan ir-Randan se jsiru diversi pellegrinaġġi penitenzjali, fosthom dak li jkun hemm fil-festa tad-Duluri ta' l-Imqaddsa Verġni Marija u oħrajn li jiġu organizzati mill-parroċċi għas-santwarji Marjani. Ankè l-purċissjoni li se ssir fil-parroċċa ta' Kerċem fil-festa ta' San Girgor Papa, nhar il-Ħadd, 10 ta' Marzu, filgħaxija, se rikollha għamla ta' pellegrinaġġ penitenzjali djoċesan, li fih huma mistiedna li jieħdu sehem, il-kleru, ir-reliġjużi u l-insara l-oħra tad-djoċesi. F'din l-okkażjoni jiġu ppreżentati l-għotjiet li jsiru bħala frott tal-Kampanja tas-Sagrifiċċji għall-Karità.

Għal darb'oħra, nixtieq inħeġġiġkom biex tieħdu bis-serjetà r-Randan imqaddes, li huwa żmien ta' tħejjija għall-festa ta' l-Għid il-Kbir. Kull nisrani, barra mit-talb u mis-smigħ tal-Kelma ta' Alla, għandu jfittex ukoll li mill-aħjar li jista' jagħmel xi għemil ta' penitenza u jwettaq opri ta' karità mal-proxxmu tiegħu.

Din hija wkoll is-sejħa li għamlilna l-Papa fil-messaġġ tar-Randan ta' din is-sena, fejn fost ħwejjeġ oħra qalilna li "jekk aħna ma nagħtux każ tal-kotra l-kbira tal-bnedmin li huma neqsin mill-meħtieġ tal-ħajja (ikel, dar, saħħa), u bla ebda tama ta' ġejjieni aħjar, inkun bħall-għani li għamel ta' bir-ruħu li ma jafx lil Lazzru (ara Lq 16:19-31). Jeħtieġ għalhekk inżommu quddiem għajnejna l-miżerja li twaħħax li biha huma mġarrbin tant partijiet tad-dinja".

24. KATEKESI TAT-TFAL U S-SOĊJETÀ TAL-MUSEUM (10 - 04 - 1991)

Matul il-Vista Pastorali, li issa qiegħda toqrob għat-tmiem, innutajt mhux biss xi ħwejjeġ li nkwetawni, iżda wkoll oħrajn li mlewni bil-ferħ u bit-tama, u ta' dan inrodd ħajr lil Alla. Nixtieq insemmi bħala ħaġa pożittiva ħafna l-fatt li t-tfal tagħna, b'eċċezzjonijiet żgħar, qegħdin jiġu mhejjijin kif imiss b'katekeżi xierqa u adattata għalihom, għas-sagramenti tal-bidu tal-ħajja Nisranija,

jiġifieri għall-Ewwel Qrara, għall-Ewwel Tqarbina u għall-Griżma ta' l-Isqof. Sehem kbir f'din it-thejjija għandhom il-ġenituri li jimpenjaw ruħhom sabiex uliedhom jieħdu formazzjoni Nisranija soda mhux biss fid-dar iżda wkoll fil-postijiet l-oħra tat-tagħlim u jsegwu bil-ħerqa l-progress tagħhom, anke fl-iskejjel u fid-djar tad-duttrina. Jistħoqqilhom għalhekk dawn il-ġenituri, kelma ta' tifħir, ta' radd il-ħajr u ta' inkoraġġiment biex ikomplu jwettqu dan id-dmir qaddis tagħhom, anke meta jiswielhom xi sagrifiċċju.

Għandhom mertu wkoll f'din il-ħidma edukattiva dawk li jagħtu katekeżi lit-tfal, kemm l-għalliema fl-iskejjel, kif ukoll il-katekisti fid-djar tad-duttrina. Ankè lil dawn nixtieq nuri l-gratitudni u l-apprezzament tiegħi.

Illum però, xtaqt insemmi b'mod speċjali s-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. imwaqqfa minn Dun Ġorġ Preca, sabiex tagħti formazzjoni Nisranija lit-tfal u liż-żgħażagħ. Il-fergħa tal-bniet ta' din is-Soċjetà bdiet il-ħidma tagħha f'Għawdex 75 sena ilu, meta fetħet l-ewwel qasam tagħha fin-Nadur, waqt li l-ewwel Qasam tas-subien ġie inawgurat fir-Rabat u dis-sena qed jiċċelebra l-ħamsin anniversarju tiegħu.

F'din iċ-ċirkustanza għandna niżżu ħajr lil Alla għall-ġid spiritwali li twettaq fi gżiritna bis-servizz għaqli u ddedikat li taw u għadhom jagħtu l-membri tas-Soċjetà Mużewmina. Hawnhekk nixtieq nagħmel sejħa lill-insara ta' pajjiżna sabiex bit-talb u bil-ġenerożità tagħhom jappoġġjaw l-attivitajiet tal-M.U.S.E.U.M. Inħeġġeġ

ukoll lill-ġenituri li wliedhom jiffrekwentaw id-djar tad-duttrina biex ikomplu jibagħtuhom anke wara li dawn ikunu ħadu l-Griżma ta' l-Isqof.

Ninqeda b'din l-okkażjoni sabiex ngħarraf lil min hu interessat li qegħdin jiġu riveduti d-Dokumenti Pastorali tas-Sinodu Djoċesan u fost ta' l-ewwel li ser jitlestew hemm dawk dwar **"Il-Pastorali mat-Tfal"** u **"Il-Ħidma Pastorali maż-Żgħażagħ"**. Hu ttamat li kemm għas-saċerdoti u kemm għall-membri ta' l-Għaqdiet ta' l-Apostolat tal-Lajċi u tal-Kunsilli Parrokkjali, dawn id-dokumenti pastorali jiswew ta' għajnuna u biex iħeġġuhom dejjem iżjed fl-impenn tagħhom għat-twaqqif tas-Saltna t'Alla f'pajjiżna.

25. IL-QIMA LEJN IL-MADONNA
(22 - 04 - 1991)

Qatt ma huwa żejjed li wieħed ifakkar u jinsisti fuq il-qima lejn l-Omm tagħna l-Verġni Marija u d-devozzjoni għażiża tar-Rużarju Mqaddes.

Matul il-Vista Pastorali li għamilt, ftit ħafna kienu l-postijiet li żort li fihom ma ltqajtx ma xbieha tal-Madonna, miżmuma b'għożża kbira. Dan innotajtu mhux biss fil-klassijiet u fl-iskejjel tat-tfal, iżda wkoll fil-'wards' ta' l-isptar u fil-fabbriki ħdejn il-magni tax-xogħol. Fatt bħal dan jagħmilli l-almu sabiex għal darb'oħra nħeġġiġkom ħalli ma tintelqux fl-imħabba u

fil-qima tagħkom lejn Ommna tas-sema, speċjalment matul Mejju li se jibda dalwaqt, ix-xahar dedikat lilha.

Fit-talb li jsir fil-knejjes, fid-djar u f'postijiet oħra, nixtieq li matul Mejju, nitolbu 'l Alla bl-intercessjoni ta' l-Imqaddsa Omm Tiegħu sabiex il-familji tagħna jirbħu l-isfidi l-ġodda, li kif qalilna l-Papa meta kien fostna, ta' sikwit jitfaċċaw fit-twettiq tal-missjoni vitali tagħhom.

Peress li nhar il-Ħadd, 12 ta' Mejju jaħbat Jum l-Omm, filwaqt li niftakru fil-kelmiet li qalilna l-Papa li l-maternità għandha rabta speċjali mal-misteru tal-ħajja (Mulieris Dignitatem n.18) u fid-dejn kbir li għandna lejn ommijietna, f'dak il-jum iżjed mis-soltu, noffrulhom fost ħwejjeġ oħra r-rigal tat-talb tagħna.

26. MESSAĠĠ LIL DAWK LI JIEĦDU S-SAGRAMENT TAL-KONFERMAZZJONI
(08 - 05 - 1991)

Fl-ittra li kiteb il-Papa Ġwanni Pawlu II dwar il-missjonijiet, qalilna li "il-Magħmudija hija s-sagrament li jfisser u jwettaq it-twelid ġdid mill-Ispirtu, iqarribna lejn it-Trinità Mqaddsa b'rabtiet li jeżistu tabilħaqq u li m'għandhomx jinħallu, jagħmilna membri tal-Ġisem ta' Kristu, li hija l-Knisja" (Redemptoris Missio, n.47).

Meta ħadtu l-Magħmudija, intom kontu għadkom trabi żgħar u għalhekk ma fhimtu xejn minn dan kollu. Iżda llum li għandkom l-età meħtieġa biex tieħdu l-Griżma ta' l-Isqof, jeħtieġ li tagħmlu ħilitkom biex tifhmu ftit iktar xi ħaġa dwar il-Magħmudija, l-ewwel wieħed fost is-seba' sagramenti mwaqqfa minn Ġesù Kristu.

Kif qalilna l-Papa, il-Magħmudija mhux biss ħafritilna d-dnub tan-nisel, iżda tatna ħajja ġdida, mhux il-ħajja tal-ġisem, iżda l-ħajja tar-ruħ, ħajja li ġejja mill-Ispirtu s-Santu bħala rigal tiegħu mogħti lilna. Din il-ħajja li biha aħna ningħaqdu ma' Kristu, kif il-fergħa hija magħquda mad-dielja, tissejjaħ ukoll il-grazzja li tqaddisna. Hemm bżonn li ngħożżuha u nħarsuha għaliex tista' tintilef bid-dnub il-mejjet.

Bil-Magħmudija, kif ikompli jgħidilna l-Papa, aħna qisna nsiru qraba tat-tliet Persuni Divini, u nidħlu f'relazzjoni ġdida magħhom, hekk li nissejħu u nkunu tassew ulied il-Missier tagħna tas-sema, aħwa ma' Kristu, veru Iben tiegħu, u għamara jew tempju ta' l-Ispirtu s-Santu, li jkompli jqaddes ir-ruħ tagħna bid-doni tiegħu, meta jerġa' jiġi fina bis-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof.

Fl-aħħarnett bil-Magħmudija nsiru wliedu membri tal-Knisja Mqaddsa. Din il-għaqda mal-Knisja tkompli tissaħħaħ fikom bis-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof, li bih issiru xhieda ta' Kristu quddiem il-bnedmin.

Tinsew qatt dawn il-veritajiet hekk sbieħ u anke meta tikbru u ssiru rġiel u nisa, għixu l-Magħmudija tagħkom, biex tiksbu l-ħajja ta' dejjem.

27. F'GĦELUQ IL-ĦAMES ĊENTINARJU MIT-TWELID TA' SANT'INJAZJU TA' LOYOLA (15 - 05 - 1991)

Is-sena Injazjana bdiet fis-27 ta' Settembru, 1990 biċ-ċelebrazzjoni tal-450 anniversarju mit-twaqqif tal-Kumpanija ta' Ġesù u tagħlaq fil-31 ta' Lulju, 1991, meta jaħbat il-ħames ċentinarju tat-twelid ta' San Injazju ta' Loyola, il-Qaddis Fundatur ta' din is-Soċjetà.

Minn żagħżugħ għani u ambizzjuż, Injazju, wara l-konverżjoni tiegħu, sar appostlu mimli bil-ħeġġa li jaqdi lil Kristu, Sultan tas-Sema u ta' l-art, neħħa minn fuqu l-ilbies lussuż u minn rajh sar tallab fqir, mehdi fit-talb u f'penitenzi ħorox. Wara ġranet ta' meditazzjoni profonda, li għamel f'Manresa, 'il bogħod mill-ħsejjes tad-dinja, Injazju nbidel fi bniedem ġdid. F'dik l-okkażżjoni, imdawwal minn Alla, kiteb l-Eżercizzi Spiritwali, ktieb li serva ta' gwida għal ħafna erwieħ li xtaqu jintrefgħu mill-medjokrità u jservu lill-Mulej bil-ħrara.

Il-ġid spiritwali li twettaq fid-dinja permezz ta' din il-ħidma tal-membri tas-soċjetà, imwaqqfa minn Sant'Injazju, huwa tabilħaqq kotran u għalhekk birraġun f'din is-sena Injazjana jifirħu u jroddu ħajr lil Alla, mhux biss il-Ġiżwiti iżda wkoll dawk kollha li ftit jew wisq kellhom sehem mill-frott tal-ħidma tagħhom, f'kull qasam pastorali u speċjalment f'dik ta' l-edukazzjoni taż-żgħażagħ.

B'qalbna kollha għalhekk nilqgħu l-istedina li qegħdin jagħmlulna l-ulied spiritwali ta' Sant'Injazju biex naqsmu magħhom dak li huma jgħożżu l-iktar: "li nħobbu u naqdu lil Ġesù u nxerrdu mħabbtu mad-dinja kollha".

Biex infissru anke esternament din il-gratitudni tagħna, nirrikmandalkom li tieħdu sehem fil-mixja ta' talb nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, fis-6.30 p.m. minn Pjazza San Franġisk sa Dar Manresa u fil-quddiesa ta' Radd il-Ħajr li tiġi ċċelebrata wara f'dan il-post.

28. TALB GĦALL-EWROPA F'OTTUBRU (25 - 09 - 1991)

Ix-xahar t'Ottubru, għalina l-Kattolċi huwa marbut mar-Rużarju tal-Imqaddsa Verġni Marija. Matul dan ix-xahar, din it-talba għażiża tingħad fil-knejjes, aktarx qabel il-quddiesa ta' fil-għaxija u tingħad ukoll f'ħafna familji. Iżda huwa meħtieġ li, fil-familji kollha,

speċjalment fil-familji l-ġodda, jiġi rreċitat ir-Rużarju fix-xahar ta' Ottubru, u jekk jista' jkun, matul is-sena kollha.

Għal Ottubru 1991, barra mill-intenzjonijiet partikulari li jista' jkollhom dawk li jgħidu r-Rużarju Mqaddes, nixtieq li nagħmlu wkoll il-fehma li nitolbu għall-kontinent ta' l-Ewropa, li fl-epoka tagħna tidher li donnha qed terġa' titwieled mill-ġdid u mhux mingħajr qtigħ il-qalb u tbatija. X'sejra tkun l-Ewropa tal-ġejjieni? Għaqda ta' stati li jirrispettaw lil xulxin u jaħdmu għall-ġid ta' kulħadd, ispirati u mdawlin mill-valuri nsara jew bil-maqlub, pajjiżi rivali qatta' bla ħabel bejniethom, foqra materjalment u spiritwalment? Ma jonqsux ċerti sinjali allarmanti; bħalma huma l-ateiżmu u l-amoraliżmu li huma parti mill-ħajja ta' miljuni ta' Ewropej. Fil-fatt huma bla għadd dawk li jgħixu qisu Alla ma jeżistix u qisha ma hemmx regola jew pjan mogħti minn Alla li fuqu obbligati jfasslu ħajjithom.

Però anke quddiem qagħda hekk imwiegħra, m'għandniex naqtgħu qalbna, ladarba għandna tama qawwija fil-għajnuna t'Alla u fil-ħniena tiegħu. Bl-intercessjoni ta' l-Imqaddsa Verġni Marija, matul ix-xahar ta' Ottubru, nitolbu 'l Alla jieqaf ma' l-Ewropa u jġeddidha spiritwalment. L-Ewropa hija miżgħuda b'santwarji marjani, bħalma huma Lourdes, Loreto, Fatima u oħrajn, li huma xhieda ta' devozzjoni ta' l-Ewropej lejn il-Verġni Mbierka. Ningħaqdu fl-intenzjoni tagħna, ma' l-ilħna ta' tifħir u ta' talb li jitilgħu minn dawn is-santwarji lejn it-tron tas-Sultana tas-Smewwiet, biex ikollna f'waqtha l-għajnuna u s-salvazzjoni tal-Mulej.

29. LAQGĦAT INTERNAZZJONALI TA' RELIĠJONIJIET DIFFERENTI (03 - 10 - 1991)

Fuq stedina tal-Kommunità ta' Sant'Eġidju, ser tinżamm f'Malta l-Ħames Laqgħa Internazzjonali tal-Paċi, li fiha ser jieħdu sehem Delegati ta' Reliġjonijiet differenti. Il-ġranet magħżula għal din l-attività huma t-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis ta' din il-ġimgħa. Il-konklużjoni ta' din il-laqgħa Internazzjonali ser issir fuq il-Fosos tal-Furjana, nhar il-Ħamis, 10 ta' Ottubru, fis-6.00 p.m.

L-għan ta' dawn il-laqgħat internazzjonali huwa doppju: l-ewwelnett ħidma u talb biex ikun hawn il-paċi fid-dinja u t-tieni sabiex ir-reliġjonijiet jifhmu aktar lil xulxin u b'imħabba ta' aħwa jħabirku għall-ġid veru ta' l-umanità.

F'Għawdex, nhar l-Erbgħa, 9 ta' Ottubru, fis-5.45 p.m. fl-Isports Complex, Victoria, ser nilqgħu fostna xi whud mir-rappreżentanti tar-reliġjonijiet li ser jattendu għall-manifestazzjoni favur il-paċi fid-dinja. Huwa mistenni wkoll li jieħu sehem il-Kardinal Glemp. L-insara kollha tad-Djoċesi t'Għawdex, huma mistiedna għal din il-Manifestazzjoni u biex ma jkun hemm xejn li jfixkel, fil-knejjes tagħna dak inhar bejn is-6.00 u s-7.30 p.m. mhux ser ikun hemm quddies jew funzjonijiet oħra.

Hija xewqa tiegħi li l-Għawdxin kollha jidħlu fl-ispirtu ta' din il-ġrajja eċċezzjonali u għalhekk jippruvaw jifhmu aħjar il-valur tar-reliġjon fil-ħajja tal-bniedem, is-sbuħija tat-twemmin kattoliku u l-ħtieġa tal-paċi fost il-bnedmin fil-livelli kollha tas-soċjetà.

Huwa rrikmandat li l-Knejjes kollha, nhar it-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis, jixgħelu l-frontispizju u l-Ħamis tindaqq mota mis-6.00 p.m. sas-6.30 p.m. F'dan il-ħin, wara siegħa ta' talb, tkun qed issir il-purċissjoni tal-mexxejja kollha tar-reliġjonijiet mill-Belt għall-Furjana.

Fil-parroċċi, f'waħda mill-ġranet imsemmija, tiġi ċċelebrata l-Quddiesa għall-Għaqda ta' l-Insara (Sagramentarju p.892) u f'ġurnata oħra l-Quddiesa għall-Paċi u l-Ġustizzja (Sagramentarju p.905). It-talb l-ieħor li jsir fil-knejjes u fil-familji, bħalma huwa r-Rużarju Mqaddes, jixraq li jkollu wkoll dawn l-intenzjonijiet.

30. IS-SEMINARJU U L-VOKAZZJONIJIET (24 - 10 - 1991)

Mhux l-ewwel darba li ktibtilkom dwar is-Seminarju. X'aktarx li kont nagħmel hekk meta tkun toqrob il-Ġurnata tas-Seminarju biex nagħmel appell għall-ġenerożità tagħkom li għall-grazzja t'Alla kompliet tikber dejjem minn sena għal oħra.

Din id-darba, hija okkażjoni differenti għaliex nhar it-Tnejn, 1-4 ta' Novembru, is-Seminarju jiċċelebra l-125 anniversarju mit-twaqqif tiegħu. Dak inhar fil-għaxija għandha ssir konċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr fil-Katidral li għaliha huma mistiedna l-membri tal-kleru u l-insara kollha tad-djoċesi Għawdxija. Jixraq f'okkażjoni bħal din li tikber il-persważjoni dwar il-ħtieġa tas-Seminarju fiż-żminijiet tal-lum u dwar il-ġid pastorali li tista' tikseb minnu d-djoċesi kollha.

Difatti fis-Seminarju Maġġuri sseħħ: "...il-formazzjoni tas-seminaristi fl-aspetti kollha tagħha, jiġifieri mhux biss f'dik li hija preparazzjoni akkademika, iżda wkoll il-formazzjoni tal-karattru u fuq kollox il-formazzjoni spiritwali sabiex is-saċerdoti ta' għada jgħixu dejjem f'għaqda ma' Kristu u jkunu xhieda tiegħu fost ħuthom il-bnedmin, u jħossu dil-fedeltà anke fit-tibdiliet kulturali u soċjali ta' żmienna" (Cf. PJAN PASTORALI KWINKWENNALI 1989-1994, **Seminarju u Vokazzjonijiet**, 6.3).

F'dawn l-aħħar snin kellna nieħdu xi deċiżjonijiet u nagħmlu tibdiliet li bihom setgħu jitwettqu l-kriterji li jagħti l-Konċilju Vatikan II, u jiġu applikati għas-sitwazzjoni konkreta tad-djoċesi tagħna. Kull pass 'il quddiem ma kienx il-mertu ta' bniedem waħdu iżda ta' ħafna li kkollaboraw għall-progress tas-Seminarju, inklużi s-seminaristi nfushom.

Nixtieq inrodd ħajr lis-superjuri u lill-għalliema tas-Seminarju li qasmu miegħi r-responsabbiltà tat-tmexxija ta' din l-opra hekk qaddisa. Nirringrazzja wkoll lill-benefatturi kbar u żgħar u lil dawk kollha li

b'xi mod jew ieħor taw appoġġ lis-Seminarju tagħna, speċjalment bit-talb kontinwu tagħhom.

Mas-Seminarju hija marbuta mill-qrib il-ħidma għal vokazzjonijiet saċerdotali. Jixraq għalhekk li f'din l-okkażżjoni nagħmel ukoll sejħa sabiex isir aktar talb ħalli l-Mulej jagħtina saċerdoti skond il-qalb tiegħu.

31. TALB GĦAL SOLIDARJETÀ ĠDIDA
(02 - 12 - 1991)

F'ittra mibgħuta lill-Isqfijiet ta' l-Ewropa, il-Qdusija Tiegħu l-Papa ħabbar li nhar is-Sibt, 7 ta' Diċembru fil-għaxija, l-Isqfijiet ta' l-Assemblea Speċjali tas-Sinodu, kif ukoll id-Delegati ta' Knejjes oħra nsara, sejrin jieħdu sehem fis-servizz ekumeniku ta' talb, fil-Bażilika ta' San Pawl 'fuor le mura'. "Aħna" - kiteb il-Papa - "ser nitolbu biex Alla jieqaf ma' l-Ewropa, ħalli wara li jintgħelbu d-diviżjonijiet ta' mibegħda u nuqqas ta' fehim bejn il-popli tagħha, tinbet fosthom solidarjetà ġdida fil-kuntest ta' ġustizzja u paċi vera".

Il-Papa għamel ukoll stedina sabiex anke fid-djoċesijiet tad-dinja jsiru laqgħat ta' talb simili.

Sabiex nilqgħu din l-istedina tal-Papa, nhar is-Sibt, 7 ta' Diċembru fit-8.00 p.m. fil-Bażilika tax-Xagħra, ser tinżamm laqgħa ta' talb bil-parteċipazzjoni tal-kleru

u tal-lajċi tad-djoċesi t'Għawdex. L-inisara tad-Djoċesi tagħna huma mistiedna biex jieħdu sehem f'din il-laqgħa u sabiex jitolbu l-Mulej ħalli jeħles lill-Ewropa minn ċerti perikli spiritwali u soċjali li qegħdin jhedduha.

32. IL-FIDI FIL-BIBBJA
(02 - 01 - 1992)

Il-bniedem rett fil-ħajja ta' kuljum ma jistax jgħaddi mingħajr il-fidi. Din il-verità għandna xhieda tagħha fil-Bibbja tar-Rabta l-Qadima. "Il-ġust jgħix bil-fedeltà" (Hab 2:4). San Pawl itenni iktar minn darba dawn il-kelmiet: "Il-Ġust jgħix bil-fidi" (Rum 1:17; Gal. 3:11) u jkompli jgħid "fil-ħajja li issa ngħix fil-ġisem ngħixha fil-fidi fl-Iben t'Alla li ħabbni u ta ruħu għalija" (Gal 2:20). Dan itennih ukoll il-kittieb ta' l-ittra tal-Lhud (10:37) "il-bniedem ġust tiegħi, jgħix bil-fidi".

Meta ngħidu n-nisrani jgħix bil-fidi nifhmu l-ewwelnett li hu għandu jilqa' u jemmen il-veritajiet rivelati minn Alla u mgħallma mill-Knisja Mqaddsa. Nifhmu wkoll li n-nisrani jaċċetta r-rieda t'Alla kif jista' jagħrafha bil-fidi u fuqha jsawwar ħajtu kollha. Għalhekk in-nisrani jistaqsi ta' spiss lilu nnifsu: "Xi jrid minni Alla f'din iċ-ċirkustanza?" u mbagħad jagħmel dak li turih il-kuxjenza tiegħu mdawla bit-tagħlim tal-Knisja.

Il-ħajja tal-fidi, jew ispirata mill-fidi, tfisser stil ġdid ta' ħajja li fiha l-bniedem iħoss li huwa jiddependi minn Alla u ma jistax jgħaddi mingħajru. Għalhekk il-fidi mhix xi ħaġa li nużawha biss nhar ta' Ħadd meta mmorru l-knisja u mbagħad ninsewha fil-ġranet l-oħra tal-ġimgħa, iżda trid issir parti minna bħan-nifs li ngħixu bih, hekk li tidher u tinħass f'kull deċiżjoni li nieħdu, f'kull kelma li ngħidu u fl-għemil kollu tagħna.

Biex niftakru dan it-tagħlim, l-Għaxar Ġimgħa Bibblika Djoċesana li ser tinżamm mit-13 sad-19 ta' Jannar 1992, ser ikollha bħala suġġett: **"Il-fidi skond il-Kotba Mqaddsa".** Nistedinkom biex tapprofittaw ruħkom minn dawn il-laqgħat li jistgħu jiswew mhux ftit għall-edukazzjoni bibblika tagħkom.

33. ĦAMSA U GĦOXRIN SENA MILL-KONSAGRAZZJONI EPISKOPALI
(25 - 03 - 1992)

Huwa pjaċir tiegħi li b'din iċ-Ċirkulari ngħarrafkom li nhar il-Ħamis, 9 t'April, ikunu għaddew ħamsa u għoxrin sena mill-Konsagrazzjoni Episkopali tiegħi. Dak inhar fil-għaxija, bil-għajnuna t'Alla, fil-Katidral ser immexxi Konċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr u li għaliha nistieden lill-membri tal-Kleru u l-insara kollha tad-Djoċesi tagħna.

u tal-lajċi tad-djoċesi t'Għawdex. L-insara tad-Djoċesi tagħna huma mistiedna biex jieħdu sehem f'din il-laqgħa u sabiex jitolbu l-Mulej ħalli jeħles lill-Ewropa minn ċerti perikli spiritwali u soċjali li qegħdin jhedduha.

32. IL-FIDI FIL-BIBBJA
(02 - 01 - 1992)

Il-bniedem rett fil-ħajja ta' kuljum ma jistax jgħaddi mingħajr il-fidi. Din il-verità għandna xhieda tagħha fil-Bibbja tar-Rabta l-Qadima. "Il-ġust jgħix bil-fedeltà" (Hab 2:4). San Pawl itenni iktar minn darba dawn il-kelmiet: "Il-Ġust jgħix bil-fidi" (Rum 1:17; Gal. 3:11) u jkompli jgħid "fil-ħajja li issa ngħix fil-ġisem ngħixha fil-fidi fl-Iben t'Alla li ħabbni u ta ruħu għalija" (Gal 2:20). Dan itennih ukoll il-kittieb ta' l-ittra tal-Lhud (10:37) "il-bniedem ġust tiegħi, jgħix bil-fidi".

Meta ngħidu n-nisrani jgħix bil-fidi nifhmu l-ewwelnett li hu għandu jilqa' u jemmen il-veritajiet rivelati minn Alla u mgħallma mill-Knisja Mqaddsa. Nifhmu wkoll li n-nisrani jaċċetta r-rieda t'Alla kif jista' jagħrafha bil-fidi u fuqha jsawwar ħajtu kollha. Għalhekk in-nisrani jistaqsi ta' spiss lilu nnifsu: "Xi jrid minni Alla f'din iċ-ċirkustanza?" u mbagħad jagħmel dak li turih il-kuxjenza tiegħu mdawla bit-tagħlim tal-Knisja.

Il-ħajja tal-fidi, jew ispirata mill-fidi, tfisser stil ġdid ta' ħajja li fiha l-bniedem iħoss li huwa jiddependi minn Alla u ma jistax jgħaddi mingħajru. Għalhekk il-fidi mhix xi ħaġa li nużawha biss nhar ta' Ħadd meta mmorru l-knisja u mbagħad ninsewha fil-ġranet l-oħra tal-ġimgħa, iżda trid issir parti minna bħan-nifs li ngħixu bih, hekk li tidher u tinħass f'kull deċiżjoni li nieħdu, f'kull kelma li ngħidu u fl-għemil kollu tagħna.

Biex niftakru dan it-tagħlim, l-Għaxar Ġimgħa Bibblika Djoċesana li ser tinżamm mit-13 sad-19 ta' Jannar 1992, ser ikollha bħala suġġett: **"Il-fidi skond il-Kotba Mqaddsa".** Nistedinkom biex tapprofittaw ruħkom minn dawn il-laqgħat li jistgħu jiswew mhux ftit għall-edukazzjoni bibblika tagħkom.

33. ĦAMSA U GĦOXRIN SENA MILL-KONSAGRAZZJONI EPISKOPALI
(25 - 03 - 1992)

Huwa pjaċir tiegħi li b'din iċ-Ċirkulari ngħarrafkom li nhar il-Ħamis, 9 t'April, ikunu għaddew ħamsa u għoxrin sena mill-Konsagrazzjoni Episkopali tiegħi. Dak inhar fil-għaxija, bil-għajnuna t'Alla, fil-Katidral ser immexxi Konċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr u li għaliha nistieden lill-membri tal-Kleru u l-insara kollha tad-Djoċesi tagħna.

Ġie maħtur kumitat apposta biex jieħu ħsieb it-tfassil u t-twettiq ta' programm ta' attivitajiet konnessi mal-Ġublew tal-Fidda tal-Konsagrazzjoni Episkopali tiegħi. Dawn l-attivitajiet huma maħsuba sabiex isaħħu l-ħajja spiritwali tal-komunità djoċesana u biex jippromovu l-ħidmiet pastorali li jitwettqu fiha. Intom mistednin li tieħdu sehem mill-aħjar li tistgħu f'dawn l-attivitajiet ta' dan il-programm li huma mifruxin minn Marzu sa Novembru.

Fuq kollox nixtieq li tingħaqdu miegħi fir-radd il-ħajr lil Alla u li tkomplu tweżnuni dejjem bit-talb u bil-koperazzjoni tagħkom, kif huwa meħtieġ jagħmlu l-insara għall-bini tas-Saltna t'Alla.

34. TALB GĦALL-FEJQAN TAL-PAPA
(14 - 07 - 1992)

Kif ħabbar huwa stess fid-diskors ta' l-Angelus ta' nhar il-Ħadd li għadda, il-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II kellu jmur fil-klinika Gemelli ta' Ruma biex tingħatalu attenzjoni medika. Għalhekk nistieden lill-Insara tad-Djoċesi Għawdxija sabiex ningħaqdu ma' ħutna l-insara tad-dinja kollha ħalli nitolbu għalih sabiex bl-interċessjoni tal-Verġni Mqaddsa jikseb saħħtu mill-ġdid u jkun jista' jwettaq bħal qabel is-servizz Apostoliku tiegħu.

Sakemm jingħata avviż ieħor, fil-Quddies li jsir fil-parroċċi u l-knejjes l-oħra tiżdied din l-invokazzjoni fit-talba tal-fidili:

"Għall-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II biex il-Mulej iħarsu u jagħtih il-fejqan u s-saħħa ħalli jkompli l-missjoni tiegħu għall-ġid tal-Knisja kollha".

Meta n-normi liturġiċi jippermettu tista' tiġi ċċelebrata l-Quddiesa għall-Papa li tinsab fis-**Sagramentarju Malti** paġna 876.

L-insara huma mħeġġin illi jitolbu għall-Papa fl-Adorazzjoni Ewkaristika li ssir nhar il-Ħamis filgħaxija u fir-rużarju ta' kuljum.

Nhar l-Erbgħa, 15 ta' Lulju, f'Ta' Pinu, ser ikun hemm talb speċjali għall-bżonnijiet tal-Papa.

35. ID-29 KUNGRESS TAX-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA
(23 - 04 - 1992)

Nixtieq ngħarrafkom li d-Disgħa u Għoxrin Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesù ser jinżamm nhar il-Ħadd, 3 ta' Mejju, fil-parroċċa tax-Xagħra. Is-suġġett li ġie magħżul għal din is-sena huwa dan: **"Nagħrfu u nqimu lil Kristu fil-qsim tal-ħobż".**

Nistieden lill-insara biex jieħdu sehem fil-korteo u fil-funzjoni reliġjuża li ssir wara, bħala konklużjoni tal-Kungress.

Din il-parteċipazzjoni fil-Kungress, barra milli tkun tpattija għad-dagħa li bih jiġi offiż is-Salvatur tagħna, għandha tiswa wkoll biex nissaħħu fil-qima tagħna lejn l-Ewkaristija.

36. IX-XAHAR T'OTTUBRU - RUŻARJU - SINODU DJOĊESAN (15 - 09 - 1992)

Għalina l-Kattoliċi, ix-xahar t'Ottubru għandu tifsira speċjali, għax huwa x-xahar iddedikat għar-Rużarju ta' l-Imqaddsa Verġni Marija. Din it-talba għażiża ġiet irrikmandata ħafna drabi mir-Rgħajja Spiritwali bħala mezz siewi biex nissaħħu fil-ħajja Nisranija.

Hija wkoll it-talba li semmitilna l-Madonna fid-dehriet tagħha ta' Fatima li din is-sena qegħdin niċċelebraw il-ħamsa u sebgħin anniversarju tagħhom.

Il-kontemplazzjoni tal-misteri tal-ħajja ta' Kristu u tal-Madonna, jekk nagħmluha kif imiss, tkun għalina skola li fiha, mill-eżempji li jkollna quddiemna, nitgħallmu l-virtujiet evanġeliċi u nimxu aktar bil-qalb

fit-triq tal-qdusija. It-talbiet tal-Missierna u tas-Sliema huma għajn ta' tama u ta' faraġ għalina, f'kull sitwazzjoni tal-ħajja: fil-mard u fis-saħħa, fil-ferħ u fin-niket, fiż-żgħożija u fix-xjuħija. Bir-raġun għalhekk li f'Ottubru, fil-knejjes, fl-iskejjel, fl-isptarijiet u fil-familji kattoliċi ta' pajjiżna, tiġi reċitata iktar bil-ħeġġa mis-soltu t-talba tar-Rużarju.

Hija xewqa tiegħi li din is-sena, flimkien ma' l-intenzjonijiet l-oħra, ir-Rużarju jingħad sabiex il-Mulej Alla, bl-interċessjoni ta' l-Imqaddsa Omm Tiegħu, ibierek il-ħidmiet tas-Sinodu Djoċesan li qiegħed isir f'Għawdex u li minnu niksbu l-frott spiritwali li qegħdin nittamaw.

Is-**Sinodu Djoċesan** jiġi msejjaħ mill-Isqof sabiex il-membri tal-Kleru u xi Reliġjużi u Lajċi flimkien miegħu jistudjaw is-sinjali taż-żminijiet, jaraw kif iwettqu aħjar fid-Djoċesi l-liġijiet tal-Knisja, jieħdu passi biex tissaħħaħ il-fidi u l-ħajja nisranija tal-kattoliċi tad-Djoċesi.

Il-**fażi preparatorja** bdiet meta fl-1 ta' Diċembru, 1975, inżammet l-ewwel laqgħa bi thejjija għas-Sinodu. F'dawn il-laqgħat ġew studjati diversi aspetti tal-ħajja nisranija u tal-missjoni tal-knisja fi gżiritna bħalma huma: l-edukazzjoni nisranija, il-liturġija, il-ħidma karitattiva u l-organizzazzjoni pastorali fuq bażi parrokkjali u djoċesana.

It-tieni fażi tas-Sinodu li nistgħu nsejħulha **fażi ċelebrattiva**, li fiha jittieħdu l-aħħar deċiżjonijiet u jiġu approvati d-dokumenti tas-Sinodu, għandha tibda nhar il-Ħadd, 11 t'Ottubru, b'Quddiesa konċelebrata fil-

Katidral u tintemm nhar il-festa ta' Kristu Sultan. Dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jiswew ħafna għall-qawmien spiritwali tad-djoċesi tagħna.

Jibqa' mbagħad it-tielet fażi, jew il-**fażi post-sinodali**, li fiha jeħtieġ li l-insara tad-djoċesi tagħna jimpenjaw ruħhom li jwettqu r-riżoluzzjonijiet tas-Sinodu u b'hekk jithejjew b'qawmien spiritwali għall-bidu tat-tielet millenju.

Nirrikmanda għalhekk li mill-bidu ta' Ottubru sa tmiem il-fażi ċelebrattiva qabel iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, fil-knejjes tingħad it-talba li titqassam ma' din iċ-ċirkulari u li fit-talba tal-Fidili ta' matul il-Quddiesa ta' kuljum tiġi miżjuda din l-invokazzjoni:

"Sabiex il-ħidmiet tas-Sinodu jkunu mmexxija mill-Ispirtu s-Santu u l-komunità Djoċesana tikseb minnu ġid spiritwali bil-kotra".

Barra minn hekk, hija ħaġa xierqa li fil-parroċċi, meta l-liturġija tippermetti, issir il-quddiesa li hemm fis-Sagramentarju Malti paġna 881, "Fi żmien is-Sinodu", u fiha tingħad it-talba tal-Fidili mhejjija apposta.

37. L-EWWEL ĠIMGĦA TAX-XAHAR - QIMA LILL-QALB IMQADDSA TA' ĠESÙ
(18 - 01 - 1993)

Fil-Knisja Kattolika, sa ftit żmien ilu, kienet popolari ħafna d-drawwa tat-tqarbina fl-ewwel Ġimgħa

tax-xahar bħala att ta' qima lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Għad li d-devozzjoni u l-imħabba lejn Kristu kienu dejjem sa mill-ewwel żminijiet tal-Knisja, ħaġa waħda mal-ħajja nisranija, iżda l-qima lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, kif nafuha llum, bdiet tinxtered mad-dinja fis-seklu sbatax bil-ħidma ta' ċerti erwieħ qaddisa u speċjalment ta' Santa Margerita Marija Alacoque. Fil-viżjonijiet li kellha hija ġiet mitluba minn Kristu sabiex tħabrek ħalli titwaqqaf fil-Knisja, il-festa tal-Qalb Imqaddsa tiegħu, kif ukoll sabiex jiġu mdaħħla xi devozzjonijiet bħalma huma t-tqarbina ta' l-ewwel Ġimgħa tax-xahar u s-Siegħa Mqaddsa, bi tpattija għad-dnubiet li bihom il-bnedmin joffendu l-Feddej tagħhom.

Il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù hija s-simbolu jew għelm ta' l-imħabba li huwa kellu lejn il-Missier tiegħu tas-sema u lejna l-bnedmin. Id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù tkattar fina x-xewqa li nagħrfu aħjar lil Kristu fil-misteru profond tiegħu ta' Alla u bniedem kif ukoll li nħobbuh b'imħabba iktar imħeġġa.

Din l-istess devozzjoni, jekk tkun tabilħaqq awtentika, għandha tqanqalna biex inħossu sogħba għad-dnubiet tagħna u ta' l-oħrajn, u proponiment li nagħmlu tpattija għalihom bit-talb, biċ-ċaħdiet tagħna, bl-għemejjel tal-ħniena mal-proxxmu u ħidmiet ta' apostolat għat-tixrid tas-saltna ta' Kristu.

Nirrikmanda għalhekk lill-Kattoliċi tal-gżira tagħna, li matul is-sena li għadna kif bdejna, jieħdu aktar bis-serjetà din il-qima lejn il-Qalb Divina ta' Kristu. Nixtieq li kemm it-tfal u kemm il-kbar, f'kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar jieħdu sehem fil-quddiesa u fiha

jitqarbnu, wara li jkunu naddfu l-kuxjenza tagħhom bi qrara xierqa. Darba fil-ġimgħa, huma mitlubin li jieħdu sehem ukoll fis-Siegħa Mqaddsa jew fil-ħin ta' Adorazzjoni lis-Santissimu Sagrament li tinżamm fil-knejjes parrokkjali kollha. Kull familja għandha titħajjar tagħmel l-Att tal-Konsagrazzjoni tagħha lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u ta' Marija u li ġġeddu ta' kull sena.

Fuq kollox jeħtieġ li jkun hemm f'kulħadd is-sens ta' riparazzjoni jew tpattija għall-ħtiġijiet personali u dawk ta' l-umanità. Ma nistgħux nagħlqu għajnejna għal dnubiet ħorox li jipprovokaw il-ġustizzja ta' Alla l-Imbierek, fosthom il-qtil ta' l-innoċenti, li fi żmienna jidher li qed jieħu dimensjonijiet ikbar milli kellu qabel. Niftakru fost l-oħrajn fil-vittmi tal-gwerer, il-ħaddiema li jkorru fuq ix-xogħol tagħhom, dawk li jmutu ħtija ta' sewqan bla għaqal, u l-qerda tal-ħajja umana bl-abort u bl-ewtanasja.

Il-qima lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Kristu żżomm ħaj fina t-twemmin fil-ħniena nfinita tar-Redentur tal-bnedmin, u timliena bil-kuraġġ biex f'riġlejh nitolbuh iħenn għalina u għall-midinbin kollha, jaħfrilna dnubietna u l-kastigi li nistħoqqu minħabba fihom.

38. L-EWWEL ĠURNATA DINJIJA TAL-MORDA
(01 - 02 - 1993)

Skond ix-xewqa tal-Papa Ġwanni Pawlu II, nhar il-Ħamis, 11 ta' Frar, tifkira tad-Dehra tal-Madonna ta'

Lourdes, sar tiġi ċċelebrata fil-Knisja Kattolika, l-Ewwel Ġurnata Dinjija tal-Morda.

Fil-messaġġ li l-Papa bagħat għal din l-okkażjoni, fid-data tal-21 ta' Ottubru, 1992, fost ħwejjeġ oħra jgħid li "matul is-sekli nkitbu paġni mill-isbaħ dwar l-eroiżmu tat-tbatija aċċettata u offruta f'għaqda ma' Kristu. Ma kienux inqas stupendi dawk li saru permezz tas-servizz umli lejn il-foqra u l-morda, u fil-ġisem tagħhom bl-uġigħ, ġiet rikonoxxuta l-preżenza ta' Kristu fqir u msallab".

Kull nisrani f'din il-Ġurnata tal-Morda, għandu jipprova jifhem aħjar id-dmirijiet li għandu lejn dawk li huma batuti u joffri għalihom it-talb tiegħu. Iżda b'mod speċjali, dan il-jum għandu jinteressa iktar mill-qrib lill-morda nfushom u lil dawk li jduru bihom.

Rigward ta' l-ewwel, ikun ta' ġid spiritwali kbir, għalihom u għall-umanità kollha, jekk f'dan il-jum, waqt li jqiegħdu l-fiduċja tagħhom f'Alla, iġeddu l-proponiment li jaċċettaw minn idejH it-tbatija u f'unjoni mas-sagrifiċċju ta' Kristu, joffruha għall-fidwa ta' l-erwieħ.

Dawk li jieħdu ħsieb il-morda, cioè l-familjari tagħhom, kif ukoll l-infermieri, it-tobba u oħrajn, li jixtiequ jwettqu bi spirtu nisrani s-servizz tagħhom, għandhom fuq kollox, jiftakru li Kristu huwa preżenti fil-morda u fil-batuti u Huwa jgħodd bħala magħmul Lilu, dak kollu, li l-bnedmin jagħmlu magħhom.

39. KUNGRESS DJOĊESAN TAX-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA
(16 - 04 - 1993)

Erbatax-il sena ilu, ċioè fl-4 ta' Frar, 1979, inżamm f'Għajnsielem il-Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla. F'dawn is-snin li għaddew, il-Kungress sar ta' kull sena f'xi waħda mill-parroċċi Għawdxin, u dis-sena reġgħet messet lir-raħal t'Għajnsielem ix-xorti sabiħa, li tilqa' lil dawk li jieħdu sehem fil-Kungress tax-Xirka, li l-konklużjoni tiegħu ser jinżamm nhar il-Ħadd 25 t'April fil-għaxija. Dan ser ikun it-tletin Kungress Djoċesan, u għalhekk hu mistenni li jieħdu sehem fih mhux biss in-nies t'Għajnsielem, iżda wkoll il-kattoliċi tal-parroċċi l-oħra u f'għadd sabiħ.

Hemm diversi skopijiet li għalihom jinżamm dan il-Kungress:

(a) huwa mezz biex nikkumbattu l-vizzju tad-dagħa u tal-kliem oxxen li jagħmlu diżunur lil pajjiżna.

(b) bil-Kungress noffru tpattija lil Alla għall-offiżi li jsirulu bid-dnubiet tagħna u tal-midinbin l-oħra.

(c) il-Kungress huwa att ta' qima pubblika lil Alla li fih aħna nkantaw it-tifħir tiegħu skond is-suġġett magħżul għal din is-sena "Faħħru l-Mulej, għaliex hu tajjeb".

(d) fil-Kungress jingħataw messaġġi li jistgħu jkunu ta' ġid spiritwali għas-semmiegħa.

Għalhekk nixtieq inħeġġeġ lil kulħadd, u speċjalment lill-membri ta' l-Għaqdiet ta' l-Apostolat, sabiex jiġu għall-funzjoni tal-konklużjoni tal-Kungress u jitolbu għas-suċċess tiegħu.

40. L-INKURUNAZZJONI TAX-XBIEHA TAL-QALB IMQADDSA TA' ĠESÙ
(10 - 06 - 1993)

Ħafna minnkom ilhom li semgħu l-aħbar li nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Ġunju, 1993, festa liturġika tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, sejra tiġi nkurunata b'kuruna ta' deheb u ħaġar prezzjuż ix-xbieha tiegħu, meqjuma sa mill-bidu ta' dan is-seklu fil-knisja parrokkjali tal-Fontana, iddedikata lilu.

Din hija okkażjoni ta' ferħ mhux biss għall-parroċċa tal-Fontana, li qiegħda tfakkar iċ-ċentinarju tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja tagħha, iżda wkoll għalina l-kattoliċi kollha ta' din il-gżira Għawdxija.

Iżda jkun ftit wisq jekk, barra miċ-ċelebraazzjonijiet, ma jkunx hemm wkoll xi għamla ta' qawmien spiritwali, biex terġa' titkebbes fina lkoll id-devozzjoni ħerqana u awtentika lejn il-Qalb minfuda tas-Salvatur.

Għalhekk permezz ta' din iċ-ċirkulari, barra milli nistieden lill-ulied spiritwali ta' din id-djoċesi biex jieħdu

sehem fil-funzjoni ta' l-inkurunazzjoni msemmija, nirrikmanda wkoll li fil-parroċċi kollha, f'xi waħda mill-ġranet tal-ġimgħa d-dieħla, tinżamm Siegħa Adorazzjoni li fiha jsir talb biex Ġesù, Feddej tagħna, jiġbidna lejn il-Qalb Divina tiegħu, isaffi ħajjitna mill-ħtijiet u jqanqal xewqat qaddisin li naħdmu għat-tixrid tas-saltna tiegħu.

41. IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAŻ-ŻWIEĠ
(15 - 06 - 1993)

Nixtieq inħabbrilkom uffiċjalment li sar xi tibdil fir-rit taż-żwieġ. Il-Kappillani u r-retturi tal-knejjes fejn isiru t-tiġijiet huma mitlubin li jkollhom kopja ta' dan ir-rit il-ġdid, u jistgħu jibdew jużawh minn issa fit-tiġijiet li jkollhom. Jixraq li s-saċerdoti kollha, ikollhom idea tat-tibdil li ġie intodott fiċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, u jekk iridu jistgħu jinqdew bit-tagħrif li għandu jiġi ppubblikat fl-*Atti tal-Kurja.*

Nixtieq ninqeda b'din l-okkażjoni sabiex inwassal ċerti fehmiet dwar iċ-ċelebrazzjoni ta' dan is-sagrament, fehmiet li jiena diġà spjegajt fit-tul f'laqgħa li kelli dan l-aħħar ma' l-għarajjes.

Jixraq li l-kommunità parrokkjali jew xi nies li jirrappreżentawha jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament taż-żwieġ. Biex jintlaħaq dan il-għan jaqbel li t-tieġ isir fil-knisja parrokkjali ta' l-għarusa jew ta' l-

għarus u mhux f'xi kappella jew f'xi knisja li mhix parrokkjali. Huwa fl-interess tal-koppja li tara li r-reġistrazzjoni taż-żwieġ tagħhom tkun saret kif titlob il-liġi kanonika u ċivili.

L-għarajjes għandhom iħeġġu lill-mistednin sabiex jieħdu sehem fil-quddiesa tat-tieġ tagħhom u jekk jista' jkun jitqarbnu wkoll. Bl-ebda mod ma nistgħu napprovaw id-drawwa li qabdu xi whud li meta jkunu mistednin għat-tieġ, imorru mill-ewwel fis-sala fejn ikun ser isir ir-riċeviment jew l-ikla tat-tieġ u lanqas biss jidhru fil-knisja għall-funzjoni.

Ċerti drawwiet li ma jaqblu xejn mal-qdusija tal-lok sagru fejn issir iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ m'għandhomx jiġu aċċettati. Jistonaw ukoll fit-tiġijiet ta' l-insara l-ispejjeż esaġerati u t-tberbiq ta' flus fit-tlellix li xi drabi joħolqu differenzi li jolqtu l-għajn bejn il-koppji affluwenti u dawk li huma foqra. Anke l-Appostlu Missierna jikkundanna dan il-kuntrast (1 Kor 11,21). Jekk ikollhom il-flus x'jonfqu, il-koppji nsara jagħmlu tajjeb jaħsbu f'min hu inqas ixxurtjat minnhom.

Qegħdin jasluli ħafna lmenti dwar in-nuqqas ta' koperazzjoni ta' xi whud mill-fotografi. Dawn m'għandhom qatt jinsew li l-knisja hija post sagru u li ċ-ċelebrazzjoni tas-Sagramenti u l-Quddiesa huma azzjonijiet reliġjużi li jistħoqqilhom l-ikbar qima. Qed jiġri li l-fotografi biċ-ċaqlieq tagħhom minn naħa għal oħra u bid-dawl qawwi li jużaw qegħdin ikunu ta' tfixkil serju għall-funzjoni reliġjuża u qegħdin iwaqqgħu s-serjetà tagħha. Ebda fotografu m'għandu jippretendi li

jingħata l-permess jiġbed ritratti jew "video" fil-knisja, jekk ma joqgħodx għar-regolamenti li hemm u li tagħhom jista' jakkwista kopja mingħand il-Kappillan fejn ikun ser isir iż-żwieġ.

42. IT-TIENI SINODU T'GĦAWDEX
(25 - 02 - 1994)

F'dawn il-ġranet qed isir it-tqassim tal-kopji tat-Tieni Sinodu Djoċesan illi ġie konkluż fit-22 ta' Novembru 1992 u ġie ppromulgat b'Digriet tad-9 ta' Marzu 1993.

Bħal kwalunkwe ħidma oħra umana, dan is-Sinodu fih id-difetti tiegħu u aħna stess konna minn ta' l-ewwel li għarafna l-limiti li jista' jkollu. Però kif jingħad fid-Digriet fuq imsemmi, is-Sinodu Djoċesan mhux ħaġa oħra ħlief "tentattiv sinċier biex it-tiġdid mibdi mill-Konċilju Vatikan II jiġi applikat għall-ħajja ekkleżjali ta' din id-djoċesi".

Imma biex dan is-Sinodu jagħti l-frott tiegħu fi żmienu, jeħtieġ illi dawk il-konklużjonijiet li wasalna għalihom fil-laqgħat sinodali, jiġu rrispettati kif jixraq.

Kif għadna fil-bidu tar-Randan, jiena nagħmel sejħa lill-Kattoliċi tad-djoċesi tagħna biex, bi spirtu ta' ubbidjenza u b'imħabba lejn il-Knisja, jimpenjaw ruħhom

li jsiru jafu x'fih is-Sinodu u jagħtu l-koperazzjoni tagħhom għat-twettiq tiegħu.

Naħseb li ma tkunx ħaġa barra minn lokha jekk, minn żmien għal żmien, skond il-ħtieġa li tinħass, jiena nfakkarkom f'ċerti digrieti jew direttivi tas-Sinodu li għandhom jiġu osservati.

Nibda biex infakkar fid-Digriet Nru. 7 ta' l-istess Sinodu li fost ħwejjeġ oħra jippreskrivi li kopja tas-Sinodu għandha tinżamm f'kull Arkivju Parrokkjali. Il-membri tal-Kleru djoċesan u dawk kollha li ħadu sehem fis-Sinodu ser jirċievu kopja tas-Sinodu.

43. IL-PELLEGRINAĠĠI FI ŻMIEN IR-RANDAN
(01 - 03 - 1994)

Id-drawwa tal-pellegrinaġġi hija waħda antika ħafna, mhux biss fit-Tradizzjoni nisranija, iżda anke f'xi reliġjonijiet oħra. Il-Lhud ta' żmien Kristu u ta' qablu, kienu jwettqu b'qima kbira l-pellegrinaġġ għat-tempju ta' Ġerusalemm. L-insara sa minn żminijiet l-aktar bikrin kienu jżuru l-Art Imqaddsa sabiex iqimu lil Kristu, Feddej tagħhom f'dawk il-postijiet ikkonsagrati bil-preżenza tiegħu matul ħajtu fid-dinja. L-insara kienu jżuru wkoll l-oqbra tal-qaddisin u l-postijiet fejn il-martri ċarċru demmhom għal Kristu. Dawn il-vjaġġi li l-insara kienu jagħmlu mqanqlin mid-devozzjoni kellhom

bħala għan tagħhom dak li jitolbu xi grazzji, iroddu ħajr lil Alla għal xi ħaġa li qalgħu minn għandu u anke bħala att ta' penitenza.

Il-pellegrinaġġi li nagħmlu fi żmien ir-Randan, isiru l-iktar bi skop li npattu għal dnubietna quddiem Alla u għalhekk jissejħu pellegrinaġġi penitenzjali. F'Għawdex ħafna minn dawn il-pellegrinaġġi jsiru fuq bażi parrokkjali bħal ma hu dak li kull parroċċa torganizza għas-Santwarju ta' Pinu, kif ukoll il-pellegrinaġġ jew korteo fil-ġimgħa ta' qabel Ħadd il-Palm, bl-istatwa tal-Madonna tad-Duluri.

Nixtieq li intom tieħdu sehem f'dawn il-pellegrinaġġi bi spirtu ta' fidi u ta' penitenza. Hemm ukoll il-pellegrinaġġ li jsir fuq bażi djoċesana għall-knisja parrokkjali ta' Kerċem, fl-okkażjoni ta' San Girgor. Dan il-pellegrinaġġ din is-sena ser jinżamm nhar is-Sibt, 12 ta' Marzu, fis-6.15 p.m. Nistieden l-insara kollha, speċjalment lill-membri ta' l-għaqdiet biex jingħaqdu magħna f'dan il-pellegrinaġġ u fit-talb l-ieħor li jsir f'din l-okkażjoni.

Nixtieq ngħarrafkom ukoll li l-kampanja ta' sagrifiċċju għall-Karità, li ser tinżamm matul ir-Randan 1994 hija ntiża sabiex tingħata għajnuna lir-refuġjati li anke f'pajjiżna huma numerużi u ħajjithom hija waħda diffiċli ħafna. Kull min irid jagħti xi għotja għandu jgħaddiha lill-Kappillan tal-parroċċa tiegħu.

44. FESTA TAL-ĦNIENA INFINITA T'ALLA
(25 - 03 - 1994)

Nhar il-Ħadd, 10 t'April, it-Tieni Ħadd ta' l-Għid, f'ċerti pajjiżi tiġi ċċelebrata l-Festa tal-Ħniena Divina, b'novena ta' talb bi tħejjija għaliha li tibda nhar il-Ġimgħa l-Kbira.

Nixtieq li anke fil-parroċċi u fil-knejjes tagħna tidħol ukoll din il-Festa tal-Ħniena infinita u li f'din l-okkażżjoni jsiru talb u riflessjonijiet konnessi ma' dan is-suġġett.

It-talba tal-kolletta ta' dak il-jum tfakkarna wkoll f'din il-verità, imxandra mir-Reliġjon Imqaddsa tagħna, għaliex tibda bil-kelmiet "O Alla ta' ħniena bla tarf".

Fuq dan is-suġġett jitkellem fit-tul il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Enċiklika tiegħu *Dives in Misericordia* tat-30 ta' Novembru 1980. Hawnhekk biżżejjed inġibu din is-silta qasira li turina l-attwalità tal-meditazzjoni u t-tagħlim dwar il-Ħniena Divina (n. 2).

"Il-verità dwar Alla, il-Missier ta' kull ħniena", mgħarrfa lilna fi Kristu, tgħinna "narawh" qrib ħafna għall-bniedem, u l-aktar għall-bniedem li jbati, għall-bniedem mhedded fil-qalba ta' ħajtu u tad-dinjità tiegħu. U dan għaliex, fil-qagħda li fiha jinsabu l-Knisja u d-dinja llum, ħafna individwi u gruppi, imqanqlin minn sentiment ħaj ta' fidi, qegħdin ifittxu, qisu minn rajhom, biex ngħid hekk, il-ħniena ta' Alla".

Biex ninżlu fil-prattika, jixraq li nsemmu wkoll u nieħdu b'impenn akbar ir-riparazzjoni għad-dnubiet ta' l-umanità bħal ma hija t-tqarbina riparatriċi ta' l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, u dik ta' l-ewwel Sibt, kif ukoll l-Ora Santa. Ta' min jinsisti fuq it-talb għal dawk kollha li l-iktar jeħtieġu l-ħniena ta' Alla bħal ma huma dawk li jgħixu 'l bogħod minnu u dawk li qegħdin f'xifer il-mewt u dalwaqt jidhru quddiemu għall-ħaqq tiegħu.

45. IL-31 KUNGRESS TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA
(11 - 04 - 1994)

Huwa pjaċir tiegħi ngħarrafkom li l-wieħed u tletin Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla ser jinżamm fix-Xewkija bis-suġġett: "Il-Familja Knisja Ċkejkna".

Ġie approvat programm ta' attivitajiet reliġjużi li ser isiru f'dik il-parroċċa in konnessjoni ma' dan il-Kungress, iżda l-konklużjoni tiegħu ser tinżamm nhar il-Ħadd, 17 t'April fil-ħamsa ta' fil-għaxija, meta jkun hemm korteo u funzjoni reliġjuża fil-pubbliku.

Nixtieq qabel xejn nistieden il-parroċċi kollha biex jieħdu sehem kif jixraq f'dan il-Kungress. B'mod partikulari l-membri ta' l-Għaqdiet ta' l-Apostolat tal-Lajċi għandhom ikunu preżenti. Rigward dettalji oħra jingħataw direttivi mill-Kumitat organizzattiv.

Nixtieq ukoll nagħmel sejħa lill-ġenituri tad-djoċesi tagħna sabiex jimpenjaw ruħhom ħalli fil-familji tagħhom, l-Isem Imqaddes ta' Alla u dak tal-Qaddisin tiegħu jkollhom dejjem il-ġieħ li jistħoqqilhom. Għalhekk qatt u qatt ma għandu jinstema' d-dagħa f'darhom, la mill-kbar u lanqas miż-żgħar. Iżda kif jixraq lill-familji nsara, għandu jinstema' ta' kuljum talb ħerqan lil Alla, fil-ferħ u fin-niket tal-ħajja u f'diversi ċirkustanzi oħra.

46. IS-SEHEM TAR-RELIĠJUŻI FIL-ĦAJJA TAL-KNISJA
(13 - 04 - 1994)

Kif jgħallimna l-Konċilju Vatikan II "L-Istat tal-ħajja tal-kunsilli evanġeliċi, għalkemm ma jagħmilx sehem mill-istruttura ġerarkika tal-Knisja, jagħmel iżda sehem bla dubju ta' xejn mill-ħajja u l-qdusija tagħha" (*Lumen Gentium*, 44).

L-insara kollha huma msejħin għall-perfezzjoni tal-karità; iżda dawk li aċċettaw bil-libertà l-vokazzjoni ta' ħajja konsagrata, għandhom l-obbligu li jħarsu l-kastità "fiċ-ċelibat f'ġieħ is-Saltna tas-Smewwiet, u jħarsu wkoll il-faqar u l-ubbidjenza. Hi l-professjoni ta' dawn il-kunsilli fi stat ta' ħajja stabbli, rikonoxxuta mill-Knisja, li tikkaratterizza l-'ħajja konsagrata lil Alla" (*Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 915).

Fil-ħajja konsagrata l-insara, ispirati u mmexxija mill-Ispirtu s-Santu, jimpenjaw ruħhom li jsegwu lil

Ġesù iktar mill-qrib, jingħataw lil Alla li huma jħobbu fuq kollox, u waqt li jixtiequ l-perfezzjoni għall-qadi tas-saltna, jistqarru t-tama tal-Knisja f'ħajja futura.

Is-Sinodu Djoċesan (n. 635) fid-dokument Pastorali *L-Animazzjoni Nisranija tas-Soċjetà*, jitkellem dwar ir-reliġjużi u jgħidilna li huma għandhom sehem importanti fil-ħajja tal-Knisja, u jagħtu xhieda siekta ta' faqar, ta' safà u ta' ubbidjenza.

Fost dawk li kkonsagraw ħajjithom lil Alla hemm ir-reliġjużi tal-klawsura jew il-komtemplattivi. Huma wkoll jissemmew ta' spiss fid-dokumenti tal-Knisja. Hekk fid-digriet *Perfectæ Caritatis* (n. 7) tal-Konċilju Vatikan II naqraw li fil-Knisja "dejjem jibqagħlhom post ta' ġieħ l-istituti ta' ħajja mogħtija kollha kemm hi għall-kontemplazzjoni li membri tagħhom ikollhom fi ħsiebhom lil Alla biss, ifittxuh fis-solitudni u fis-skiet, jitolbuh bla ma jieqfu u f'penitenza bil-qalb. Is-Sinodu Djoċesan (n. 46c) dwar l-istess suġġett ifakkarna li "Għad li l-membri tal-kommunitajiet tal-ħajja kontemplattiva skond il-kap.674 ma jistgħux jiġu msejħa għall-ħidma fid-diversi ministeri pastorali, iżda kulħadd għandu japprezza l-kontribut li jagħtu bl-eżempju ta' ħajjithom, bit-talb u bis-sagrifiċċju tagħhom".

F'dan il-kuntest, nistgħu ngħidu li għandhom importanza notevoli żewġ ġrajjiet li sejrin jitwettqu fil-gżira tagħna fil-ġranet li ġejjin: dawn huma s-Seminar tar-Reliġjużi rġiel u nisa li ser jinżamm nhar it-Tnejn, 18 t'April fil-għaxija, kif ukoll il-vestizzjoni ta' soru tal-klawsura li ser issir nhar is-Sibt, 23 t'April.

Nittamaw li dawn il-ġrajjiet jiswew sabiex il-poplu tagħna jagħraf u jgħożż dejjem iktar is-siwi tal-ħajja kkonsagrata totalment lil Alla.

Nistenna wkoll li l-kattoliċi kollha, fuq l-eżempju tar-reliġjużi, isibu iktar żmien biex jiddedikaw għal Alla fit-talb u l-meditazzjoni ta' kuljum. Fl-aħħarnett, nirrikmandaw li jsir talb bla ma jaqta' għall-vokazzjonijiet u b'mod partikulari għall-vokazzjonijiet reliġjużi.

47. IL-QALB TA' ĠESÙ - SINJAL TA' L-IMĦABBA
(24 - 05 - 1994)

Il-Qalb ta' Kristu hija simbolu jew sinjal ta' l-imħabba tiegħu bħala Alla u bħala bniedem. Din l-imħabba ġiet murija fil-misteri kollha ta' Kristu, speċjalment f'dawk ta' l-inkarnazzjoni u tal-fidwa tagħna l-bnedmin, li jkomplu jwettqu fl-Ewkaristija. "Hu li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar" (Ġw 13,1).

B'xhieda ta' mħabbtu fuq is-salib mill-qalb tiegħu minfuda, bid-daqqa ta' lanza, ħarġu l-aħħar qatriet ta' demm u ilma. Din il-ferita tal-kustat ta' Kristu kif josserva San Bernard urietna l-għana tat-tjubija tiegħu u l-imħabba ta' qalbu: "It-talb tal-Knisja jqim u jagħti ġieħ lill-Qalb ta' Ġesù: l-istess kif isejjaħ l-Isem Imqaddes Tiegħu". Il-Knisja tadura l-Verb magħmul bniedem u

lill-Qalb Tiegħu li, għall-imħabba tal-bnedmin, ħalla li tkun minfuda minħabba dnubietna" (*Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 2669).

Kif fl-imgħoddi hekk ukoll illum id-devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Kristu, tista' tkun ta' għajnuna kbira fil-ħajja spiritwali ta' l-insara, u għalhekk jeħtieġ li tkun imħarsa u msaħħa dejjem iżjed.

Is-Sinodu Djoċesan jesprimi din l-istess fehma meta fid-digriet n.164 igħidilna: "Għandha titħeġġeġ il-qima lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù b'mod partikulari bil-quddiesa flimkien mat-tqarbina ta' tpattija fl-ewwel Ġimgħa ta' kull xahar, u d-devozzjonijiet tax-xahar ta' Ġunju. Ta' kull sena fil-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, kif ukoll fil-festa ta' Kristu Re, għandu jiġi reċitat b'mod solenni l-att ta' konsagrazzjoni tal-bnedmin".

Nagħmel sejħa lill-membri tal-Kleru u lill-insara sabiex jagħmlu ħilithom ħalli dawn ir-rakkomandazzjonijiet tas-Sinodu jiġu mwettqin. Ma' dawn nixtieq inżid ngħid ukoll li f'dawn l-aħħar xhur f'kull l-ewwel Ġimgħa, fil-knisja ta' Ħamet, grupp ta' żgħażagħ magħruf bħala *The Alliance of the Holy Family* qegħdin jiltaqgħu flimkien sabiex jagħmlu tliet sigħat adorazzjoni ewkaristika.

Nixtieq li din l-inizjattiva sabiħa tkompli tikber u timxi 'l quddiem speċjalment fost iż-żgħażagħ.

48. ID-DEĊENZA FL-ILBIES FIĊ-ĊELEBRAZZJONI TAS-SAGRAMENTI
(21 - 06 - 1994)

Meta nidħlu f'post sagru bħal ma huma l-knejjes tagħna jew nieħdu sehem f'azzjoni sagra bħal ma hija l-Quddiesa, jeħtieġ mhux biss li nġibu ruħna bil-qima u r-rispett, iżda anke l-ilbies tagħna għandu jkun ilbies xieraq għal dik l-okkażżjoni.

Min jippretendi li jidħol fil-Knisja jew jieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti liebes kif ġie ġie, bi ħwejjeġ trasparenti jew imqaċċtin iżżejjed, juri li ma għandux għożża lejn il-ħwejjeġ qaddisa u li ma jafx biżżejjed id-dmirijiet li kull nisrani għandu lejn id-dar ta' Alla. Juri wkoll li ftit jimpurtah jekk jagħti eżempju ħażin lill-oħrajn.

Minkejja t-twissijiet li għamilna fl-imgħoddi, ta' kull sena, matul ix-xhur tas-sajf ninnotaw li qegħdin isiru ħafna abbużi fejn tidħol id-deċenza ta' lbies fil-knejjes.

Nixtieq li f'dan il-kuntest infakkar fit-twissijiet tas-Sinodu ta' Għawdex: "B'mod speċjali fil-festi titulari, min iżur il-knejjes irid iġib ruħu sewwa u jkun liebes deċenti" (par. 854).

Fl-okkażjoni tat-tiġijiet, ilbies indeċenti "m'għandu qatt jiġi aċċettat, anqas fuq dawk li jkunu qed jagħmluha ta' *bridesmaids*. L-għarajjes huma fid-dmir

li lill-mistednin tagħhom ifakkruhom biex jilbsu b'mod deċenti għall-knisja, jekk ikunu ser jattendu għar-rit taż-żwieġ" (par. 331).

Din l-istess twissija tgħodd ukoll għall-okkażjoni ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Konfirmazzjoni.

Fl-aħħarnett, is-Sinodu jordna wkoll li "fiż-żmien tas-sajf, għandhom jitqiegħdu f'post fejn jidher posters b'diversi lingwi dwar l-ilbies xieraq" (par. 93b).

Inżid ukoll li mhux xieraq li xi persuni rġiel jew nisa jieħdu sehem f'xi ministeri, waqt il-Quddiesa jew ċelebrazzjoni tas-Sagramenti, per eżempju meta jagħmluha ta' letturi jew ta' animaturi, jekk ilbieshom ma jkunx tabilħaqq deċenti. Altrimenti joffendu s-sentimenti reliġjużi ta' dawk li jkunu preżenti fil-Knisja.

Din id-deċenza fl-ilbies hija meħtieġa kull meta wieħed jieħu sehem f'funzjoni reliġjuża, anke jekk din ma tkunx qiegħda ssir fil-knisja iżda f'post ieħor jew fil-beraħ.

49. IS-SINODU TA' L-ISQFIJIET DWAR IL-ĦAJJA KONSAGRATA
(26 - 09 - 1994)

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Ottubru, fil-Vatikan se tiftaħ id-Disa' Assemblea Ġenerali Ordinarja tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet. Dan is-Sinodu mħabbar mill-Qdusija Tiegħu l-

Papa Ġwanni Pawlu II fit-30 ta' Diċembru 1991, sejjer jittratta t-tema: "Il-Ħajja Konsagrata u l-missjoni tagħha fil-Knisja u fid-dinja". Kif għamilna f'okkażjonijiet oħra bħal dawn, aħna għandna nħossu d-dmir li noffru talb ħerqan lil Alla, għas-suċċess tal-laqgħat ta' dan is-Sinodu ta' l-Isqfijiet.

Matul ix-xahar ta' Ottubru, fil-knejjes u fid-djar għandu jiġi reċitat bil-qima r-Rużarju tal-Madonna. Is-Sinodu Djoċesan jgħidilna li "l-insara għandhom jiġu mħeġġin sabiex fil-knisja jew fid-dar tagħhom jirreċitaw ta' spiss ir-Rużarju tal-Madonna li huwa għamla eċċellenti u xierqa ħafna ta' meditazzjoni dwar il-misteri tas-salvazzjoni tagħna" (166d). Jippreskrivi wkoll li f'kull parroċċa jiġu promossi d-devozzjonijiet konnessi max-xahar ta' Ottubru (art. 166e).

Nirrikkmandalkom li speċjalment f'din is-sena, matul Ottubru, nitolbu bl-interċessjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija, sabiex il-familji nsara tal-gżejjer tagħna jirnexxilhom jirbhu l-isfidi ta' żminijietna, u jibqgħu jgħożżu dejjem il-liġi tal-Mulej.

50. KONSEGWENZI TAS-SINODU TA' L-ISQFIJIET
(09 - 11 - 1994)

Is-Sinodu ta' l-Isqfijiet li sar fil-Vatikan u li ntemm ftit ġranet ilu, jittratta dwar il-ħajja kkonsagrata. Biex napprezzaw il-frott ta' dan is-Sinodu jixraq li nippruvaw nifhmu ftit aħjar xi tfisser il-ħajja kkonsagrata.

Kristu nnifsu, skond ix-xhieda tal-kotba tar-Rabta l-Ġdida, jidher bħala l-ewwel wieħed fost dawk li huma kkonsagrati. Dwaru San Ġwann jgħidilna (Ġw 10,36) li huwa "dak li l-Missier qaddsu u bagħtu fid-dinja", u San Pietru (Atti 10,31) jgħallimna li "l-Ispirtu s-Santu dilku bil-qawwa". Minn din ix-xhieda nistgħu nikkonkludu li l-konsagrazzjoni hija l-ħidma ta' Alla li biha Ġesù ġie magħmul Messija, u rċieva l-missjoni ta' Feddej.

Fuq ix-xbieha ta' Kristu, kull min hu nisrani huwa kkonsagrat, għaliex fil-Magħmudija ħa d-dilka tal-qdusija u konsagrazzjoni li tibqa' għal dejjem. Fil-Magħmudija aħna ġejna kkonsagrati għas-servizz tat-Trinità Mqaddsa.

In-nisrani, li jistqarr u jħaddan il-Kunsilli Evanġeliċi ta' l-ubbidjenza, tal-kastità u tal-faqar, ikun jieħu konsagrazzjoni ġdida, li ġejja mill-voti, jew wegħdiet li jkun għamel quddiem il-knisja. Huwa Alla li jsejjaħ lil ċerti nsara u jagħtihom vokazzjoni għal dan l-istil ta' ħajja ġdida ta' qdusija. Hija l-Knisja li tagħti l-approvazzjoni tagħha lid-diversi għamliet ta' ħajja kkonsagrata, u li taċċetta wara li jkunu saru l-provi meħtieġa, il-professjoni ta' kull min jintrabat bil-wegħdiet tal-Kunsilli Evanġeliċi u dan tagħmlu f'isem Alla u bis-setgħa tiegħu.

Dan l-istil ta' ħajja fqira, safja u ubbidjenti li Kristu għażel għalih innifsu u li ġie mħaddan ukoll mill-Imqaddsa Omm tiegħu Marija, huwa parti mill-ħajja tal-Knisja Kattolika, u waħda mit-toroq ewlenin li jwasslu għall-qdusija. Min jaqbad din it-triq jagħti xhieda b'ħajtu

stess li huwa jemmen f'Alla u jistmah wisq iktar minn kollox, li jittama f'ħajja oħra li għad tiġi, u li huwa jħobb lil Kristu, mingħajr ebda riservi.

Minn dan is-Sinodu ta' l-Isqfijiet nittama li joħorġu mill-inqas żewġ konsegwenzi:

(i) Kollna kemm aħna għandna napprezzaw, wisq iktar milli għamilna sal-lum, dak li huma u dak li jagħmlu fil-Knisja u fis-soċjetà l-persuni kkonsagrati. Inkunu rikonoxxenti għat-talb kontinwu li joffru lil Alla u għall-ħidmiet tagħhom f'kull qasam, bħalma huma l-parroċċi, l-iskejjel u l-isptarijiet.

(ii) Nitolbu sabiex il-persuni kkonsagrati jipperseveraw fil-vokazzjoni tagħhom u jissaħħu fil-qdusija u fil-ħajja għall-appostolat. Nitolbu wkoll sabiex kemm fil-għadd, kif ukoll fil-kwalità, ma jonqsu qatt il-vokazzjonijiet kemm fl-Istituti Reliġjużi kif ukoll fl-Istituti Sekulari u għal għamliet oħra ta' ħajja kkonsagrata.

51. IS-SEBA' ĊENTINARJU TAD-DAR TA' LORETO
(01 - 12 - 1994)

Minn hawn u ftit ieħor ser jiġi ċċelebrat is-Seba' Ċentinarju tad-Dar Imqaddsa ta' Loreto. Fl-ittra tal-15 ta' Awissu 1993, li l-Papa Ġwanni Pawlu II bagħat lid-Delegat Pontifiċju f'dan il-post, id-Dar ta' Loreto ġiet imsejħa "is-Santwarju ta' l-Inkarnazzjoni".

Dan is-Santwarju jżomm ħajja fil-Knisja tliet messaġġi kbar li joħorġu mit-tliet "mumenti" jew atti li fihom twettaq il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Dawn huma (i) it-tislima ta' l-Anġlu jew it-tħabbira; (ii) it-tweġiba tal-Fidi, cioè l-'Fiat" ta' Marija, u (iii) il-ġrajja sublimi tal-Verb li sar bniedem.

Il-pjetà nisranija - ikompli jgħidilna l-Papa - dawn it-tliet mumenti esprimiethom bit-talba ta' l-Angelus, li minħabba l-kontenut tagħha, nistgħu nqisuha bħala t-talba ta' Loreto, per eċċellenza. "L-Anġlu t'Alla deher lil Marija"..."Hawn jiena l-qaddejja tal-Mulej"..."Il-Verb ħa l-ġisem u għammar fostna".

Minn dawn it-tliet mumenti joħorġu tliet messaġġi li l-Papa jiġborhom fi tliet kelmiet, "grazzja, fidi u salvazzjoni" u jorbothom mas-sentenza li kiteb San Pawl fl-ittra tiegħu lill-Efesin (2,8). "Għax bil-grazzja intom kontu salvati, bil-fidi".

Id-Dar Imqaddsa ta' Loreto tistedinna biex naħsbu fuq il-grazzja u l-qdusija li kellha Marija, bis-saħħa tal-merti ta' Kristu Binha. Iżda f'dak is-Santwarju u fis-santwarji l-oħra marjani jeħtieġ li permezz tas-sagramenti, insaħħu fina l-grazzja u jekk tlifniha nerġgħu nsibuha bis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

It-tieni messaġġ li jidwi fost il-ħitan tas-Santwarju ta' Loreto huwa dak tal-fidi, li tgħallimna Marija li hija l-ewwel waħda li emmnet fost il-bnedmin tal-Liġi l-Ġdida u li ġiet imfaħħra għal twemminha. Dan il-messaġġ jgħallimna li aħna wkoll għandu jkollna sehem minn din il-virtù ta' Marija. Il-Fidi - jgħallimna l-Papa

- ma tfissirx biss li nagħtu l-kunsens ta' moħħna għall-veritajiet rivelati, iżda wkoll l-ubbidjenza, billi naċċettaw bil-ferħ lil Alla fil-ħajja tagħna, billi ngħidu "iva" bil-qalb u mingħajr riservi għall-pjan tiegħu.

Fl-inkarnazzjoni, l-Iben ta' Alla sar bniedem u beda jgħammar fostna. It-tielet messaġġ ifissrilna li f'dan il-misteru waslitilna s-salvazzjoni u bdiet isseħħ l-opra tal-Fidwa li laħqet il-quċċata tagħha fil-misteru ta' l-Għid, bil-passjoni, il-mewt u l-irxoxt ta' Kristu. Din il-fidwa jeħtieġ li nilqgħuha b'rikonoxxenza u bil-koperazzjoni sħiħa tagħna.

Barra milli nistedinkom tieħdu sehem fl-attivitajiet u fiċ-ċelebrazzjonijiet li ser isiru biex ifakkru dan iċ-ċentinarju jiena nixtieq inwasslilkom żewġ rakkomandazzjonijiet:

(a) "Biex inwieġbu għall-isfidi l-ġodda tas-sekularizzazzjoni, jeħtieġ li s-santwarji jkunu postijiet ta' evanġelizzazzjoni, ċittadelli veri u proprji tal-fidi, fis-sens sħiħ li kellha din il-kelma fuq fomm Kristu meta kien igħid "Indmu u emmnu fil-Vanġelu" (Mk 1,15).

(b) Waqt li nfakkru li t-talba ta' l-Angelus hija "it-talba lawretana per eċċellenza", kif qalilna l-Papa, nagħmlu ħilitna biex din id-devozzjoni tikber u tissaħħaħ fost il-poplu tagħna.

L-Imqaddsa Verġni Marija żżommkom dejjem taħt il-ħarsien tagħha.

1. PJAGI MORALI TAS - SOĊJETÀ
(15 - 03 - 1989)

Il-bniedem ta' llum għandu tlett nuqqasijiet kbar: tliet vizzji qodma imma fl-istess ħin ġodda u attwali; tlett żbalji li qed jagħmlu ħsara lis-soċjetà kif ukoll lir-ruħ nisranija; tlett pjagi li jekk ma narawx x'ser nagħmlu biex infejquhom, ser jifnuna.

L-ewwel nuqqas huwa **l-Qerq**; meta wieħed ma jgħidx il-verità imma jipprova jinganna lil ħaddieħor; meta wieħed jittanta jagħti impressjoni li hija differenti mir-realtà. Għandna nies li ma jirrispettawx il-verità, nies li jħobbu l-qlajja fuq ħaddieħor, nies li ma jsibuhiex diffiċli jgħidu gidba mingħajr skruplu ta' xejn. L-Iskrittura tgħallimna kemm il-kliem b'ieħor joffendi lil Alla. Niftakru fir-rakkont ta' Ħananija u Saffira (Atti, 5) meta San Pietru jċanfarhom għax qalu gidba u Alla kkastigahom. Ġesù stess jgħallimna li l-verità teħlisna, tagħmilna liberi (Ġw 8, 32). Il-verità tgħinna ngħixu skond id-dinjità tagħna ta' bnedmin.

Mhux veru li gidba għall-bżonn tista' tgħidha. Wieħed jista' ma jagħtix ċerta informazzjoni, meta jkun jaqbel li ċerti affarijiet jibqgħu mistura. Hemm is-sigriet professjonali li għandu jiġi mħares. Altrimenti meta nitkellmu għandna ngħidu l-verità u meta jkollna xi dubju għandna ngħidu li qed nitkellmu taħt dubju. Meta wieħed, wara li jkun qal jew kiteb xi ħaġa, jinduna li ma kkomunikax il-verità, huwa fid-dmir li jikkjarifika u jfisser dak li jkun qal jew kiteb.

Ladarba l-gideb u l-qerq huma daqshekk imxerrda, wieħed għandu joqgħod attent li ma jiblax kull kelma li jisma' jew jaqra. Mhux kull ma naqraw huwa Vanġelu jew ktieb ispirat. Anke min jikteb il-gazzetti jista' jieħu żball u forsi xi darba jkollu l-intenzjoni li jdaħħal lil qarrejja fl-iżball.

Pjaga oħra hija l-**Mibgħeda.** Għandna wisq skużi biex wieħed jobgħod lill-ieħor. Jista' jiġri li wieħed ma jkunx ta' l-istess fehmiet tiegħek, li wieħed ma għandux l-istess interessi bħalek, li wieħed għandu reliġjon differenti minn tiegħek. Imma b'daqshekk dan ma jfissirx li nistgħu nobogħduh. Il-qalb li tidħol fiha l-mibegħda mhix il-qalb li tilqa' fiha l-grazzja t'Alla. Innisrani qatt ma jista' jobgħod. Veru li xi darba trid tagħmel sforz mhux żgħir biex ma tobgħodx lil min jagħmillek id-deni, imma Ġesù stess jgħallimna biex naħfru lill-għedewwa tagħna u biex inpattu d-deni bil-ġid.

Pjaga oħra hija l-**Għira**. Kienet l-għira li wasslet lil Kajjin joqtol lil ħuh Abel. Kienet l-għira li firdet lil Ġużeppi minn ħutu.... Għira mhix biss nuqqas ta' karità,

imma hija injoranza, dlam li ma jħalliniex naraw. Kulħadd għandu xi ħaġa tajba u kulħadd jista' jagħmel progress. Għaliex ngħiru għall-proxxmu tagħna? Jekk dak li għandu ħaddieħor akkwistah b'ingann jew b'kutrabandu, m'għandekx għalfejn tgħir għalih għax qatt ma għandna nikkuppjaw lil min jagħmel il-ħażin, lil min jagħmel id-dnub - anzi, għadna nikkundannaw dan l-għemil u nżommuh 'il bogħod mill-ħajja tagħna. Imma jekk dak li għandu ħaddieħor kisbu bil-ħidma u bit-tħabbil il-moħħ tiegħu, allura agħmel bħalu, ħabrek bħalu biex tasal fejn wasal hu. Imma min jitfa' għajnejh fuq il-proxxmu tiegħu u ma jaħmilx għax jara xi ħaġa tajba, dan huwa l-oppost tal-karità. Kif jgħallimna S. Pawl, il-karità tikkonsisti ukoll li tifraħ ma min jifraħ u tibki ma' min jibki (Rm 12, 15); mentri l-għira twassalna biex nieħdu gost meta naraw lil ħaddieħor mgħaffeġ u forsi jkollna dispjaċir jekk naraw lill-proxxmu tagħna kuntent!

Kull wieħed minna għandu jara x'jagħmel biex dawn il-pjagi ma jibqgħux miftuħa u hekk nibdew infejqu lilna nfusna u s-soċjetà tagħna.

2. IL-VALURI TAL-VANĠELU
(9 - 04 - 1989)

It-Tixbiha tar-Raġħaj u tal-Merħla, illum f'ħafna bliet kbar tad-dinja lanqas biss jifmuha, għax min jaf kemm hemm tfal li qatt ma raw raġħaj, li qatt ma raw

merħla! Imma aħna nifhmuha faċilment, għax qegħdin f'pajjiż agrikolu, u għandna kultura li f'ħafna affarijiet tixbah lil dik li kien hemm fil-Palestina fi żmien Kristu u fi żmien il-Profeti. Għalhekk, meta ngħidu "Kristu l-Mulej, hu r-Raġħaj tiegħi", "Kristu huwa r-Raġħaj it-Tajjeb", u "aħna membri tal-merħla ta' Kristu", nifhmu malajr x'ifissru dawn il-kelmiet. Ifisser li Kristu huwa Mexxej, u aħna noqogħdu għat-tmexxija Tiegħu, aħna nagħmlu dak li jgħidilna Hu, kif irid Hu!

Issa forsi xi ħadd igħid, imma Kristu kif imexxina! Għaliex insejħulu Mulej? Kif nimxu wara Kristu? Hemm dawk li nsejħulhom 'il-valuri tal-Vanġelu'. Il-valuri tal-Vanġelu huma ċerti veritajiet li għandhom siwi għall-ħajja tal-bniedem. Dawn huma l-valuri tal-Vanġelu, dawk li għallimna Kristu fuq il-ħajja tagħna biex nistgħu nsibu l-paċi tal-qalb, biex nistgħu nissejħu Tiegħu, u nkunu Tiegħu tabilħaqq. U dawn il-valuri lilna għallmuhomlna minn meta konna żgħar. Il-valur li niftakru li għandna Alla fis-Sema - Missier li jħobbna; il-valur li niftakru li aħna aħwa bejnietna.

Kristu għallimna l-valur tal-maħfra cioè li aħna għandna naħfru lil xulxin. Kristu għallimna l-valur illi naħsbu għall-ħajja li għad trid tiġi: il-Ħajja ta' wara l-mewt. Kristu għallimna li ma għandniex norbtu qalbna mal-ġid tad-dinja. Kristu għallimna li l-aqwa teżor tagħna għandu jkun l-opri tajba mal-proxxmu tagħna. Dawn huma l-valuri tal-Vanġelu. Issa, min jaċċetta dan it-tagħlim ta' Kristu, u jwettqu fil-ħajja tiegħu, dan huwa tabilħaqq fil-merħla tal-Mulej, tabilħaqq miexi wara Kristu, iżda min ma jaċċettax dawn il-Valuri, u forsi wkoll jiddieħak bihom, allura dana mhux miexi wara

Kristu. Hawnhekk inkunu realistiċi u nistaqsu: Dan irragħaj li huwa Kristu, kemm baqagħlu ħrief u ngħaġ filmerħla tiegħu?

Il-Kattoliċi li jemmnu u jipprattikaw kif imiss ir-Reliġjon tagħhom huma eluf u miljuni, iżda kemm huma dawk li minn Kristu ma jimpurtahom xejn? U wisq u wisq agħar, kemm huma dawk li darba kienu nsara, u llum ma għadhomx, jew it-tfal li trabbew f'familji Nsara, u llum saru żgħażagħ, saru rġiel u nisa, u warrbu fil-ġenb għal kollox il-valuri tal-Vanġelu, il-valuri li għallimna Kristu, ir-Ragħaj it-Tajjeb. Illum f'ħafna pajjiżi ta' l-Ewropa Oċċidentali, aħna qegħdin ngħixu f'dik li nsejħulha "soċjetà amorali".

Kriterju tal-Konsumiżmu

Xi tfisser soċjetà amorali? Tfisser soċjetà illi fiha l-bnedmin ma jħabblux moħħhom mid-dmirijiet etiċi u morali tagħhom, soċjetà li fiha l-bnedmin mhux ħsiebhom x'qal Kristu, imma ħsiebhom x'jaqbel l-iktar, x'inhu dak li l-aktar jagħtihom pjaċir, jagħtihom gost, x'inhu dak li l-iktar jgħollihom 'il fuq fil-karriera tagħhom, x'inhu dak li l-iktar jista' jżid il-ġid tagħhom; allura, flok il-valuri tal-Vanġelu, daħlu kriterji ġodda - il-kriterju tal-konsumiżmu li wieħed iberbaq, u jtajjar u jaħli biex ikun bħal ħaddieħor, u iktar minn ħaddieħor; daħlet il-mentalità ta' l-egoiżmu, il-pjaċir, ifittxu dak li jagħti pjaċir, sewwa jekk hu leġittimu, u sewwa jekk mhux, sewwa jekk jaqbel mal-Liġi ta' Alla u sewwa jekk inhu l-kuntrarju għal-Liġi t'Alla.

Ħafna nies ifittxu t-tornapont tagħhom, dak li jaqblilhom, dak li jgħodd, biex iżidu l-fortuna u l-ġid

tagħhom. U din il-mentalità hija għal kollox imbiegħda u opposta għall-mentalità ta' l-Evanġelju Mqaddes, jiġifieri min jirraġuna b'dan il-mod, min il-ħajja tiegħu qiegħed ifassalha u jipprogrammaha skond dawn il-kriterji, dan żgur li mhux fil-merħla ta' Kristu, żgur li ma jistax jgħid "Il-Mulej hu r-Ragħaj tiegħi". U għalhekk, ħafna jgħidulna li l-Ewropa ta' żminijietna qiegħda tgħix f'era post Kristjana, qisu paganiżmu ġdid - mhux il-paganiżmu li kien hemm qabel ma ġie Kristu fid-dinja, imma paganiżmu iktar raffinat, iktar ibbażat fuq irraġuni, fuq is-sejbiet tax-xjenza, fuq il-kapaċità u l-ħila teknoloġika, iżda jibqa' paganiżmu, jibqa' ħaġa li tiddegrada l-biedem, illi tbaxxilu d-dinjità tiegħu.

U għalhekk, il-Papa jistedinna biex f'dawn l-aħħar għaxar snin illi fadal qabel ma jibda t-tielet millenju, aħna nagħmlu sforz biex nirrievanġellizzaw l-Ewropa li tbiegħdet minn Kristu.

X'ifisser? Ifisser, irridu nagħmlu sforz, irridu nimpenjaw ruħna, irridu nxammru idejna biex dawk il-bnedmin illi għalihom il-valuri tal-Vanġelu ma jfissru xejn, jerġgħu jagħrfu kemm huma importanti dawk il-veritajiet li għallimna Kristu, u jerġgħu jibdew ifasslu l-ħajja tagħhom skond it-tagħlim ta' Ġesù. U l-ewwel, irridu nitilqu minn pajjiżna stess, mid-Djoċesi tagħna, mill-familji tagħna u dawk li hemm ġewwa nieħdu ħsiebhom biex ma jaħarbux. Veru li r-ragħaj tal-parabbola ħalla d-99 nagħġa fil-maqjel u mar ifittex il-waħda mitlufa, imma ħallihom fil-maqjel imħarsin tajjeb. Allura, dawk li qegħdin ġewwa, hemm bżonn illi nibżgħu għalihom, u nieħdu ħsiebhom. Iżda ma rridux nikkuntentaw biss b'dawk ta' madwarna, irridu wkoll naħsbu

fl-oħrajn li xi ftit jew wisq huma mbiegħdin minna, li tbiegħdu mill-Knisja għal kwalunkwè raġuni, kienet x'kienet, bi ħtija tagħhom jew mingħajr ħtija tagħhom, dawn ukoll hemm bżonn li naħsbu fihom, dawn ukoll hemm bżonn li nistinkaw biex huma jagħrfu s-sbuħija tat-tagħlim ta' Kristu, u jaċċettawh bħala programm tal-ħajja tagħhom.

Naħsbu f'Pajjiżi oħra

Imbagħad irridu naħsbu wkoll f'pajjiżi oħra, u nistgħu ngħidu li d-djoċesi tagħna, djoċesi żgħira, imma diġà hi mpenjata, imdaħħla sewwa f'din il-ħidma ta' Evanġelizzazzjoni mġedda, illi l-Papa jridna nagħmlu. Għaliex? Għax aħna għandna Missjunarji rġiel u nisa, qassisin, sorijiet u patrijiet, kważi fil-ħames kontinenti; għandna fl-Ewropa, l-Italja, l-Ingilterra, għandna l-Amerika, l-Awstralja, jiġifieri diġà d-Djoċesi t'Għawdex qiegħda tagħti l-kontribut tagħha, diġà d-Djoċesi t'Għawdex qed tagħmel xi ħaġa biex jitwettaq dan il-programm tal-Papa, ta' l-Evanġelizzazzjoni tad-dinja, speċjalment ta' l-Ewropa.

Forsi xi ħadd iġħid, imma din mhix ħolma, din m'hijiex xi utopija, din m'ihijiex xewqa li żgur li qatt mhi sejra titwettaq? Aħna l-insara, aħna bnedmin ottimisti, bnedmin ta' tama, aħna lejn il-ġejjieni nħarsu b'realiżmu, jiġifieri dak li hu ikrah ngħidulu ikrah, imma fl-istess ħin ma naqtgħux qalbna, għax aħna nafu illi l-kors ta' l-istorja għandu mhux protagonista wieħed, imma tnejn. L-istorja tafu min jinsiġha u min ifassalha u min iwettaqha? L-ewwelnett aħna ngħidu l-bniedem, għax il-bniedem ifassal l-istorja tiegħu, imma barra l-bniedem hemm protagonista ieħor aktar importanti,

hemm Alla. U ħafna drabi, dak li l-bniedem jilwi u jdawwar, Alla jiddrittah u jirranġah. It-Taljani għandhom il-proverbju illi jgħid: "L'uomo propone e Dio dispone" - il-bniedem jipproponi, jiġifieri jagħmel il-pjani tiegħu, il-programm tiegħu, imma mbagħad Alla li jqassam u jiddisponi. Allura, aħna l-insara, lejn il-ġejjieni, inħarsu bit-tama, mhux għax nafdaw fil-ħila tagħna, imma għax nafdaw fil-qawwa ta' Alla l-Imbierek.

Ġrajjiet li seħħew dan l-aħħar

Jiena issa se nsemmilkom xi fatti li ġraw proprju fil-ġimgħa li għaddiet, u li 30 sena ilu, ħadd lanqas biss kien joħlom illi sejrin isiru. Kienu ħolma, u ħolma kbira! Imma seħħew! Huma realtà! Realtà illi żgur kienet ta' konsolazzjoni kbira għall-qalb tal-Missier Tagħna l-Papa. Huma żewġ ġrajjiet: L-ewwelnett dak li ġara fil-Polonja, il-patrija tal-Papa, l-art fejn twieled u li żgur Huwa jħobb b'imħabba kbira. Tafu li hemmhekk, fl-aħħar, wara tant taħbit rebaħ il-pluraliżmu, u s-Solidarnosc reġgħet ġiet aċċettata, m'għadhiex iżjed illegali u tista' twettaq il-ħidma tagħha, allura din hija libertà miksuba b'tant tbatija, b'tant sagrifiċċji, u ankè b'tant vittmi, għax kien hemm ħafna Pollakki illi ċarċru demmhom biex il-poplu tagħhom ikun jista' jgħix fil-libertà.

Il-ġrajja l-oħra li twettqet f'dawn il-ġranet, u li kienet żgur ħolma sa ftit snin ilu, kienet illi l-gvern ta' l-Ungerija ddeċieda li jerġa' jinfetaħ il-proċess tal-Kardinal Midzenty. Hekk wara tant żmien, wara tant tbatija, u tant ċarċir ta' demm, deher xaqq dawl hekk sabiħ f'dawn il-pajjiżi illi għandhom tradizzjoni Kattolika, il-Polonja u l-Ungerija. Hekk ukoll nittamaw

u nitolbu, illi Alla jħenn għall-Ewropa li tbegħdet minnU, għall-pajjiżi li jippretendu li huma ċivilizzati, imma warrbu fil-ġenb il-liġi tal-Mulej, iħenn għalihom u jsib il-mezzi u l-manjieri kif jista' jerġa' jiġbidhom lejH!

Għalhekk, mela, filwaqt li jiena nrodd ħajr lil dawk li ħadu sehem f'dan il-Kungress, jiena nixtieq li nitolbu biex id-dgħajja jagħrfu l-iżball tagħhom, u ma jidgħux iktar; ma jagħmlux dan l-għajb, dan l-isem ħażin lilhom infushom, u lil pajjiżhom, għax fl-aħħar mill-aħħar f'pajjiż fejn jinstema' d-dagħa, huwa pajjiż ta' l-injoranti, pajjiż fejn jinstema' d-dagħa, huwa pajjiż illi fih l-edukazzjoni għadha ma waslitx f'ċertu livell. Imma barra li nitolbu biex f'pajjiżna jinqered dan il-vizzju tad-dagħa, nitolbu wkoll biex f'pajjiżna, il-ħajja nisranija tkun tabilħaqq ħajja sħiħa, qawwija u f'saħħitha, billi aħna naċċettaw il-Valuri tal-Vanġelu, u nimxu wara Kristu, ir-Ragħaj tagħna.

3. IL-LITURĠIJA, ĊELEBRAZZJONI AWTENTIKA
(10 - 10 - 1989)

Din id-deskrizzjoni li ser nagħti forsi hija iktar **ideali** milli **reali**, jiġifieri fil-fatt, mhux dejjem qegħdin niċċelebrawha hekk. Il-Liturġija, iżda **nistgħu** niċċelebrawha kif ser ngħidu u jixraq li niċċelebrawha hekk.

Kull għemil liturġiku, għandu jkun **orjentat** lejn vera ċelebrazzjoni.

1. Xi tfisser " **ċelebrazzjoni**" ?

Nużawha din il-kelma mhux biss f'kuntest "sagru" iżda wkoll f'kuntest "profan"; i.e. niċċelebraw il-festa tat-titular jew niċċelebraw ir-rebħa tal-football, jew is-suċċess fl-eżami. Kristu għallinqas f'żewġ parabboli jagħtina ħjiel taċ-ċelebrazzjoni:
(a) Meta jiritorna l-Iben il-Ħali, missieru joqtol l-għoġol u jagħmel festa;
(b) Is-sinjur jagħmel pranzu u jistieden il-mistednin, idaħħal dawk li jsib fit-toroq.

Naraw xi karatteristiċi taċ-ċelebrazzjoni liturġika.

2. Iċ-ċelebrazzjoni liturġika, mhix attività **solitarja** jew **privata**, iżda **komunitarja**. Ċelebrazzjoni mhux WAĦDEK, iżda FLIMKIEN ma' l-oħrajn. "Il-Liturġija, għax hi ċelebrazzjoni tal-Knisja, titlob it-tisħib sħiħ u attiv ta' kulħadd, kull wieħed skond l-ordni jew id-dmir li għandu. Kulħadd, il-ministri u l-insara l-oħra kollha, huma u jaqdu dmirhom, għandhom jagħmlu dak li hu propju tagħhom u dan biss" (Ġwanni Pawlu II, Ittra Apostolika, Vi*gesimus Quintus Annus*, 10).

Dan jeżiġi atmosfera ta' paċi u ta' mħabba fraterna. Il-liturġija hija wkoll indizju jew sinjal ta' dan ir-rispett u l-imħabba ta' l-aħwa u għandha SSAĦĦAĦ dan l-ispirtu. Premessa u frott tal-liturġija hija l-imħabba fraterna.

3. Kull ċelebrazzjoni ssir sabiex tfakkar xi ġrajja, jiġifieri jeħtieġ li jkun hemm okkażjoni għaliha u hija tribut jew ġieh lil xi persuna.

Il-liturġija, bħala ċelebrazzjoni hija tifkira ħajja tal-misteru tal-Għid, tal-ġrajja tas-salvazzjoni mwettqa bil-passjoni, il-mewt u l-qawmien tal-Mulej.

Hija tifħir u glorja lil Kristu, l-awtur tas-salvazzjoni, is-saċerdot ewlieni, preżenti fil-liturġija.

"Kristu hu dejjem preżenti fil-Knisja tiegħu, speċjalment fl-azzjonijiet liturġiċi, sabiex jattwalizza l-misteru tal-Għid tiegħu" (*Vigesimus Quintus Annus*, 7).

Din il-preżenza ta' Kristu, mhix sensibbli, ma narawhiex bl-għajnejn tal-ġisem, iżda nagħrfuha bil-FIDI, il-fidi tal-Knisja u l-fidi ta' kull membru tagħha.

4. Ċelebrazzjoni tfisser ukoll festa jew **espressjoni ta' ferħ**.

Il-liturġija biex tkun ċelebrazzjoni kif imiss jeħtieġ li tkun imsieħba mal-**ferħ spiritwali** u l-paċi tal-qalb.

Is-saċerdot, qabel ir-riforma, fil-bidu tal-quddiesa, kien jgħid "lil Alla li jferraħ iż-żgħożija Tiegħi."

Il-Liturġija kollha hija xhieda taż-żgħożija spiritwali tal-Knisja.

Għandha tkun okkażjoni ta' ferħ, għax titwettaq bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu, li hu l- GĦARUS ta' l-erwieħ.

Tkun ma' Kristu - jgħid il-KEMPIS - hija ġenna ta' ħlewwa.

Sinjali (Espressjoni tal-ferħ): Fjuri, dawl, kant. Dan il-ferħ spiritwali, mibni fuq l-imħabba mħeġġa lejn Kristu u fiduċja fih.

5. Ċelebrazzjoni għandha ssir fil-**kalma** mingħajr għaġġla u mingħajr preokkupazzjoni ta' affarijiet oħra; mhix xi battalja li trid issir malajr iżda fl-istess ħin hija serħan għall-bniedem.

Il-Liturġija biex tkun ċelebrazzjoni xierqa, trid issir bil-kalma. Min jieħu sehem, fil-ħin taċ-ċelebrazzjoni, irid iħalli kollox u jinsa kollox għal Alla "vacare Deo".

Il-liturġija, l-adarba hija laqgħa ma' Alla, tissopponi li l-bniedem jehda f'Alla biss, għax xejn ma hu mportanti daqs Alla. Ir-regola ta' San Bernard dwar l-irtir tiswa wkoll għal-liturġija "Ingredi totus, manere solus."

Għandhom ikunu ESKLUŻI, it-tfexfix u n-nervożiżmu. Tajjeb li f'dan l-aspett kull wieħed minna jagħmel eżami tal-kuxjenza.

Dan ifisser li hija meħtieġa l-virtù kardinali tat-temperanza (qies).

6. Kull ċelebrazzjoni anke profana ma tistax tippermetti diżordni jew bluhat, iżda jeħtieġ li tirrispetta ċerti drawwiet u liġijiet.

Il-liturġija li hija ċelebrazzjoni tal-Knisja, ma tistax issir skond il-kapriċċ ta' l-individwu, iżda trid toqgħod għar-regoli li għamlet il-Knisja stess.

Fuq kollox tiċċelebra liturġikament iffisser "tagħmel sempliċement dak li tagħmel il-Knisja, dak li trid il-Knisja, "Facere quod facit Ecclesia."

Dan l-atteġjament, ċioè l-osservanza tan-normi liturġiċi, jeżiġi l-virtujiet ta' l-umiltà u ta' l-ubbidjenza, u fuq kollox fedeltà u lealtà lejn il-Knisja.

7. F'kull ċelebrazzjoni jeħtieġ li jkun hemm **spazju għall-espressjoni libera** tal-ħsibijiet, tax-xewqat u tas-sentimenti ta' dawk li jieħdu sehem.

M'għandux ikun kollox reġimentat qisha parata militari, iżda għandu jkun hemm ukoll ċerta spontanjetà.

Fiċ-ċelebrazzjoni liturġika, għandu jkun hemm post għall-**kreattività**, biex jitqanqal interess fil-parteċipanti u tiġi evitata l-monotonija.

"Is-Saċerdot għandu jkun "kreattiv" mhux kif jogħġbu u jfettillu hu, iżda skond id-direttivi tal-Knisja, għax din kienet dejjem it-tradizzjoni tal-Knisja. Il-kotba liturġiċi l-ġodda llum jgħidu liċ-ċelebrant f'liema waqtiet taċ-ċelebrazzjoni għandu jagħmel użu mill-kreattività...suriet oħra ta' kreattività fil-liturġija jaslu biex jiċħdu l-istess liturġija, għax hemm profanazzjoni ta' għemil li fih innifsu hu ta' qdusija liema bħala" (J. Lupi, *X'inhi l-lituġija*, Vol. I, 128). Ġenn ta' kreattività jwassal għal LITURĠIJA SEKULARIZZATA.

8. **Rabta mal-ħajja**

F'kull ċelebrazzjoni, il-bniedem ma jistax jinsa totalment lilu nnifsu, i.e. min hu u dmirijietu lejn is-soċjetà.

Fiċ-ċelebrazzjoni liturġika, in-nisrani jżomm irrabtiet tiegħu ma' din id-dinja u ma' l-oħra. ĊITTADIN TA' L-ART U TAS-SEMA. Il-liturġija twassal għal KOINONIA u għal DJAKONIA. Ita missa est. Lilu għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ.

Il-Liturġija hija simbolu u preludju għal-liturġija tas-Sema (Konċilju Vatikan II, *Sacrosanctum Concilium, 4, 8).*

"Fil-liturġija ta' l-art nieħdu sehem billi ntiegħmu minn qabel il-Liturġija tas-sema li hija ċċelebrata fil-belt il-qaddisa ta' Ġerusalemm, li lejha aħna resqin bħala pellegrini, lejn Kristu."

- Fiha nsaħħu l-Virtù: TAMA nisranija.

- Iċ-ċelebrazzjoni liturġika hija glorja 'l Alla fi Kristu; u taħriġ ta' qdusija.

4. MIL-LITURĠIJA GĦAD-DJAKONIJA
(26 - 11 - 1989)

Il-Liturġija tlaqqa' l-kommunità nisranija flimkien - mhux biex joqogħdu flimkien għal ftit tal-ħin, iżda biex fost il-membri tal-kommunità jinħolqu wkoll vera kommunjoni u spirtu ta' aħwa.

Il-Liturġija għandha bħala għan mhux biss li tagħti qima lil Alla, li tqaddes lill-individwi li jieħdu

sehem fiha, imma wkoll li tqaddes il-kommunità li tiċċelebraha, billi sseddaq u ssaħħaħ f'din il-kommunità, il-kommunjoni jew xirka ta' l-aħwa.

Kristu jinsab preżenti fil-Liturġija: "Kristu jinsab fil-Knisja miġbura f'ismu għat-talb.... Kristu huwa preżenti u jaġixxi fil-persuna tal-ministru ordnat li jiċċelebra l-liturġija... Kristu huwa preżenti fil-kelma li titħabbar... Kristu huwa preżenti u jaġixxi fis-Sagramenti u b'mod wisq aktar għoli u singulari hu preżenti u jaġixxi fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa u l-Ewkaristija" (Vigesimus Quintus Annus, No. 7)

Kristu fil-Liturġija jitkellem mhux biss biex idawlilna moħħna bit-tagħlim tiegħu, imma wkoll sabiex jafda missjoni lil dawk li jieħdu sehem fil-Liturġija. Fl-istess waqt huwa jsejħilhom biex jersqu aktar lejh u jingħaqdu miegħu.

Isejħilhom ukoll biex jersqu aktar lejn sħabhom il-bnedmin, jagħdruhom u jħobbuhom f'isem Kristu biex isiru tassew xhieda ta' Kristu fis-Soċjetà. L-istess Kristu li niltaqgħu miegħu wkoll fil-persuna ta' dawk li huma foqra, morda jew batuti. Dan huwa l-veru Kristjaniżmu, din hija l-vera maturità nisranija, din hija r-reliġjon tabilħaqq ħajja u li togħġob lil Alla: l-kapaċità li niltaqgħu ma' Kristu kulfejn jinsab, Kristu fil-Liturġija u Kristu fil-persuna ta' ħutna - fil-Koinonia.

Ma nistgħux nifirdu l-Liturġija mill-ħajja tagħna privata u soċjali. Ma nistgħux infaħħru lil Kristu u nifirħu miegħu fil-Liturġija, imbagħad ma nagħtux każ tiegħu meta huwa umiljat u qed isofri fil-persuna tal-

proxxmu tagħna. Mhux biżżejjed li nagħmlu ħilitna sabiex il-funzjonijiet liturġiċi jitwettqu bid-dinjità u bis-sbuħija li jixirqilhom, iżda jeħtieġ li nieħdu ħsieb ukoll l-aspett jew il-valur kommunitarju tal-Liturġija. Din għandha tkun għal kulħadd skola - mhux biss tal-qdusija personali, iżda wkoll ta' formazzjoni għall-impenn soċjali tagħna. Meta noqorbu lejn Kristu fil-Liturġija, minnu nitgħallmu kif inqaddsu u nsalvaw ir-ruħ tagħna, nitgħallmu wkoll kif niddedikaw ruħna għall-ġid ta' l-oħrajn bl-istess ġenerożità u determinazzjoni li kellu Hu.

Dan li titlob minna l-lealtà lejn Kristu Sultan, li niltaqgħu miegħu fil-Liturġija u bosta drabi ningħaqdu wkoll miegħu fit-tqarbin imqaddes. Jekk aħna leali lejH, il-proxxmu tiegħu għandu jkun il-proxxmu tagħna. Mhix lealtà li nissieħbu miegħu fil-Liturġija, imbagħad ninsew iż-żelu u t-tagħlim tiegħu fl-imġieba tagħna ma' l-oħrajn. M'hemmx għaqda awtentika ma' Kristu jekk niftakru fiH biss waqt xi funzjoni liturġika.

Fi kliem ieħor, biex is-sehem fil-Liturġija jħalli tabilħaqq il-frott, jeħtieġ jgħinna nsiru nsara aktar maturi u għalhekk iktar attenti biex naqdu dmirijietna lejn il-proxxmu u lejn is-soċjetà. Dawn id-dmirijiet huma dovuti dejjem mill-karità iżda meta wieħed ikun impjegat u jirċievi s-salarju għax-xogħol tiegħu, dan ikollu wkoll obbligu ta' ġustizzja.

Kull għamla ta' egoiżmu li hemm fina, ftit jew wisq ixxekkilna u żżommna fi stat ta' infantiliżmu, mentri l-imħabba, l-ġenerożità u d-dispożizzjoni li naqdu lill-oħrajn huma sinjali l-aktar ċari ta' maturità nisranija.

Mhux biżżejjed għalhekk li niftaħru li l-Knejjes tagħna huma miżmuma tajjeb u huma ffrekwentati minnies, iżda jeħtieġ li dak li nieħdu mill-Knisja waqt is-servizz liturġiku, jidher u jinħass fir-relazzjonijiet tagħna mal-proxxmu. Il-Liturġija għandha twassal għad-Djakonija. Din hija s-sejħa li qed jgħamlilna llum Kristu Sultan ta' l-Imħabba u jeħtieġ li aħna nwieġbu għaliha.

5. EVANĠELIZZAZZJONI U POLARIZZAZZJONI
(28 - 10 - 1990)

Bi kliem ħafif ifissru: **Evanġelizzazzjoni**, tixrid tal-messaġġ ta' Kristu, ħidma għas-Saltna t'Alla.

Polarizzazzjoni: Din il-ħidma ssir fis-saltna tal-bniedem (soċjetà) fejn hemm polarizzazzjoni; tendenzi opposti, ġibda f'żewġ direzzjonijiet kontrarji. L-Evanġelizzazzjoni trid tirbaħ jew issib mod kif tgħix ma' l-għamliet ta' polarizzazzjoni li ser insemmu.

1. *Bejn l-imgħoddi u l-futur.* Hemm min għadu ankrat mal-passat, bil-maqlub hemm min jaħseb li kollox beda llum u moħħu fil-ġejjieni. Importanti li jkun hemm **kontinwità** fil-punt essenzjali. L-imgħoddi ma nistgħux ninsewħ, huwa mera u pattern għall-ġejjieni, li però mhux ripetizzjoni eżatta jew foto-kopja tal-passat.

2. *Bejn l-immobiliżmu u l-attività frenetika.* Ma nistgħux nistrieħu fuq l-imgħoddi, "sleep on our laurels",

iżda l-anqas ma nistgħu nippermettu ċerta febbrilità, li ma tħallilniex żmien u enerġija biżżejjed biex nitolbu, nirriflettu u nippjanaw. Il-Knisja fid-dinja hija f'pellegrinaġġ li jixbah il-Via Crucis, hemm stazzjonijiet u hemm moviment, waqfiet u avanz. Dan l-istat għandu jkollu l-ħidma evanġelizzatriċi.

3. *Tensjoni bejn klerikaliżmu u lajċiżmu.* Kien hemm żmien li fil-Knisja, il-kleru kien kollox u l-lajċi ma kellhomx vuċi, iżda jobdu biss. Illum bil-maqlub, hemm min jaħseb li l-lajċi fil-Knisja jistgħu jagħmlu kollox u l-kleru jirtira f'pożizzjonijiet sekondarji.

Fil-Knisja hemm post għal kulħadd u kulħadd għandu jżomm postu u r-rowl tiegħu. Il-Knisja Post-Konċiljari hija knisja plenarja; għandu sehem attiv fiha kull membru tagħha u hekk ukoll għandha tkun l-evanġelizzazzjoni.

4. *L-atteġġjament ta' difensiva u l-atteġġjament ta' offensiva.* Hemm min jara l-Knisja bħala torri protett kontra l-għedewwa. Hemm min jaraha bħal eżerċitu mħejji għat-taqbida. L-ewwel jixtiequ li l-Knisja tkun iktar okkupata fil-kamp tagħha u tieħu ħsieb dak li għandha; liturġija, tradizzjonijiet eċċ. Hemm min iridha tkun iktar lesta li taqbeż f'kampijiet oħra. Il-Knisja trid tinteressa ruħha fl-attivitajiet kollha tal-bnedmin, trid tiftaħ djalogu mad-dinja, iżda ma tistax tittraskura darha stess; kif kien jgħid Ġwanni XXIII l-ewwel nirranġaw darna, imbagħad inkunu iktar kredibbli biex ngħinu lil ħaddieħor.

5. *Tensjoni bejn legaliżmu u kreattività.* Min irid li l-liġi, sa l-inqas dettalji tagħha tiġi mħarsa, min jidhirlu li huwa ħieles li jgħid u jagħmel dak li l-iktar iħoss li jista' jagħti l-aħjar riżultat.

Il-legaliżmu eżaġerat jista' jkun ta' tfixkil fl-evanġelizzazjoni, izda daqshekk ieħor jinħoloq diżordni meta kulħadd jaħdem għal rasu. L-evanġelizzazzjoni għandha tkun ħidma organika, fir-rispett tal-jeddijiet ta' kulħadd, issir bil-kuraġġ izda mhux mingħajr prudenza.

6. *Professjonaliżmu u delettantiżmu.* Hemm min iżomm li ċerta attività għandhom jagħmluha biss il-professjonisti ankè attivitajiet pastorali. Hemm min jaħseb li kulħadd jista' jagħmel xi ħaġa, ankè jekk tkun biss dilettant. L-evanġelizzazzjoni titlob formazzjoni; mhux dilettantizmu biss. Iżda kulħadd għandu jħoss l-impenn u sejħa għal din il-ħidma. Kull nisrani hu rappreżentant tal-Knisja. Kull nisrani hu marbut bl-impenn missjunarju li ta Kristu lill-Knisja bil-kelmiet "morru għallmu l-ġnus kollha." Dan jeħtieġ preparazzjoni u aġġornament kontinwu. Fir-rally, naraw id-diversi oqsma fejn jista' jitwettaq l-apostolat jew ħidma ta' evanġelizzazzjoni

6. KRISTU PREŻENTI F'ĦUTNA FIL-BŻONN
(25 - 11 - 1990)

Il-Mulej tagħna Ġesù Kristu huwa s-sultan tal-ħniena. Għandu mhux biss is-setgħa li jiġġudika, iżda

wkoll is-setgħa li jħenn u jaħfer. Huwa r-Ragħaj it-Tajjeb li jagħti ħajtu għan-ngħaġ tiegħu, huwa t-tabib Divin li jfejjaq il-mard tal-ġisem u tar-ruħ. Wettaq għemejjel ta' ħniena meta kien fid-dinja u ried li dawn l-istess għemejjel ikunu mdaħħla u jistqarru r-Reliġjon imwaqqfa minnu. In-nisrani għalhekk huwa msejjaħ biex ikun bniedem tal-ħniena. Difatti ma jistax ikun veru nisrani jekk ma jkollux imħabba lejn il-proxxmu tiegħu u ma jistax ikun hemm vera mħabba jekk din ma tintweriex fil-kliem u fl-imġieba, jiġifieri jekk ma tkunx imsieħba mal-mogħdrija u ma għemejjel ta' ħniena. Din il-viżjoni ta' l-insara ġiet imxandra b'mod ċar u qawwi fuq il-muntanja tal-Beatitudni, meta Kristu qal "ħenjin dawk li jħennu għax huma jsibu ħniena" (Matt 5,7).

Iżda ż-żminijiet tagħna ma tantx huma favorevoli għal dawn is-sentimenti ta' ħniena lejn l-oħrajn. Id-dinja li qegħdin ngħixu fiha ġiet imsejħa "dinja bla ruħ." Iċ-ċiviltà li tagħti importanza żejda lill-valuri ekonomiċi, li teżalta lil dawk li huma għonja u setgħana, li toħloq kompetizzjoni jew tellieqa bla nifs fost dawk li jridu jiksbu suċċess fil-ħajja, akkost ta' kwalunkwe sagrifiċċju. Il-foqra u d-dagħjfin, f'din is-soċjetà bla qalb huma emarġinati. Ħafna ma jagħtux każ tagħhom, oħrajn jiddisprezzawhom. Kull skuża hija tajba biex wieħed jagħlaq qalbu biex ma jismax il-krib ta' dawk li huma fil-bżonn u ma jarax il-qagħda ta' biki li qegħdin fiha. Issib min jgħidlek: "M'għandix żmien x'naħli ma' nies bħal dawn"; "Lili ħadd ma tani u l-anqas ħadd m'għandu jippretendi xejn minn għandi"; "Jekk iridu jimxu 'l quddiem ifendu għal rashom kif għamilt jien" u tant pretesti oħra bħal dawn.

Kliem ta' din ix-xorta mhux ħlief espressjoni ta' egoiżmu li rabba għeruq ħoxnin f'ċerti ndividwi. Huwa egoiżmu sfaċċat li ftit iqis il-jeddijiet ta' l-oħrajn. Huwa egoiżmu li joffendi u jkażbar lil dawk li m'għandhomx vuċi fis-soċjetà. Huwa egoiżmu li jwebbes il-qalb. Iżda sfortunatament dan l-egoiżmu jsaltan kullimkien madwarna msieħeb mat-tliet pjagi l-oħra tas-soċjetà moderna: il-materjaliżmu, il-konsumiżmu u l-edoniżmu.

Għaldaqstant min irid jgħix ta' nisrani awtentiku u jwettaq il-programm ta' ħniena mniedi mill-Feddej u s-Sultan tagħna, ikollu jmur kontra l-kurrent u jagħlaq widnejh għal dak li tgħid id-dinja fuqu jew kontra tiegħu.

Issa minkejja dan kollu, il-Knisja dejjem xandret il-misteru ta' Kristu lill-foqra u pprovat twettaq l-evanġelizzazzjoni tal-foqra. Nisimgħu x'jgħidilna l-Papa Pawlu VI fl-ittra tiegħu Octo*gesimo Adveniens* ta' l-14 ta' Mejju 1971: "Il-Knisja titfa' l-attenzjoni tagħha fuq il-"foqra" l-ġodda - il-handikappati, dawk li huma f'qagħda mwiegħra, l-anzjani, il-gruppi differenti ta' dawk li huma fit-truf tas-soċjetà u oħrajn - il-Knisja tagħmel dan biex issibhom, tagħtihom għajnuna u tiddefendi l-post u d-dinjità tagħhom fis-soċjetà li għandha qalbha iebsa minħabba l-kompetizzjoni u l-ġirja għas-suċċess" (n.15). Biex tilħaq dan il-għan, il-Knisja tinqeda bil-mezzi kollha li bihom jista' jitwassal il-messaġġ tagħha. Tuża wkoll ir-riżorsi limitati tagħha biex terfa' lil dawk li ma jistgħux jgħinu lilhom infushom. Anke f'pajjiżna l-Knisja tipprova tagħti iktar sinjali li trid tkun fqira biex tifhem aħjar lill-foqra u ssir iktar kredibbli għalihom. Passi bħal dawn ħadd m'għandu jiskandalizza ruħu bihom, ladarba jkunu ispirati mil-loġika tal-Vanġelu

Mqaddes. Iżda fuq kollox, il-Knisja ddur fuq uliedha u tistedinhom sabiex għall-imħabba ta' Kristu sultan ħanin u bi twettiq tal-kmand tiegħu, ma jdawrux għajnejhom meta jaraw il-fqir, iżda bħas-Samaritan it-tajjeb tal-parabbola, jgħinuh u jieħdu ħsiebu.

Maħbubin uliedi, fil-festa ta' Kristu Sultan, ma nikkontentawx ruħna li nqisuh biss billi nieħdu sehem fil-funzjonijiet liturġiċi; iżda nqimuh ukoll fil-persuna tal-proxxmu tagħna, billi nuru solidarjetà u ġenerożità ma' dawk li huma fil-bżonn u li ftit jew wisq nistgħu nkunu ta' għajnuna għalihom.

7. ĦTIĠIJIET TA' ŻMINIJIET MODERNI
(05 - 01 - 1991)

"Dan huwa l-aħħar deċennju li jwassalna għat-tielet millenju. Hija xewqa tal-Papa li dawn l-aħħar għaxar snin għandhom ikunu epoka ta' rievanġelizzazzjoni u għalhekk hemm bżonn li nagħmlu mpenn biex dak li ntilef nerġgħu nirkuprawh, biex id-dinja terġa' lura għand Kristu u taċċetta t-tagħlim Tiegħu".

Xhieda

Aspett importanti ta' l-evanġelizzazzjoni hija x-xhieda. Meta l-Papa kien fid-Djoċesi tagħna qalilna li f'Għawdex ix-xogħol ta' l-evanġelizzazzjoni mhux tant li twassal l-Evanġelju lill-poplu li qatt ma sema' bih, imma li tgħix il-Vanġelu b'mod aktar sħiħ u perfett. Dan

il-kliem tal-Papa jgħodd mhux biss għal-lajċi imma japplika wkoll għas-saċerdoti.

Nappella biex tiġi osservata kontinwament id-dixxiplina ekkleżjastika. Jekk aħna dixxiplinati bħala poplu, bħala ġens, allura għandna futur. Il-Liġi Ekkleżjastika hija wieħed mis-sinjali tar-Rieda t'Alla. Quddiem Alla u l-poplu tiegħu hemm bżonn nuru bil-fatti li għandna għal qalbna ċ-ċelibat u l-povertà evanġelika.

Viżta Pastorali

Ftit ġimgħat ilu bdejna l-Viżta Pastorali lid-Djoċesi tagħna. Fl-okkażjoni ta' din il-Viżta aħna s-saċerdoti nġeddu l-weġħdiet saċerdotali li għandhom ifakkruna b'liema serjetà aħna dħalna għall-impenn saċerdotali.

Waqt li qed nagħmel il-Viżta Pastorali, nosserva mhux biss xi ħwejjeġ li nistgħu nagħmluhom aħjar, imma qed niskopri kemm għad fadlilna potenzjal f'pajjiżna li nistgħu ninqdew bih biex nagħmlu l-ġid spiritwali. Għandna għadd sabiħ ta' lajċi li huma spiritwalment maturi, li lesti li jikkoperaw fil-missjoni tal-Knisja. Ma għandna ebda dispjaċir għal dak kollu li flimkien għamilna u nvestejna biex ikollna Ċentru Parrokkjali kważi f'kull parroċċa u djar tal-Museum u grounds għat-tfal. Dawn huma l-għodda l-aktar importanti tal-pastorali tagħna. Matul is-sena li għaddiet kelli x-xorti li nqiegħed l-ewwel ġebla taċ-Ċentru Parrokkjali f'Għajnsielem u l-ewwel ġebla tad-Dar tas-Soċjetà tal-Museum fl-istess parroċċa. Fiż-żewġ każi tajna l-art tal-Kurja biex isservi għal dan l-iskop. Hemm il-ħsieb li fi ftit żmien ieħor nagħtu bidu għad-Dar tal-

Mużeum fl-Għarb u anke din ser tinbena fuq art tal-Knisja. Fuq art mogħtija mill-Knisja, inbena ċ-Ċentru ta' Kana li ser ikun inawgurat fi ftit ġranet oħra u l-Media Centre li nittamaw li jkun lest din is-sena.

Mass Media

Nittama li fil-futur mhux imbiegħed id-Djoċesi tagħna jingħatalha l-permess li jkollha r-Radju tagħha. Aħna diġà qegħdin nagħmlu xi tħejjijiet u għamilna kuntatti ma' persuni minn barra li jistgħu jgħinuna. Illum, il-Mass Media huma strument importanti ħafna biex jixxandar l-Evanġelju. Sa llum nistgħu ngħidu li xejn ma aħna kuntenti bil-mod kif qed niġu ttrattti mill-Mezzi tax-Xandir u bis-servizz ta' l-istampa lokali għax kollox kien limitat ħafna.

Modernizzazzjoni

Għandna l-ħsieb li matul din is-sena titkompla l-modernizazzjoni ta' l-Uffiċċji Parrokkjali. Infatti diġà saret ordni biex jinxtraw computers għall-Kurja, uffiċċji parrokkjali u uffiċċji oħra. Hemm bżonn li l-uffiċċju parrokkjali jkun organizzat u jiffunzjona tajjeb u fejn il-ħidma tas-saċerdoti mhix biżżejjed, nistgħu nsejħu lil-lajċi.

Seminarju

Din is-sena jaħbat il-125 anniversarju minn meta nfetaħ is-Seminarju tad-Djoċesi. Diġà twaqqaf Kumitat li ser jieħu ħsieb jorganizza xi attivitajiet biex ifakkar din il-ġrajja. Ftit jew wisq, is-saċerdoti kollha għandhom iħossuhom midjunin mas-Seminarju u dawn l-obbligi nistgħu nwettquhom billi nieħdu interess aktar fil-ħajja tas-Seminarju. Ħafna saċerdoti kienu ġenerużi mas-

Seminarju, min b'għajnuna finanzjarja u min offra s-servizz tiegħu.

Sinodu

Fis-Sinodu ta' l-Isqfijiet, saret proposta u ġiet aċċettata li s-Santa Sede toħroġ dokument dwar il-ħajja u l-formazzjoni kontinwata tal-Kleru. Nittamaw li meta jasal dan id-dokument nistudjawh flimkien kemm individwalment kif ukoll bħala Kleru Għawdxi. Dan ifakkarni fis-Sinodu Djoċesan tagħna li ilna li bdejna ħmistax-il sena ilu. Sar ħafna xogħol u nittama li sa tmiem din is-sena nkunu nistgħu nagħtu l-approvazzjoni finali kemm tad-Dokumenti Pastorali kif ukoll tad-Digrieti tas-Sinodu Djoċesan.

Omelija

F'dawn l-aħħar tliet snin, fid-Djoċesi tagħna għamilna Omelija Kateketika. Kien hemm min għamel suġġeriment biex dawn l-iskemi nistampawhom fi ktieb. Nipproponi li issa nagħtu ftit aktar improtanza lit-Teoloġija Bibblika fl-omelija, kif nagħmlu matul il-Ġimgħa Bibblika. Difatti għal dawn l-aħħar disa' snin, fil-Ġimgħa Bibblika għażilna t-Teoloġija Sagramentali.

Ewropa

Hemm bżonn noqogħdu attenti ħafna għas-sinjali taż-żminijiet. Matul is-sena li għaddiet fl-Ewropa seħħew ġrajjiet li qatt ma konna noħolmu li ser jiġru. Għadna ma nafux l-Ewropa fejn sejra. Hemm periklu ta' faqar fl-Ewropa. Ħafna Isqfijiet Ewropej qed jibżgħu li ser ikun hawn mewġa ta' miżerja u ta' degradazzjoni morali.

Nittama li Alla jeħlisna minn dan il-flaġell. Ċerti sinjali koroh oħra huma n-nuqqas ta' tolleranza, bħalma huwa l-każ ta' tfixkil li jiltaqgħu miegħu dawk li huma "extra komunitarji". Dan huwa forma ta' razziżmu li dejjem huwa ta' min jikkundannah. Nisperaw li dawn il-fenomeni negattivi ma jkomplux joktru. Nittama li jkollna Ewropa pluralistika, imma fuq kollox Ewropa li tgħożż il-valuri tal-Vanġelu. Anke aħna nistgħu nagħtu kontribut f'dan ir-rigward. L-għadd sabiħ ta' saċerdoti u reliġjużi rġiel u nisa mid-djoċesi tagħna li qed jaħdmu barra fil-pajjiżi ta' l-Ewropa, qed jagħtu dan is-sehem biex dan il-kontinent jibqa' nisrani.

Rerum Novarum

Is-sena li ġejja jaħbat iċ-ċentinarju tar-Rerum Novarum. Twaqqaf kumitat biex infakkru din l-enċiklika soċjali tal-Papa. It-tagħlim soċjali jeħtiġuh mhux biss in-nies tal-politika jew tat-Trade Unions, il-ħaddiema u l-lajċi, imma anke aħna s-saċerdoti.

8. IL-ĠURNALIŻMU U L-VERITÀ
(24 - 01 - 1991)

Ta' kull sena qrib il-festa ta' San Franġisk de Sales, patrun tal-ġurnalisti, ninġabru fi knisja biex nitolbu għall-ġurnalisti ħalli jwettqu b'kuxjenza, b'sens ta' responsabilità u bil-ħeġġa ta' l-apostolat, il-missjoni tagħhom.

Illum, meta n-nazzjonijiet direttament jew indirettament huma nvoluti fi gwerra ħarxa, li kif qal il-Papa qisha avventura li ma għandhiex triq biex terġa' lura, inħossu d-dmir li niftakru f'dawk il-ġurnalisti li qegħdin fejn hemm it-taqbid u li biex iwettqu ħidmithom jinsabu esposti għal perikli kbar, saħansitra għall-mewt.

Fil-gwerra mhux biss il-bnedmin huma vittmi; ħafna drabi l-ewwel vittma hija l-verità. Fi żminijiet ta' gwerra l-informazzjoni ma tingħatax sħiħa: mhux biss għax ikun hemm iċ-ċensura, imma wkoll għax xi drabi l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali jintużaw bħala għodda tal-gwerra. Ħafna drabi, fi żmien il-gwerra jiġi applikat il-priniċpju żbaljat li l-fini jiġġustifika l-mezzi - li biex wieħed jasal għal fini tajjeb, jista' juża mezzi ħżiena.

Dan jissejjaħ machiavelliżmu. Dan huwa prinċipju li jmur kontra l-morali nisranija. Aħna nemmnu li mhux biss l-intenzjoni trid tkun tajba, imma ankè l-mezz li jintuża biex wieħed jasal għal din l-intenzjoni jrid ikun tajjeb jew almenu indifferenti.

Il-"machiavelliżmu" fil-kamp ġurnalistiku, huwa tentazzjoni qawwija mhux biss fil-gwerra, iżda wkoll fi żmien ta' paċi. Għalhekk, mhux darba u tnejn, ankè f'pajjiżna, il-ġurnalisti jċedu għal din it-tentazzjoni. Il-manipulazzjoni ta' l-informazzjoni hija moralment ħażina. Ma nistgħux nilagħbu bil-verità għax il-verità hija ħaġa sagra u għandha tiġi rispettata.

Il-ġurnalista jkun iċedi għal din it-tentazzjoni jekk jaqa' f'wieħed minn dawn l-iżbalji:

Jekk fit-tagħrif li jikkomunika huwa jgħid gidba - invenzjoni ta' xi ħaġa li teżisti biss fil-fantasija ta' min jgħidha jew jiktibha. Dik l-informazzjoni li ma taqbilx mal-verità, hija waħda mill-għamliet ta' manipulazzjoni u nuqqas ta' rispett lejn il-persuna li tirċievi t-tagħrif.

It-tieni żball huwa l-esaġerazzjoni. Ma jkunx etikament korrett min ikabbar l-aħbar apposta biex joħloq ċerta impressjoni.

It-tielet difett huwa r-reticenza; meta l-ġurnaliżmu jaħbi ċerti aħbarijiet; meta l-ġurnalist jibqa' sieket dwar ċerti ġrajjiet għax ma jkunux jaqblu mal-"policy" tiegħu jew għax għal xi raġuni oħra ma jkunx jaqbillu jikkomunikahom lill-pubbliku. B'dan il-mod, il-ġurnalist ikun qed iċaħħad lill-qarrejja/semmiegħa minn dak li għandhom dritt ikunu jafu. Dan ma jfissirx li għandu jingħad kollox għaliex anke l-"privacy" għandha l-jeddijiet tagħha. Xi darba l-prudenza u l-karità jissuġġerixxu li wieħed ma jikkomunikax aħbar. Imma meta bi prinċipju fuq ċerti affarijiet ma jitkellem qatt, dan ifisser li l-ġurnalist ikun qed iqarraq u jwassal lill-qarrej għall-iżball.

Nibża' li dwar Għawdex, ċerti għejjun ta' informazzjoni qegħdin jagħmlu reticenza kbira - lil Għawdex mhux qed jagħtuh dak li jistħoqqlu fejn tidħol l-informazzjoni u t-tagħrif.

Ir-raba' għamla ta' manipulazzjoni hija l-iżbilanċ fl-informazzjoni. Meta ġurnalist jirraporta ċerti fatti u jittraskura oħrajn, ma jkunx jgħin lil min jaqra jew jisma' l-aħbar biex jasal ħalli jagħmel ġudizzju rett u xieraq.

Nitolbu lil Alla bl-interċessjoni ta' San Franġisk de Sales, biex il-ġurnaliżmu Malti jkun attent milli jaqa' f'din it-tentazzjoni, f'pajjiżna jkollna ġurnaliżmu ta' livell għoli li jagħmel unur mhux biss lill-ġurnalisti imma wkoll lill-poplu tagħna.

9. L-IRENOLOĠIJA TAL-KNISJA KATTOLIKA (02 - 03 - 1991)

Bil-Misteru ta' l-Għid, Kristu jiksbilna l-paċi ma' Alla u bejnietna. San Pawl isejjaħ lil Kristu bħala "il-paċi tagħna" - għax Ġesù qered il-mibegħda li kien hemm bejnietna. Fid-diskors tal-Muntanja, Kristu jgħallimna wkoll li huma ħenjin dawk li jġibu l-Paċi għax huma jissejħu wlied Alla. Għalhekk, min japprezza l-valuri tal-Vanġelu, ma jistax ma japprezzax il-valur tal-paċi. Min irid ikun dixxiplu ta' Kristu, ma jistax ma jaħdimx għal paċi. Bħala membri tal-Knisja Kattolika, nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li l-Knisja, speċjalment fis-seklu tagħna, għallmet u xandret dan il-messaġġ tal-Paċi u ħadmet biex fid-dinja kollha jkun hawn l-paċi.

Skond l-aħħar tagħrif li għandna, il-gwerra fil-Golf Għarbi spiċċat; iżda ma nistgħux ngħidu li ġiet il-paċi fil-milja tagħha; hija biss waqfa mill-ġlied. Għalhekk, aħna għandna nkomplu nitolbu biex ikun hemm il-paċi vera li tkun tikkonsisti fi ħbiberija u kooperazzjoni bejn in-nazzjonijiet mingħajr preġudizzji u mibegħda.

Għalhekk tajjeb li nagħtu daqqa t'għajn mgħaġġla lejn it-tagħlim li jagħtuna l-Papiet tas-seklu tagħna dwar il-paċi internazzjonali. Naħseb li jekk niġbru t-tagħlim tal-Papiet, għandna materjal biżżejjed biex nistgħu niffurmaw xjenza ġdida - l-Irenoloġija (xjenza tal-Paċi), kif ukoll programm ta' ħidma siewja għal iktar kooperazzjoni u żvillup bejn il-bnedmin.

Meta faqqgħet il-gwerra fl-1914, il-**Papa Benedittu XV** b'mod ċar stqarr li ħadd u għal ebda motiv ma jista' jikser ir-regoli tal-ġustizzja. Il-Papa kkundanna kemm d-deportazzjoni ta' persuni kontra r-rieda tagħhom minn post għal ieħor, kif ukoll l-bumbardamenti ta' postijiet li ma kienux oġġettivi militari imma abitazzjonijiet ċivili. Il-Papa kkundanna wkoll il-qerda u l-ħerba li ħalliet warajha l-gwerra; għamel ħiltu kollha biex is-Santa Sede tkun tista' ttaffi t-tbatija u l-faqar tal-priġunieri, tal-feruti, u ta' l-orfni tal-gwerra.

Fl-1917, il-Papa ppropona l-punti tal-paċi imma n-Nazzjonijiet ma tawx każ tagħhom għalkemm imbagħad, meta seħħet il-paċi 14-il-xahar wara n-Nazzjonijiet ħadu ħafna mill-punti tiegħu; fost l-oħrajn kienu adottati dawn is-suġġerimenti tal-Papa Benedittu XV: li ebda pajjiż ma għandu jibqa' jokkupa pajjiż ieħor li mhux tiegħu; li għandu jkun hemm tnaqqis proporzjonat fl-armamenti; li għandu jkun hemm kondonazzjoni ta' xulxin. Kif jgħallem l-istess Papa fl-enċiklika "Pacem Dei Munus" il-maħfra li jgħallem Kristu ma għandniex napplikawha biss bejn individwu u ieħor, imma napplikawha wkoll bejn nazzjon u ieħor, bejn poplu u ieħor. Il-Papa insista wkoll li jkun hemm sanzjonijiet internazzjonali; issuġġerixxa li jkun hemm soċjetà li

toffri l-possibilità li jiltaqgħu n-nazzjonijiet u jiddiskutu l-problemi flimkien. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-pjan li kellu l-Papa Beneditt XV, kien pjan għaqli - pjan li jara 'l bogħod ħafna.

Il-paċi ġiet fl-1918, imma l-ħerba tal-gwerra fl-Ewropa kienet immensa. Popolazzjonijiet sħaħ kienu bil-ġuħ, tant li s-Santa Sede kellha torganizza kampanja biex titma l-imġewħin tar-Russia, il-Polonja u pajjiżi oħra. Il-**Papa Piju XI** insista biex s-soċjetà tan-Nazzjonijiet li twieldet wara l-Gwerra l-Kbira, tkun soċjetà li fuq kollox tirrispetta l-ġustizzja u l-imħabba għax ma jistax ikun hemm soċjetà tal-bnedmin vera jekk ma tkunx mibnija fuq dawn iż-żewġ pilastri tal-ġustizzja u r-rispett reċiproku.

Meta mbagħad seħħet it-Tieni Gwerra Dinjija fl-1939, il-**Papa Piju XII** mhux biss stieden lill-insara ħalli jitolbu, imma b'kull mezz li seta', speċjalment bid-Diplomazija Vatikana, għamel ħiltu kollha biex inaqqas t-tbatija li kienu qed isofru dawk li direttament jew indirettament kienu milquta mill-gwerra. Il-ħidma tal-Papa Piju XII, anke dik favur il-Lhud, kienet ħidma għaqlija, imwettqa b'sagrifiċċju personali tiegħu stess u ta' l-oħrajn li kien hemm involuti fiha. Insemmi biss id-diskors li l-Papa għamel fil-Milied 1941 fejn il-Papa qal x'għandu jkun hemm biex l-ordni internazzjonali jkun tajjeb, biex terġa' tfeġġ il-vera paċi. Fost ħwejjeġ oħra, il-Papa Piju XII semma' li għandu jkun hemm trażżin ta' l-armamenti; semma' wkoll li mhux min jiflaħ l-aktar, jaħkem l-iżjed, imma kollox għandu jitmexxa bl-ordni tal-ġustizzja.

Il-**Papa Ġwanni XXIII**, li jibqa' ċelebri għall-enċiklika famuża tiegħu "Pacem in Terris", li nistgħu nsejħulha enċiklopedija tax-xjenza tal-paċi. Kienet idea ġenjali tal-Papa Ġwanni XXIII illi l-prinċipji tas-soċjoloġija kattolika li l-Papiet ta' qablu applikaw għar-relazzjonijiet fuq bazi nazzjonali, hu jwessagħhom u jestendihom fuq livell internazzjonali.

Insemmu wkoll il-ħidma, ħafna drabi moħbija, tal-**Papa Pawlu VI**. Fl-enċiklika "Populorum Progressio", il-Papa Pawlu VI wriena li l-Paċi għandha isem ieħor. Fi żmenijietna, il-Paċi jeħtieġ li tkun żvilupp. Jakk ma rridux li jkun hawn gwerer, il-Papa jgħid li hemm bżonn li kull poplu jingħata ċ-ċans li jiżviluppa u jgħix ħajja li tixraq lid-dinjità tal-bniedem. Kien il-Papa Pawlu VI li waqqaf il-Ġurnata tal-Paċi li niċċelebraw ta' kull sena fl-ewwel ta' Jannar. F'din l-okkażjoni, il-Papa beda jagħmel messaġġ dwar il-Paċi - ħidma li għadha ssir mill-Papa attwali.

Il-**Konċilju Vatikan II** fil-Kostituzzjoni "Gaudium et Spes" għandu sezzjoni sħiħa dwar l-ordni internazzjonali; dwar il-kruha tal-gwerra; dwar il-ħtieġa li l-bnedmin jirrispettaw lil xulxin mingħajr diskriminazzjoni ta' razza, reliġjon jew ta' xi ħaġa oħra.

Il-**Papa Ġwanni Pawlu II**, fost l-oħrajn messitu wkoll din il-prova li jara gwerra oħra thedded lid-dinja. Ankè l-Papa għamel ħiltu kollha biex iżomm il-gwerra 'l bogħod mill-bnedmin, imma l-bnedmin ma tawx widen għall-kelma tiegħu - is-sejħat ħerqana li għamel ma sabux min jilqagħhom. Il-Papa Ġwanni Pawlu II ma qatax qalbu u nqeda anke bl-għajnuna tad-diplomazija

Vatikana biex jipprova jfiehem lill-ġnus jibqgħu pass lura u ħeġġiġna lkoll biex nitolbu għall-paċi. Issa tħabbar li għandu jkun hemm laqgħa bejn l-isqfijiet li ġejjin minn dawk il-pajjiżi nvoluti fil-gwerra. Hija biċċa xogħol diffiċli kif wara li tqanqlet din il-gwerra, wara li nxteħlu l-passjonijiet, wara li l-bnedmin b'tant mezzi xewxu wieħed lil ieħor biex jobogħdu lil xulxin - issa mhux tant faċli li nsibu malajr dak il-ftiehem u r-rispett ta' bejnietna. Hija ħaġa diffiċli biex nersqu aktar lejn xulxin, naqbdu id f'id u naħdmu flimkien kif suppost li nagħmlu għax aħna lkoll bnedmin ulied Alla, il-Missier tagħna tas-Sema, hi x'inhi r-razza tagħna, il-kulur tal-ġilda tagħna, it-twemmin tagħna, il-fehmiet politiċi jew ta' għamla oħra tagħna!

Fi żminijietna ninnutaw li hawn ħafna **movimenti paċifisti** - dawk li jaħdmu għall-paċi, jew aħjar jgħajtu għall-Paċi. Mhux il-Movimenti Paċifisti kollha huma ġenwini; għax biex tkun tassew ħaddiem tal-paċi kif suppost inkunu aħna l-insara, hemm bżonn ninsistu għal paċi vera u dejjiema mibnija fuq prinċipji veri - paċi li ma tkunx miftuma la mill-ġustizzja u lanqas mir-rispett lejn xulxin. Għalhekk jekk l-iskop li għalih nitħabtu ma jkunx ċar, faċilment nistgħu niżbaljaw. Nistgħu niżbaljaw ukoll jekk il-metodi jew il-mezzi li nużaw biex ikollna l-paċi ma humiex tajbin fihom infushom. Hija ħaġa assurda li wieħed jgħolli leħnu favur il-paċi u jgħid li qed jaħdem għall-paċi u fl-istess ħin qed juża mezzi vjolenti - mezzi li jagħmlu ħsara lill-proprjetà jew lill-integrità tal-proxxmu tiegħu.

Għalhekk, jekk ma rridux niżbaljaw f'dan ir-rigward, inħarsu lejn x'jgħallmuna l-Papiet u x'għamlu

l-Papiet kull meta kien hemm kriżi internazzjonali; hawnhekk aħna nsibu dik il-verità li hemm bżonn nassimilawha biex ngħadduha lill-oħrajn; għandna ukoll programm ta' ħidma x'inwettqu.

Infakkarkom biex inkunu qalbna ħanina; naħfru lil kulħadd, ma nxerrdux mibegħda; ma nagħmlux propaganda qarrieqa u fejn nistgħu nagħtu s-sehem tagħna għall-Paċi. Matul dan ir-Randan qed nagħmlu l-kampanja għall-Karità fid-Djoċesi tagħna bil-għan li ngħinu lill-vittmi u r-refuġjati tal-gwerra. Ser isir ukoll pellegrinaġġ ta' talb għall-Paċi nhar il-festa ta' San Girgor. Kif il-Papa Benedittu XV insista mal-Kattoliċi biex waqt li l-kapijiet tan-Nazzjonijiet kienu qed jiltaqgħu biex ifasslu t-trattat tal-paċi, huma jitolbu biex ma jieħdu ebda żball għax altrimenti dan kien ikollu konsegwenzi negattivi; hekk ukoll, nistedinkom biex tkomplu titolbu sakemm isseħħ il-paċi sħiħa.

10. "KUNU ANĠLI TAL-PAĊI"
(08 - 03 - 1991)

Il-Knisja Kattolika meta għolliet fil-glorja lill-Madonna, esaltat lin-nisa kollha. Kull mara għandha tħossha kburija li aħna l-Kattoliċi nagħtu din il-qima lil Marija, Omm Alla.

Il-Papiet fit-tagħlim tagħhom dejjem insistew fuq id-dinjità tal-mara. Huwa importanti li l-mara tgħożż din

id-dinjità tal-persuna umana. Il-Papa Ġwanni XXIII fl-enċiklika tiegħu "Pacem in Terris" li nkitbet tletin sena ilu, stqarr li kien jgħodd bħala wieħed mis-sinjali ta' l-epoka moderna l-għarfien tad-dinjità tal-mara. "Hemm fatt magħruf minn kulħadd li l-mara daħlet fil-ħajja pubblika....fil-mara qed isir dejjem iktar ċar u attiv l-għarfien tad-dinjità proprja tagħha. Taf li ma tistax tippermetti li tiġi meqjusa u ttrattata bħala biċċa għodda, kemm fl-isfera tal-ħajja domestika kif ukoll f'dik tal-ħajja publika" (n.39).

It-tagħlim soċjali tal-Knisja huwa bbażat fuq dan il-prinċipju: li kull bniedem huwa persuna; kull bniedem għandu l-jeddijiet fundamentali tiegħu; kull bniedem huwa maħluq minn Alla u għandu destin etern; kull bniedem huwa mifdi minn Ġesù Kristu. Dan ngħiduh kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa għax kif jgħallem San Pawl fi Kristu ma hemmx iktar differenza u diskriminazzjoni bejn sess u ieħor, bejn razza u oħra, bejn nazzjon u ieħor.

Il-Papa Pawlu VI fl-Eżortazzjoni apostolika dwar il-Madonna, jitkellem dwar il-mara fil-ħajja ta' llum u jgħid li "l-liġi u l-evoluzzjoni tad-drawwiet ġabu fid-dar l-ugwaljanza tal-mara mar-raġel, kif kien xieraq, u hija responsabbli miegħu fit-tmexxija tal-familja; fil-politika fejn f'ħafna pajjiżi l-mara għandha s-sehem tagħha daqs ir-raġel; fil-ħajja soċjali fejn il-mara inxteħtet għal ħafna impjiegi u kuljum qed tħalli dejjem iżjed l-ambjent tad-dar; fil-kultura fejn il-mara għandha iktar opportunità fir-riċerka tax-xjenzi u fl-attivitajiet intellettwali".

Mhux biss meħtieġ li l-mara tagħraf id-dinjità tagħha, imma tajjeb li tagħraf ukoll il-missjoni tagħha. Alla jrid li intom in-nisa tkunu anġli tal-Paċi. Fil-messaġġ tal-Isqfijiet tal-Konċilju Vatikan II lin-nisa, jingħad li "l-Knisja hija kburija, u dan intom tafuh, li kienet hi li għolliet u ħelset il-mara, li dawlet matul is-sekli l-ugwaljanza fundamentali tal-mara mar-raġel, minkejja d-diversità tal-karattri tat-tnejn....Intom għandkom f'idejkom il-ħajja; imiss lilkom li ssalvaw il-paċi tad-dinja".

Ma kinitx ħaġa sabieħa meta fil-gwerra tal-Golf rajna għadd kbir ta' nisa fuq il-kamp tal-battalja bl-armi qerrieda f'idejhom. Il-mara qatt ma għandha tkun b'dawn l-armi qerrieda. Il-mara hija għajn tal-ħajja u mhux kawża tal-mewt. Kif tgħid l-Iskrittura, il-mara f'idejha għandu jkollha jew l-għodda tax-xogħol jew tkun ħdejn uliedha u ma' ġenb dawk batuti li jeħtieġu l-kura tagħha. Hija l-missjoni tal-mara li tipprova tgħid kelma biex ittaffi t-tbatija u l-uġiegħ tal-bniedem. Kunu Anġli tal-Paċi fil-fabbriki fejn taħdmu, fid-djar fejn tgħixu, fil-parroċċa u fl-ambjenti kollha.

11. IL-PAĊI ESPRESSJONI TA' SOLIDARJETÀ
(10 - 03 - 1991)

"Temmejna dan il-Pellegrinaġġ Penitenzjali f'dawn il-jiem tar-Randan biex nitolbu għall-paċi. Nafu li ntemm il-ġlied bejn l-armati l-kbar, imma l-paċi għadha

ma ġietx. Għalhekk xieraq li nkomplu nitolbu u nagħmlu xi att ta' sagrifiċċju biex Alla jagħtina dan id-don tal-paċi.

Hemm bżonn li jkollna mhux biss dehra tal-paċi, imma l-paċi vera, paċi mibnija fuq il-verità u l-ġustizzja kif qalilna l-Papa; paċi mingħajr qerq u mingħajr reazzjonijiet; paċi li tkun tassew espressjoni ta' solidarjetà bejn il-popli. Importanti li aħna nkunu nafu x'inhi t-tifsira profonda tal-kelma "solidarjetà - kelma li spiss niltaqgħu magħha fid-dokumenti tal-Papa ta' dawn l-aħħar snin.

Jeħtieġ li ma jirbaħx l-egoiżmu; jeħtieġ illi mhux min jiflaħ jiddetta hu l-liġi lil ħaddieħor; imma għandhom jirbħu r-raġuni u s-sens komun. Għandu jkollna iktar altruiżmu u aktar rispett fuq diversi livelli.

Fuq livell internazzjonali, jeħtieġ li jkun hemm rispett għall-minoranzi, għall-popli żgħar li forsi sa llum ma kellhomx l-opportunità jsemmgħu leħinhom. Għandi quddiem għajnejja l-Kurdi u l-Palestinjani li ankè dawn għandhom d-dritt li jkollhom art tagħhom fejn jgħammru. Għandi quddiem għajnejja l-poplu ta' l-Albanija li mxebba' mill-jasar, qiegħed ifittex kull mezz biex jaħrab u jikseb il-libertà.

Għad li aħna poplu żgħir, aħna għandna wkoll dmirijiet lejn il-popli l-oħra; għandna d-dmir li nsemmgħu leħinna biex ma jiġux mirfusa taħt ir-riġlejn il-jeddijiet ta' nazzjonijiet oħra, anke ta' nazzjonijiet żgħar li ma għandhomx armamenti biex jiddefendu d-drittijiet tagħhom. Din hija s-solidarjetà.

Imma s-solidarjetà tibda f'pajjiżna stess. Jeħtieġ li aħna nħarsu tabilħaqq lejn xulxin bħala ċittadini ta' l-istess pajjiż. F'pajjiżna ma għandux ikun hawn ċittadini privileġġjati u ċittadini li huma imċaħħda mill-jeddijiet tagħhom.

Ma għandux ikun hawn f'pajjiżna ċittadini li jistgħu jsemmgħu leħinhom għax qegħdin f'ċerti bliet jew f'ċerti rħula, u ċittadini oħrajn li huma mċaħħdin mill-jedd għall-aċċess tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali. Dment li jkun hemm din id-diskriminazzjoni f'pajjiżna, ikun hemm ukoll tensjonijiet; jekk ikun hemm ftit jew wisq diskriminazzjoni bejn raħal u ieħor, bejn reġjun u ieħor ta' pajjiżna, inkunu għadna ma lħaqniex dik is-solidarjetà li hija tant importanti biex nagħtu xhieda li aħna pajjiż nisrani.

Illum irridu nagħmlu offerta simbolika. Kif diġà ħabbarna, il-kampanja ta' sagrifiċċju għall-karità għal dan ir-Randan qed issir biex, kif nistgħu, ngħinu lill-vittmi u r-refuġjati tal-gwerra tal-Golf. Għalhekk, issa l-Kappillani ser iressqu l-ewwel parti ta' l-offerta tagħkom; it-tieni parti ta' l-offerta tingħata nhar Ħamis ix-Xirka.

L-offerta tagħna, anke jekk hija ftit ħdejn il-ħtiġijiet li hemm, tixhed li aħna nemmnu fit-tagħlim ta' Kristu li ħafna drabi qalilna li aħna lkoll familja waħda, li għandna l-Missier tagħna fis-sema u li l-bnedmin kollha għandhom iħobbu u jirrispettaw lil xulxin bħal aħwa.

12. DUN ĠORĠ PRECA: SAJJIED TAL-BNEDMIN
(29 - 04 - 1991)

Lill-Appostli Ġesù għamilhom sajjieda tal-bnedmin; mhux fis-sens li jaqbdu l-bnedmin biex ikunu jistgħu jaħkmu fuqhom, imma biex iressquhom lejh. Nistgħu ngħidu li l-istorja ta' elfejn sena tal-Knisja hija mimlija b'dawn is-sajjieda tal-bnedmin. Għaliex fuq l-eżempju ta' l-appostli, missjunarji, f'kull żmien u f'pajjiżi differenti stinkaw u ddedikaw ħajjithom biex jgħallmu lill-bnedmin ħalli jressquhom lejn Alla, u jdaħħluhom fis-saltna tad-dawl ta' Kristu.

Hemm lista twila ta' dawn is-sajjieda tal-bnedmin; fi żminijiet riċenti nistgħu nsemmu lil Patri Mayer tal-Ġermanja, lil Don Orione fl-Italja u tant ħaddiema oħra fl-għalqa tal-Mulej. Imma ankè pajjiżna għalkemm żgħir jista' jiftaħar li għandu minn dawn is-sajjieda tal-bnedmin li wettqu l-ħidma tagħhom b'żelu u merti kbar.

Illum ltqajna hawnhekk biex inroddu ħajr lil Alla għall-grazzji kbar li ta lid-djoċesi tagħna matul dawn il-ħamsin sena li ilha mwaqqfa l-**fergħa maskili tas-Soċjetà tal-Museum**. Ħafna drabi l-ħidma tas-Soċjetà tal-Museum hija moħbija u forsi mhix dejjem rikonoxxuta; imma żgur hija ta' għajnuna kbira għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ. Meta nitkellmu dwar is-soċjetà tal-Museum, ma nistgħux ma niftakrux f'**Dun ĠORĠ PRECA**, il-fundatur tagħha. Ma nkunux niżbaljaw jekk ngħidu li Dun Ġorġ kien tassew sajjied tal-bnedmin, appostlu tat-tfal u ż-żgħażagħ f'dawn il-gżejjer tagħna. Illum, nixtieq

li aktar milli nitkellem dwar il-ħidma tas-Soċjetà mwaqqfa minnu, nitkellem dwaru għax hu kien dik l-għajn li minnha beda jnixxi dak l-ilma safi li għadu ġej sa żmienna. L-apostolat ta' Dun Ġorġ Preca kien tassew apostolat imdawwal, ħerqan li jixraq tabilħaqq lill-bniedem t'Alla. Biex nifhmu aħjar il-ħidma pastorali ta' Dun Ġorġ Preca, hija ta' għajnuna għalina l-aħħar enċiklika tal-Papa, **Redemptoris Missio** għax ċerti osservazzjonijiet li l-Papa jagħmel dwar il-ħidma missjunarja f'din l-enċiklika, joqogħdu tajjeb ħafna għall-ħidma ta' Dun Ġorġ Preca għad li ilha li bdiet iktar minn sebgħin sena ilu.

L-ewwel nett Dun Ġorġ fehem li rridu nibdew bit-**tagħlim reliġjuż**; fejn ma hemmx tagħlim reliġjuż jista' jkun hemm enerġija u ġenerosità - imma dawn idumu biss għal ftit taż-żmien; fejn ma hemmx tagħlim reliġjuż l-affarijiet l-oħra huma nar tat-tiben. L-injoranza reliġjuża kienet, u nibża' li għadha waħda mill-pjagi l-kbar ta' pajjiżna. Ħafna nies illum huma superfiċjali; jikkuntentaw bi ftit tagħlim biss. Mentri Dun Ġorġ kien jinsisti li għandu jsir it-tagħlim tal-messaġġ nisrani, tagħlim kapillari, tagħlim li ma jkunx bil-memorja biss, imma li min jitgħallmu jifhem x'ikun qed jitgħallem, tagħlim li jappella għas-sentimenti tal-bniedem, tagħlim liż-żgħar u lill-kbar, tagħlim ukoll lis-Soċji u li għandhom esperjenza kbira fil-ħidma kateketika.

Skond ir-regola li ħalla Dun Ġorġ innifsu, anke l-katekisti tal-Museum, kuljum għandhom l-lezzjoni tagħhom; huma mhux biss jgħallmu imma jitgħallmu. Hawnhekk, nistgħu ngħidu li Dun Ġorġ kellu dik l-idea li llum tant tissemma, li għandu jkun hemm **formazzjoni**

permanenti. Din hija l-ewwel tagħlima li jagħtina dan is-sajjied ta' l-erwieħ: **ngħożżu t-tagħlim tal-katekiżmu**. Nappella lill-ġenituri għax xi drabi jibagħtu lil uliedhom għal lezzjonijiet tal-privat, jinsistu li wliedhom għandhom jgħaddu mill-eżamijiet, imbagħad jittraskuraw il-formazzjoni reliġjuża tagħhom. Dan ma jagħmilx isem tajjeb lill-ġenituri nsara. Kulħadd għandu jieħu bis-serjetà t-tagħlim reliġjuż. Din hija ħaġa li l-membri tal-Mużeum jagħmluha bil-qalb u bil-kompetenza, imma dan mhux monopolju tagħhom biss, it-tagħlim katekistiku għandu jingħata fil-knejjes, fiċ-ċentri tagħna u fuq kollox fid-djar tagħna.

Il-Papa jgħidilna li għad li l-messaġġ ta' Kristu jiġi mħxandar, imma mhux kulħadd jilqgħu **bil-ferħ u b'kooperazzjoni**. Mhux l-ewwel darba li x-xandara tal-Bxara t-Tajba jsibu lil min jiqfilhom, jirreżistihom, min jinterpretahom ħażin. Xi drabi jsibu wkoll lil min jid-dieħak bihom u lil min jagħmlilhom gwerra. Għalhekk, kif insibu fl-enċiklika "Redemptoris Missio" huwa meħtieġ ċertu grad ta' kuraġġ biex wieħed igħid il-kelma kif inhi mingħajr ma joqgħod idawwarha biex tkun tista' togħġob lil dak u lill-ieħor. Fl-aħħar mill-aħħar anke l-Appostlu Missierna jgħidilna li kieku qagħad ifittex li jogħġob lill-bnedmin ma kienx ikun qaddej ta' Kristu.

Dak li qal il-Papa, Dun Ġorġ kien jgħixu għax huwa qatt ma fittex il-popolarità, anzi nistgħu ngħidu li l-popolarità kien jikkundannaha u jobogħdha. Infatti huma rari ħafna r-ritratti tiegħu. Dun Ġorġ il-kelma kien jgħidha kif inhi, kif għandha tkun, kif kien iħossha fil-kuxjenza tiegħu. Kien jistqarrha mingħajr ma kien joqgħod jibża' li ser joffendi lil dak jew lill-ieħor.

Għalhekk Dun Ġorġ id-dnub dejjem sejjaħlu dnub; l-iskandlu dejjem qallu skandlu, id-diżonestà dejjem sejħilha diżonestà u s-serq dejjem qal li huwa serq. Anke hawnhekk aħna għandna lezzjoni importanti għax xi darba, aħna x-xandara tal-Vanġelu Mqaddes - u hawn qed nirreferi kemm għas-saċerdoti kif ukoll għal-lajċi, - naqgħu f'ċerti kumplessi ta' inferjorità; il-Vanġelu jgħallem l-umiltà, u n-nies tad-dinja trid taf biss bl-attiviżmu; il-Vanġelu jgħallem il-faqar, imma n-nies tad-dinja jimpurtaha biss min ser jistagħna l-aktar; il-Vanġelu jgħallem iċ-ċaħda u l-kontroll tagħna nfusna u d-dinja xxandar li huma henjin dawk li jistgħu jiddevertu u jissodisfaw f'kollox il-kapriċċi tagħhom.

Għalhekk, jekk wieħed irid ikun sajjied tal-bnedmin ma għandux jaraha bi kbira jekk xi ħadd ma jifhmux, jekk xi ħadd jeħodha kontrih. Dan għadda minnu Ġesù nnifsu meta xi dixxipli telquh għax kliemu kien tqil; b'danakollu Ġesù ma biddilx il-messaġġ tiegħu. Jekk irridu nkunu operaturi tal-Vanġelu Mqaddes, għandu jkollna ċertu kuraġġ imsieħeb bil-prudenza nisranija, kuraġġ mhux nieqes mill-karità. Il-messaġġ ta' Kristu nwassluh kif inhu tassew għax aħna, il-qaddejja tal-Vanġelu, għandu jkollna **fedeltà doppja**: mhux biss fedeltà lejn il-bnedmin, imma fedeltà lejn Alla u l-messaġġ li fdalna f'idejna biex inxandruh.

Din il-ħidma apostolika għandha twassal għal vera **konverżjoni**; għandha timmira mhux biss lejn il-moħħ tal-bniedem biex idawlu, imma wkoll lejn il-qalb, il-kuxjenza u r-ruħ tal-bniedem biex tqaddsu. Dan il-kliem jgħidulna l-Papa fl-enċiklika li semmejna u nsibuh ukoll fit-tagħlim tal-Papa San Piju X li lejh Dun

Ġorġ kellu tant venerazzjoni u minnu tgħallem ħafna ħwejjeġ anke dwar dawk li huma l-metodi pastorali tiegħu. San Piju X kien jgħallem li l-Katekiżmu għandu jsir "ad emendatione vitae" - biex nikkorreġu l-ħajja tagħna.

Allura jekk il-bniedem jisma' l-messaġġ tal-Vanġelu u jibqa' kif kien qabel, dan ikun ifisser li l-ħidma kateketika għadha ma tatx il-frott tagħha. Fil-ħajja ta' Dun Ġorġ Preca nosserva, li dan il-bniedem t'Alla, mogħti lilna fi żminijietna, kien jinsisti dwar it-**talb**.

Kien jitlob hu u jgħallem lil ħaddieħor jitlob b'diversi metodi - għax mhux il-metodi kollha tat-talb jgħoddu għal kulħadd.

Dun Ġorġ kien il-bniedem t'Alla, anke f'dan is-sens: kien jiddedika ħafna ħin għat-talb. Fl-aħħar mill-aħħar, il-konverżjoni tal-qalb ma tiddependix biss mix-xandir tal-kelma, imma qabel xejn u fuq kollox tiddependi mill-ħidma moħbija ta' l-Ispirtu s-Santu - ħidma li aħna rridu nintensifikaw bit-talb tagħna għall-konverżjoni tal-bnedmin u għall-perseveranza fit-tajjeb ta' dawk li huma mixjin fit-triq it-tajba.

Insibu wkoll li Dun Ġorġ kien jagħti importanza kbira lis-**sagrament tal-qrar**. Kien jiddedika għadd ta' sigħat jamministra dan is-sagrament hekk salutari u tant meħtieġ għall-ħajja tagħna, kif ukoll fid-**direzzjoni spiritwali**. Għalhekk tajjeb ninnotaw, li barra mill-ħidma tax-xandir tal-kelma, - li tista' ssir bil-kelma mitkellma, bil-katekeżi u bil-predikazzjoni, u barra mill-

kelma stampata, għax anke f'dan il-kamp għandu merti kbar Dun Ġorġ, hemm ukoll dak ix-xogħol moħbi, paċenzjuż, umli, diffiċli li toqgħod tisma' l-problemi ta' l-oħrajn u tgħinhom jaslu għal soluzzjoni.

Għandna quddiemna tassew appostlu li ħadem għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ; għandna l-eżempju tiegħu u hemm bżonn li nimitawh; għandna l-opra tas-Soċjetà tal-Museum mibdija minnu, li hemm bżonn nagħtuha l-appoġġ tagħna kollu.

L-ewwelnett nagħmel sejħa lill-membri tal-Museum biex ma jukkuntentawx bil-medjokrità imma jipprovaw jilħqu l-massimu u l-għola grad. Ippruvaw li l-ideali ta' Dun Ġorġ ikunu l-ideali tagħkom għax huma ideali nobbli, sbieħ, qaddisa u attwali. Nixtieq nagħmel sejħa lil dawk li ma humiex membri tas-Soċjetà tal-Museum, kemm lill-ex-museumini kif ukoll lill-oħrajn li ma jistax jonqos li ma semgħux b'din l-għaqda li għamlet tant ġid. Ngħidilhom jgħinu bit-talb tagħhom lill-membri tal-Museum u jgħinuhom ukoll bil-kontribuzzjonijiet biex dawn il-membri jkunu jsitgħu jkomplu jwettqu l-ħidma apostolika tagħhom anke b'mezzi moderni. Dawn huma meħtieġa imma jitolbu spiża mhux żgħira - għalhekk il-Museum għandu bżonn ta' qlub ġenerużi li jappoġġjawh bil-kontribuzzjonijiet. Fuq kollox hemm bżonn li nkunu solidali mal-membri tal-Museum.

Kif għidt fiċ-ċirkulari tiegħi, nappella lill-ġenituri biex jibagħtu lil uliedhom għad-duttrina; ma nibżgħux nafdaw lil uliedna mal-membri tas-Soċjetà għax nafu f'idejn min qegħdin ngħaddu din ir-responsabilità. It-tagħlim reliġjuż ma għandux jingħata biss meta t-tfal

jaslu għall-Griżma ta' l-Isqof, proprju meta t-tfal ikunu fl-adoloxxenza tagħhom, meta t-tfal jibdew jiftħu għajnejhom u jiltaqgħu mal-problemi tal-ħajja; huma għandhom bżonn lil min imexxihom, idawwalhom, jgħinhom iħollu l-problemi tagħhom, min jgħidilhom kelma ta' kuraġġ, u forsi xi drabi min jgħamlilhom xi twiddiba. Ġenituri, lil uliedkom iċċaħduhomx minn dan il-ġid spiritwali li qed toffrilhom is-Soċjetà tal-Museum.

F'dan il-mument, il-fudnatur tas-Soċjetà, Dun Ġorġ Preca, mis-sema jithenna meta jara lil uliedu miġburin flimkien u mingħand Alla jitlob fuqna lkoll il-barka tas-sema.

13. IL-PROPRJETÀ PRIVATA U L-FAMILJA (10 - 05 - 1991)

"Il-Bniedem hu ħieles fl-għażla ta' l-istat tiegħu; għandu l-libertà li jimxi wara l-parir tal-Vanġelu tal-Verġinità jew li jintrabat fiż-żwieġ. Id-dritt li jiżżewweġ huwa dritt naturali u li kien sa mill-bidu, u l-ebda liġi umana ma tista' tneħħih u ebda waħda ma tista' tnaqqaslu l-iskop tiegħu li għalih Alla ried li jwassal iż-żwieġ, meta qal 'Ikbru u oktru" (Ġen 1, 28)".

Din hija mela l-familja, jew is-soċjetà domestika, soċjetà żgħira, iżda vera u li tiġi qabel kull soċjetà ċivili, u li għandha jeddijiet u dmirijiet indipendenti mill-Istat. Dak li għidna dwar id-dritt tal-proprjetà li hemm

f'individwu għandu jiġi applikat għall-bniedem bħala kap tal-familja: anzi dan id-dritt huwa wisq iktar qawwi fih, iktar ma tinfirex u tkun sħiħa fis-soċjetà domestika, il-personalità tiegħu. B'liġi invjolabbli tan-natura, imiss lill-missier il-manteniment ta' l-ulied, u min-natura stess huwa mmexxi biex jara f'uliedu xhieda tiegħu nnifsu u bħal estensjoni u kontinwazzjoni tal-persuna (n. 6). Huwa żball kbir u ta' ħsara li tgħid li l-Istat jista' jindaħal, kif irid fis-santwarju tal-familja. Tabilħaqq li jekk xi familja, b'xorti ħażina, tkun tinstab f'sitwazzjoni hekk ħażina, li bil-ħila tagħha biss għaliha huwa impossibli li toħroġ, f'dan il-każ, huwa ġust l-intervent ta' l-awtorità pubblika, għaliex kull familja hija parti mill-korp soċjali.

Hekk ukoll, f'każ ta' diżordni gravi fir-relazzjonijiet mutwi fost il-membri tal-familja, għandu jindaħal l-Istat u jagħti lil kulħadd dak li hu tiegħu, għaliex b'hekk ma jkunx jusurpa (jieħu għalih) id-drittijiet taċ-ċittadini, iżda jkun jassigurahom u jħarishom skond id-dritt tal-ġustizzja. Iżda l-istat għandu jieqaf hawn...L-ulied huma xi ħaġa tal-missier, biex ngħid hekk, huma estensjoni tal-personalità tiegħu.

Fost l-obbligi tas-sidien, jissemmew "li jħallu lill-ħaddiema żmien biżżejjed biex iwettqu d-dmirijiet reliġjużi tagħhom, ma jesponuhomx għas-seduzzjoni li tħassar u għall-perikli ta' l-iskandlu; ma jiftmuhomx mill-ispirtu tal-familja u mix-xewqa tat-tfaddil."

Mhix ħaġa ġusta li ċ-ċittadin u l-familja jkunu assorbiti (mixruba) mill-Istat. Ħaġa ġusta, iżda, li huwa jħalli liċ-ċittadin u lill-familja l-wisgħa kemm ikun

possibli biex iwettqu l-funzjoni tagħhom, fil-waqt li jitħares il-ġid komuni u l-jeddijiet ta' l-oħrajn; (prinċipji tas-sussidjarjetà).

Ħadd ma jista', mingħajr ma jkun ħaqqu kastig, li jkasbar (jivvjola) id-dinjità tal-bniedem.

Xogħol tat-tfal. Rigward it-tfal, wieħed għandu joqgħod attent li ma jdaħħalhomx fil-postijiet tax-xogħol, qabel ma jkunu żviluppaw fihom bl-età il-forzi fiżiċi, intellettwali u morali.

Xogħol tan-nisa: Ċerti għamliet tax-xogħol m'humiex magħmulin għan-nisa, li min-natura huma maħluqin għax-xogħlijiet tad-dar, li jgħinu ħafna biex tiġi mħarsa l-onestà tas-sess debboli, u jaqblu b'mod naturali ma' l-edukazzjoni tat-tfal u ma' ħtiġijiet tad-dar.

Meta l-ħaddiem jirċievi salarju biżżejjed biex iżomm lilu nnifsu u l-familja b'ċerta kumditá, jekk ikun bil-għaqal, ikollu okkażjoni jaħseb biex ifaddal xi ħaġa u minn dak li jibqa' mill-ħruġ, jerfa' dak li jkun meħtieġ biex jakkwista.

Peress li r-rimedju għall-problemi soċjali veru u radikali, ma jistax jiġi ħlief mir-religjon, kulħadd għandu jipperswadi ruħu mill-ħtieġa li nerġgħu nduru għall-ħajja nisranija, li mingħajrha l-miżuri li nistħajluhom tajbin, ma jkunu qatt biżżejjed biex ilaħħqu mal-ħtieġa.

14. MITT SENA MIR-RERUM NOVARUM (15 - 05 - 1991)

Bħal-lum mitt sena ilu, fil-15 ta' Mejju 1891, il-Papa Ljun XIII ippubblika l-enċiklika Rerum Novarum. Nistgħu ngħidu li din l-enċiklika kien fiha ż-żerriegħa li mbagħad żviluppat u saret dik li llum tissejjaħ id-duttrina soċjali tal-Knisja. Il-Papa attwali, Ġwanni Pawlu II, mhux biss ħareġ enċiklika oħra, Centesimus Annus, biex ifakkar dan iċ-ċentinarju, imma ried ukoll li din is-sena tkun is-sena tat-tagħlim soċjali tal-Knisja.

Għalhekk importanti li aħna jkollna idea x'tgħallem l-enċiklika Rerum Novarum u għaliex hija daqshekk importanti. Hija ittra dwar il-qagħda li fiha kienu jinsabu l-ħaddiema f'dawk iż-żminijiet - il-ħaddiema dak inhar, inklużi nisa u tfal, kienu trattati ħażin ħafna, xi drabi kellhom sigħat twal ta' xogħol, mingħajr mistrieħ, lanqas fil-jum tal-Ħadd, u kundizzjonijiet oħra li ma kienux jixirqu lid-dinjità tal-bniedem. Il-Papa studja u daħal fil-fond ta' din il-problema soċjali - il-kwistjoni kif kienu qed jiġu ttrattati l-ħaddiema, u tana dawn il-ħames konklużjonijet li ser insemmi:

Il-Kwistjoni Soċjali hija Kwistjoni Morali

L-ewwelnett, il-Papa jgħallem li l-kwistjoni soċjali, il-problemi tal-ħaddiema, ma humiex biss problemi ekonomiċi li għandhom jiġu studjati biss bix-xjenza ekonomika; lanqas huma biss problemi legali; lanqas huma problemi ta' effiċjenza u produzzjoni

weħidha, imma qabel xejn u fuq kollox huma problemi morali għax il-mod kif jiġi trattatt il-ħaddiem, jiddependi mid-deċiżjonijiet tal-bniedem u l-bniedem fid-deċiżjonijiet tiegħu għandu jimxi bil-liġi morali - il-liġi li tana Alla. Għalhekk anke fi kwistjonijiet soċjali għandha tidħol ir-reliġjon u l-Knisja għandha l-jedd li tgħid il-kelma tagħha.

Id-Dinjità tal-Ħaddiem

L-enċiklika tagħmilha ċara li ċ-ċentru ta' kollox huwa l-bniedem. Il-ħaddiem, l-ewwel u qabel kollox, huwa bniedem, u għalhekk ħadd ma għandu jħares lejn il-ħaddiem bħala sempliċi fattur tal-produzzjoni, qisu biċċa minn magna. Il-ħaddiem huwa bniedem li għandu d-dinjità tiegħu, bniedem maħluq minn Alla u għandu destin etern; bniedem li jekk inħarsu lejh bl-għajnejn tal-fidi, nistqarru li ġie mifdi mill-Mulej Ġesù. Meta l-Papa Ljun XIII iddefenda d-dinjità tal-ħaddiema, hu x'inhu x-xogħol li jagħmlu sakemm huwa xogħol onest, il-Papa ddefenda wkoll d-dinjità tal-bniedem; iddefenda d-drittijiet umani. Il-bniedem ma jistax jiġi sfruttat jew manipulat, għax il-bniedem għandu drittijiet fundamentali invjolabbli mogħtija lilu minn Alla li jiġu qabel id-drittijiet ta' l-Istat jew ta' soċjetajiet oħra.

Id-Dritt għal Proprjetà Privata

Il-Papa Ljun XIII qalilna li d-dritt tal-propjetà privata ma għandux jiġi meqrud. Il-bniedem għandu l-jedd li jżomm dak li huwa jikseb b'mod onest. Dak li l-ħaddiem jakkwista bl-għaraq ta' ġbinu huwa tiegħu u jista' jżommu u jgħaddih lil uliedu, ankè l-propjetà tal-produzzjoni. Dan ma jfissirx li d-dritt għal propjetà

privata huwa mingħajr limiti u riservi. Il-Papa jgħidilna li l-proprjetà għandha l-aspett soċjali tagħha; min ikollu xi ħaġa tiegħu ma jistax jagħmel xi ħsara lill-oħrajn bl-iskuża li jkun qed juża jew jabbuża mill-proprjetà tiegħu; u jrid jiftakar ukoll li jrid jgħin lil min hu fil-bżonn. Allura, dritt għal proprjetà privata kif tgħallem ir-Rerum Novarum, mhux l-istess kif iżommu l-liberali u l-kapitalisti. Dawn kienu jaħsbu li d-dritt għall-proprjetà huwa assolut mingħajr ebda obbligi soċjali.

Id-Dritt ta' l-Assoċjazzjoni

Fost id-drittijiet l-oħra li għandhom il-ħaddiema, bħalma huma d-dritt ta' l-għażla ta' l-istat, id-dritt għax-xogħol, id-dritt li wieħed iwettaq id-dmirijiet reliġjużi tiegħu, il-Papa jsemmi wkoll id-dritt ta' l-assoċċjazzjoni: il-ħaddiema, fejn qabel f'xi pajjiżi kienu pprojbiti li jkollhom dawn l-assoċjazzjonijiet, issa skond it-tagħlim tal-Papa Ljun XIII jistgħu jiffurmaw għaqdiet biex iħarsu l-interessi tagħhom, basta dawn l-għaqdiet ma jkollhomx finijiet ħżiena u ma jmorrux kontra l-ġid komuni tas-soċjetà.

Id-Dmirijiet ta' l-Istat

Il-Papa għallimna wkoll li l-istat, li huwa rappreżentat mill-Gvern, tkun xi tkun il-forma ta' gvern li jkun hemm, ma jistax joqgħod iħares u ma jindaħalx meta hemm fin-nofs it-tbatija tal-ħaddiem. Il-Gvern għandu jagħmel liġijiet għaqlin biex bihom jiddefendi l-ħaddiema fuq ix-xogħol tagħhom u anke biex jipprovdi pensjonijiet għal meta l-ħaddiem jimrad jew jixjieħ u anke għall-armla meta l-ħaddiem imut ħin qabel il-waqt. Il-Gvern mhux sempliċi spettatur li jħalli l-qawwiet

soċjali jaġixxu u jagħmlu kif iridu, imma għandu jindaħal biex ikun hemm ġustizzja, biex kulħadd jieħu dak li ħaqqu, biex il-magħkus ikollu d-drittijiet tiegħu mħarsa. Il-Papa jgħidilna wkoll li l-Gvern jew l-istat ma għandux jassorbixxi u joħnoq id-drittijiet ta' l-individwu, tal-familja jew ta' organizzazzjonijiet intermedjarji bħalma huma Trade Unions u għaqdiet oħra; imma l-istat għandu dmir importanti li jiggarantixxi l-paċi soċjali ħalli l-pajjiż jimxi 'l quddiem.

Dawn huma l-ħames konkluzjonijiet li wasal għalihom il-Papa Ljun XIII u li l-Papiet ta' warajh komplew jiżviluppaw. Hemm bżonn li dan it-tagħlim tal-Papa niddefenduh imma fuq kollox inwettquh fil-ħajja tagħna ta' kuljum billi nieħdu sehem fl-attivitajiet ta' madwarna u nippruvaw inwasslu kullimkien il-messaġġ ta' karità u ġustizzja li joħroġ ċar mill-Vanġelu.

L-Ewwel Anniversarju mill-Miġja tal-Papa fostna

Barra li għandna nroddu ħajr lil Alla għal dawn il-mitt sena ta' tagħlim soċjali li l-Knisja xandret madwar id-dinja kollha u bih għamlet ħafna ġid lil għadd ta' ħaddiema u kategoriji ta' nies oħra, xtaqt infakkarkom li fis-26 ta' dan ix-xahar nagħlqu sena minn meta l-Papa Ġwanni Pawlu għamel żjara lid-Djoċesi tagħna. Aħna nfakkru dan l-avveniment li huwa importanti fl-istorja tal-Knisja lokali u nippruvaw inwettqu t-tagħlim li qalilna l-Papa meta kien fostna. Stajna nagħmlu xi ħaġa oħra dwar dak li qalilna l-Papa. Niftakru li l-Papa huwa l-Missier tagħna, l-Imgħallem Universali tal-Knisja, ir-Raġġaj ta' l-erwieħ tal-merħla ta' Kristu u għalhekk nitolbu għalih biex il-Mulej jagħtih l-għomor u s-saħħa biex ikompli jwettaq il-missjoni tiegħu.

15. L-ISPIRTU S-SANTU JURINA X'INHI S-SEJĦA TAGĦNA
(19 - 05 - 1991)

L-ewwelnett, meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli, huwa wrihom b'mod ċar liema kienet il-vokazzjoni tagħhom - li huma kellhom iwettqu l-kmand ta' Kristu, iħallu art twelidhom, imorru f'diversi pajjiżi tad-dinja u hemmhekk jippridkaw il-messaġġ tar-reliġjon il-ġdida u jagħtu s-sagramenti tas-Sinjur tagħna Ġesù. Hekk ukoll, fiż-żminijietna, lil-lajċi nsara jurihom liema hija l-vokazzjoni tagħhom. Il-Konċilju, li nistgħu ngħidu li huwa l-eku tal-leħen ta' l-Ispirtu s-Santu, kellimna ċar dwar il-vokazzjoni tal-lajċi. Fit-tagħlim tal-Konċilju nsibu li kull nisrani huwa msejjaħ għall-qdusija; allura din hija l-ewwel vokazzjoni tal-lajċi nsara: li jitqaddsu, li jikbru fil-karità ta' Alla u tal-proxxmu tagħhom. Imma l-Konċilju, waqt li jikkonferma t-tagħlim tal-Papiet ta' żminijietna, jgħidilna wkoll li l-lajċi għandhom ikunu appostli. Mill-magħmudija u mis-sagrament tal-Konfermazzjoni, il-lajċi jirċievu l-missjoni li jxandru t-tagħlim ta' Kristu u jħabirku għas-saltna tiegħu. Għalhekk bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu, il-lajċi jistgħu jifhmu aħjar it-tagħlim tal-Knisja u jifhmu aħjar din il-vokazzjoni speċifika tagħhom: li huma wkoll jieħdu sehem fl-apostolat tagħha.

Ġenerożità Apostolika

Meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-appostli, mhux biss urihom x'inhi l-vokazzjoni tagħhom, imma imlielhom qalbhom bil-ġenerożità sabiex ma jibżgħux u

ma joqogħdux lura biex iwettqu dak li Alla ried minnhom. Ma kinitx ħaġa faċli għall-appostli li jmorru f'kull rokna tad-dinja u jxandru l-verità rivelata minn Kristu. L-Apostolat dejjem jitlob sagrifiċċju. Ma hemm ebda apostolat li ma jitlobx taħbil tal-moħħ, dedikazzjoni, enerġija u anke tul ta' żmien. Għalhekk, anke l-lajċi, jekk iridu jagħmlu tassew l-apostolat, għandhom bżonn sens kbir ta' ġenerożità; iridu jkunu lesti li lil Alla jagħtuh dak li jitlobhom; iridu jkunu lesti li ma joqogħdux jagħmlu kalkoli u lanqas ifittxu l-interessi tagħhom; imma jaraw biss x'inhi r-rieda t'Alla u jwettquha. Biex il-lajċi jkollhom dan il-grad għoli ta' ġenerożità hija meħtieġa l-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu.

Id-Don tal-Perseveranza

L-Ispirtu s-Santu mhux biss sawwab il-ġenerożità fil-qalb ta' l-appostli, imma tahom ukoll l-kostanza biex sal-mewt, anzi sat-tixrid ta' demmhom, ikomplu l-ħidma li afdalhom Kristu. Kien hemm għadd ta' ħaddiema fl-għalqa tal-Mulej li bdew b'ħafna enerġija, imma mbagħad qatgħu qalbhom, ċedew l-armi u raqdu f'nofs ta' triq. Jekk aħna tassew irridu nwettqu l-apostolat fl-għalqa tal-Mulej, irridu nkomplu sa l-aħħar, sakemm jippermettulna l-forzi tagħna, sakemm Alla jurina li hemm bżonn tal-ħidma tagħna fil-qasam tal-Knisja. Huwa l-Ispirtu s-Santu li jagħtina dan id-don tal-perseveranza biex akkost ta' kollox nibqgħu mixja, ankè jekk ma narawx ir-riżultati tal-ħidma tagħna. Miskin huwa dak l-appostlu li jistenna li jara l-frott immedjat. Kemm priedki nippredkaw u nxandru u ma nafux x'effett inkunu ħallejna; kemm twissijiet nagħmlu - twissijiet kollettivi u individwali, - imma xorta waħda min ikun fl-iżball

jibqa' ma jikkoreġix l-iżball tiegħu. Madanakollu ma għandniex naqtgħu qalbna, għax dak li niżirgħu aħna, jaħsdu ħaddieħor. Il-ħidma tagħna, anke jekk ma tagħtix il-frott fi żmienna, ma naqtgħux qalbna u nħallu kollox f'idejn Alla. Lanqas għandna noqogħdu nfittxu l-approvazzjoni tal-bnedmin. Anzi, mhux l-ewwel darba li nsibu lil min ifixkilna jew jipprova jaqtagħlna qalbna; mhux l-ewwel darba li niltaqgħu ma' min jipprova jitfi l-ħeġġa ta' l-apostolat li jkollna. Intom il-lajċi b'mod partikulari għandkom toqogħdu attenti għax proprju xi ħadd fost dawk li għandkom jimlewkom bil-ħeġġa u l-kuraġġ, jipprova jaqtagħlkom qalbkom jew għaliex mhux dejjem ikun hemm eżempju tajjeb jew għaliex xi drabi kliem ċerti individwi jtellfek kull ħeġġa jekk inti tkun miexi b'motivi umani u ma jkollokx motivi spiritwali. Huwa l-Ispirtu s-Santu li jagħtina il-perseveranza biex tul ħajjitna kollha sakemm nifilħu, - u meta ma nkunux nifilħu jibqagħlna dejjem il-possibilità li nibqgħu nitolbu u nagħmlu l-apostolat tat-talb, - aħna għandna nkomplu nwettqu dik il-ħidma li jistenna minna l-Mulej, Sid il-ħsad.

Tmiem tal-Viżta Pastorali

Illum ukoll fi tmiem din il-quddiesa ser inkantaw l-innu ta' radd il-ħajr lil Alla bħala konklużjoni tal-Viżta Pastorali. Imma l-Viżta Pastorali qatt ma għandha tmiem għax dejjem jibqa' difetti x'nikkorieġu u ħidmiet tajbin x'inwettqu. Fiċ-Ċirkulari li biha kont ħabbartilkom il-Viżta Pastorali kont għidtilkom li din il-viżta kienet ser tkun kollha kemm hi mibnija fuq il-Pjan Pastorali Kwinkwennali. Għalkemm fadal ħafna x'isir fit-tliet snin tal-Pjan li fadal, matul is-sentejn li għaddew saru ħafna ħidmiet u ttieħdu diversi inizjattivi pastorali; imma

dan ma jfissirx li nistgħu nserrħu rasna u norbtu idejna; anżi hemm bżonn li mhux ċerti parroċċi mxew 'il quddiem u oħrajn inqas. Għandna bżonn ta' pastorali matura - pastorali adatta għaż-żminijiet ta' llum, pastorali li tkun tappella għaż-żgħażagħ u t-tfal. Għalhekk ċerti affarijiet li għadda żmienhom, ċerti anakronismi, hemm bżonn li jew nagħtuhom importanza sekondarja jew forsi ma nagħtuhom ebda importanza jekk ma tixirqilhomx. Tajjeb li aħna nħallu t-tagħlim tal-Knisja jdawwal il-moħħ tagħna, għax fl-aħħar mill-aħħar dak id-dawl huwa ġej mill-Ispirtu s-Santu wkoll. Nisimgħu l-appelli tal-Papiet u tal-Ġerarkija ta' żminijietna biex aħna mhux inkunu tfixkil ma' saqajn min irid jimxi 'l quddiem, imma ngħinu lill-Knisja, nagħrfu d-dmirijiet tagħna, il-missjoni li Alla afdalna u nwettquha. Nistedinkom biex it-Te Deum inkantawh mhux biss bħala att ta' ringrazzjament, imma wkoll bħala talba ħerqana biex bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu aħna nfittxu li nwettqu d-dmirijiet tagħna bħala appostli u hekk inkunu xhieda ta' Kristu quddiem il-bnedmin.

16. TALBA TAL-PRESBITERI LIL KRISTU SAĊERDOT
(21 - 06 - 1991)

Mulej Ġesù, Mgħallem, qassis u Sultan tagħna qabel xejn inroddulek ħajr li fl-imħabba mmensa tal-Qalb Divina tiegħek għażiltna għalik u tajtna "is-setgħa mqaddsa ta' l-ordni ħalli noffru s-sagrifiċċju, naħfru d-dnubiet u f'ismek naqdu quddiem kulħadd l-uffiċċju ta' saċerdoti għall-bniedem" (*Presbyterorum Ordinis*, n.2).

Aħna l-presbiteri nafu li "bħala ħaddiema id f'id ma' l-Isqfijiet, għandna qabel kollox l-uffiċċju li nxandru l-Bxara t-Tajba lil kulħadd, biex b'hekk inkunu nobdu l-ordni tal-Mulej li qal "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba lill-ħolqien kollu" (*Presbyterorum Ordinis*, n. 4).

"Bil-Magħmudija ndaħħlu l-bnedmin fil-Poplu t'Alla, bis-Sagrament tal-Qrar nerġgħu nħabbu l-bnedmin ma' Alla u mal-Knisja, biż-żejt tal-morda nwieżnu 'l min hu batut bil-mard...Bis-Sagramenti kollha li nagħmlu, nintrabtu b'ħafna mod f'ġerarkija ma' l-Isqof, u hekk qisna nuru l-preżenza tiegħu f'kull ġemgħa ta' l-insara" (*Presbyterorum Ordinis*, n. 4).

Aħna għandna mmexxu lill-insara "biex tul ħajjithom kollha jitħarrġu fl-ispirtu ta' talb dejjem iktar perfett skond id-dispozizzjonijiet u l-ħtigijiet ta' kull ruħ u nħajru 'l kulħadd biex kull wieħed jaqdi dmiru sewwa skond l-istat tiegħu" (*Presbyterorum Ordinis*, n. 5).

"B'mod speċjali għandu jkollna għal qalbna l-foqra u l-imsejkna li mal-Mulej huma ħaġa waħda kif qalilna Kristu stess. Bi ħrara partikulari għandna nieħdu ħsieb iż-żgħażagħ, kif ukoll il-miżżewġin u l-ġenituri u hi ħaġa mixtieqa li dawn kollha jsirulhom laqgħat għalihom. Fl-aħħarnett u fuq kollox, għandu jkollna ħerqa kbira għall-morda u l-moribondi u lilhom inżuru u nfarrġu fil-Mulej" (*Presbyterorum Ordinis*, 6).

Agħmel li nifhmu sewwa li "ebda Presbiteru mhu se jseħħlu jtemm il-missjoni tiegħu mifrud mill-oħrajn u qisu għal rasu, imma biss jekk jgħaqqad il-forzi tiegħu

ma' dawk tal-presbiteri l-oħra, taħt it-tmexxija ta' dawk li jippresiedu fuq il-Knisja" (*Presbyterorum Ordinis*, n. 7). Agħtina li nkunu magħqudin ma' l-Isqof tagħna bi mħabba u ubbidjenza mill-qalb" (*Ibidem*) biex hu jsib fina l-għajnuna meħtieġa ta' aħwa u ħbieb.

Agħmel li nkunu marbutin ma' ħutna fis-saċerdożju 'b'rabta ta' mħabba, ta' talb u ta' kull xorta ta' ħidma id f'id u hekk tidher dik l-għaqda mixtieqa minnek" (*Presbyterorum Ordinis*, 8).

Irridu ningħaqdu fil-ħidma mal-fidili lajċi u nġibu ruħna f'nofshom bħalek li ma ġejtx biex tkun moqdi; iżda biex taqdi u biex tagħti ħajtek għall-fidwa ta' kulħadd" (*Presbyterorum Ordinis*, 9).

Tħalli tonqos qatt fina l-imħabba pastorali, li l-aqwa għan tagħha huwa s-Sagrifiċċju Ewkaristiku li għalhekk huwa l-qalba u l-għerq tal-ħajja kollha tal-presbiteru" (*Ibidem*).

17. 125 SENA TAS-SEMINARJU (04 - 11 - 1991)

Il-Laqgħa tagħna tal-lejla trid tkun qabel xejn espressjoni ta' rikonoxxenza lejn Alla għal grazzji li huwa sawwab fuq is-Seminarju tagħna li qiegħed ifakkar il-125 anniversarju mit-twaqqif tiegħu. Matul din il-laqgħa qegħda ssir ukoll it-tifkira ta' dawk li ġew qabilna

u li ssagrifikaw ruħhom b'tant ġenerożità biex imexxu 'l quddiem din l-istituzzjoni.

Nixtieq li f'din l-okkażjoni nistedinkom biex nagħmlu flimkien tliet riflessjonijiet qosra

1. Huwa fatt li ħadd ma jista' jiċħdu li l-Ġerarkija tal-Knisja stqarret fil-beraħ il-ħtieġa tas-Seminarji u nkoraġġiet dejjem il-ħidma tagħhom anke fl-artijiet tal-Missjoni. Hija biżżejjed ix-xhieda tal-Konċilju Vatikan II, fl-*Optatam Totius* 4: "Is-Seminarji maġġuri huma meħtieġa għall-formazzjoni saċerdotali. Bihom l-edukazzjoni kollha ta' l-istudenti trid timmira biex taghmilhom tassew rgħajja ta' l-erwieħ fuq il-mudell ta' Sidna Ġesù Kristu, Saċerdot u Ragħaj." Il-Knisja Kattolika matul is-sekli ħarset bir-reqqa bħala dritt proprju u esklussiv tagħha l-ħidma ta' formazzjoni ta' dawk li huma destinati għall-ministeri sagri (Kanoni 232) u ma qagħditx tixxaħħaħ fl-enerġiji u fir-riżorsi finanzjarji biex twaqqaf u żżomm kif imiss is-seminarji tagħha.

2. Il-Poplu ta' Alla fi ġiritna ilu li ntebaħ bis-siwi tas-Seminarju u tgħallem jgħożżu bħala parti prezzjuża tal-wirt kulturali tiegħu. Il-fidi nisranija li jħaddan il-poplu Għawdxi twasslu biex jipperswadi ruħu li l-Knisja kif inhi mfassla minn Kristu ma tistax tgħix mingħajr is-saċerdoti. Dawn huma meħtiġin għall-evanġelizz-azzjoni. Is-servizz tagħhom huwa indispensabbli għax huwa servizz għas-salvazzjoni tal-erwieħ. Il-Vanġelu jinxtered a proporzjon ta' l-għadd, tal-ħerqa u tal-qdusija personali tagħhom.

Biex ikun hemm is-saċerdoti jeħtieġ li jkun hemm is-Seminarju fejn jieħdu t-taħriġ tagħhom. Is-Seminarju "Tal-Qalb ta' Ġesù" diġà wera s-siwi tiegħu bil-għadd ta' saċerdoti li huwa fforma u li wara ddedikaw ruħhom bl-umiltà u bil-perseveranza għall-ġid ta' ħuthom. Il-valur tas-Seminarju jidher mill-frott tiegħu. Il-poplu t'Għawdex juri b'mod konkret l-apprezzament tiegħu għas-Seminarju billi jikkontribwixxi ġenerożament biex iżomm din l-istituzzjoni.

3. Marbuta mill-qrib mas-Seminarju hemm il-problema tal-vokazzjonijiet. Kull vokazzjoni saċerdotali hija sinjal tal-preżenza u ta' l-imħabba infinita; hija l-bidu tad-djalogu bejn Kristu ħaj u l-poplu - ċioè il-familja, l-għaqdiet, il-parroċċa u d-djoċesi - li minn ħdanhom jiġi msejjaħ dak li jkun magħżul. In-nuqqas ta' vokazzjonijiet saċerdotali li ilu jinħass f'partijiet oħra tad-dinja, issa beda jinħass fid-djoċesi tagħna wkoll. Hemm diversi fatturi li għalihom jista' jkun dovut it-tnaqqis fin-numru tal-kandidati għas-saċerdozju. Fost l-oħrajn l-opportunità ta' servizz apostoliku ankè fl-istat tal-ħajja sekolari, il-klima kulturali u soċjali ta' żminijietna, l-inkapaċità ta' ċerti żgħażagħ li jimpenjaw ruħhom għal ħajjithom kollha, in-nuqqas ta' testimonjanza, ta' ferħ u ta' impenn pastorali da parti ta' xi whud mill-membri tal-kleru. Ma dawn nistgħu nżidu wkoll il-kampanja anti-klerikali ta' denigrazzjoni li għaliha huma esposti s-saċerdoti f'ċerti sezzjonijiet tal-istampa lokali.

Meta nżommu quddiem għajnejna dawn il-fatturi li semmejna u fatturi oħra, m'għandniex nistagħġbu għaliex naqsu l-vokazzjonijiet iżda għandna nistagħġbu

li wara dana kollu għad fadal żgħażagħ kuraġġużi li jħallu kollox biex jilħqu l-ideal għoli tagħhom li jimxu wara l-Mulej.

Nifirħu u nroddu ħajr lil Alla li għad fadal vokazzjonijiet fid-djoċesi u fis-seklu tagħna. Is-Seminarju għandu raġun jifraħ meta jħares lejn dawn l-aħħar 125 sena. Mimli bit-tama fl-għajnuna ta' Alla u fl-appoġġ kontinwu tal-Kattoliċi ta' din id-djoċesi jimpenja ruħu li jissokta anke għal li ġej il-missjoni nobbli tiegħu.

18. KRISTU SULTAN: IT-TAMA TA' L-UMANITÀ
(24 - 11 - 1991)

"Fejn hija miexja l-umanità? Hemm bżonn li ma nitqarrqux għax ħafna drabi l-informazzjoni li taslilna hija mqarrqa jew nieqsa. Illum il-**Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali** huma prepotenza tant qawwija li kapaċi jżommu fl-ingann għadd kbir ta' nies. Meħtieġ li ma nħallux lil min jagħti verżjoni sabiħa ta' dak li fir-realtà huwa ikrah u mmermer.

L-umanità, speċjalment fl-Ewropa, qabdet rotta ħażina. Jekk nagħmlu analisi tas-sitwazzjoni storika, nindunaw li ċ-**ċaħda tal-Komuniżmu** li saret b'tant solennità fl-1989, kienet ferħa bla temma. Illum, l-ideoloġija tal-Komuniżmu jew tas-Soċjaliżmu reali

tfarrket. Il-popli li ħallew il-Komuniżmu sabu ruħhom fil-baħħ - intebħu li dan is-sistema politiku huwa żbaljat, qarrieq u vjolenti. Imma dawn il-popli ma sabux x'jissodisfa l-għatx tagħhom għax lil Kristu ma sabuhx. Waħda mir-raġunijiet għaliex ma sabux lil Kristu, hija għax il-Kristjani ma kinux xhieda u trasparenza tiegħu. Dawn il-popli tfixklu minħabba fina.

L-umanità, speċjalment fl-Ewropa, qabdet triq żbaljata. Biżżejjed naraw il-ġlied li hemm fil-Jugoslavja bejn provinċja u oħra. Ħafna drabi l-Ewropa hija mmexxija mhux mill-gvernijiet, eletti bir-rieda ħielsa tal-popli, imma tinsab taħt il-ħakma tal-**Multi-nazzjonali** li huma kapaċi jikkmandaw lil kulħadd, jimminaċċjaw u jirrikattaw lil kull min huwa onest u jrid ifittex il-verità u l-ġustizzja.

L-Ewropa hija għamja. Hemm bżonn li mill-Ewropa jitla' leħen u jsejjaħ lil Kristu Sultan biex idawwalna ħalli nsibu l-verità. Il-**morali ta' Kristu** hemm bżonn li naċċettawha mingħajr kompromessi u tiġbid. Il-morali li tgħallem il-Knisja, li hija l-morali ta' Kristu, hemm bżonn naċċettawha anke jekk dan ikun ifisser li nitilfu mill-qliegħ tagħna, anke jekk dan ifisser li ser ikun hemm xi barranin li jitmeżmżu; anke jekk effett ta' dan, ikun hemm min jakkużana li għadna lura. Ma hemmx triq tan-nofs: jew naċċettaw lil Kristu bil-morali tiegħu, bis-salib tiegħu, jew inkella bħall-Ewropa u bħall-parti l-kbira ta' l-umanità naqbdu t-triq tar-rovina.

Il-gwerra tal-Jugoslavja hija qerda żgħira meta nqabbluha ma' qerdiet oħra li hawn fl-Ewropa. Insemmu l-**flaġell tad-droga**. Biex nirreżistu d-droga rridu nkunu

kapaċi nirbħu lilna nfusna kif jgħallem Kristu. Il-**flaġell tal-AIDS**, mhemmx triq oħra leċita biex l-umanità tirbaħ dan il-problema ħlief billi taċċetta l-liġi ta' Kristu kif inhi u l-bnedmin ikunu korretti fil-ħajja sesswali tagħhom, ikunu kapaċi jiddominaw lilhom infushom u jżommu 'l bogħod minn dak li jista' jkun ta' ħsara għar-ruħ u l-ġisem.

L-Ewropa tinsab fid-dlam; hija vjolenti u mtebbgħa bil-kriminalità għax ma aċċettatx lil Kristu bis-serjetà. Tiftaħar li hija nisranija, imma l-imġieba tagħha hija 'l bogħod minn dak l-ideal li jgħallimna Kristu Sultan.

Kristu Sultan tal-Paċi u l-Ġustizzja, huwa t-tama tal-umanità. Inkunu aħna minn ta' quddiem li nsejħu lil Kristu jsalvana; inkunu aħna minn ta' quddiem li ninsistu fuq l-morali ta' Kristu; inkunu aħna minn ta' l-ewwel li din il-morali mhux biss inxandruha imma ngħixuha kuljum.

19. NAGĦRFU AĦJAR IL-KNISJA
(30 - 11 - 1992)

Huwa magħruf is-slogan rigward il-Marjoloġija ***"De Maria numquam satis"*** li qatt ma naslu biex inkunu għidna kollox fuq il-Madonna. Naħseb li l-istess ħaġa nistgħu ngħidu dwar il-Knisja ***"De Ecclesia numquam satis"***; nitkellmu kemm nitkellmu dwarha, qatt ma nkunu tkellimna biżżejjed.

Fis-Symposium Teoloġiku li ser nieħdu sehem fih fil-ġranet li ġejjin, għandna l-ħsieb li nistudjaw il-Knisja; bħala misteru, xirka u missjoni. Il-Knisja mwaqqfa minn Kristu, u minnu mibgħuta biex bil-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu, tiġbor f'xirka waħda ta' fidi u mħabba, il-familja kbira tal-bnedmin, tikkontinwa l-misteru ta' Kristu u twassal sat-tmiem il-missjoni mibdija minnu.

Hija tidher ukoll quddiem id-dinja bħala l-Poplu t'Alla, li jżomm magħqud flimkien ir-rabtiet qaddisa li tah Alla nnifsu. Dawn huma ftit punti li semmejna li jistħoqqilhom meditazzjoni profonda.

Il-Kummissjoni Teoloġika għażlet li fis-symposium nirriflettu u nitkellmu dwar dan is-suġġett ċioè dwar il-Knisja għall-iktar minn raġuni waħda:

1. Għaliex fost it-temi kollha li huma oġġett tar-riflessjoni teoloġika f'dawn l-aħħar snin, forsi l-Ekkleżjoloġija tiġi minn ta' quddiem nett.

2. Il-Konċilju Vatikan II joffrilna minjiera sħiħa ta' tagħlim dwar il-Knisja u tkun ħasra jekk tagħlim bħal dan ma napprezzawhx biżżejjed jew ma nagħmlux l-aqwa profitt minnu.

3. Qegħdin nisimgħu ħafna tagħlim żbaljat dwar il-veritajiet tar-Reliġjon Nisranija u b'mod partikulari dwar x'inhi l-Knisja u liema hi l-missjoni tagħha. Kif naqraw fl-enċiklika ***Ecclesiam Suam*** tal-Papa Pawlu VI: "Biex inbiegħdu ħafna perikli bħal dawn, li qegħdin jagħfsu minn diversi naħiet, naħsbu li jingħata rimedju tajjeb, jekk il-Knisja tfittex tikseb tagħrif aktar profond

tagħha stess u tagħraf aħjar x'inhi sewwa, hija stess, skond il-ħsieb ta' Ġesù Kristu...." (num.27).

4. Qabel ma nistgħu ngħidu x'għandna nagħmlu u kif għandna ngħixu bħala wlied il-Knisja, jeħtieġ li tkun ċara f'moħħna l-identità tal-Knisja. Id-dawl li fih jintwera aħjar il-misteru tal-Knisja, huwa ta' għajnuna kbira għalina biex nikkultivaw aħjar l-ispiritwalità tagħna.

5. Il-Pastorali tinbena fuq il-fundament tal-Ekkleżjoloġija u meta jkun hemm żvilupp fl-Ekkleżjoloġija l-ħidma pastorali trid tadatta ruħha għalih ukoll.

6. Is-sena li ġejja niċċelebraw il-50 anniversarju tal-Enċiklika ***Mystici Corporis*** tal-Papa Piju XII, li kienet waħda mill-"high lights" fl-istorja tal-Ekkleżjoloġija. Dan is-Symposium jista' b'xi mod jippreparana għaċ-ċelebrazzjoni ta' din ir-rikorrenza.

Nittamaw li bil-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu, minn dan is-Symposium nieħdu mhux biss kunċetti li jistgħu jdawlu moħħna iżda wkoll ispirazzjoni għall-ħajja spiritwali tagħna u għall-ħidma ta' evanġelizzazzjoni li trid minna l-Knisja.

20. L-ISQFIJIET FIL-KNISJA TA' KRISTU
(25 - 04 - 1993)

Kienu tabilħaqq ixxurtjati dawk id-dixxipli ta' Emmaws, mhux biss għax Kristu għażilhom bħala

xhieda tal-Qawmien tiegħu minn bejn l-imwiet, iżda wkoll għax Huwa tkellem magħhom u fissrilhom l-Iskrittura tar-Rabta l-Qadima, il-Profeżiji illi twettqu fil-Passjoni u l-Mewt tal-Feddej.

Kienu xxurtjati d-dixxipli ta' Emmaws, għax għarfu lil Kristu Rxuxtat fil-Qsim tal-Ħobż, f'din l-esperjenza hekk straordinarja biex ma ngħidux unika, illi huma għaddew minnha. Però, ma kkuntentawx b'dak li raw u b'dak li semgħu mingħand Kristu, huma telqu minnufih lejn Ġerusalemm u marru jfittxu lill-Appostli. L-Evanġelista jgħidilna, illi marru sabu lill-Ħdax u dawn qalulhom: "Il-Mulej qam tassew u deher lil Pietru".

Id-dixxipli ta' Emmaws irrakkontaw l-esperjenza li kienu għaddew minnha u kif għarfu lil Kristu fil-qsim tal-ħobż. Dan ifisser, li d-dixxipli ta' Emmaws ma ħadux deċiżjoni weħidhom, ma riedux joqogħdu fuq l-opinjoni tagħhom biss, iżda rrikorrew għand l-Appostli, biex l-Appostli jivverifikaw dak kollu li sar u ġara. Minn dan l-episodju żgħir, aħna nistgħu nikkonkludu illi l-Knisja, sa mill-ewwel kienet Knisja Appostolika. Difatti, id-dixxipli ta' Kristu, kif kienu d-dixxipli ta' Emmaws, riedu illi jkunu l-Appostli illi jikkonfermaw l-opinjoni tagħhom, il-konklużjoni li waslu huma għaliha.

U x'nifhmu meta ngħidu li l-Knisja kienet u tibqa' sa l-aħħar APOSTOLIKA? **Nifhmu l-ewwelnett** illi skond il-proġett ta' Kristu, skond il-pjan li Kristu fassal għall-Knisja Tiegħu, din kellha tkun mibnija fuq l-Appostli. Il-Knisja Tiegħu f'kull pajjiż u matul iż-żminijiet kellha tkun immexxija mis-suċċessuri ta' l-appostli. Il-Knisja titmexxa mhux skond fehmet jew bis-

setgħa ta' dak jew ta' l-ieħor, imma bl-awtorità u s-setgħa li Kristu ta lill-Appostli nfushom. L-Isqfijiet fil-Knisja ta' Kristu jirtu l-istess setgħa li kellhom l-Appostli. L-Isqfijiet huma s-suċċessuri ta' l-Appostli, u huma garanti illi l-Knisja Kattolika hija tabilħaqq il-Knisja ta' Kristu għax hija APPOSTOLIKA.

Meta ngħidu l-KNISJA APPOSTOLIKA **nifhmu wkoll** illi hija sa l-aħħar taż-żminijiet għandha tibqa' titwettaq l-istess attività li kienu jwettqu l-Appostli fejn tidħol is-Salvazzjoni ta' l-Erwieħ illi għaliha ġie fid-dinja s-Salvatur tagħna Ġesù, li Huwa mbagħad ħalla f'idejn il-Knisja tiegħu.

Fuq kollox il-KNISJA KATTOLIKA **hija wkoll APPOSTOLIKA**, għax hija xxandar u tippriedka l-istess tagħlim li kellhom u li għallmu l-Appostli bil-kliem u bil-kitba. Dan ma jfissirx illi ma kienx hemm żvilupp fit-Tagħlim tal-Knisja, ma jfissirx illi l-Knisja tas-seklu għoxrin qegħda tirrepeti kelma b'kelma l-istess messaġġ illi qalu l-Appostli fl-ewwel seklu tal-era Kristjana. Jista' jkun hemm żvilupp fid-Duttrina tal-Knisja, u tabilħaqq kien hemm żvilupp fid-Duttrina tal-Knisja. Għalhekk il-Konċilji, għalhekk ukoll il-Pronunzjamenti tal-Papiet! Imma dan l-iżvilupp ma jfissirx illi l-bieraħ qalet ħaġa u llum qegħda tgħid oħra. Ma jfissirx illi t-tagħlim il-ġdid imur kontra t-tagħlim il-qadim. Kif meta inti għandek siġra u din kibret, iżda hija l-istess siġra. Hemm differenza fil-qies, imma fis-sustanza hija l-istess ħaġa dik li kienet, xitla. Għalhekk hemm bżonn li noqogħdu attenti biex fejn jidħol it-Tagħlim tal-Knisja ma ndaħħlux il-moda, għax it-Tagħlim tal-Knisja **huwa dejjem ĠDID**, għad li huwa l-

istess wieħed illi qalulna l-Appostli ħafna sekli ilu. Huma u t-tagħlim tagħhom huma l-pedament ta' dak kollu illi tgħallem il-Knisja fi żminijietna. It-tagħlim ta' l-Appostli għandu jkun il-PEDAMENT li fuqu jinbena kull tagħlim Reliġjuż ieħor, għal min irid jibqa' tabilħaqq membru tal-Knisja Kattolika.

Mela, minn din il-ġrajja tal-Vanġelu tal-lum, aħna nitgħallmu illi ma nistgħux inneħħu mill-Knisja Kattolika dik in-nota ta' Appostoliċità. Ma nistgħux il-Knisja Kattolika nimmaġinawha qisha xi ħaġa maqtugħa mill-Isqfijiet, xi ħaġa illi fiha l-Isqfijiet qegħdin hemmhekk għall-parenza biss. Il-Knisja Kattolika biex tkun tabilħaqq Appoṣtolika, għandha bżonn is-SERVIZZ TA' L-ISQFIJIET, li huwa servizz ta' Maġisteru, ta' Tagħlim, ta' Xhieda, servizz ta' Ħidma Pastorali, servizz fuq kollox tal-formazzjoni tal-Kuxjenzi, ta' dawk illi jridu jissejħu Kattoliċi.

Tajjeb illi ma noqogħdux noħolqu kuntrast bejn it-Tagħlim tal-lum u t-Tagħlim ta' l-imgħoddi. It-Tagħlim tal-lum huwa żvilupp tat-Tagħlim ta' l-imgħoddi, huwa approfondiment tat-Tagħlim ta' l-imgħoddi. Imma ma jistax jikkontradixxi dak li għallmet il-Knisja b'mod uffiċjali fis-sekli l-imgħoddija.

U jiena nixtieq hawnhekk illi nagħmel appell lill-Membri kollha tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Kristu. Jiena, barra milli nistenna din il-ħaġa mingħand kulħadd, imma wisq u wisq iżjed nistenniha mill-Membri tax-Xirka, illi għalija huma DIFENSURI TAD-DRITTIJIET T'ALLA, TAD-DRITTIJIET TAL-KNISJA. Barra milli jikkumbattu d-Dagħa, u din hija ħaġa meħtieġa għax id-

dagħa diżgrazzjatament f'Pajjiżna għadu jeżisti, u d-Dagħa huwa diżunur mhux biss għal min jgħidu, imma wkoll għas-Soċjetà u għall-Ambjenti illi fih jinstema'.

Il-membri tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesù għandhom id-dmir illi b'kull mezz, anke bit-TALB, anke bil-PENITENZA, jikkumbattu l-miſħut DAGĦA! Iżda, jiena nixtieq nipproponi xi ħaġa iżjed. Nixtieq illi l-membri ta' din ix-Xirka jkunu minn ta' quddiem biex jiddefendu t-Tagħlim Awtentiku tal-Knisja fi żminijietna, fejn hawn tant opinjonijiet u mhux kollha huma rikonċiljabbli mat-Tagħlim ta' Ommna l-Knisja Mqaddsa. Hemm bżonn illi dan id-depożitu tal-FIDI, dan it-tagħlim li aħna nemmnu fih u nistqarruh bħala Kattoliċi, INŻOMMUH u NĦARSUH fl-integrità u fis-safa kollha tiegħu. U dan huwa mhux biss dritt u dmir ta' l-Isqfijiet, imma huwa wkoll **kompitu u missjoni** ta' kull min irid ikun tabilħaqq VERU KATTOLIKU, u għalhekk qiegħed nistieden lill-Membri tax-Xirka biex ikunu minn ta' quddiem f'din l-opra, f'din il-ħidma hekk importanti.

Għall-grazzja t'Alla, aħna li qegħdin ngħixu fit-tmiem tas-seklu għoxrin, nistgħu niftaħru u nifirħu illi għandna rigal mogħti mis-SEMA biex nistgħu nwettqu aħjar din il-Missjoni tagħna, illi niddefendu t-Tagħlim Rivelat u t-Tagħlim tal-Knisja - "IL-KATEKIŻMU UNIVERSALI" - li kif qal il-PAPA stess għandu jkun qisu punt ta' riferenza għal kull min irid iżomm u jxandar dak li huwa l-VERU TAGĦLIM ta' Ommna l-Knisja Mqaddsa.

Għalhekk, naqbdu f'idejna DAN IL-KTIEB, nistudjawh tajjeb, nassimilawh, u fuq kollox infittxu illi

dan il-messaġġ, dak it-tagħlim hekk profond u hekk sabiħ illi hemm fil-KATEKIŻMU UNIVERSALI, inwassluh lill-MALTIN U lill-GĦAWDXIN kollha, biex b'dan il-mod, KULĦADD jistqarr FIDI WAĦDA, u jkollna l-ġieħ u l-unur li ngħidu li aħna tabilħaqq KATTOLIĊI, ULIED OMMNA L-KNISJA MQADDSA.

21. XEJN M'GĦANDU JIFRIDNA MINN KRISTU
(18 - 06 - 1993)

Bħala sinjal ta' radd il-ħajr tal-grazzji u l-barkiet kollha li rċivejna minn għand Kristu, il-Feddej tagħna, aħna l-lejla ser ninkoronaw ix-xbieha għażiża tiegħu b'kuruna mill-isbaħ tad-deheb u l-ħaġar prezzjuż.

Din l-inkurunazzjoni tax-xbieha tal-Qalb Imqaddsa ta' Kristu għandha wkoll tifsira oħra. Permezz ta' dan il-ġest tagħna, għal darb'oħra aħna nirrikonoxxuh bħala Sultan u Sid tagħna, naċċettaw it-treġija tiegħu fuqna, nimpenjaw ruħna li noqogħdu għal-liġi tiegħu u li nħabirku għat-tixrid tas-saltna tiegħu.

Wara li tintemm il-Quddiesa, il-kwadru nkorunat jinġarr fi proċessjoni solenni mat-toroq ta' din il-parroċċa. Hekk ix-xbieha għażiża ta' Kristu tgħaddi minn quddiem djarna u Kristu jbierek il-familji tagħna.

Dan l-għemil ifakkarna f'dak li ġara fil-Palestina madwar elfejn sena ilu, meta Kristu kien jiltaqa' man-

nies ta' żmienu u "għadda jagħmel il-ġid u jfejjaq" (Atti 10, 38).

Imqanqal mill-imħabba u mill-ħniena tal-Qalb Divina tiegħu, Kristu ma jonqos qatt li jagħmel il-ġid u jfejjaq lill-bnedmin li jifthu qalbhom għall-imħabba tiegħu. Kif tixhdilna l-istorja ta' l-umanità, matul dan il-kors tas-sekli, Kristu għadu u jibqa' ħaj, u jgħaddi jferraq il-grazzji lill-bnedmin: "Ġesù Kristu l-bieraħ u llum hu l-istess u jibqa' għal dejjem" (Lhud 13, 8).

Hemm min ma jagħtix kas ta' Kristu, preżenti fil-Knisja, il-Ġisem Mistiku tiegħu. Hemm ukoll min jeħodha kontrih u jagħmillu gwerra. Iżda hemm wkoll min rabat qalbu ma' Kristu u bħal San Pawl jista' jgħid "Min jista' jifridna mill-imħabba ta' Kristu? Taħbit, dwejjaq, persekuzzjoni, għera, perikli, sejf?... La l-mewt, lanqas il-ħajja, la l-anġli lanqas il-qawwiet... Lanqas l-ebda ħlejqa oħra ma tista' tifridna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna" (Rum. 8, 35-39).

Aħna l-lejla nixtiequ nistqarru quddiem kulħadd li rridu nibqgħu magħqudin ma' Kristu għaliex hu biss għandu l-kliem tal-verità, hu biss jista' jsawwab il-vera paċi fi qlubna, hu biss jista' jfejjaq il-ġerħat mhux biss dawk li jġarrbu l-individwi f'ruħhom u f'ġisimhom, iżda wkoll il-pjagi familjari u soċjali.

Min jinfired minn Kristu u jitbiegħed minnu, ikun qabad it-triq tar-rovina spiritwali tiegħu nnifsu. Min ma jiġborx ma' Kristu, ixerred u jaħli fix-xejn għerfu u ġidu. Hu stess qalilna: "Min mhux miegħi hu kontra tiegħi, min ma jiġborx miegħi, ixerred" (Lq; 11, 23).

Hekk ġralhom ċerti pajjiżi, li warrbu fil-ġenb l-ideali nsara; dehrilhom bħal dawk tat-torri ta' Babel li l-belt tal-bnedmin tista' tinbena mingħajr ma jdaħħlu lil Alla u lil Kristu. Ħassew li l-liġi tal-Vanġelu hija antikwata u titlob ħafna ċaħdiet, imxew għal rashom u flok il-ħelu sabu l-morr, flok il-hena tal-qalb sabu l-ansjetà u l-konfużjoni. Eżempji ta' dan il-falliment, għandna bil-kotra, iżda biżżejjed insemmu s-sens ta' frustrazzjoni li qed dejjem iżjed jixtered, in-nuqqas ta' rispett għal kull għamla ta' awtorità, il-kriminalità kiefra u organizzata, it-tixrid tad-droga, il-vjolenza kemm fiżika kif ukoll morali, it-tifrik tal-familji, id-disfunzjonament tal-iskejjel, il-permessività f'kull kamp. Kollha sintomi ta' soċjetà marida u bla ħila li tqum fuq saqajha bis-saħħa tagħha biss.

Għad li fid-dinja ta' llum hemm ħafna ilħna li jipprovaw jiżvijawna, aħna, il-lejla rridu nistqarru fil-beraħ li għamilna l-għażla fondamentali tagħna: Dejjem ma' Kristu u qatt mingħajru jew kontra tiegħu. Dan ngħiduh b'wiċċna minn quddiem għaliex persważi, minn dak li qalilna huwa stess li mingħajru ma nistgħu nagħmlu xejn (Ġw. 15, 5).

Minn qalbna l-lejla, għalhekk, toħroġ ħerqana l-istess talba li għamlu lil Kristu d-dixxipli ta' Emmaws: "Ibqa' magħna Mulej, għax beda jaqa' d-dlam" (Lq. 24, 29). Aħna neħtieġu t-tagħlim tiegħek, il-liġi tiegħek, il-grazzja tiegħek, il-maħfra tiegħek, il-ħarsien tiegħek f'kull ħin u kullimkien.

Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, tiġina saltnatek! Żomm dejjem tħeġġeġ il-fjamma tal-imħabba lejk fil-qlub tat-

tfal u taż-żgħażagħ, fil-familji tagħna, fl-għażiża Art Twelidna. Minn tarf għall-ieħor ta' dawn il-gżejjer tagħna jalla tinstema' tidwi dejjem din l-għajta, lill-Feddej tagħna li wriena l-imħabba infinita tal-Qalb Minfuda tiegħu: "Tifħir, ġieħ, sebħ u setgħa għal dejjem ta' dejjem, Amen." (Apok. 5, 13).

22. PROBLEMI U POTENZJAL TAD-DJOĊESI
(18 - 01 - 1994)

Matul din is-sena, ser naħdmu fuq il-preparazzjoni ta' pjan **pastorali** li jmiss għas-snin 1995-2000. Fil-ġimgħat li ġejjin ser jitqassam kwestjunarju lis-saċerdoti, reliġjużi u lajċi impenjati fl-apostolat biex mit-tweġibiet li jingħataw ikun jista' jitfassal dan il-Pjan Pastorali Kwinkwennali li jmiss. Dawn id-domandi ser ikunu bażati fuq id-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan li temmejna s-sena l-oħra.

Billi s-sena li qegħdin fiha ġiet dikjarata bħala s-Sena Internazzjonali tal-Familja, il-Kummissjoni Djoċesana għall-Familja diġà ħejjiet kalendarju ta' attivitajiet għal matul is-sena. Matul din is-sena, għandna ninsistu aktar fuq it-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja dwar il-Familja. Donnu f'pajjiżna diġà dħalna fil-battalja dwar id-divorzju; teżisti l-qasma bejn id-divorzisti u dawk kontra d-divorzju. Aħna konvinti li min irid iħaddan it-tagħlim ta' Kristu, ma jistax jaqbel mad-divorzju. Min irid jiddefendi t-tagħlim uffiċjali tal-Knisja ma jistax jiddefendi jew jiskuża d-divorzju.

Iż-żgħażagħ huma parti mill-familja. Ħamsa u għoxrin sena ilu, kont ktibt Pastorali dwar iż-żgħażagħ. Qed naħsbu biex isir studju biex naraw x'għadu validu minn dik l-Ittra Pastorali. Irridu naraw liema kienu l-attivitajiet b'risq iż-żgħażagħ li saru f'isem id-Djoċesi u f'isem il-parroċċa bħalma huma l-Youth Centres, il-Hostel ta' Marsalforn għal gruppi ta' żgħażagħ u adoloxxenti, is-sistema ta' travel exchange ta' żgħażagħ mal-Ġermanja, eċċ. Meta nagħtu ħarsa lura f'dan il-qasam, insibu li mhux ġustifikat min jgħid li b'risq iż-żgħażagħ ma għamilna xejn jew ftit wisq.

Fi ħdan il-familja, hemm ukoll l-anzjani. Għandna l-ħsieb li matul din is-sena niftħu d-dar ta' San Ġużepp f'Għajnsielem bħala dar residenzjali għax-xjuħ. Bi ftehim mas-Sorijiet Dumnikani, sar arranġament biex xi sorijiet jieħdu ħsieb din id-dar.

Matul is-sena li għaddiet, is-Segreterija tas-Sinodu temmet il-ħidma tagħha li ħaditilha ħafna snin. Il-ktieb ta' l-Atti tas-Sinodu (li huma maqsumin f'erba': digrieti bil-Malti u bil-Latin, id-dokuemnti pastorali, regolamenti u l-appendiċi), ser ikun fih aktar minn 600 paġna. Nispera li l-preżentazzjoni ta' dan il-ktieb issir fi żmien qasir. Nieħu din l-okkażjoni biex inrodd ħajr lill-membri tas-Segreterija u lil dawk kollha li b'mod jew ieħor ikkontribwew fis-Sinodu. Issa li s-Sinodu intemm, irridu naħdmu fuq il-linji li huma proposti fih. Kif diġà għidt, il-Pjan Pastorali li jmiss ser ikun ispirat minn dan is-Sinodu.

Matul is-sena li għaddiet tqassam il-**Katekiżmu tal-Knisja Universali** bil-Malti. F'Għawdex tqassmu

qrib 2,000 kopja. Xieraq li nagħmlu użu tajjeb minnu u nħajru lil-lajċi jiksbu kopja tiegħu. Meta l-Papa fuq suġġeriment ta' l-Isqfijiet ħareġ dan il-Katekiżmu, xtaq li dan iservi wkoll ta' ktieb ta' riferenza għall-Kattoliċi.

Reċentement tqassmu wkoll żewġ volumi tal-**Liturġija tas-Sigħat bil-Malti**. Nixtieq nappella lis-saċerdoti biex kuljum jirreċitaw il-brevjar kif jixraq, bl-attenzjoni u b'devozzjoni. Huwa ta' sodisfazzjon li għadd ta' lajċi wkoll qed jitolbu bil-Liturġija tas-Sigħat. Din il-prattika għandna ninkuraġġuha.

Matul is-sena li għaddiet, kien inawgurat il-**Media Centre Lumen Christi** u diġà bdew isiru t-trasmissjonijiet diretti fuq l-istazzjon tal-RTK. Hemm għadd sabiħ ta' saċerdoti u lajċi li qed jagħtu l-kontribut tagħhom. Ilkoll naqblu kemm il-media hija mezz importanti għall-evanġelizzazzjoni u jien persważ li nibqgħu nsibu s-sapport u l-koperazzjoni biex dan il-proġett jimxexi.

Wara li l-Knisja għaddiet lill-Gvern dik il-proprjetà li ma kinitx pastoralment meħtieġa, hemm bżonn li nieħdu ħsieb il-proprjetà **li żammejna għal skopijiet pastorali u edukattivi**. Din tinkludi mhux biss il-knejjes, skejjel, ċimiterji, eċċ., imma wkoll dawk il-lokali li twaqqfu f'dawn l-aħħar snin bħalma huma ċ-Ċentri Parrokkjali, id-Djar tad-Duttrina, playing fields, eċċ. Mhux biss hija meħtieġa l-manutenzjoni ta' dawn, imma wkoll li nagħmlu l-aħjar użu tagħhom.

Minn meta bdejna ndaħħlu l-interessi tal-flus li daħlu mill-proprjetà mibjugħa, ftiti ftit bdejna ngħollu s-salarju tas-saċerdoti, speċjalment ta' dawk li jitħallsu

bis-sigħat. Nittamaw li anke matul din is-sena, ikun hemm aktar titjib f'din is-sistema. Il-ħsieb tagħna huwa li nibqgħu nżommu d-distinzjoni bejn dħul stabbli u dħul okkażjonali, rigward il-membri tal-kleru.

L-Iskejjel tal-Knisja, minkejja s-sussidju ta' l-Istat, għadhom ma jistgħux ilaħħqu ma' l-ispejjeż li għandhom. L-Istat iħallas biss il-pagi ta' l-għalliema; imma l-manutensjoni tal-lokal u spejjez oħra jibqgħu piż fuq l-iskejjel. Xtaqna ħafna nagħmlu Gym għas-Seminarju Minuri, imma minħabba l-ispejjeż kellna nħallu l-proġett jistenna. Għalhekk għadhom meħtieġa l-'fund raising activities' u l-ġabra għall-iskejjel.

Is-sena li għaddiet, il-Kunsill Presbiterali ddeċieda li l-'aggregate accounts' tad-djoċesi ma jkunux ippubblikati aktar bl-istess mod kif kien isir fl-imgħoddi. Is-'central fund' tal-Kurja ser jibqa' jiġi ppubblikat bħas-soltu; l-ewwel jgħaddi mill-Kunsill Presbiterali, imbagħad ikun fl-Uffiċċju Kleru biex min irid jarah jistaqsi għalih. Il-parroċċi jippubblikaw l-'accounts' jew billi jistampawh fil-Bullettin, jew jaqrawh fil-knisja, jew iwaħħluh man-'notice boards'. Il-kolleġġjati jippubblikaw l-'accounts' tagħhom billi jagħtu sodisfazzjon lill-membri; u l-knejjes l-oħra jagħtu sodisfazzjon lil dawk li jiffrekwentaw kull knisja partikulari.

Permezz tal-ftehim li kien intlaħaq bejn iż-żewġ Kurji ta' Malta u Għawdex biex is-saċerdoti Għawdxin ikunu jistgħu joffru s-servizz tagħhom fil-parroċċi ta' Malta, diġà hemm saċerdot li qed jaħdem fil-parroċċa tal-Mellieħa.

Matul is-sena li għaddiet komplew isiru l-laqgħat għas-saċerdoti skond il-kategoriji tagħhom. Ħarġu direttivi għall-kappillani tal-isptar u għar-'religious counsellors'. Qed jitħejjew xi suġġerimenti għall-għalliema tar-reliġjon. Inżammu wkoll il-laqgħat ta' kull waħda mill-erba' żoni pastorali u tkompla x-xogħol tal-Vigarji Foranji.

Għall-ewwel darba, is-sena l-oħra għamilna esperiment ta' laqgħat għal dawk li huma gradwati: il-**ġimgħa tal-professjonisti.** F'ċerti kategoriji kien hemm attendenza sabiħa u dawk li attendew urew interess f'isem Kristu.

Matul is-sena li għaddiet innutajna li fil-media lokali teżisti 'escalation' **ta' attakki u akkużi** kontra r-reliġjon Kattolika u kontra l-Knisja u t-tagħlim tagħha. Tajjeb li jkun hemm tweġiba għal ċerti insinwazzjonijiet u rimarki li qed isiru. Filwaqt li għandu jkollna kelma ta' apprezzament għal dawk is-saċerdoti u reliġjużi li jiktbu fil-ġurnali biex iwasslu t-tagħlim tal-Knisja u jikkorieġu l-iżbalji ta' l-oħrajn, ninkuraġġuhom ikomplu f'dan l-impenn anke jekk isibu min ifixkilhom.

Tajjeb li nkomplu naħdmu għall-vokazzjonijiet u nsaħħu s-Seminarju tagħna. Reċentement kien hemm titjib fir-rimunerazzjoni tal-lecturers; u nispera li 'l quddiem ikollna aħbarijiet tajbin dwar is-Seminarju li jawguraw futur sabiħ.

Ilkoll nafu li bħalissa f'pajjiżna qed jitwaqqfu l-**Kunsilli lokali.** L-intervent li konna għamilna aħna l-

Isqfijiet dwar dawn il-Kunsilli, kien ġie interpretat ħażin: bħala Isqfijiet aħna ma għandna xejn kontra l-Kunsilli lokali fihom infushom, anzi nixtiquhom jiffunzjonaw sewwa biex ikunu ta' ġid għas-soċjetà. Għall-ġid tal-komunitajiet tagħna, jeħtieġ li jkun hemm ħidma id f'id f'dawk li huma kampijiet komuni għall-ħidma parrokkjali u dik soċjali. Iżda importanti li ebda parti, jiġifieri l-kappillan u l-kleru tiegħu flimkien ma' l-organizzazzjonijiet tagħna bħalma huma l-Kunsill parrokkjali min-naħa u s-Sindku u l-Kunsillieri bil-kummissjonijiet tagħhom, ma għandha tindaħal fejn mhix kompetenza tagħha jew tippretendi mill-parti l-oħra dak li ma għandhiex dritt għalih.

Ma nistgħux ma ninteressawx ruħna mill-Ewropa. Kien sar Sinodu ta' l-Isqfijiet bil-għan li jiġu studjati l-problemi ta' l-Ewropa. Anke f'Malta twaqqaf kumitat mill-Knisja li fih rappreżentant tad-djoċesi tagħna, biex jistudja s-sitwazzjoni tal-Knisja fl-Ewropa. Naħseb li għadhom validi l-kummenti li kont għamilt fil-5 ta' Jannar 1991 meta għidt li "matul is-sena 1990 fl-Ewropa seħħew ġrajjiet li l-anqas aħna qatt ma konna nobsru li ser jiġru. Għadna ma nafux fejn sejra l-Ewropa. Hemm periklu ta' faqar fl-Ewropa. Ħafna Isqfijiet Ewropej qed jibżgħu li ser ikun hawn mewġa ta' miżerja u ta' degradazzjoni morali. Aktarx li sezzjonijiet kbar ta' l-Ewropa ser ikunu bla fidi, bla morali u bla kuxjenza.

Nittama li Alla jeħlisna minn dawn il-flaġelli. Ċerti sinjali koroh oħra huma n-nuqqas ta' tolleranza bħalma huwa l-każ ta' tfixkil li jiltaqgħu miegħu dawk li huma extra kommunitarji. Dan huwa forma ta' razziżmu li dejjem huwa ta' min jikkundannah. Nisperaw li dawn

il-fenomeni negattivi ma jkomplux joktru. Nittama li jkollna Ewropa pluralistika, imma fuq kollox Ewropa li tgħożż il-valuri tal-Vanġelu. Anke aħna nistgħu nagħtu kontribut f'dan ir-rigward: l-għadd sabiħ ta' saċerdoti u reliġjużi rġiel u nisa mid-djoċesi tagħna li qed jaħdmu barra f'pajjiżi Ewropej, qed jagħtu dan is-sehem biex il-kotinent jibqa' nisrani" (Atti tal-Kurja, p. 1840).

Importanti li nżommu għajnejna miftuħa għas-sinjali taż-żminijiet. Ma nistgħux ma nagħtux każ ta' ċerti 'big issues'. Id-diffikultajiet nagħtuhom l-importanza proporzjonata tagħhom, mingħajr ma nittraskuraw problemi aktar serji bħalma huma l-probema ta' nuqqas ta' paċi u l-gwerra. Reċentement il-Papa wissa li hemm perikli li jfaqqgħu ħafna gwerer fl-Ewropa. Dawk li jinnegozjaw l-armi huma kriminali u hija ommissjoni kbira li dan ħadd mhu qed isemmih. Problemi oħra huma l-qgħad, l-analfabetiżmu, il-ġuħ, l-Aids, id-drogi, imma fuq kollox ir-relativiżmu morali. Għad jasal iż-żmien meta mhux biss il-Kattoliċi imma mseħbin minn bnedmin ta' rieda tajba, jagħtu raġun lill-Papa għall-enċiklika "Veritatis Splendor" u lil kull min jipprova jwassal u japplika t-tagħlim ta' l-enċiklika.

23. IL-PAĊI TA' KRISTU FIL-FAMILJA
(17 - 04 - 1994)

Wara l-Qawmien Tiegħu minn bejn l-imwiet, Kristu deher lill-Appostli kif kienu miġbura flimkien u qalilhom: "Is-Sliem għalikom". Huma għall-ewwel

beżgħu, iżda mbagħad Ġesù, wara li talabhom xi ħaga x'jiekol Hu spjegalhom dak li qalet l-Iskrittura tat-Testment il-Qadim fuq il-Passjoni u l-Mewt tal-Messija. Huwa mliehom bil-kuraġġ u qalilhom ukoll li huma għandhom ikunu wkoll ix-Xhieda Tiegħu fid-dinja.

"Is-Sliem għalikom", "Il-Paċi Magħkom". Din kienet it-tislima komuni tas-Sinjur tagħna Ġesù. U ma kinitx tislima biss, lanqas xewqa jew awgurju biss "nixtiqilkom il-Paċi", iżda aktar minn hekk, għax il-kelma ta' Kristu għandha qawwa ta' kreazzjoni. Allura, meta Ġesù lill-Appostli qalilhom "Il-Paċi, magħkom" mhux biss xtaqilhom xi ħaġa, awguralhom il-Paċi, wegħedhom il-Paċi, imma dak il-ħin stess sawwabha fil-qalb tagħhom, nisslilhom il-Paċi fil-qalb tagħhom, għax Ġesù għandu din is-setgħa.

U jiena naħseb li f'pajjiżna għandna ħafna u ħafna familji illi għandhom bżonnha din il-Paċi ta' Kristu. X'uħud mill-familji tagħna diġà l-Paċi ta' Kristu tilfuha! Hemm oħrajn li qegħdin fil-periklu li jitilfuha. U għalhekk hija f'postha d-domanda: "X'għandna nagħmlu biex ikollna l-Paċi ta' Kristu fil-Familji tagħna? X'jeħtieġ li jagħmlu l-membri tal-Familja biex jekk għandhom diġà l-Paċi ta' Kristu, isaħħuha fihom? U jekk m'għandhomx, jerġgħu jakkwistawha?"

L-ewwelnett, meħtieġ ir-Rispett Reċiproku. Il-membri tal-Familja hemm bżonn li jirrispettaw lil xulxin għax kollha kemm huma Persuni Umani. Il-Familja Nisranija, il-membri tagħha huma wkoll membri tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu, għax kollha rċevew il-Magħmudija, u għalhekk l-ulied għandhom jirrispettaw

lill-ġenituri tagħhom bħala l-aqwa benefatturi li għandhom għaliex tawhom il-Ħajja. Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-ittra li kiteb reċentement lill-familja, jagħmel ħafna enfasi fuq il-Kmandament "Weġġah lil Missierek u 'l Ommok". L-ulied iridu jagħtu ġieħ lill-ġenituri tagħhom, iridu jirrispettawhom, iridu jirrikonoxxu l-awtorità tagħhom, iridu jobduhom, iridu jgħinuhom bil-mezzi materjali u spiritwali. Il-ġenituri għandhom ukoll jirrispettaw lil uliedhom anke jekk għadhom żgħar; għandhom fuq kollox jirrispettaw id-drittijiet ta' wliedhom għax anke t-tfal għandhom id-drittijiet tagħhom li xi drabi huma mirfusa taħt ir-riġlejn - drittijiet ta' tfal li xi drabi huma miksura u invjolati fi ħdan il-familja stess. Għalhekk, huwa obbligu tal-kbar li jieħdu ħsieb iż-żgħar fil-familja. Għandu jkun hemm rispett aṇke bejn l-aħwa, mhux biss meta għadhom żgħar u meta għadhom jitrabbew, imma anke meta jikbru u jkollhom il-Familji tagħhom. Jeħtieġ li fost l-aħwa jkun hemm, mhux għira, pika u tilwim, xi drabi fuq ħaġa ta' xejn, iżda għandu jkun hemm rispett veru, imħabba u kooperazzjoni, għajnuna f'waqtha.

Iżda mhux biżżejjed li jiġu rrispettati l-jeddijiet tal-bnedmin, hemm bżonn li l-Familja tirrispetta wkoll il-jeddijiet t'Alla. U dan ifisser illi l-Liġi t'Alla hemm bżonn li tiġi osservata mill-membri tal-Familja kollha, b'mod speċjali mill-ġenituri, biex ikunu ta' eżempju għal uliedhom. Alla tana mhux biss il-Kmandament "Weġġah lil Missierek u 'l Ommok', imma tana wkoll il-Kmandamenti l-oħra: "La toqtolx", "La tiżnix", "La tixhidx ħaġa b'oħra". U dawn kollha għandhom jiġu osservati fil-Familja. Difatti l-ħajja għandha tiġi mħarsa sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha sal-mewt, mewt

naturali; mewt kif u meta jridha Alla. U min jagħmel attentat kontra l-ħajja ta' bniedem ieħor, anke jekk dan il-bniedem għadu ma twelidx, anke jekk dan il-bniedem għadu magħluq fil-ġuf ta' ommu, ikun qed jikser il-Liġi t'Alla f'ħaġa gravi ħafna. Għax il-ħajja hija ħaġa sagra li għandu l-jedd fuqha Alla, u Alla waħdu.

"La tiżnix" - anke fil-familja, il-ġenituri jridu joqogħdu attenti mhux biss li ma jagħtux skandlu lil uliedhom bi kliemhom u bl-imġieba tagħhom, imma anke li r-relazzjonijiet ta' bejniethom ikunu jaqblu mal-Liġi tal-Mulej.

Għalhekk, l-għemejjel tal-miżżewġin għandhom ikunu dejjem miftuħin għall-ħajja. Għax jekk fil-familja jkun hemm stat ta' dnub kontinwu, allura nkunu qed nippretendu żżejjed, jekk nippretendu l-Barka u l-Għajnuna t'Alla f'każ bħal dan.

"La tisraqx" - anke fi ħdan il-Familja, il-Ġustizzja għandha tiġi osservata. Il-ġenituri għandhom jittrattaw ma' uliedhom xorta waħda, mingħajr favuri, mingħajr ma jonqsu mill-ġustizzja lejn wieħed jew lejn l-ieħor minn uliedhom. Għax ħafna drabi, l-iżbalji tal-ġenituri f'din il-materja, meta ssir xi inġustizzja ma' xi wħud mill-ulied, allura din tkun bidu ta' tilwim u ta' ġlied li forsi ma jispiċċa qatt.

"La tixhidx ħaġa b'oħra" - Il-ġenituri għandhom iħobbu l-verità u jgħallmu anke lil uliedhom iħobbu l-verità. Mhux biss, imma jridu joqogħdu attenti ħafna għal kliemhom, għax xi drabi f'ċerti familji jingħad ċertu diskors li jagħmel il-ħsara; diskors kontra l-karità tal-

proxxmu; diskors li huwa kalunjuż, li fih xi gideb fuq l-oħrajn; diskors li huwa imprudendti għax jikxef ċerti dnubiet, ċerti difetti illi aħjar jibqgħu moħbija.

Mela anke l-jeddijiet t'Alla għandhom jiġu osservati u rrispettati fil-familja. Il-membri tal-familja jridu joqogħdu attenti wkoll kif isemmu l-Isem ta' Alla, l-Isem ta' Kristu, l-Isem tal-Qaddisin. Tkun qegħda tiġbed fuqha l-kastigi t'Alla dik il-familja illi fiha jinstama' d-dagħa. Il-ġenituri li jidgħu, li m'humiex kapaċi jikkontrollaw ilsienhom, iridu jagħtu kont 'l Alla mhux biss ta' għemilhom, imma anke ta' l-iskandlu li jagħtu lil uliedhom. Maħbubin Uliedi, neqirdu d-dagħa - neqirduh minn kullimkien, il-għaliex huwa diżunur għalina. Neqirduh mill-fabbriki, mill-postijiet tax-xogħol, mill-postijiet tad-divertiment, mill-pjazez, mill-ħwienet, minn kullimkien. Imma rridu nibdew mill-familja. Jekk fi djarna jinstema' d-dagħa, allura dan ifisser li din il-pjaga speċjalment fil-familji, speċjalment tal-ġenituri, ta' l-omm jew tal-missier, li jistgħu jagħmlu tant ħsara fil-ħajja spiritwali ta' wliedhom, kif jistgħu jagħmlu anke ħafna ġid jekk jagħtuhom eżempju tajjeb.

Fuq kollox, fil-familja hemm bżonn li jinstema' t-tifħir 'l Alla, ir-Radd il-Ħajr, it-Talb, magħmul ta' kuljum, magħmul bil-Fidi, u magħmul b'ħerqa kbira. Ħafna mill-familji tagħna jitolbu, u dan hu ta' sodisfazzjon għal min iħobb ir-Reliġjon Nisranija, meta jġib quddiem għajnejh kemm u kemm familji tagħna illi f'xi mument jew ieħor, min għat-tul u min għallinqas għal ħin qasir, jiftakru f'Alla biex iroddulu ħajr, biex jirringrazzjawH, u mhux biss bħala individwi, imma anke bħala Familja

li l-membri tagħha jingabru flimkien ħa jroddu ħajr 'l Alla.

Kemm għandna bżonn it-Talb, maħbubin uliedi. It-talb f'kull żmien, speċjalment fi żminijiet diffiċli, fi żminijiet li ħafna nies jaħsbu li donnhom tilfu kull sens ta' responsabbiltà, fiż-żminijiet li forsi ċertu nies jaħsbu li jistgħu jagħmlu kollox, kulma jiġi għal idejhom. Nitolbu, u jekk kulħadd għandu bżonn it-talb, wisq u wisq iktar għandha bżonn il-Familja fil-ferħ u fin-niket tagħha. Il-familja titlob 'l Alla biex mingħandu tirċievi d-dawl ħalli tieħu deċiżjonijiet għaqlija. Il-Familja titlob 'l Alla biex mingħandu tirċievi l-kuraġġ ħalli tkun kapaċi taffronta sitwazzjonijiet diffiċli. Il-familja titlob 'l Alla wkoll biex isseddaq u ssaħħaħ il-proponimenti tajba tagħha.

Għalhekk illum, illi qegħdin nagħmlu l-konklużjoni ta' dan il-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Kristu, jiena nixtieq minn qalbi nagħmel Appell lill-Familji kollha f'Malta u Għawdex biex 'l Alla nagħtuh il-post li jixraqlu, 'l Alla ma nemarġinawhx, 'l Alla ma nwarrbuHx fil-ġenb għax Hu m'għandux x'jambina, imma aħna għandna x'nambuh u x'nambuh ħafna. Alla jrid ikun fiċ-ċentru, fil-qalba talħajja tagħna mhux biss bħala individwi imma wkoll bħala membri tal-familji Nsara, il-Mulej Ġesù jkollu post ta' ġieħ. J'Alla l-Isem Imqaddes t'Alla u tal-Qaddisin jissemma dejjem bl-ikbar qima. J'Alla t-Talb tagħna jitla' kontinwament mill-Familji Maltin u Għawdxin, biex b'dan il-mod anke aħna bħall-Appostli nkunu Xhieda ta' Kristu quddiem il-bnedmin l-oħra.

24. L-EWROPA TEĦTIEĠ LIL KRISTU
(17 - 04 - 1994)

Il-Papa ta' sikwit isemmi l-bidu tat-tielet millennju jiġifieri s-sena 2000 min jibqa' ħaj. U dan ifisser li aħna għandna nħarsu lejn il-futur mhux lejn l-imgħoddi. Iżda l-imgħoddi ma rridux ninsewh.

L-istorja ta' pajjiżna u tan-nazzjonijiet hija importanti, għallinqas biex tgħallimna ħalli ma nerġgħux nirrepetu l-iżbalji li saru diġà. U waħda mill-affarijiet li tgħallimna l-istorja, hija li Malta, u meta ngħid Malta nifhem Malta u Għawdex, kulturalment huma marbutin ma' l-Ewropa. Il-kultura ta' Malta u Għawdex Ewropea. Il-kontinent illi miegħu jagħmlu Malta u Għawdex huwa l-Ewropa u m'huwa l-ebda kontinent ieħor. Min jiċħad din il-għaqda, din ir-rabta kulturali bejn Malta u l-Ewropa qiegħed jiċħad l-istorja ta' Pajjiżna. Juri li l-istorja ta' Pajjiżna, jew ma jafhiex, jew ma jafhiex sewwa.

M'iniex qiegħed nitkellem dwar ir-rabtiet ġuridiċi, jiġifieri fejn jidħlu liġijiet u mhux liġijiet. Ir-rabtiet ġuridiċi, ir-rabtiet legali, dawk inħalluhom għallmexxejja politiċi, jiddiskutu huma bejniethom. J'Alla dejjem ikollhom intenzjoni retta li jagħmlu ġid lil Pajjiżna. J'Alla jkunu ispirati dejjem mill-imħabba lejn Art Twelidna. Imma dik hija biċċa tagħhom. Madankollu, ma jfissirx li aħna għandna nibqgħu indifferenti, ma jfissirx li aħna ser nibqgħu nħarsu biss u ma nagħtux ilkontribut tagħna, l-opinjoni tagħna, ix-xewqa tagħna.

Obbligati illi jkollna fehma, opinjoni personali tagħna, u tagħna sewwa bħala ċittadini kif ukoll bħala Nsara.

Ma ninsewx - għax il-fatti kollha juruna din il-ħaġa, li Ewropa mhux waħda hemm, imma tnejn. Hemm żewġ Ewropi, l-Ewropa ta' Abel u l-Ewropa ta' Kajjin, kif soltu jgħidu. L-Ewropa ta' dawk li jaċċettaw 'l Alla u jirrispettawH, u l-Ewropa ta' dawk li jiċħdu 'l Alla għax huma Ateji, xi darba fit-teorija, xi darba fil-prattika. L-Ewropa li ma tħobbx lil Kristu tagħlaqlu l-bibien u t-twieqi, lil Kristu tittrattaH kif ittrattah il-Gran Inkwiżitur illi jitkellem fuqu Dostojevski fil-ktieb tiegħu: "L-Aħwa Karamazov".

Dan l-Inkwiżitur, meta jilmaħ lil Kristu fost il-poplu, idur lejh u jgħidlu: "X'ġejt tagħmel hawn fostna? Konna għaddejjin mingħajrek, m'għandniex x'nambuk, erġa' itlaq mnejn ġejt!" Dan qiegħda tagħmel l-Ewropa, parti mill-Ewropa, lil Kristu.

Issa, aħna, fejn mexjin? Ma' min ser naqbdu id f'id, ma' l-Ewropa ta' Abel jew ma' l-Ewropa ta' Kajjin? L-Ewropa, jekk naraw l-istorja tagħha, insibu illi bniet il-Knejjes u l-Katidrali ta' maestà liema bħalha biex tfaħħar 'l Alla, biex ixxandar il-Glorja ta' Kristu. L-Ewropa waqqfet il-Kongregazzjonijiet Reliġjużi li huma mijiet. L-Ewropa bagħtet il-Missjunarji tagħha biex fl-artijiet l-oħra, fil-Kontinenti l-oħra, ixandru li Kristu Hu l-Feddej. Kristu huwa s-Salvazzjoni tal-bniedem.

L-Ewropa li ħafna drabi wriet ħniena, kienet ġeneruża ma' Popli oħra, u għenithom biex isibu ċ-ċiviltà biex iqumu fuq saqajhom. Din hija l-Ewropa ta'

Abel. L-Ewropa nisranija, illi lejha hemm bżonn nersqu biex nagħrufha iżjed u naħdmu iktar id f'id.

Imma, diżgrazzjatement, hemm ukoll l-Ewropa ta' Kajjin. L-Ewropa illi teskludi lil Kristu mill-qrati u mill-iskejjel. L-Ewropa li tipproduċi films, u letteratura oġġezzjonabbli, l-Ewropa illi tqassam u tipproduċi d-droga, u b'dan il-mod tikkomprometti l-ħajja ta' ħafna żgħażagħ, u l-hena ta' ħafna familji.

L-Ewropa illi xxandar u tqassam il-pornografija. L-Ewropa illi qiegħda toħloq industriji li huma mibdijin proprju fuq id-delinkwenza. U anke fejn tidħol il-Familja, l-Ewropa ta' Kajjin, il-Familja qiegħda theddidha, qiegħda toħolqilha perikli ġodda. Kellu raġun il-Papa f'wieħed mid-diskorsi tiegħu reċenti jistaqsi: "Din is-Sena li qegħdin fiha x'inhi? Is-Sena tal-Familja? jew is-Sena kontra l-Familja?" Għax hemm ċerti sinjali koroh.

L-Ewropa illi donnha trid tfarrakha lill-Familja Nisranija, l-Ewropa illi donnha trid toħloq familja oħra, familja mibnija biss fuq il-pjaċir, fuq il-kapriċċ, familja għal ftit taż-żmien sakemm jaqblilhom dawk illi qegħdin jgħixu flimkien. U aħna narawha din l-Ewropa ta' Kajjin. U meta ngħidu Ewropa ta' Kajjin, mhux ta' pajjiż wieħed jew tnejn, imma ta' ħafna pajjiżi.

L-ewwel toħroġ biż-żwieġ ċivili u ankè tipprova tnaqqas l-istima għaż-żwieġ Sagrament; imbagħad tagħmel liġijiet favur id-divorzju; imbagħad tagħmel liġijiet favur l-abort u l-abort tagħmlu qisu servizz soċjali li kull min irid, jista' jmur u l-istat joffrilu b'xejn is-

servizz tiegħu. Naraw l-Ewropa illi toqtol eluf u eluf u miljuni ta' innoċenti.

L-għaliex l-aborti li jsiru fl-Ewropa kollha legalizzati, huma miljuni, u dak li għamel Erodi meta qatel l-innoċenti, ipparagunati ma' dak li qed isir f'ċerti pajjiżi illi jiftaħru li huma ċiviliżżati, huwa qisu ċajta! L-Ewropa li f'ċerti pajjiżi għallinqas qiegħda tippermetti l-kummerċ ta' partijiet tal-ġisem tal-bniedem, speċjalment meħudin mill-feti illi jiġu maqtula fl-aborti, u dana kollu qisu ma ġara xejn!

Dan kollu l-għaliex jgħidulek it-teknika llum waslet biex tagħmel mirakli. Mhux dak kollu li tista' tagħmel ix-xjenza u t-teknika huwa tajjeb. Mhux dak kollu li tista' tagħmel it-teknika jista' jiġi wżat fejn jidħol il-bniedem.

L-Ewropa ta' Kajjin illi tittollera l-ewtanasja, jiġifieri l-qtil ta' xi wieħed xiħ jew marid qisu ma ġara xejn, sempliċiment biex isserrħu mit-tbatija tiegħu.

Jekk irridu nħabbtu moħħna għandna biex inħabbtu moħħna! L-Ewropa ta' Kajjin qegħda wara biebna, l-Ewropa illi f'ħafna affarijiet tiddependi mid-deċiżjonijiet tal-loġoġ, tal-mażunerija, qegħda wara biebna. U għalhekk aħna bħala Maltin u bħala Kattoliċi hemm bżonn li niftħu għajnejna.

Is-suġġett ta' dan il-Kungress kien il-**Familja knisja Domestika, il-Familja Knisja tad-Dar, Knisja Żgħira.**

Jekk aħna tabilħaqq ngħożżu l-Familja, naraw liema direzzjoni qbadna, naraw ma' min qegħdin inpoġġu, naraw ma' min qbadna id f'id, biex ma ngħidx ma' min qegħdin nitgħannqu u ninnamraw u nitbewsu.

L-Ewropa ta' Abel iva, j'Alla tasal minn għada stess! L-Ewropa ta' Kajjin le, għax jekk aħna naċċettaw l-Ewropa ta' Kajjin, għada jew pitgħada jiddispjaċina, u forsi jkun dispjaċir kbir ukoll għal dawk li mexxewna f'din id-direzzjoni. Imma dan jista' jkun tard wisq imbagħad!

Issa hu l-mument! Għalhekk, mela, maħbubin uliedi, ngħożżu l-Familja tagħna, inħarsu l-Familja tagħna, niddefendu d-drittijiet tal-familja tagħna, inżommu 'l bogħod minnha dak kollu li jmermer l-unità, l-għaqda, u l-paċi tal-familja tagħna.

Fuq kollox nitolbu 'l Alla biex iħenn għall-Poplu Malti u Għawdxi, u jagħtih futur sabiħ. Nitolbu 'l Alla wkoll biex iħenn għall-familji tagħna, għax fil-kotra kbira tagħhom u forsi kollha ftit jew wisq, il-Familji tagħna jħobbu 'l Alla u jittamaw fil-għajnuna tiegħu u fil-Barka tiegħu.

J'Alla, għalhekk, bl-interċessjoni tal-Imqaddsa Verġni Marija, il-Familji tagħna jsibu f'Alla l-qawwa u l-kuraġġ biex jikkumbattu dejjem il-ħażin, u jiddefendu u jaċċettaw dejjem dak li huwa tajjeb.

25. KRISTU, SULTAN TAL-FAMILJA
(20 - 11 - 1994)

Xi wħud iħarsu lejn Kristu, bħala persunaġġ storiku biss u jieqfu hemm. Jikkontentaw biss bix-xhieda ta' l-istorja. Iżda aħna l-insara, għandna wkoll ix-xhieda tal-fidi. Naraw lil Kristu bħala figura storika, iżda narawh ukoll bħala Feddej tagħna, bħala l-Iben ta' Alla magħmul bniedem, li ġie fostna biex jeħlisna mill-qawwiet tal-ħażen. Għal elfejn sena u sa l-aħħar taż-żminijiet, il-Knisja Kattolika flimkien ma' Pietru tistqarr dan it-twemmin tagħha "Inti Kristu, Bin Alla l-ħaj."

Aħna li nemmnu, nafu li Kristu rxuxtat mhux imbiegħed minna. Għad li qatluh huwa qam minn bejn l-imwiet biex ma jmut qatt aktar. Huwa ħaj u setgħani: Huwa sultan u s-saltna tiegħu ma tintemm qatt. Mhux 'il bogħod u mifrud minna, iżda l-preżenza tiegħu tinħass fostna u aħna nistgħu niddjalogaw miegħu u nifirħu fih, kif nagħmlu ma' persuna ħajja u wisq għażiża għalina.

Kristu, mhux biss sultan għas-sudditi tiegħu, iżda wkoll għalina li nħobbuh, huwa ħabibna, ħuna u għarus tagħna. Huwa jħobbna b'imħabba li ma tistax titfisser u lest li jsawwab fuqna d-doni u l-barkiet tiegħu, jekk aħna ma niċħdulux imħabbitna.

Ħafna kienu dawk li daħlu f'għaqda l-iktar mill-qrib ma' Kristu; għarfuh aħjar milli għarfuh nies oħra, ħabbewh, ikkonsagrawlu ħajjithom kollha bla ebda riservi u tawh is-servizzi tagħhom bl-ikbar ġenerożità. Dawn

huma mhux biss ir-reliġjużi, patrijiet u sorijiet, iżda huma wkoll persuni kkonsagrati oħra, bħal membri tal-Istituti Sekulari u dawk li ħaddnu għamliet oħra ta' ħajja kkonsagrata. Il-Knisja minn qalbha trodd ħajr lil Alla għal dan ir-rigal tiegħu, hekk prezzjuż.

Iżda l-imħabba ta' Kristu tiġbed lejha wkoll il-qlub tal-miżżewġin insara, tal-ġenituri u ta' l-ulied, tfal u żgħażagħ. Għalihom ukoll Kristu għandu grazzji kbar u magħżula jekk huma jikkoperaw miegħu u jfittxu li jitqaddsu skond l-istat tagħhom.

Fil-familja wkoll, Kristu għandu l-jedd li jkun is-Sultan meqjum u jrid ikun il-missier, ħabibna u ħuna l-kbir. Ġesù li f'Kana tal-Galilija biddel l-ilma f'inbid, għandu jkun il-mistieden tal-familji nsara u minn żmien għal żmien ibiddel l-inkwiet u t-taħbit tagħhom f'serħan u paċi tal-qalb.

Il-familja nisranija għandha tirrikonoxxi 'l Kristu bħala sultan tagħha, għandha tqimu ta' kuljum bit-talb li tagħmel miġbura f'riġlejh, għandha taċċetta l-liġi mqaddsa tiegħu, anke jekk din titlob minnha sagrifiċċju. Il-familja dan tagħmlu mhux għax imġiegħla jew bil-fors, iżda għax temmen li dak li jordna Alla huwa ta' l-ikbar ġid tagħha u tal-persuni li minnhom hija magħmula.

Taf ukoll li l-madmad ta' Kristu huwa ħelu t-toqol tiegħu ħafif, għaliex barra mill-kmandamenti tiegħu, huwa jagħti kontinwament l-għajnuna tal-grazzja, li biha jintrebħu d-diffikultajiet tal-ħajja familjari. Il-familja nisranija tobdi l-kmandamenti kollha mingħajr

eċċezzjoni, iżda b'mod speċjali l-ħames u s-sitt kmandament "la toqtolx" u "la tiżnix".

Għalhekk il-familja nisranija tistmerr u tikkundanna bil-qawwa kollha l-abort, id-divrozju, l-adulterju, il-mezzi artifiċjali tal-kontroll tat-twelid, u abbużi oħra li jwasslu għat-tifrik tal-għaqda tal-familja jew li jbaxxu id-dinjità tal-persuna umana.

Il-familja nisranija, li hija koerenti mal-prinċipji morali tagħha ma tistax taqbel u taċċetta ċerti opinjonijiet li nstemgħu fil-konferenza tal-Kajr dwar il-popolazzjoni; fejn intqal li l-Istat jista' juża mezzi koerċitivi, diretti jew indiretti, biex iġiegħel lill-familji jillimitaw id-daqs tagħhom. Impożizzjoni bħal din tmur mhux biss kontra l-liġijiet ta' Alla, iżda wkoll kontra l-jeddijiet tal-familja u tal-persuna umana.

Id-deċiżjoni dwar il-għadd ta' wlied tmiss lill-ġenituri u ebda Stat ma jista' jindaħal biex biż-żegħil jew bit-theddid, jaqleb jew ifixkel id-deċiżjoni tagħhom. Indħil bħal dan mhux biss huwa illeġittimu iżda fih ukoll riħa qawwija ta' despotiżmu bħal dak li b'xorti ħażina tal-umanità, rajna fis-seklu tagħna, taħt ir-reġim ta' Hitler u ta' Stalin. Il-bniedem ta' żminijietna mill-esperti fl-oqsma tax-xjenzi u tat-teknoloġija, u mir-rappreżentanti tal-gvernijiet u tal-multinazzjonali jistennew pariri kif tiġi manipulata l-ħajja tal-bniedem u titwettaq il-qerda tal-innoċenti.

Illum li qegħdin inqimu lil Kristu bħala Sultan tal-univers, Sultan tal-bnedmin u Sultan tal-familji

nitolbuh idawwal il-moħħ iseddaq ir-rieda tal-ġenituri nsara biex iwettqu kif imiss il-missjoni tagħhom fit-tnissil u fit-trobbija ta' wliedhom, bla ma qatt jaqtgħu qalbhom mill-imħabba infinita ta' Kristu lejhom.

WERREJ

DAĦLA 3

I PARTI (L-ITTRI PASTORALI)

1. Il-Liturġija (30-09-1989) 5
2. Veritajiet dwar l-Eskatoloġija (09-11-1989) 12
3. Il-Ħajja Soprannaturali (16-08-1990) 16
4. Il-Mużika Sagra (22-02-1991) 20
5. Il-Parroċċi u l-Ħidmiet Pastorali tagħhom (05-07-1991) 23
6. Il-Pellegrinaġġi (26-02-1992) 30
7. L-Arti Sagra (22-06-1992) 33
8. Analiżi ta' l-Atmosfera Kulturali ta' Ġiritna (19-12-1992) 37
9. Il-Knisja u l-Ġisem Mistiku ta' Kristu (28-08-1993) 41
10. 100 Sena mill-'Providentissimus Deus' (18-11-1993) 47
11. Il-Valur tal-Vaganzi u l-Attività Turistika (20-07-1994) 54

II PARTI (SILTIET MIĊ-ĊIRKULARI)

1. Is-Seba' Ġimgħa Bibblika (03-01-1989) 57
2. L-Ewwel Tqarbina tat-Tfal (09-01-1989) 59
3. Il-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla (20-03-1989) 60
4. Aktar dwar il-Festi Titulari (31-05-1989) 61
5. Is-Sens tad-Djoċesi (28-06-1989) 63
6. Il-Pjan Pastorali 1989-1994 (11-07-1989) 64
7. Festa ta' Santa Marija (05-08-1989) 66

8. Ċentinarju tad-Dumnikani (25-09-1989) 67
9. Talb għall-Paċi (26-11-1989) 69
10. Id-Daqq tal-Qniepen (21-12-1989) 70
11. Is-Sena Internazzjonali tal-Kitba (15-01-1990) 72
12. Jum il-Ħajja (29-01-1990) 74
13. Ir-Raba' Kungress Pastorali Djoċesan (16-04-1990) 76
14. Talb f'Mejju għaż-Żjara tal-Papa 79
15. Direttivi dwar iż-Żjara tal-Papa (17-05-1990) 80
16. Pellegrinaġġ ta' Radd il-Ħajr (02-06-1990) 83
17. Xogħol għat-Tfal u Indiċenza fl-Ilbies (26-07-1990) 83
18. Il-Viżta Pastorali (12-11-1990) 86
19. Il-Volontarjat Nisrani (24-11-1990) 87
20. It-Teoloġija Bibblika (10-01-1991) 89
21. Rispett lejn l-Annimali (14-01-1991) 90
22. Id-Djalogu bejn ir-Reliġjonijiet (17-01-1991) 91
23. It-XIII-il Kampanja ta' Sagrifiċċji għall-Karità (22-02-1991) 93
24. Katekesi tat-Tfal u s-Soċjetà tal-Museum (10-04-1991) 94
25. Il-Qima lejn il-Madonna (22-04-1991) 96
26. Messaġġ lil dawk li jieħdu s-Sagrament tal-Konfermazzjoni (08-05-1991) 97
27. F'Għeluq il-Ħames Ċentinarju mit-Twelid ta' Sant'Injazju ta' Loyola (15-05-1991) 99
28. Talb għall-Ewropa f'Ottubru (25-09-1991) 100
29. Laqgħat Internazzjonali ta' Reliġjonijiet differenti (03-10-1991) 102
30. Is-Seminarju u l-Vokazzjonijiet (24-10-1991) 103
31. Talb għal Solidarjetà Ġdida (02-12-1991) 105
32. Il-Fidi fil-Bibbja (02-01-1992) 106
33. Ħamsa u Għoxrin Sena mill-Konsagrazzjoni Episkopali (25-03-1992) 107
34. Talb għall-Fejqan tal-Papa (14-07-1992) 108
35. Id-29 Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla (23-04-1992) 109
36. Ix-Xahar t'Ottubru – Rużarju – Sinodu Djoċesan (15-09-1992) 110
37. L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar – Qima lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù (18-01-1993) 112
38. L-Ewwel Ġurnata Dinjija tal-Morda (01-02-1993) 114
39. Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla (16-04-1993) 116
40. L-Inkurunazzjoni tax-Xbieha tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù (10-06-1993) 117
41. Iċ-Ċelebrazzjoni taż-Żwieġ (15-06-1993) 118
42. It-Tieni Sinodu t'Għawdex (25-02-1994) 120
43. Il-Pellegrinaġġi fi żmien ir-Randan (01-03-1994) 121
44. Festa tal-Ħniena Infinita t'Alla (25-03-1994) 123
45. Il-31 Kungress ta' l-Isem Imqaddes t'Alla (11-04-1994) 124
46. Is-seħem tar-Reliġjużi fil-Ħajja tal-Knisja (13-04-1994) 125
47. Il-Qalb ta' Ġesù – Sinjal ta' l-Imħabba (24-05-1994) 127
48. Id-Deċenza fl-Ilbies fiċ-Ċelebrazzjoni tas-Sagramenti (21-06-1994) 129
49. Is-Sinodu ta' l-Isqfijiet dwar il-Ħajja Konsagrata (26-09-1994) 130
50. Konsegwenzi tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet (09-11-1994) 131
51. Is-Seba' Ċentinarju tad-Dar ta' Loretu (01-12-1994) 133

III PARTI (SILTIET MINN TAĦDIDIET)

1. Pjagi morali tas-Soċjetà (15-03-1989) 136
2. Il-Valuri tal-Vanġelu (09-04-1989) 138
3. Il-Liturġija, Ċelebrazzjoni Awtentika (10-10-1989) 144

4. Mil-Liturġija għad-Djakonija (26-11-1989) 149
5. Evanġelizzazzjoni u Polarizzazzjoni (28-10-1990) 152
6. Kristu Preżenti f'Ħutna fil-Bżonn (25-11-1990) 154
7. Ħtiġijiet ta' Żminijiet Moderni (05-01-1991) 157
8. Il-Ġurnaliżmu u l-Verità (24-01-1991) 161
9. L-Irenoloġija tal-Knisja Kattolika (02-03-1991) 164
10. "Kunu Anġli tal-Paċi" (08-03-1991) 169
11. Il-Paċi espressjoni ta' Solidarjetà (10-03-1991) 171
12. Dun Ġorġ Preca, Sajjied tal-Bnedmin (29-04-1991) 174
13. Il-Proprjetà Privata u l-Familja (10-05-1991) 180
14. Mitt Sena mir-'Rerum Novarum' (15-05-1991) 183
15. L-Ispirtu s-Santu jurina x'inhi s-Sejħa tagħna (19-05-1991) 187
16. Talba tal-Presbiteri lil Kristu Saċerdot (21-06-1991) 190
17. 125 Sena tas-Seminarju (04-11-1991) 192
18. Kristu Sultan: it-Tama ta' l-Umanità (24-11-1991) 195
19. Nagħrfu Aħjar il-Knisja (30-11-1992) 197
20. L-Isqfijiet fil-Knisja ta' Kristu (25-04-1993) 199
21. Xejn m'għandu jifridna minn Kristu (18-06-1993) 204
22. Problemi u Potenzjal tad-Djoċesi (18-01-1994) 207
23. Il-Paċi ta' Kristu fil-Familja (17-04-1994) 213
24. L-Ewropa teħtieġ lil Kristu (17-04-1994) 219
25. Kristu, Sultan tal-Familja (20-11-1994) 224